Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

4 ta' Ottubru 2024*

[Test irrettifikat permezz ta' digriet tad-19 ta' Diċembru 2024]

Werrej

I. Il-kuntest ġuridiku 15

A. Id-dritt internazzjonali 15

B. Id-dritt tal-Unjoni 16

1. Il-leġiżlazzjoni dwar it-tul tal-ħin tax-xogħol 16

a) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 16

b) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 19

c) Ir-Regolament 2020/1054 20

2. Il-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' stabbiliment kif ukoll dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u dwar it-trasport ikkombinat 27

a) Id-Direttiva 92/106/KEE 27

b) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2009 28

c) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 29

d) Ir-Regolament 2020/1055 33

3. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kollokament tal-ħaddiema 37

a) Id-Direttiva 96/71/KE 37

b) Id-Direttiva 2014/67/UE 39

c) Id-Direttiva 2018/957 39

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru, il-Grieg, l-Ingliż, il-Litwan, l-Ungeriż, il-Pollakk u r-Rumen.

d) Id-Direttiva 2020/1057 . . . 39

4. Il-Ftehim Interistituzzjonali . . . 44

II. Il-fatti li wasslu għall-kawżi . . . 45

III. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . 47

A. Kawża C-541/20 . . . 47

B. Kawża C-542/20 . . . 47

C. Kawża C-543/20 . . . 48

D. Kawża C-544/20 . . . 48

E. Kawża C-545/20 . . . 49

F. Kawża C-546/20 . . . 50

G. Kawża C-547/20 . . . 50

H. Kawża C-548/20 . . . 51

I. Kawża C-549/20 . . . 51

J. Kawża C-550/20 . . . 52

K. Kawża C-551/20 . . . 52

L. Kawża C-552/20 . . . 53

M. Kawża C-553/20 . . . 53

N. Kawża C-554/20 . . . 54

O. Kawża C-555/20 . . . 55

P. Fuq it-tgħaqqid tal-Kawżi C-541/20 sa C-555/20 . . . 55

IV. Fuq ir-rikorsi . . . 55

A. Fuq ir-Regolament 2020/1054 . . . 55

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi . . . 56

2. Fuq il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 . . . 57

a) Fuq l-ammissibbiltà . . . 58

1) L-argumenti tal-partijiet . . . 58

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 59

b) Fuq il-mertu 60

1) Fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali 60

i) L-argumenti tal-partijiet 60

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 63

2) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 70

i) L-argumenti tal-partijiet 70

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 73

– Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 73

– Fuq il-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 77

3) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni . 87

i) L-argumenti tal-partijiet 87

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 88

4) Fuq ksur tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE 93

i) L-argumenti tal-partijiet 93

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 96

5) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE 101

i) L-argumenti tal-partijiet 101

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 102

6) Fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent . 106

i) L-argumenti tal-partijiet 106

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 108

3. Fuq il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 111

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 112

1) L-argumenti tal-partijiet 112

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 116

i) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 116

ii) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 117

– Fuq in-natura adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex 118

– Fuq in-natura neċessarja tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 124

– Fuq in-natura proporzjonata tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 126

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni 128

1) L-argumenti tal-partijiet 128

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 129

c) Fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi 133

1) L-argumenti tal-partijiet 133

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 133

d) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE 134

1) L-argumenti tal-partijiet 134

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 135

4. Fuq il-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 136

a) Osservazzjonijiet preliminari 136

b) Fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 137

1) L-argumenti tal-partijiet 137

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 137

c) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi . . 139

1) L-argumenti tal-partijiet 139

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 140

d) Fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE 143

1) L-argumenti tal-partijiet 143

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 144

5. Fuq l-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 144

a) L-argumenti tal-partijiet 145

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 147

6. Konklużjoni dwar ir-Regolament 2020/1054 149

B. Fuq ir-Regolament 2020/1055 149

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi 150

2. Fuq il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 152

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 154

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 154

i) L-argumenti tal-partijiet 154

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 158

2) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 . . 162

b) Fuq il-motivi l-oħra diretti kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 162

3. Fuq il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 162

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 163

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 164

i) L-argumenti tal-partijiet 164

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 164

2) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 . 166

i) L-argumenti tal-partijiet 166

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 171

– Fuq in-natura adatta tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex 172

– Fuq in-natura neċessarja tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 173

– Fuq in-natura proporzjonata tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 175

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni 181

1) L-argumenti tal-partijiet 181

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 183

c) Fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE 186

1) L-argumenti tal-partijiet 186

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 187

d) Fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE 189

1) L-argumenti tal-partijiet 189

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 192

e) Fuq ksur tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE 195

1) L-argumenti tal-partijiet 195

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 198

f) Fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent 201

1) L-argumenti tal-partijiet 201

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 204

4. Fuq il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 209

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali 209

1) L-argumenti tal-partijiet 209

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 210

b) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 212

1) L-argumenti tal-partijiet 212

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 213

c) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta 214

1) L-argumenti tal-partijiet 214

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 214

5. Fuq il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 215

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 215

1) L-argumenti tal-partijiet 215

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 216

b) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE 220

1) L-argumenti tal-partijiet 220

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 221

c) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta 222

1) L-argumenti tal-partijiet 222

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 222

6. Konklużjoni dwar ir-Regolament 2020/1055 223

C. Fuq id-Direttiva 2020/1057 223

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi 224

2. Fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq 225

3. Fuq l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 227

a) Fuq ksur tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71 228

1) L-argumenti tal-partijiet 228

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 229

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni 232

1) L-argumenti tal-partijiet 232

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 234

i) Kunsiderazzjonijiet preliminari 234

ii) Fuq l-eżistenza tal-allegati trattamenti diskriminatorji 235

– Fuq l-allegat trattament diskriminatorju tal-operazzjonijiet ta' trasport terz meta mqabbla mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali 236

– Fuq l-allegat trattament diskriminatorju tal-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat meta mqabbla mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali . . . 239

c) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 241

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 242

i) L-argumenti tal-partijiet 242

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 244

2) Fuq il-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 248

i) L-argumenti tal-partijiet 248

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 252

– Fuq in-natura adatta tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex 253

– Fuq in-natura neċessarja tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 258

– Fuq in-natura proporzjonata tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 260

d) Fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE 263

1) L-argumenti tal-partijiet 263

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 264

e) Fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE 264

1) L-argumenti tal-partijiet 264

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 266

f) Fuq ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. 268

1) L-argumenti tal-partijiet 268

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 269

i) Fuq il-moviment liberu tal-merkanzija 269

ii) Fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi 270

g) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta 272

1) L-argumenti tal-partijiet 272

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 273

4. Fuq l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 277

a) L-argumenti tal-partijiet 277

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 278

5. Konklużjoni dwar id-Direttiva 2020/1057 282

D. Konklużjoni ġenerali dwar ir-rikorsi 282

V. Fuq l-ispejjeż 282

"Rikors għal annullament – L-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà ('Pakkett dwar il-mobbiltà') – Regolament (UE) 2020/1054 – Ħinijiet massimi ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa – Tul minimu tal-pawżi u tal-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa – Organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera b'tali mod li jkunu jistgħu jirritornaw kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom – Projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura – Terminu għall-installazzjoni ta' takografi intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni (V2) – Data tad-dħul fis-seħħ – Regolament (UE) 2020/1055 – Kundizzjonijiet dwar ir-rekwiżit ta' stabbiliment – Obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment – Obbligu dwar l-għadd ta' vetturi u xufiera normalment ibbażati f'ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment – Kabotaġġ – Perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem għall-kabotaġġ – Deroga relatata mal-kabotaġġ fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat – Direttiva (UE) 2020/1057 – Regoli speċifiċi għall-kollokament ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq – Terminu għat-traspożizzjoni – Suq intern – Regoli speċifiċi applikabbli għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport – Politika komuni tat-trasport – Artikoli 91 u 94 TFUE – Libertajiet fundamentali – Prinċipju ta' proporzjonalità – Valutazzjoni tal-impatt – Prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni – Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Protezzjoni tal-ambjent – Artikolu 11 TFUE – Konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni"

Fil-Kawżi magħquda C-541/20 sa C-555/20,

[kif irrettifikat permezz ta' digriet tad-19 ta' Diċembru 2024] li għandhom bħala suġġett rikorsi għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ippreżentati fit-23 ta' Ottubru 2020 (Kawżi C-541/20 sa C-550/20 u C-552/20) u fis-26 ta' Ottubru 2020 (Kawżi C-551/10 u C-553/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika tal-Litwanja, irrappreżentata minn K. Dieninis, R. Dzikovič u V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġenti, assistiti minn R. Petravičius, advokatas, A. Kisieliauskaitė u G. Taluntyté (C-541/20 u C-542/20),

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, irrappreżentata inizjalment minn M. Georgieva, T. Mitova u L. Zaharieva, sussegwentement minn T. Mitova u L. Zaharieva, bħala aġenti (C-543/20 sa C-545/20),

Ir-Rumanija, irrappreżentata minn R. Antonie, L.-E. Baţagoi, M. Chicu, E. Gane, R.-I. Haţieganu, L. Liţu u A. Rotăreanu, bħala aġenti (C-546/20 sa C-548/20),

Ir-Repubblika ta' Ċipru, irrappreżentata minn I. Neophytou, bħala aġent (C-549/20 u C-550/20),

L-Ungerija, irrappreżentata minn M. Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti (C-551/20),

Ir-Repubblika ta' Malta, irrappreżentata minn A. Buhagiar, bħala aġent, assistita minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero u J. Sedano Lorenzo, abogados (C-552/20),

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn B. Majczyna, M. Horoszko, D. Krawczyk u D. Lutostańska, bħala aġenti (C-553/20 sa C-555/20),

rikorrenti,

sostnuti minn:

Ir-Renju tal-Belġju, irrappreżentat inizjalment minn S. Baeyens, P. Cottin, L. Delmotte u J.-C. Halleux, C. Pochet u B. Van Hyfte, sussegwentement minn S. Baeyens, P. Cottin, L. Delmotte, C. Pochet u B. Van Hyfte, bħala aġenti (C-552/20),

Ir-Repubblika tal-Estonja, irrappreżentata inizjalment minn N. Grünberg u M. Kriisa, sussegwentement minn M. Kriisa, bħala aġenti (C-541/20, C-542/20, C-544/20, C-545/20, C-547/20 sa C-552/20, C-554/20 u C-555/20),

Ir-Repubblika tal-Latvja, irrappreżentata inizjalment minn K. Pommere, I. Romanovska u V. Soņeca, sussegwentement minn J. Davidoviča, K. Pommere u I. Romanovskat, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika tal-Litwanja, irrappreżentata minn K. Dieninis, R. Dzikovič u V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġenti, assistiti minn R. Petravičius, advokatas, A. Kisieliauskaitė u G. Taluntyté (C-545/20, C-547/20, C-549/20, C-551/20, C-552/20 u C-554/20),

Ir-Rumanija, irrappreżentata minn R. Antonie, L.-E. Baţagoi, M. Chicu, E. Gane, R.-I. Haţieganu, L. Liţu u A. Rotăreanu, bħala aġenti (C-541/20 sa C-545/20 u C-549/20 sa C-555/20),

intervenjenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat inizjalment minn I. Anagnostopoulou, O. Denkov, C. Ionescu-Dima, A. Tamás u S. Toliušis, sussegwentement minn I. Anagnostopoulou, O. Denkov, C. Ionescu-Dima, W. D. Kuzmienko, B. D. Simon, S. Toliušis u R. van de Westelaken, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn:

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat inizjalment minn J. Nymann-Lindegren, M. Søndahl Wolff u L. Teilgård, sussegwentement minn V. Pasternak Jørgensen, M. Søndahl Wolff u L. Teilgård, sussegwentement minn V. Pasternak Jørgensen u M. Søndahl Wolff, u finalment minn C. Maertens u M. Søndahl Wolff, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata inizjalment minn J. Möller u D. Klebs, sussegwentement minn J. Möller, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika Ellenika (C-542/20, C-543/20, C-545/20 sa C-547/20 u C-551/20),

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata inizjalment minn A.-L. Desjonquères, A. Ferrand u N. Vincent, sussegwentement minn A.-L. Desjonquères u N. Vincent, sussegwentement minn R. Bénard, J.-L. Carré, V. Depenne, A.-L. Desjonquères u B. Herbaut, u finalment minn R. Bénard, M. Guiresse, B. Herbaut u B. Travard, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, irrappreżentat inizjalment minn A. Germeaux u T. Uri, sussegwentement minn A. Germeaux, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, irrappreżentat minn M. K. Bulterman u J. Langer, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika tal-Awstrija, irrappreżentata minn A. Posch u J. Schmoll, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Renju tal-Isvezja, irrappreżentat inizjalment minn H. Eklinder, J. Lundberg, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, R. Shahsavan Eriksson, H. Shev u O. Simonsson, sussegwentement minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, R. Shahsavan Eriksson, H. Shev u O. Simonsson, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

intervenjenti,

u

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bencze, I. Gurov, A. Norberg, K. Pavlaki, V. Sanda, A. Sikora-Kaléda, A. Vârnav u L. Vétillard, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn:

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat inizjalment minn J. Nymann-Lindegren, M. Søndahl Wolff u L. Teilgård, sussegwentement minn V. Pasternak Jørgensen, M. Søndahl Wolff u L. Teilgård, sussegwentement minn V. Pasternak Jørgensen u M. Søndahl Wolff, u finalment minn C. Maertens u M. Søndahl Wolff, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata inizjalment minn J. Möller u D. Klebs, sussegwentement minn J. Möller, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika Ellenika (C-542/20, C-543/20, C-545/20 sa C-547/20 u C-551/20),

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata inizjalment minn A.-L. Desjonquères, A. Ferrand u N. Vincent, sussegwentement minn A.-L. Desjonquères u N. Vincent, sussegwentement minn R. Bénard, J.-L. Carré, V. Depenne, A.-L. Desjonquères u B. Herbaut, u finalment minn R. Bénard, M. Guiresse, B. Herbaut u B. Travard, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, sussegwentement minn S. Fiorentino, bħala aġent, assistiti minn A. Lipari u G. Santini, avvocati dello Stato (C-541/20 sa C-555/20),

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, irrappreżentat inizjalment minn A. Germeaux u T. Uri, sussegwentement minn A. Germeaux, bħala aġenti (c-541/20 sa C-555/20),

Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, irrappreżentat minn M. K. Bulterman u J. Langer, bħala aġenti (c-541/20 sa C-555/20),

Ir-Repubblika tal-Awstrija, irrappreżentata minn A. Posch u J. Schmoll, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

Ir-Renju tal-Isvezja, irrappreżentat inizjalment minn H. Eklinder, J. Lundberg, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, R. Shahsavan Eriksson, H. Shev u O. Simonsson, sussegwentement minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, R. Shahsavan Eriksson, H. Shev u O. Simonsson, bħala aġenti (C-541/20 sa C-555/20),

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, E. Regan (Relatur), T. Von Danwitz, F. Biltgen u Z. Csehi, Presidenti ta' Awla, S. Rodin, A. Kumin, I. Ziemele, J. Passer, D. Gratsias, M. L. Arastey Sahún u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistraturi: R. Şereş, Amministratriċi, u R. Stefanova-Kamisheva, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 u tal-25 ta' April 2023,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikorsi tagħha, ir-Repubblika tal-Litwanja (C-541/20 u C-542/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– prinċipalment, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU 2020, L 249, p. 1), jew, sussidjarjament, ir-Regolament 2020/1054 fl-intier tiegħu (C-541/20);

– il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU 2020, L 249, p. 17), sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU 2009, L 300, p. 51), kif ukoll il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 (C-542/20), u

– prinċipalment, l-Artikolu 1(3) u (7) tad-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU 2020, L 249, p. 49), jew, sussidjarjament, id-Direttiva 2020/1057 fl-intier tagħha (C-541/20).

2 Permezz tar-rikorsi tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija (C-543/20 sa C-545/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– prinċipalment, il-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu (c-543/20);

– id-Direttiva 2020/1057 (C-544/20), u

– prinċipalment, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jew, sussidjarjament, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 fl-intier tiegħu, kif ukoll il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, jew, sussidjarjament, il-punt 4 tal-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jew, iktar sussidjarjament, l-istess regolament fl-intier tiegħu (C-545/20).

3 Permezz tar-rikorsi tagħha, ir-Rumanija (C-546/20 sa C-548/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– prinċipalment, il-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu (C-546/20);

– il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, kif ukoll il-punt 4(a) sa (c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu (C-547/20), u

– prinċipalment, l-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, din id-direttiva fl-intier tagħha (C-548/20).

4 Permezz tar-rikorsi tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru (C-549/20 u C-550/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– prinċipalment, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jew, sussidjarjament, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 fl-intier tiegħu jew, iktar sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu (c-549/20), u

– id-Direttiva 2020/1057 fl-intier tagħha (C-550/20).

5 Permezz tar-rikors tagħha, l-Ungerija (C-551/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 u l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament li ma jistgħux jiġu sseparati minnhom, jew saħansitra l-imsemmi regolament fl-intier tiegħu;

– il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament 2020/1055 li ma jistgħux jiġu sseparati minnu, u

– prinċipalment, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, l-Artikolu 1(6) ta' din id-direttiva, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet kollha li ma jistgħux jiġu sseparati minnu.

6 Permezz tar-rikors tagħha, ir-Repubblika ta' Malta (C-552/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u tannulla l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

7 Permezz tar-rikorsi tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja (C-553/20 sa C-555/20) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla:

– prinċipalment, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu (C-553/20);

– prinċipalment, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, kif ukoll il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jew, sussidjarjament, l-imsemmi regolament fl-intier tiegħu (C-554/20), u

– prinċipalment, l-Artikolu 1(3), (4), (6) u (7), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, din id-direttiva fl-intier tagħha (C-555/20).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

8 Fid-9 ta' Mejju 1992 ġiet adottata fi New York il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1771, p. 107, iktar 'il quddiem il-"UNFCCC"), li l-għan finali tagħha huwa l-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera f'livell li jwaqqaf kull tfixkil antropoġeniku perikoluż tas-sistema klimatika. Fl-11 ta' Diċembru 1997, il-Partijiet għall-UNFCCC adottaw, skont din tal-aħħar, il-Protokoll ta' Kyoto għal din il-konvenzjoni qafas.

9 Sabiex tantiċipa t-tmiem tat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto, li kien ikopri l-perijodu 2013 sa 2020, il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC adottat, fit-12 ta' Diċembru 2015, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, li għan prinċipali tiegħu huwa li ż-żieda fit-temperatura tal-pjaneta titrażżan għal bejn 1.5 °C u 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali.

10 L-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim jistipula:

"1. Dan il-Ftehim, fit-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-[UNFCCC], inkluż l-objettiv tiegħu, għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar, inkluż billi:

(a) Iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 aktar mil-livelli preindustrijali u l-insegwiment tal-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1.5 aktar mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima;

(b) Tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u biex titrawwem ir-reżiljenza għall-klima u żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra, b'mod li ma jipperikolax il-produzzjoni tal-ikel; kif ukoll

(c) Billi l-flussi ta' finanzjament isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll l-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

2. Dan il-Ftehim sejjer jiġi implimentat biex jirrifletti l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti."

11 L-Artikolu 4 tal-imsemmi ftehim jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. Sabiex jiksbu l-mira ta' temperatura fit-tul stabbilita fl-Artikolu 2, il-Partijiet għandhom l-għan li jilħqu l-ogħla livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jirrikonoxxu li l-ilħuq tal-ogħla livell sejjer jieħu aktar żmien għall-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li jagħmlu tnaqqis rapidu minn hemm 'il quddiem skont l-aqwa xjenza disponibbli, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, abbażi ta' ekwità, u fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli u sforzi biex jinqered il-faqar.

2. Kull Parti għandha tipprepara, tikkomunika u żżomm il-kontribuzzjonijiet suċċessivi stabbiliti fil-livell nazzjonali li beħsiebha tilħaq. Il-Partijiet għandhom isegwu miżuri ta' mitigazzjoni domestiċi, bil-għan li jinkisbu l-objettivi ta' dawn il-kontribuzzjonijiet.

3. Kull kontribuzzjoni suċċessiva stabbilita fil-livell nazzjonali ta' kull Parti sejra tirrappreżenta progress lil hinn mill-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali u tirrifletti l-akbar ambizzjoni possibbli tagħha, li tirrifletti r-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħha, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti."

B. Id-dritt tal-Unjoni

1. Il-leġiżlazzjoni dwar it-tul tal-ħin tax-xogħol

a) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006

12 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU 2006, L 102, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 195, p. 83), ġie emendat fl-aħħar lok, fir-rigward ta' diversi mid-dispożizzjonijiet tiegħu, bir-Regolament 2020/1054.

13 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1054 u li jinsab fil-Kapitolu I tar-Regolament Nru 561/2006, intitolat "Disposizzjonijiet ta' introduzzjoni", jipprovdi, fil-punti (d) sa (h) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(d) 'pawżi' tfisser kull perijodu li fih ix-xufier ma jistax iwettaq sewqan jew xogħol ieħor u li jintuża esklużivament għall-irkupru;

[…]

(f) 'perijodu ta' mistrieħ' tfisser kwalunkwe perijodu bla interruzzjoni li fih ix-xufier jista' jagħmel li jrid bil-ħin tiegħu;

(g) ‘perijodu ta’ mistrieħ ta’ kuljum’ tfisser il-perijodu ta’ kuljum li fih xufier jista’ jagħmel li jrid bil-ħin tiegħu u jkopri ‘perijodu regolari ta’ mistrieħ ta’ kuljum’ u ‘perijodu mnaqqas ta’ mistrieħ ta’ kuljum’:

– ‘perijodu regolari ta’ mistrieħ ta’ kuljum’ tfisser kull perijodu bla interruzzjoni ta’ mistrieħ ta’ mill-inqas 11-il siegħa. Bħala alternattiva, dan il-perijodu regolari ta’ mistrieħ ta’ kuljum jista’ jittieħed f’żewġ perijodi, l-ewwel wieħed għandu jkun perijodu bla interruzzjoni ta’ mill-inqas 3 sigħat u t-tieni wieħed ikun perijodu bla interruzzjoni ta’ mill-inqas 9 sigħat;

– ‘perijodu mnaqqas ta’ mistrieħ ta’ kuljum’ tfisser kull perijodu ta’ mistrieħ ta’ mill-inqas 9 sigħat imma anqas minn 11-il siegħa;

(h) ‘perijodu ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa’ tfisser perijodu ta’ kull ġimgħa li matulu xufier jista’ juża l-ħin tiegħu kif irid u jkopri ‘perijodu regolari ta’ mistrieħ fil-ġimgħa’ u ‘perijodu mnaqqas ta’ mistrieħ fil-ġimgħa’.

– ‘perijodu regolari ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa’ tfisser kwalunkwe perijodu ta’ mistrieħ mill-inqas ta’ 45 siegħa;

– ‘perijodu mnaqqas ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa’ tfisser kull perijodu ta’ mistrieħ ta’ anqas minn 45 siegħa, li jista’, bla ħsara għall-kondizzjonijiet fl-Artikolu 8(6), jitqassar għal minimu ta’ 24 siegħa konsekuttivi;

[…]”

14 L-Artikolu 8(6) u (8) tar-Regolament Nru 561/2006, li jinsab fil-Kapitolu II ta’ dan ir-regolament, intitolat “Ekwipaġġ, ħinijiet tas-sewqan, pawżi u perijodi ta’ mistrieħ”, fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien jipprevedi:

“6. F’kull ġimagħtejn konsekuttivi, xufier għandu jieħu mill-inqas:

– żewġ perijodi regolari ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa, jew

– perijodu wieħed regolari ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa u perijodu wieħed mnaqqas ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa ta’ mhux inqas minn 24 siegħa. Madankollu, it-tnaqqis għandu jkun ikkumpensat minn mistrieħ ekwivalenti meħud *en bloc* qabel tmiem it-tielet ġimgħa wara l-ġimgħa in kwistjoni.

Perijodu ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa għandu jibda mhux aktar tard mit-tmiem ta’ sitt perijodi ta’ 24 siegħa il-wieħed mit-tmiem tal-perijodu ta’ qabel ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa.

[…]

8. Fejn xufier jagħżel li jagħmel dan, perijodi ta’ mistrieħ ta’ kuljum u perijodi imnaqqsa ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa ’il bogħod mill-bażi jistgħu jittieħdu f’vettura, kemm-il darba din ikollha faċilitajiet għall-irqad xierqa għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa.”

15 Fi ħdan l-istess kapitolu, l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien jipprovdi:

"2. Kwalunkwe ħin li s-sewwieq jieħu biex jivvjaġġja lejn il-vettura u lura u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li mhix fid-dar tas-sewwieq jew fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat, m'għandux jitqies bħala perijodu ta' mistrieħ jew pawża sakemm ix-xufier mhuwiex fuq vapur jew trejn u għandu aċċess għal *couchette*.

3. Kwalunkwe ħin li s-sewwieq jieħu bħala sewwieq ta' vettura li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn jew lejn il-vettura li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li mhix fid-dar tas-sewwieq jew fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat, għandu jitqies bħala 'xogħol ieħor'."

16 L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 561/2006, li jinsab fil-Kapitolu IV ta' dan ir-regolament, intitolat "Eċċezzjonijiet", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien ifformualt kif ġej:

"1. Sakemm ma jiġux preġudikati l-għanijiet mniżżla fl-Artikolu 1, l-Istati Membri jistgħu, awtorizzati mill-Kummissjoni, jagħtu eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni ta' l-Artikoli 6 sa 9 ta' dan ir-Regolament għal operazzjonijiet tat-trasport li jsiru f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

2. F'każijiet urġenti l-Istati Membri jistgħu jagħtu eċċezzjoni temporanja għal perijodu li ma jaqbiżx it-tletin jum, u din għandha tkun notifikata minnufih lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'kull eċċezzjoni mogħtija skond dan l-Artikolu."

17 Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 561/2006, li jinsab fil-Kapitolu V ta' dan ir-regolament, intitolat "Proċeduri ta' kontroll u sanzjonijiet", u li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1054:

"L-impriża tat-trasport għandha tagħmel skeda tas-servizz u roster tax-xogħol li għandhom juru, fir-rigward ta' kull xufier, l-isem, il-post fejn huwa bbażat u l-iskeda bil-quddiem għal diversi perijodi ta' sewqan, xogħol ieħor, pawżi u disponibbiltà.

Kull xufier li jingħata jaħdem servizz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jġorr miegħu estratt mir-roster tax-xogħol u kopja ta' l-iskeda tas-servizz."

18 Fi ħdan l-istess kapitolu, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 561/2006, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1054, jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament."

b) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014

19 Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU 2014, L 60, p. 1), ġie emendat, fir-rigward ta' diversi mid-dispożizzjonijiet tiegħu, bir-Regolament 2020/1054.

20 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 165/2014, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", li jinsab fil-Kapitolu I ta' dan ir-regolament, intitolat "Prinċipji, kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien jipprevedi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Ħmistax-il sena wara li vetturi ġodda irreġistrati jkunu obbligati jkollhom takografu kif previst fl-Artikoli 8, 9 u 10, il-vetturi li joperaw fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħhom għandu jkollhom immuntat tali takografu."

21 L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 165/2014, intitolat "Dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-takografu intelliġenti", li jinsab fil-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Takografu intelliġenti", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien jipprovdi:

"Biex ikun żgurat li t-takografi intelliġenti jikkonformaw mal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dettaljati neċessarji għall-applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 8, 9 u 10, minbarra dispożizzjonijiet li jkunu jipprevedu r-reġistrazzjoni ta' data addizzjonali mit-takografu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

Id-dispożizzjonijiet dettaljati msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom:

(a) fir-rigward tat-twettiq tal-funzjonijiet tat-takografu intelliġenti msemmijin fil-Kapitolu II, jinkludu r-rekwiżiti meħtieġa biex jiggarantixxu s-sigurtà, il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-data kif ipprovduti lit-takografu mis-servizz ta' lokalizzazzjoni bis-satellita u t-teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod imsemmija fl-Artikoli 8 u 9;

(b) jispeċifikaw id-diversi kondizzjonijiet u rekwiżiti għas-servizz ta' lokalizzazzjoni bis-satellita u t-teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod imsemmija fl-Artikoli 8 u 9 sabiex ikunu barra mit-takografu jew inkorporati fih, u meta jkunu barra, jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-użu tas-sinjal ta' lokalizzazzjoni bis-satellita bħala t-tieni sensur tal-moviment;

(c) jispeċifikaw l-istandards meħtieġa għall-interfaċċja msemmija fl-Artikolu 10. Dawk l-istandards jistgħu jinkludu dispożizzjoni dwar id-distribuzzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għas-sewwieqa, il-ħwienet tax-xogħol, l-impriżi tat-trasport, u rwoli ta' kontroll għad-data rreġistrata bit-takografu liema rwoli ta' kontroll għandhom ikunu bbażati fuq mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni/awtorizzazzjoni ddefiniti għall-interfaċċja, bħal ma hu ċertifikat għal kull livell ta' aċċess u soġġett għall-fattibbiltà teknika ta' dan."

22 L-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 165/2014, intitolat "R[es]ponsabbiltà tal-impriżi tat-trasport", li jinsab fit-Titolu VI ta' dan ir-regolament, intitolat "Użu ta' apparat", u li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1054, jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-impriżi tat-trasport għandhom iżommu l-folji ta' reġistrazzjoni u l-kopji stampati, kull meta jkunu nħarġu kopji stampati b'konformità mal-Artikolu 35, f'ordni kronoloġika u f'forma li tista' tinqara, għal mill-inqas sena wara l-użu tagħhom, u għandhom jagħtu kopji lis-sewwieqa kkonċernati li jitolbuhom. L-impriżi tat-trasport għandhom ukoll jagħtu kopja tad-data mniżżla mill-kards tas-sewqan lis-sewwieqa kkonċernati li jitolbuhom, flimkien ma verżjonijiet stampati ta' dawk il-kopji. Il-folji ta' reġistrazzjoni, il-kopji stampati u d-data mniżżla għandhom jintwerew jew jingħataw meta mitluba minn kwalunkwe uffiċjal tal-kontroll awtorizzat."

23 L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU 2016, L 139, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2016, L 146, p. 31 u fil-ĠU 2017, L 27, p. 169), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/502 tat-28 ta' Frar 2018 (ĠU 2018, L 85, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/799"), jipprovdi:

"Il-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni, it-tħaddim u t-tiswija tat-takografi intelliġenti u l-komponenti tagħhom, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness IC ta' dan ir-Regolament."

24 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/799 jipprevedi:

"Madankollu, l-Anness IC għandu japplika mill-15 ta' Ġunju 2019 […]"

25 L-Anness IC jirrigwarda r-rekwiżiti fir-rigward tal-kostruzzjoni, tal-ittestjar, tal-installazzjoni u tal-kontroll tat-takografi intelliġenti.

c) Ir-Regolament 2020/1054

26 Il-premessi 1, 2, 4, 6, 8, 13 sa 15, 17 sa 19, 23, 27, 34 u 36 tar-Regolament 2020/1054 huma fformulati kif ġej:

"(1) Kundizzjonijiet tax-xogħol tajba għax-xufiera u kundizzjonijiet ġusti ta' negozju għall-impriżi tat-trasport bit-triq huma tal-ogħla importanza għall-ħolqien ta' settur tat-trasport bit-triq sikur, effiċjenti u soċjalment responsabbli sabiex tkun żgurata n-nondiskriminazzjoni u biex jiġu attirati ħaddiema kwalifikati. Biex dak il-proċess jiġi ffaċilitat huwa essenzjali li r-regoli soċjali tal-Unjoni dwar it-trasport bit-triq ikunu ċari, proporzjonati, xierqa għall-iskop tagħhom, u faċli biex jiġu applikati u infurzati, u implimentati b'mod effettiv u konsistenti fl-Unjoni kollha.

(2) Wara li ġew evalwati l-effettività u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tas-sett attwali ta' regoli soċjali tal-Unjoni dwar it-trasport bit-triq, u b'mod partikolari r-Regolament [Nru 561/2006], ġew identifikati ċerti nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' dak il-qafas legali. Regoli mhux ċari dwar il-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, il-faċilitajiet tal-mistrieħ u l-pawżi waqt il-multimanning kif ukoll in-nuqqas ta' regoli dwar ir-ritorn tax-xufiera lejn djarhom, wasslu għal interpretazzjonijiet u għal prattiki ta' infurzar diverġenti fl-Istati Membri. Diversi Stati Membri dan l-aħħar adottaw miżuri unilaterali li komplew żiedu

l-inċertezza legali u t-trattament mhux ugwali tax-xufiera u tal-operaturi. Madanakollu, il-perijodi massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa huma effettivi fit-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali tax-xufiera u fit-titjib tas-sikurezza fit-toroq b'mod ġenerali. Sforzi bla waqfien huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità.

[…]

(4) Il-valutazzjoni ex post tar-Regolament [Nru 561/2006] kkonfermat li l-infurzar inkonsistenti u mhux effettiv tar-regoli soċjali tal-Unjoni kien prinċipalment ir-riżultat ta' regoli mhux ċari, ta' użu ineffiċjenti u mhux ugwali tal-għodod ta' kontroll u ta' kooperazzjoni amministrattiva insuffiċjenti bejn l-Istati Membri.

[…]

(6) Regoli ċari, xierqa, proporzjonati u infurzati b'mod uniformi huma kruċjali wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera, u b'mod partikolari li tiġi żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni u ġusta bejn l-operaturi u li jkun hemm kontribuzzjoni għas-sikurezza fit-toroq għall-utenti kollha tat-toroq.

[…]

(8) Xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija fuq distanzi twal iqattgħu perijodi twal 'il bogħod minn djarhom. Ir-rekwiżiti attwali dwar il-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa jistgħu jtawlu dawk il-perijodi bla bżonn. Għaldaqstant ikun tajjeb li d-dispożizzjonijiet dwar il-perijodi ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa jiġu adattati b'tali mod li jkun eħfef għax-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali f'konformità mar-regoli u li jaslu lura fi djarhom għall-perijodu ta' mistrieħ regolari tagħhom ta' kull ġimgħa, u jingħataw kumpens sħiħ għall-perijodi kollha mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa. […]

[…]

(13) Sabiex jiġi promoss il-progress soċjali, huwa xieraq li jiġi speċifikat fejn jistgħu jittieħdu l-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, filwaqt li jiġi żgurat li x-xufiera jgawdu minn kundizzjonijiet ta' mistrieħ adegwati. Il-kwalità tal-akkomodazzjoni hija partikolarment importanti matul il-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, li jenħtieġ li x-xufier iqatta' f'akkomodazzjoni adatta li ma tkunx il-kabina tal-vettura, għas-spejjeż tal-impriża tat-trasport bħala impjegatur. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol u s-sikurezza tax-xufiera, huwa xieraq li jiġi ċċarat ir-rekwiżit li x-xufiera jiġu pprovduti b'akkomodazzjoni ta' kwalità u li tilqa' kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel għall-perijodi ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa tagħhom f'każ li dawn jittieħdu 'l bogħod minn djarhom.

(14) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi previst li l-impriżi tat-trasport jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawk il-perijodi li jqattgħu 'l bogħod minn djarhom ma jkunux eċċessivament twal u li x-xufiera jistgħu jibbenefikaw minn perijodi twal ta' mistrieħ li jittieħdu bħala kumpens għal perijodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa. Jenħtieġ li l-organizzazzjoni tar-ritorn tippermetti l-wasla f'ċentru operazzjonali tal-impriża tat-trasport fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha jew il-post ta' residenza tax-xufier, u li s-xufiera jkunu liberi li jagħżlu fejn iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom. Sabiex jintwera li l-impriża tat-trasport tissodisfa l-obbligi tagħha rigward l-organizzazzjoni tar-ritorn regolari,

l-impriża tat-trasport jenħtieġ li tkun tista' tuża rekords tat-takografu, rosters tax-xogħol tax-xufiera jew dokumentazzjoni oħra. Tali evidenza jenħtieġ li tkun disponibbli fil-bini tal-impriża tat-trasport biex tiġi ppreżentata jekk mitluba mill-awtoritajiet ta' kontroll.

(15) Filwaqt li l-perijodi ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa u l-perijodi ta' mistrieħ itwal ma jistgħux jittieħdu fil-vettura jew f'żona ta' parkeġġ, iżda biss f'akkomodazzjoni xierqa, li tista' tkun maġenb żona ta' parkeġġ, huwa tal-akbar importanza li x-xufiera jkunu jistgħu jsibu żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri li jipprovdu livelli xierqa ta' sigurtà u faċilitajiet xierqa. Il-Kummissjoni diġà studjat kif tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ ta' kwalità għolja, inklużi r-rekwiżiti minimi meħtieġa. Jenħtieġ għalhekk li l-Kummissjoni tiżviluppa standards għal żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri. Dawk l-istandards jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' żoni ta' parkeġġ ta' kwalità għolja. L-istandards jistgħu jiġu riveduti sabiex ikun hemm aċċess aħjar għal fjuwils alternattivi, f'konformità mal-politiki li qed jiżviluppaw dik l-infrastruttura. Huwa importanti wkoll li ż-żoni ta' parkeġġ jinżammu ħielsa minn silġ u borra.

[…]

(17) Huwa fl-interess tas-sikurezza fit-toroq u tal-infurzar li x-xufiera kollha jenħtieġ li jkunu kompletament konxji tar-regoli dwar il-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ kif ukoll dwar il-periklu tal-għejja. Informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-faċilitajiet ta' mistrieħ disponibbli hija ta' importanza f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni dwar żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri permezz ta' sit web faċli għall-utent. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tinżamm aġġornata.

(18) Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza u s-sigurtà kontinwa taż-żoni ta' parkeġġ, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 [TFUE] fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards għal-livell ta' servizz f'żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza u s-sigurtà taż-żoni ta' parkeġġ. […]

(19) Il-linji gwida TEN-T riveduti stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU 2013, L 348, p. 1, iktar 'il quddiem ir-'Regolament TEN-T'),] jipprevedu l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ fuq l-awtostradi bejn wieħed u ieħor kull 100 km biex l-utenti kummerċjali tat-toroq jingħataw spazju għall-parkeġġ li jkollu livell xieraq ta' sikurezza u sigurtà. Sabiex jitħaffef u jiġi promoss il-bini ta' infrastruttura xierqa għall-parkeġġ, huwa importanti li jkun hemm disponibbli biżżejjed opportunitajiet għall-kofinanzjament mill-Unjoni skont l-atti legali attwali u futuri tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għal dak l-appoġġ finanzjarju.

[…]

(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli nazzjonali dwar il-penali applikabbli għall-ksur tar-Regolament [Nru 561/2006] u r-Regolament [Nru 165/2014] jiġu implimentati b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv. […]

[…]

(27) Il-kosteffettività tal-infurzar tar-regoli soċjali, l-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda, id-diġitalizzazzjoni fl-ekonomija kollha tal-Unjoni u l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi fost il-kumpaniji tat-trasport internazzjonali bit-triq jagħmlu neċessarju li jitqassar il-perijodu tranżitorju għall-installazzjoni ta' takografi intelliġenti fil-vetturi rreġistrati. It-takografi intelliġenti ser jikkontribwixxu għal kontrolli simplifikati u b'hekk jiffaċilitaw il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali.

[…]

(34) Huwa importanti li l-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti f'pajjiżi terzi jkunu suġġetti għal regoli ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni meta jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bit-triq fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-livell tal-Unjoni u tipproponi soluzzjonijiet xierqa li jiġu nnegozjati fil-kuntest tal-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq ('il-Ftehim AETR').

[…]

(36) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb is-sikurezza fit-toroq u li jitjiebu l-kunidzzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera fl-Unjoni permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perijodi ta' mistrieħ fit-trasport bit-triq u l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-użu u l-infurzar tat-takografi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba fin-natura tal-għanijiet, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 [TUE]. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet."

27 Il-punti 6 sa 8, 11, 13 u 16 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jipprevedu:

"Ir-Regolament [Nru 561/2006] huwa emendat kif ġej:

[…]

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:
(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'6. Fi kwalunkwe ġimagħtejn konsekuttivi, xufier għandu jieħu mill-inqas:
(a) żewġ perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, jew
(b) perijodu wieħed ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa u perijodu wieħed imnaqqas ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' mill-inqas 24 siegħa.

Perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa għandu jibda mhux aktar tard mit-tmiem ta' sitt perijodi ta' 24 siegħa il-wieħed mit-tmiem tal-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa preċedenti.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, xufier involut fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija jista', barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment, jieħu żewġ perijodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, sakemm ix-xufier fi kwalunkwe erba' ġimgħat konsekuttivi jieħu mill-inqas erba' perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, xufier għandu jitqies li huwa involut fit-trasport internazzjonali meta x-xufier jibda ż-żewġ perijodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa barra mill-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impjegatur u l-pajjiż tal-post ta' residenza tax-xufiera.';

[…]

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'8. Il-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u kwalunkwe perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħuda bħala kumpens għal perijodi mnaqqas preċedenti ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ma għandhomx jittieħdu f'vettura. Dawn għandhom jittieħdu f'akkomodazzjoni xierqa u li tirrispetta l-ġeneri, b'faċilitajiet tal-irqad u sanitarji adegwati.

Kwalunkwe spiża għall-akkomodazzjoni barra mill-vettura għandu jagħmel tajjeb għaliha l-impjegatur.';

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'8a. Impriżi tat-trasport għandhom jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li x-xufiera jkunu jistgħu jirritornaw fiċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur fejn ix-xufier ikun normalment ibbażat u fejn jibda l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tax-xufier, fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impjegatur, jew ikunu jistgħu jirritornaw fil-post ta' residenza tax-xufiera f'kull perijodu ta' erba' ġimgħat konsekuttivi, sabiex iqattgħu mill-inqas perijodu regolari wieħed ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jew perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħud bħala kumpens għal perijodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.

Madankollu, fejn ix-xufier ikun ħa żewġ perijodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa skont il-paragrafu 6, l-impriża tat-trasport għandha torganizza x-xogħol tax-xufier b'tali mod li x-xufier ikun diġà jista' jirritorna qabel il-bidu tal-perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħuda bħala kumpens.

L-impriża għandha tiddokumenta kif tissodisfa dak l-obbligu u għandha żżomm id-dokumentazzjoni fil-bini tagħha sabiex tippreżentaha fuq talba tal-awtoritajiet ta' kontroll.'

[…]

(7) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 8a

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri tkun faċilment aċċessibbli għax-xufiera involuti fit-trasport ta' merkanzija u ta' passiġġieri bit-triq. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista taż-żoni ta' parkeġġ kollha li jkunu ġew iċċertifikati, sabiex ix-xufiera jkunu pprovduti b'mod adegwat bi:

– prevenzjoni u identifikazzjoni ta' intrużjoni;

– dawl u viżibbiltà;

– punt ta' kuntatt u proċeduri ta' emerġenza;

– faċilitajiet sanitarji li jirrispettaw il-ġeneri;

– għażliet ta' xiri ta' ikel u xorb;

– konnessjonijiet ma' mezzi ta' komunikazzjoni;

– provvista tal-enerġija.

Il-lista ta' tali żoni ta' parkeġġ għandha tkun disponibbli fuq sit elettroniku uffiċjali uniku li jiġi aġġornat regolarment.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23a biex tistabbilixxi standards li jipprovdu aktar dettalji dwar il-livell ta' servizz u sigurtà fir-rigward taż-żoni elenkati fil-paragrafu 1 u dwar il-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' żoni ta' parkeġġ.

3. Iż-żoni ta' parkeġġ kollha li jkunu ġew iċċertifikati jistgħu jindikaw li huma ċċertifikati f'konformità mal-istandards u l-proċeduri tal-Unjoni.

F'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 39(2) tar-[Regolament TEN-T], l-Istati Membri jridu jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' spazju għall-parkeġġ għall-utenti kummerċjali tat-toroq.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' faċilitajiet xierqa ta' mistrieħ għax-xufiera u ta' faċilitajiet ta' parkeġġ siguri, kif ukoll dwar l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri ċċertifikati f'konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2. Dak ir-rapport jista' jelenka miżuri biex jiżdiedu l-għadd u l-kwalità ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri.'

(8) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

[…]
(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Kwalunkwe ħin li s-sewwieq jieħu biex jivvjaġġja lejn post sabiex jieħu pussess ta' vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew biex jirritorna minn tali post, fejn il-vettura mhix fid-dar tas-sewwieq jew fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet tal-impjegatur fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat, m'għandux jitqies bħala perijodu ta' mistrieħ jew pawża sakemm ix-xufier mhuwiex fuq vapur jew ferrovija u għandu aċċess għal kabina tal-irqad, sodda jew couchette.'

[…]

(11) fl-Artikolu 12, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

'Sakemm b'dan ma tiġix preġudikata s-sikurezza fit-toroq, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ix-xufier jista' jidderoga wkoll mill-Artikolu 6(1) u (2) u l-Artikolu 8(2) billi jaqbeż il-ħin ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa b'mhux aktar minn siegħa sabiex jasal fiċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur jew fir-residenza tax-xufier biex jieħu perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.

Taħt l-istess kundizzjonijiet, ix-xufier jista' jaqbeż il-ħin ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa b'mhux aktar minn sagħtejn, dment li tkun ittieħdet pawża mhux interrotta ta' 30 minuta immedjatament qabel is-sewqan addizzjonali sabiex jasal fiċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur jew il-post ta' residenza tax-xufier biex jittieħed perijodu ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa.

[…]"

[…]

(13) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. F'każijiet urġenti l-Istati Membri jistgħu jagħtu, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, eċċezzjoni temporanja għal perijodu ta' mhux aktar minn 30 jum, li għandha tiġi debitament motivata u nnotifikata minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha minnufih tippubblika din l-informazzjoni fuq sit web pubbliku.'

[…]

(16) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament [Nru 165/2014] u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi u proporzjonati skont il-gravità tal-ksur, […], kif ukoll dissważivi u mhux diskriminatorji. L-ebda ksur ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament [Nru 165/2014] ma għandu jkun suġġett għal aktar minn penali jew proċedura waħda. […]'"

28 L-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 huwa fformulat kif ġej:

"Ir-Regolament [Nru 165/2014] huwa emendat kif ġej:

[…]

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Sa mhux aktar tard minn tliet snin minn tmiem is-sena tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet dettaljati msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 11, il-kategoriji ta' vetturi li ġejjin li joperaw fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħhom għandhom ikunu mgħammra b'takografu intelliġenti kif previst fl-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dan ir-Regolament:

(a) vetturi mgħammra b'takografu analogu;
(b) vetturi mgħammra b'takografu diġitali li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness IB għar-Regolament [tal-Kunsill] (KEE) Nru 3821/85 [tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227)] applikabbli sat-30 ta' Settembru 2011;
(c) vetturi mgħammra b'takografu diġitali li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness IB għar-Regolament [Nru 3821/85] applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2011; u
(d) vetturi mgħammra b'takografu diġitali li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness IB għar-Regolament [Nru 3821/85] applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2012.

4a. Sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet dettaljati msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 11, il-vetturi li jkunu mgħammra b'takografu intelliġenti li jikkonforma mal-Anness IC għar-Regolament ta' Implimentazzjoni [2016/799] li joperaw fi Stat Membru minbarra dak tar-reġistrazzjoni tagħhom, għandhom ikunu mgħammra b'takografu intelliġenti kif previst fl-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.'

[…]

(8) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Sabiex ikun żgurat li t-takografi intelliġenti jikknformaw mal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dettaljati meħtieġa għall-applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 8, 9 u 10, ħlief għal kwalunkwe dispożizzjoni li tkun tipprevedi r-rreġistrazzjoni ta' data addizzjonali minn dak it-takografu.

Sal-21 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni uniformi tal-obbligu ta' reġistrazzjoni u ħżin ta' data relatata ma' kwalunkwe qsim tal-fruntiera tal-vettura u l-attivitajiet imsemmija fit-tieni u t-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1).

[…]'"

29 L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-takografi intelliġenti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 165/2014, kif emendat bil-punt 8(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, huma s-suġġett tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1228 tas-16 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/799 (ĠU 2021, L 273, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/980 tas-16 ta' Mejju 2023 fir-rigward ta' takografu intelliġenti tranżizzjonali u l-użu tiegħu għall-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi ta' Navigazzjoni b'Servizz Miftuħ ta' Galileo u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1228 (ĠU 2023, L 134, p. 28) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/1228"). Skont l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/1228 jemenda l-Anness IC tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/799 konformement mal-Anness ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/1228.

30 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

2. Il-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' stabbiliment kif ukoll dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u dwar it-trasport ikkombinat

a) Id-Direttiva 92/106/KEE

31 It-tielet premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU 1992, L 368, p. 38), hija fformulata kif ġej:

"Billi l-problemi dejjem jikbru marbuta mal-volum ta' traffiku fit-toroq, mal-ambjent u mas-sigurta fuq it-toroq jeżiġu, fl-interess pubbliku, żvilupp iktar b'saħħtu tat-trasport ikkombinat bħala alternattiva għat-trasport bit-triq". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

32 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Din id-direttiva għandha tapplika għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, bla ħsara għar-[Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 tas-26 ta' Marzu 1992 dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Komunità lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 370)].

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'trasport ikkombinat' ifisser it-trasport tal-merkanzija bejn Stati Membri fejn it-trakk, it-trejler, is-semitrejler, b'unità ta' trattur jew le, il-kaxxa skambjabbli jew il-kontejner ta' 20 pied jew iktar jużaw it-triq għall-parti inizjali jew finali tal-vjaġġ u, għall-parti l-oħra, jużaw trasport ferrovjarju jew trasport fil-passaġġi fuq l-ilmijiet interni, jew rotta marittima sa fejn din tal-aħħar teċċedi l-100 kilometru f'linja dritta, u jwettqu l-vjaġġ inizjali jew finali bit-triq:

– jew bejn il-punt ta' tagħbija tal-merkanzija u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija adegwat tal-imbark għall-vjaġġ inizjali u bejn l-eqreb stazzjon tal-ferrovija adegwat tal-iżbark u l-punt ta' ħatt tal-merkanzija għall-vjaġġ finali,

– jew f'raġġ li ma huwiex iktar minn 150 kilometru f'linja dritta mill-port tal-ilma intern jew marittimu tal-imbark jew tal-iżbark." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

33 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Kull trasportatur bit-triq stabbilit fi Stat Membru u li jissodisfa l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-professjoni u għas-suq tat-trasport tal-merkanzija bejn l-Istati Membri għandu d-dritt iwettaq, fil-kuntest ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, vjaġġi inizjali u/jew finali bit-triq li jagħmlu parti integrali mit-trasport ikkombinat u li jinkludu jew ma jinkludux il-qsim ta' fruntiera." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

b) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2009

34 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1071/2009, intitolat "Rekwiżiti meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur ta' trasport bit-triq", li jinsab fil-Kapitolu I ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien jipprevedi:

"1. L-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' operaturi tat-trasport bit-triq għandhom:

(a) ikollhom stabbiliment effettiv u stabbli fi Stat Membru;

(b) ikunu ta' reputazzjoni tajba;

(c) ikollhom pożizzjoni finanzjarja adatta; u

(d) ikollhom il-kompetenza professjonali meħtieġa.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu rekwiżiti addizzjonali, li għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji, li l-impriżi għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq."

35 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, intitolat "Il-kondizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-istabbiliment", li jinsab fil-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-kondizzjonijiet li jridu jintlaħqu sabiex jiġu sodsifatti r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien jipprovdi:

"Sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a), l-impriża għandha, fl-Istat Membru konċernat:

(a) ikollha stabbiliment f'dak l-Istat Membru b'sede fejn iżżomm id-dokumenti tan-negozju ewlieni tagħha, partikolarment id-dokumenti ta' kontabbiltà tagħha, dwar il-ġestjoni tal-persunal, id-dokumenti li jkun fihom data relatata mal-ħin tas-sewqan u l-mistrieħ u kwalunkwe dokument ieħor li għalih l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tiġi vverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-istabbilimenti fit-territorju tagħhom ikollhom ukoll dokumenti oħra disponibbli fis-sede tagħhom fi kwalunkwe ħin;

(b) ladarba tingħata awtorizzazzjoni, l-impriża jkollha għad-disposizzjoni tagħha vettura waħda jew aktar li jkunu rreġistrati jew b'mod ieħor imqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru, kemm jekk dawk il-vetturi ikunu totalment proprjetà tagħha jew, per eżempju, detenuti taħt ftehim ta' kiri bil-possibiltà ta' xiri jew kuntratti ta' kiri jew leasing;

(c) twettaq b'mod effettiv u kontinwu bit-tagħmir amministrattiv meħtieġ l-operazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-vetturi msemmija fil-punt (b) u bit-tagħmir u l-faċilitajiet tekniċi xierqa, f'ċentru operattiv li jkun jinsab f'dak l-Istat Membru."

36 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1071/2009 jirrigwarda, skont it-titolu tiegħu, il-kundizzjonijiet relatati mar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba.

c) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009

37 Skont il-premessi 2, 4, 5, 13 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU 2009, L 300, p. 72, rettifika fil-ĠU 2018, L 241, p. 14):

"(2) L-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport tinvolvi, inter alia, l-istipular ta' regoli komuni applikabbli għall-aċċess għas-suq fit-trasport bit-triq internazzjonali ta' merkanzija fit-territorju Komunitarju, kif ukoll jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport fi Stat Membru. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jikkontribwixxu għall-operat bla xkiel tas-suq intern tat-trasport.

[…]

(4) L-istabbiliment ta' politika tat-trasport komuni timplika t-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha kontra l-persuna li tipprovdi s-servizzi ta' trasport fuq bażi taċ-ċittadinanza jew il-fatt li hija stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun ser jiġi provdut is-servizz.

(5) Sabiex dan jinkiseb mingħajr xkiel u flessibbilment, għandha ssir disposizzjoni għal reġim transizzjonali ta' kabotaġġ sakemm l-armonizzazzjoni tas-suq tat-trasport bit-triq tal-merkanzija ma tkunx ġiet kompluta.

[…]

(13) Trasportaturi li jkollhom liċenzi Komunitarji kif previst f'dan ir-Regolament u trasportaturi awtorizzati li joperaw ċerti kategoriji ta' servizzi internazzjonali ta' trasport ta' merkanzija għandhom ikunu permessi li jwettqu servizzi nazzjonali ta' trasport fuq bażi temporanja fi Stat Membru fuq bażi temporanja, f'konformità ma' dan ir-Regolament mingħajr ma jkollhom uffiċċju reġistrat jew stabbiliment ieħor hemmhekk. […]

[…]

(15) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment, operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkonsistu fl-għoti ta' servizzi minn trasportaturi fi Stat Membru fejn ma jkunux stabbiliti, u m'għandhomx ikunu pprojbiti sakemm ma jitwettqux b'mod li joħloq attività permanenti jew kontinwa f'dak l-Istat Membru. Biex jgħin fl-infurzar ta' din il-ħtieġa, il-frekwenza tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u l-perijodu meta dawn jistgħu jitwettqu għandhom ikunu definiti b'mod iktar ċar. Fl-imgħoddi, servizzi ta' trasport nazzjonali bħal dawn kienu permessi fuq bażi temporanja. Fil-prattika, kien diffiċli li jiġi aċċertat liema servizzi huma permessi. Huma għalhekk meħtieġa regoli ċari u faċilment infurzabbli."

38 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1072/2009, intitolat "Definizzjonijiet", li jinsab fil-Kapitolu I ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1055, jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) 'vettura' tfisser vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru jew grupp magħqud ta' vetturi li jkollu għallinqas vettura waħda mill-grupp irreġistrata fi Stat Membru, użata esklusivament għat-trasport tal-merkanzija;

(2) 'trasport internazzjonali' tfisser:
   (a) vjaġġ mgħobbi magħmul minn vettura li l-postijiet tat-tluq u tal-wasla tagħha jkunu f'żewġ Stati Membri differenti, billi jgħaddi jew bla ma jgħaddi minn xi Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;
   (b) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura minn Stat Membru lejn pajjiż terz jew viċeversa, sew jekk jgħaddi kif ukoll jekk ma jgħaddix minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;
   (ċ) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura bejn pajjiżi terzi, bil-mogħdija mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed; jew
   (d) vjaġġ bla tagħbija li huwa involut ma' trasport imsemmi fil-punti (a), (b) u (c);

[…]

(6) 'operazzjonijiet ta' kabotaġġ' tfisser trasport nazzjonali għall-kiri jew għall-kumpens imwettaq fuq bażi temporanja fi Stat Membru ospitanti f'konformità ma' dan ir-Regolament;

[…]”

39 Il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 1072/2009, intitolat “Kabotaġġ”, jinkludi l-Artikoli 8 sa 10 tiegħu.

40 L-Artikolu 8 ta’ dan ir-regolament, li min-naħa tiegħu huwa intitolat “Prinċipju Ġenerali”, fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien jipprevedi:

“1. Kull trasportatur b’kiri jew qligħ, li huwa detentur ta’ liċenza Komunitarja u li x-xufier tiegħu, jekk ikun ċittadin ta’ pajjiż terz, ikollu l-attestazzjoni tax-xufier, ikun intitolat, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan il-Kapitolu, iwettaq operazzjonijiet ta’ kabotaġġ.

2. Ladarba l-merkanzija li tingarr tul vjaġġ internazzjonali li jkun dieħel tiġi kkunsinjata, it-trasportaturi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikun permessi jwettqu, bl-istess vettura, jew, fil-każ ta’ vetturi mgħaqqdin, il-vettura bil-mutur ta’ dik l-istess vettura, sa tliet operazzjonijiet ta’ kabotaġġ wara t-trasport internazzjonali minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz għall-Istat Membru ospitanti. L-aħħar ħatt tul operazzjoni tal-kabotaġġ qabel it-tluq mill-Istat Membru ospitanti għandu jsseħħ fi żmien sebat ijiem mill-aħħar ħatt fl-Istat Membru ospitanti waqt il-vjaġġ internazzjonali li jkun dieħel.

Fil-limitu ta’ żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, it-trasportaturi jistgħu jwettqu wħud mill-operazzjonijiet ta’ kabotaġġ, jew kollha kemm huma, permessi taħt dak is-subparagrafu fi kwalunkwe Stat Membru bil-kondizzjoni li jkunu limitati għal operazzjoni ta’ kabotaġġ waħda għal kull Stat Membru fi żmien tlett ijiem mid-dħul mhux mgħobbi fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru.

3. Servizzi nazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija mwettqin fl-Istat Membru ospitanti minn trasportatur mhux residenti għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament biss jekk it-trasportatur jista’ jipproduċi prova ċara tat-trasport internazzjonali li jkun dieħel u ta’ kull operazzjoni konsekuttiva ta’ kabotaġġ imwettqa.

L-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi mill-inqas id-dettalji li ġejjin għal kull operazzjoni:

(a) l-isem, l-indirizz u l-firma ta’ min qed jibgħat;

(b) l-isem, l-indirizz u l-firma tat-trasportatur;

(ċ) l-isem u l-indirizz tad-destinatarju kif ukoll il-firma u d-data tal-kunsinna ladarba l-merkanzija tkun waslet;

(d) il-post u d-data tat-teħid tal-merkanzija u l-post fejn għandha titwassal;

(e) Id-deskrizzjoni użata s-soltu dwar in-natura tal-merkanzija u l-metodu tal-imballaġġ, u, fil-każ ta’ merkanzija perikoluża, id-deskrizzjoni ġeneralment rikonoxxuta tagħhom kif ukoll l-għadd ta’ pakketti u l-marki speċjali u n-numri tagħhom;

(f) il-massa gross tal-merkanzija jew il-kwantità tiegħu espressa mod ieħor;

(g) il-pjanċi tan-numru tal-vettura u t-trejler.

4. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda dokument addizzjonali biex tingħata prova li l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu kienu sodisfati.

5. Kull trasportatur li jkun intitolat fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit, skont il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru, li jagħmel l-operazzjonijiet ta' trasport bit-triq tal-merkanzija b'kiri jew bi ħlas li huma speċifikati fl-Artikolu 1(5)(a), (b) u ((c) għandu jitħalla, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, li jagħmel, skont ma jkun il-każ, operazzjonijiet ta' kabotaġġ tal-istess għamla jew l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ permezz ta' vetturi fl-istess kategorija.

6. Il-permess sabiex isiru l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, fil-qafas tat-tipi ta' tagħbija msemmijin fl-Artikolu 1(5)(d) u (e), m'għandux ikun ristrett."

41 L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1072/2009, intitolat "Proċedura ta' salvagwardja", fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien jipprevedi:

"1. Fil-każ ta' problema serja fis-suq tat-trasport nazzjonali f'żona ġeografika speċifika dovuta għal, jew aggravata minn, kabotaġġ, kull Stat Membru jista' jirriferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa u jgħarrafha bil-miżuri li bi ħsiebu jieħu fir-rigward tat-trasportaturi residenti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

– 'problema serja fis-suq tat-trasport nazzjonali f'żona ġeografika speċifika' tfisser l-eżistenza fis-suq ta' problemi speċifiċi għalih, tant li jkun hemm eċċess serju u potenzjalment persistenti tal-provvista mqabbla mad-domanda, li jkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja u s-sopravivenza ta' għadd sostanzjali ta' trasportaturi,

– 'żona ġeografika' tfisser żona li tkopri t-territorju kollu, jew parti minnu, ta' Stat Membru jew li tkun testendi għat-territorju kollu, jew parti minnu, ta' Stati Membri oħrajn.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni, abbażi b'mod partikolari tad-data rilevanti u, wara li tikkonsulta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 15(1), għandha tiddeċiedi fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba tal-Istat Membru jekk jinħtiġux jew le miżuri ta' salvagwardja u għandha tadottahom jekk ikunu meħtieġa.

Dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu l-esklużjoni temporanja taż-żona konċernata mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Miżuri adottati f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, li jiġġedded darba fl-istess limiti tal-validità.

Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kunsill b'kull deċiżjoni li tittieħed bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

4. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tadotta miżuri ta' salvagwardja li jikkonċernaw Stat Membru wieħed jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti għandhom jinħtieġu jieħdu miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ekwivalenti fir-rigward tat-trasportaturi residenti u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan. Dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati mhux aktar tard mill-istess data bħall-miżuri ta' salvagwardja adottati mill-Kummissjoni.

5. Kull Stat Membru jista' jirriferi lill-Kunsill deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 fi żmien 30 jum min-notifika tagħha. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata jista', fi żmien 30 jum minn dik ir-rieferenza jew, f'każ ta' riferenzi minn diversi Stati Membri, mill-ewwel riferenza, jieħu deċiżjoni differenti.

Il-limiti tal-validità stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 għandhom japplikaw għad-deċiżjoni tal-Kunsill. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati għandhom jinħtieġu jieħdu miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ekwivalenti fir-rigward tat-trasportaturi residenti u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan. Jekk il-Kunsill ma jieħu l-ebda deċiżjoni fi żmien il-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha ssir finali.

6. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri msemmijin fil-paragrafu 3 jeħtieġu jiġu prolungati, hija għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill, li għandu jieħu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata."

d) Ir-Regolament 2020/1055

42 Skont il-premessi 6, 8 u 20 sa 22 tar-Regolament 2020/1055:

"(6) Sabiex jiġi miġġieled il-fenomenu tal-hekk imsejħa 'kumpaniji fantażma' u biex tkun garantita kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport bit-triq li jkunu stabbiliti fi Stat Membru jkollhom preżenza reali u kontinwa f'dak l-Istat Membru u li jmexxu n-negozju ta' trasport tagħhom minn hemm. Għalhekk, u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, jenħtieġ li jiġu ċċarati u msaħħa d-dispożizzjonijiet dwar l-eżistenza ta' stabbiliment effettiv u stabbli filwaqt li tkun evitata l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv sproporzjonat.

[…]

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jirrikjedi li l-impriżi jwettqu b'mod effettiv u kontinwu l-operazzjonijiet tagħhom bit-tagħmir u l-faċilitajiet tekniċi xierqa f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment, u jippermetti li jkun hemm rekwiżiti addizzjonali fil-livell nazzjonali, bl-aktar komuni jkun rekwiżit li jkollhom spazji ta' parkeġġ disponibbli fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Madankollu, dawk ir-rekwiżiti applikati b'mod mhux uniformi, ma kinux biżżejjed biex jiżguraw rabta ġenwina ma' dak l-Istat Membru sabiex jiġu miġġielda b'mod effiċjenti l-kumpaniji fantażma u biex jitnaqqas ir-riskju ta' kabotaġġ sistematiku u xufiera nomadiċi organizzati minn impriża li lejha l-vetturi ma jirritornawx. Meta jitqies li, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-qasam tat-trasport, jista' jkun hemm bżonn ta' regoli speċifiċi dwar id-dritt ta' stabbiliment u l-forniment ta' servizzi, huwa xieraq li jiġu armonizzati aktar ir-rekwiżiti ta' stabbiliment u li jissaħħu r-rekwiżiti marbuta mal-preżenza tal-vetturi użati mill-operatur tat-trasport fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Id-definizzjoni ta' intervall minimu ċar li matulu l-vettura trid tirritorna tikkontribwixxi wkoll biex jiġi żgurat li dawk il-vetturi tkun tista' ssirilhom manutenzjoni b'mod korrett bit-tagħmir tekniku li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment u tiffaċilita l-kontrolli.

Iċ-ċiklu għal dawn ir-ritorni jenħtieġ li jiġi sinkronizzat mal-obbligu fuq l-impriża tat-trasport fir-Regolament [Nru 561/2006] li torganizza l-operazzjonijiet tagħha b'mod li jippermetti lix-xufier jirritorna d-dar mill-inqas kull erba' ġimgħat, sabiex iż-żewġ obbligi jkunu jistgħu jiġu ssodisfati permezz tar-ritorn tax-xufier flimkien mal-vettura mill-inqas

ma' kull tieni ċiklu ta' erba' ġimgħat. Din is-sinkronizzazzjoni ssaħħaħ id-dritt tax-xufier li jirritorna u tnaqqas ir-riskju li l-vettura jkollha tirritorna biss biex tissodisfa dan ir-rekwiżit ġdid dwar l-istabbiliment. Madankollu, ir-rekwiżit ta' ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jenħtieġ li ma jirrikjedix li jitwettqu għadd speċifiku ta' operazzjonijiet fl-Istat Membru ta' stabbiliment jew li b'xi mod ieħor jillimita l-possibbiltà tal-operaturi li jipprovdu servizzi fis-suq intern kollu.

[…]

(20) Jenħtieġ li r-regoli dwar it-trasport nazzjonali li jsir fuq bażi temporanja minn operaturi tat-trasport mhux residenti fi Stat Membru ospitanti ('kabotaġġ') ikunu ċari, sempliċi u faċli biex jiġu infurzati, filwaqt li jżommu wkoll il-livell ta' liberalizzazzjoni li nkiseb sa issa.

(21) Jenħtieġ li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jgħinu biex jiżdied il-fattur ta' tagħbija ta' vetturi heavy-duty u jitnaqqsu l-vjaġġi bla tagħbija, u jenħtieġ li jiġu permessi sakemm dawn ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat. Biex ikun żgurat li ma jsirux operazzjonijiet ta' kabotaġġ b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa, jenħtieġ li l-operaturi tat-trasport ma jitħallewx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru fi żmien ċertu perijodu wara t-tmiem ta' perijodu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

(22) Filwaqt li l-liberalizzazzjoni ulterjuri stabbilita bl-Artikolu 4 tad-Direttiva [92/106], meta mqabbla mal-kabotaġġ skont ir-Regolament [Nru 1072/2009], kienet ta' benefiċċju fil-promozzjoni tat-trasport ikkombinat u għandha, fil-prinċipju, tinżamm, jenħtieġ li jiġi żgurat li ma tintużax ħażin. L-esperjenza turi li, f'ċerti partijiet tal-Unjoni, dik id-dispożizzjoni intużat b'mod sistematiku biex tiġi evitata n-natura temporanja tal-kabotaġġ u bħala l-bażi għall-preżenza kontinwa ta' vetturi fi Stat Membru li mhux dak tal-istabbiliment tal-impriża. Tali prattiki inġusti jwasslu għal dumping soċjali u jipperikolaw ir-rispett għall-qafas legali relatat mal-kabotaġġ. Jenħtieġ għalhekk li jkun possibbli li l-Istati Membri jidderogaw mill-Artikolu 4 tad-Direttiva [92/106] u japplikaw id-dispożizzjonijiet relatati mal-kabotaġġ fir-Regolament [Nru 1072/2009] sabiex jindirizzaw tali problemi billi jintroduċu limitu proporzjonat għall-preżenza kontinwa ta' vetturi fit-territorju tagħhom."

43 L-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 jipprevedi:

"Ir-Regolament [Nru 1071/2009] huwa emendat kif ġej:

[…]

(3) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-istabbiliment

1. Sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1), fl-Istat Membru ta' stabbiliment, l-impriża għandha:

(a) jkollha bini li fih tkun tista' taċċessa l-verżjoni oriġinali tad-dokumenti ewlenin tan-negozju tagħha, sew jekk fil-forma elettronika jew fi kwalunkwe forma oħra, partikolarment il-kuntratti dwar it-trasport, id-dokumenti relatati mal-vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriża, id-dokumenti dwar il-kontabbiltà, id-dokumenti dwar il-ġestjoni tal-persunal, il-kuntratti tax-xogħol, id-dokumenti tas-sigurtà soċjali, id-dokumenti li fihom data dwar id-dispaċċ u l-istazzjonar [kollokament] ta' xufiera, id-dokumenti li jkun fihom data relatata mal-kabotaġġ, mal-ħin tas-sewqan u l-perijodi ta' mistrieħ, u kwalunkwe dokument ieħor li għalih l-awtorità kompetenti jrid ikollha aċċess sabiex tivverifika l-konformità tal-impriża mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) torganizza l-attività tal-flotta tal-vetturi tagħha b'tali mod li jiġi żgurat li l-vetturi li jkunu għad-dispożizzjoni tal-impriża u użati fit-trasport internazzjonali jirritornaw lejn wieħed miċ-ċentri operazzjonali f'dak l-Istat Membru tal-inqas fi żmien tmien ġimgħat wara li jitilqu minn hemm;

(c) tkun irreġistrata fir-reġistru tal-kumpaniji kummerċjali ta' dak l-Istat Membru jew f'reġistru simili kull meta jkun meħtieġ skont il-liġi nazzjonali;

(d) tkun suġġetta għal taxxa fuq id-dħul u, kull meta meħtieġ skont il-liġi nazzjonali, ikollha numru ta' reġistrazzjoni validu tat-taxxa fuq il-valur miżjud;

(e) ladarba tingħata awtorizzazzjoni, ikollha għad-dispożizzjoni tagħha vettura waħda jew aktar li jkunu rreġistrati jew imqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni u awtorizzati biex jintużaw f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, kemm jekk dawk il-vetturi jkunu totalment proprjetà tagħha kif ukoll jekk, pereżempju, ikunu miżmuma taħt ftehim ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri jew taħt kuntratt ta' kiri jew leasing;

(f) twettaq b'mod effettiv u kontinwu l-attivitajiet amministrattivi u kummerċjali tagħha bit-tagħmir u l-faċilitajiet xierqa f'bini kif imsemmi fil-punt (a) li jkun jinsab f'dak l-Istat Membru u tamministra l-operazzjonijiet tat-trasport tagħha b'mod effettiv u kontinwu bl-użu tal-vetturi msemmija fil-punt (g) permezz tat-tagħmir tekniku xieraq li jkun jinsab f'dak l-Istat Membru;

(g) fuq bażi kontinwa, ikollha għad-dispożizzjoni regolari tagħha għadd ta' vetturi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (e) u xufiera li normalment ikunu bbażati f'ċentru operattiv f'dak l-Istat Membru, fiż-żewġ każijiet proporzjonat għall-volum tal-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa mill-impriża.

[…]'"

44 L-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jipprovdi:

"Ir-Regolament [Nru 1072/2009] huwa emendat kif ġej:

[…]

(4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'2a. L-operaturi tat-trasport m'humiex permessijwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ, bl-istess vettura, jew, fil-każ ta' vetturi kombinati, bil-vettura bil-mutur ta' dik l-istess vettura, fl-istess Stat Membru fi żmien erbat ijiem wara t-tmiem tal-aħħar operazzjoni ta' kabotaġġ tagħha f'dak l-Istat Membru.';

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'3. Is-servizzi nazzjonali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq imwettqa fl-Istat Membru ospitanti minn operatur tat-trasport tal-merkanzija mhux residenti għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament biss jekk l-operatur tat-trasport tal-merkanzija ikun jista' jagħti evidenza ċara tat-trasport internazzjonali li jkun sar qabel u ta' kull operazzjoni ta' kabotaġġ konsekuttiva li tkun ġiet imwettqat. Fil-każ li l-vettura kienet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti fi żmien il-perijodu ta' erbat ijiem ta' qabel it-trasport internazzjonali, l-operatur tat-trasport għandu jipproduċi wkoll evidenza ċara tal-operazzjonijiet kollha li saru matul dak il-perijodu.';

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

4a. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi ppreżentata jew trażmessa lill-uffiċjal ta' spezzjoni awtorizzat tal-Istat Membru ospitanti fuq talba waqt li jkun qed isir il-kontroll mal-ġenb tat-triq. Tista' tiġi ppreżentata jew trażmessa b'mod elettroniku, bl-użu ta' format strutturat li jippermetti li jsiru reviżjonijiet u li jista' jintuża direttament għall-ħżin u għall-ipproċessar b'kompjuter, bħal pereżempju nota ta' konsenja elettronika (e-CMR) skont il-Protokoll Addizzjonali ta' Ġinevra għall-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (cMR) fir-rigward tan-Nota Elettronika ta' Konsenja tal-20 ta' Frar 2008. Waqt li jkun qed isir il-kontroll mal-ġenb tat-triq, ix-xufier għandu jkun jista' jikkuntattja lill-uffiċċju prinċipali, lill-maniġer tat-trasport jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra sabiex jipprovdu, qabel it-tmiem tal-kontroll mal-ġenb tat-triq, kwalunkwe evidenza msemmija fil-paragrafu 3.'

[…]

(5) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

[…]

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

'7. Barra mill-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu u bħala deroga mill-Artikolu 4 tad-Direttiva [92/106], l-Istati Membri jistgħu, fejn meħtieġ biex jiġi evitat l-użu ħażin tad-dispożizzjoni tal-aħħar permezz tal-għoti ta' servizzi bla limitu u kontinwi li jikkonsistu minn vjaġġi inizjali jew finali bit-triq fi Stat Membru ospitanti li jifformaw parti minn operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, jipprevedu li l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament japplika għat-trasportaturi tal-merkanzija meta jwettqu tali partijiet minn vjaġġi inizjali u/jew finali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'dak l-Istat Membru. Fir-rigward ta' tali partijiet minn vjaġġi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu perijodu itwal mill-perijodu ta' sebat ijiem previst fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament u jistgħu jipprevedu perijodu iqsar mill-perijodu ta' erbat ijiem previst fl-Artikolu 8(2a) ta' dan ir-Regolament. L-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4) ta' dan ir-Regolament għal tali operazzjonijiet ta' trasport għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li ġejjin mid-Direttiva [92/106]. L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista f'dan il-paragrafu għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan qabel ma japplikaw il-miżuri nazzjonali

rilevanti tagħhom. Huma għandhom jirrevedu dawk il-miżuri mill-inqas kull ħames snin u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dik ir-reviżjoni. Huma għandhom jagħmlu r-regoli, inkluż it-tul tal-perijodi rispettivi, pubblikament disponibbli b'mod trasparenti."

3. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kollokament tal-ħaddiema

a) Id-Direttiva 96/71/KE

45 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar [kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 (ĠU 2018, L 173, p. 16, rettifika fil-ĠU 2019, L 91, p. 77), intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva għandha tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema stazzjonati [ħaddiema kkollokati] matul l-istazzjonar [il-kollokament] tagħhom fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi jiġu stipulati dispożizzjonijiet obbligatorji rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li għandhom jiġu rrispettati.

[…]

3. Din id-Direttiva għandha tapplika sa fejn l-impriżi imsemmija fil-paragrafu 1 jieħdu waħda mill-miżuri transnazzjonali li ġejjin:

(a) jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru għall-kont tagħhom proprju u taħt il-kontroll tagħhom fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn l-impriża li tagħmel l-istazzjonament u d-destinatarju tal-prestazzjoni ta' servizzi li jopera f'dak l-Isat Membru, sakemm teżisti relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża li tagħmel l-istazzjonament u l-ħaddiem fil-perjodu tal-istazzjonament;

jew

(b) jistazzjonaw ħaddiema fi stabbiliment jew f'impriża fil-proprjetà ta' grupp fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża li tagħmel l-istazzjonament u l-ħaddiema tul il-perjodu tal-istazzjonament;

jew

(c) billi jkunu impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju, ifornu ħaddiem lil impriża utenti stabbilita jew li topera fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju u l-ħaddiem matul il-perijodu tal-istazzjonament.

[…]"

46 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Tifsira", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'ħaddiem stazzjonat' ['ħaddiem ikkollokat'] tfisser ħaddiem li, għall-perjodu limitat jagħmel ix-xogħol tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru barra mill-Istat li normalment jaħdem fih."

47 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "It-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, irrispettivament minn liema liġi tkun tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg, li impriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu, abbażi ta' ugwaljanza ta' trattament, lill-ħaddiema li jkunu stazzjonati [ikunu kkollokati] fit-territorju tagħhom it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin li jkunu stipulati fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol:

– skont dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, u/jew

– skont ftehimiet kollettivi jew sentenzi ta' arbitraġġ li jkunu ġew iddikjarati applikabbli universalment jew li japplikaw mod ieħor f'konformità mal-paragrafu 8:

(a) il-perijodi massimi ta' xogħol u l-perijodi minimi ta' mistrieħ;
(b) it-tul minimu tal-leave annwali mħallas;
(c) ir-remunerazzjoni, inkluż ir-rati ta' sahra; dan il-punt ma japplikax għal skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplementari;
(d) il-kondizzjonijiet għall-forniment ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-forniment ta' ħaddiema minn impriżi tal-impjieg temporanju;
(e) is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol;
(f) miżuri protettivi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' nisa tqal jew nisa li welldu reċentement, ta' tfal u ta' żgħażagħ;
(g) ugwaljanza ta' trattament bejn l-irġiel u n-nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar in-nondiskriminazzjoni;
(h) il-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-ħaddiema fejn ipprovduti minn min iħaddem lil ħaddiema li jkunu l-bogħod mill-post tax-xogħol regolari tagħhom;
(i) allowances jew rimborż ta' spejjeż biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' vjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ għal ħaddiema l-bogħod mid-dar għal raġunijiet professjonali.

[…]

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw ma' min iħaddem u mal-ħaddiema, skond it-tradizzjonijiet u l-prattiki ta' kull Stat Membru, jiddeċiedu li ma japplikawx l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 (ċ) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a) u (b) meta t-tul tal-istazzjonament [kollokament] ma jaqbiżx xahar.

4. L-Istati Membri jistgħu, skond il-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali, jipprovdu li jistgħu isiru eżenzjonijiet mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (ċ) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a) u (b) u mid-deċiżjoni mill-Stat Membru fis-sens tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, permezz ta' ftehim kollettiv fis-sens tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, dwar wieħed jew aktar setturi ta' attività, meta t-tul tal-istazzjonament ma jaqbiżx xahar.

[…]"

b) Id-Direttiva 2014/67/UE

48 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71 u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU 2014, L 159, p. 11), jindirizza r-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll fil-qasam tal-kollokament ta' ħaddiema.

c) Id-Direttiva 2018/957

49 Skont il-premessa 15 tad-Direttiva 2018/957:

"Minħabba n-natura mobbli ħafna tal-ħidma fit-trasport internazzjonali bit-triq, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva f'dak is-settur tqajjem kwistjonijiet u diffikultajiet legali partikolari, li għandhom jiġu indirizzati, fil-qafas tal-pakkett tal-mobbiltà, permezz ta' regoli speċifiċi għat-trasport bit-triq ukoll bit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi u l-abbuż."

50 L-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għas-settur tat-trasport bit-triq mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġislattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU 2006, L 102, p. 35),] fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u li jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva [96/71] u d-Direttiva [2014/67] għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq."

d) Id-Direttiva 2020/1057

51 Il-premessi 1 sa 4, 7 sa 13, 15 u 43 tad-Direttiva 2020/1057 huma fformulati kif ġej:

"(1) Sabiex jinħoloq settur tat-trasport bit-triq li jkun sikur, effiċjenti u soċjalment responsabbli jeħtieġ li, minn naħa jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali xierqa għax-xufiera, u min-naħa l-oħra, kundizzjonijiet tajbin għan-negozju u għall-kompetizzjoni ġusta għall-operaturi tat-trasport bit-triq ('operaturi'). Billi r-rata ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol fis-settur tat-trasport bit-triq hija għolja, huma meħtieġa regoli speċifiċi għas-settur biex jiżguraw bilanċ bejn il-libertà tal-operaturi li jipprovdu servizzi transfruntiera, il-moviment liberu tal-merkanzija, kundizzjonijiet adegwati ta' xogħol u protezzjoni soċjali għax-xufiera.

(2) Fid-dawl tar-rata għolja ta' mobbiltà inerenti tas-servizzi tat-trasport bit-triq, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li x-xufiera jibbenefikaw mid-drittijiet li huma intitolati għalihom u li l-operaturi, li ħafna minnhom huma intrapriżi żgħar, ma jkollhomx iħabbtu wiċċhom ma' ostakli amministrattivi sproporzjonati jew kontrolli diskriminatorji li jillimitaw bla bżonn il-libertà tagħhom li jipprovdu servizzi transfruntiera. Għall-istess raġuni, kwalunkwe regola nazzjonali applikata għat-trasport bit-triq trid tkun proporzjonata kif ukoll ġustifikata, b'kont meħud tal-ħtieġa li jkunu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u

protezzjoni soċjali adegwati għax-xufiera u li jkun iffaċilitat l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq abbażi ta' kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi nazzjonali u dawk barranin.

(3) Il-bilanċ bejn it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol għax-xufiera u l-iffaċilitar tal-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq abbażi ta' kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi nazzjonali u barranin huwa kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(4) Wara li evalwaw l-effikaċja u l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni soċjali attwali tal-Unjoni fis-settur tat-trasport bit-triq, fid-dispożizzjonijiet eżistenti ġew identifikati ċerti lakuni u nuqqasijiet fl-infurzar tagħhom, fosthom dawk fir-rigward tal-użu ta' kumpaniji fantażma. Barra minn hekk, jeżistu għadd ta' diskrepanzi bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet, u dan joħloq piż amministrattiv kbir għax-xufiera u għall-operaturi. Dan joħloq inċertezza legali, li hija ta' ħsara għall-kundizzjonijiet soċjali u dawk tax-xogħol tax-xufiera u għall-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ġusta għall-operaturi fis-settur.

[…]

(7) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi u proporzjonata tad-Direttiva [96/71] fis-settur tat-trasport bit-triq, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għas-settur li jirriflettu l-partikolaritajiet tal-forza tax-xogħol mobbli ħafna fis-settur tat-trasport bit-triq u li jipprovdu bilanċ bejn il-protezzjoni soċjali tax-xufiera u l-libertà għall-operaturi li jipprovdu servizzi transfruntiera. Id-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar [il-kollokament] tal-ħaddiema, fid-Direttiva [96/71], u dwar l-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet, fid-Direttiva [2014/67], japplikaw għas-settur tat-trasport bit-triq u jenħtieġ li jkunu suġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(8) Billi s-settur tat-trasport huwa ta' natura mobbli ħafna, ix-xufiera mhumiex ġeneralment stazzjonati [ikkollokati] fi Stat Membru ieħor b'kuntratt ta' servizz għal żmien twil kif ġieli jkun il-każ f'setturi oħra. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi ċċarat taħt liema ċirkostanzi r-regoli dwar l-istazzjonar fit-tul fid-Direttiva [96/71] ma japplikawx għal tali xufiera.

(9) Jenħtieġ li regoli bilanċjati speċifiċi għas-settur dwar l-istazzjonar ikunu bbażati fuq l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn ix-xufier u s-servizz pprovdut, u t-territorju ta' Stat Membru ospitanti. Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport skont il-grad ta' konnessjoni mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

(10) Meta xufier iwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali mill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża ('l-Istat Membru ta' stabbiliment') lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz jew lura lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, in-natura tas-servizz hija marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment. Huwa possibbli li xufier iwettaq diversi operazzjonijiet ta' trasport bilaterali matul vjaġġ wieħed. Dan ikun jikkostitwixxi restrizzjoni sproporzjonata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport transfruntiera bit-triq jekk ir-regoli dwar l-istazzjonar, u għalhekk it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg garantiti fl-Istat Membru ospitanti, ikunu japplikaw għal tali operazzjonijiet bilaterali.

(11) Jenħtieġ li jiġi ċċarat li t-trasport internazzjonali fi tranżitu tul it-territorju ta' Stat Membru ma jikkostitwix sitwazzjoni ta' stazzjonar. Dawn l-operazzjonijiet huma karatterizzati mill-fatt li x-xufier jgħaddi mill-Istat Membru mingħajr ma jgħabbi jew iħott merkanzija u mingħajr ma jtella' jew iniżżel passiġġieri u għalhekk ma jkunx hemm rabta sinifikanti bejn l-attivitajiet tax-xufiera u l-Istat Membru ta' tranżitu. Għaldaqstant, il-kwalifikazzjoni tal-preżenza tax-xufier fi Stat Membru bħala fi tranżitu ma taffettwax il-waqfiet, pereżempju, għal raġunijiet iġjeniċi.

(12) Meta xufier ikun involut f'operazzjoni tat-trasport ikkombinata, in-natura tas-servizz ipprovdut matul il-parti inizjali jew finali tal-vjaġġ hija marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment jekk dik il-parti tal-vjaġġ waħidha tkun operazzjoni ta' trasport bilaterali. B'kuntrast, meta l-operazzjoni ta' trasport f'dik il-parti tal-vjaġġ titwettaq fl-Istat Membru ospitanti jew bħala operazzjoni ta' trasport internazzjonali mhux bilaterali, hemm konnessjoni suffiċjenti mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti u għalhekk jenħtieġ li r-regoli dwar l-istazzjonar japplikaw.

(13) Meta xufier iwettaq tipi oħra ta' operazzjonijiet, b'mod partikolari operazzjonijiet ta' kabotaġġ jew operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali mhux bilaterali, ikun hemm konnessjoni suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Ir-rabta teżisti fil-każ ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ kif definit fir-Regolamenti [Nru 1072/2009] [u fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament Nru 561/2006 (ĠU 2009, L 300, p. 88, rettifiki fil-ĠU 2015, L 272, p. 15 u fil-ĠU 2018, L 243, p. 21)] billi l-operazzjoni ta' trasport kollha kemm hi ssir fi Stat Membru ospitanti u s-servizz huwa b'hekk marbut mill-qrib mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Operazzjoni ta' trasport internazzjonali mhux bilaterali hija karatterizzata mill-fatt li x-xufier ikun involut fit-trasport internazzjonali barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża responsabbli għall-istazzjonar. Is-servizzi mwettqa huma għalhekk marbuta mal-Istati Membri ospitanti kkonċernati minflok mal-Istat Membru ta' stabbiliment. F'dawk il-każijiet, regoli speċifiċi għas-settur huma meħtieġa biss fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll.

[…]

(15) L-operaturi tal-Unjoni qed iħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni li qiegħda dejjem tikber minn operaturi bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk huwa tal-akbar importanza li jiġi żgurat li l-operaturi tal-Unjoni ma' jbatux minn diskriminazzjoni. Skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva [96/71], l-impriżi stabbiliti fi Stat li mhux membru m'għandhomx jingħataw trattamenti aktar favorevoli minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru. Jenħtieġ li dan il-prinċipju japplika wkoll fir-rigward ta' regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar previsti f'dik id-Direttiva. Jenħtieġ, b'mod partikolari, li japplika meta operaturi ta' pajjiżi terzi jwettqu operazzjonijiet ta' trasport skont ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jagħtu aċċess għas-suq tal-Unjoni.

[…]

(43) Il-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw mid-data ta' 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Id-Direttiva [2018/957] għandha tapplika għas-settur tat-trasport bit-triq, f'konformità mal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva, mit-2 ta' Frar 2022[.]"

52 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, intitolat "Regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar [il-kollokament] tax-xufiera", jipprevedi:

"1. Dan l-Artikolu jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward ta' ċerti aspetti tad-Direttiva [96/71] b'rabta mal-istazzjonar [kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u tad-Direttiva [2014/67] b'rabta mar-rekwiżiti amministrattivi u mal-miżuri ta' kontroll għall-istazzjonar ta' dawk ix-xufiera.

2. Dawn ir-regoli speċifiċi japplikaw għax-xufiera impjegati minn intrapriżi stabbiliti fi Stat Membru li jieħdu l-miżura tranżnazzjonali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva [96/71].

3. Minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [96/71/KE, xufier ma għandux jitqies stazzjonat għall-fini tad-Direttiva [96/71] meta jwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali fir-rigward ta' merkanzija.

Għall-fini ta' din id-Direttiva, operazzjoni ta' trasport bilaterali fir-rigward ta' merkanzija tfisser il-moviment ta' merkanzija, abbażi ta' kuntratt ta' trasport, mill-Istat Membru ta' stabbiliment, kif definit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament [Nru 1071/2009], lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz, jew minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment.

Mit-2 ta' Frar 2022, li hija d-data li minnha x-xufiera huma meħtieġa, skont l-Artikolu 34(7) tar-Regolament [Nru 165/2014], li jirreġistraw manwalment id-data dwar il-qsim tal-fruntieri, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-eżenzjoni għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali fir-rigward tal-merkanzija stabbilita fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu anki meta, minbarra li jwettaq operazzjoni ta' trasport bilaterali, ix-xufier iwettaq attività waħda ta' tagħbija u/jew ħatt fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi li x-xufier jgħaddi minnhom, dment li x-xufier ma jgħabbix merkanzija u jħottha fl-istess Stat Membru.

Meta operazzjoni ta' trasport bilaterali li tibda mill-Istat Membru ta' stabbiliment u li matulha ma tkun twettqet ebda attività addizzjonali tkun segwita minn operazzjoni ta' trasport bilaterali lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, l-eżenzjoni għal attivitajiet addizzjonali stabbilita fit-tielet subparagrafu għandha tapplika għal massimu ta' żewġ attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ħatt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu.

L-eżenzjonijiet għall-attivitajiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet u fir-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss sad-data li minnha jridu jitwaħħlu għall-ewwel darba takografi intelliġenti li jikkonformaw mar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-attivitajiet addizzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament [Nru 165/2014] fil-vetturi reġistrati fi Stat Membru, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Minn dik id-data l-eżenzjonijiet għall-attivitajiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet u fir-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss għax-xufiera li jużaw vetturi li jkollhom takografi intelliġenti, kif previst fl-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dak ir-Regolament.

4. Minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [96/71], xufier ma għandux jitqies stazzjonat għall-fini tad-Direttiva [96/71] meta jwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali fir-rigward ta' passiġġieri.

Għall-fini ta' din id-Direttiva, operazzjoni ta' trasport bilaterali fit-trasport internazzjonali okkażjonali jew regolari ta' passiġġieri, fit-tifsira tar-Regolament [Nru 1073/2009], hija meta xufier iwettaq kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġbor passiġġieri fl-Istat Membru ta' stabbiliment u jniżżilhom fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(b) jiġbor passiġġieri fi Stat Membru jew f'pajjiż terz u jniżżilhom fl-Istat Membru ta' stabbiliment; jew

(c) jiġbor u jniżżel passiġġieri fl-Istat Membru ta' stabbiliment għall-fini tat-twettiq ta' eskursjonijiet lokali fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, f'konformità mar-Regolament [Nru 1073/2009].

Mit-2 ta' Frar 2022, li tkun id-data li minnha x-xufiera jkunu meħtieġa, skont l-Artikolu 34(7) tar-Regolament [Nru 165/2014], li jirreġistraw manwalment id-data dwar il-qsim tal-fruntieri, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-eżenzjoni għall-operazzjonijiet tat-trasport bilaterali fir-rigward ta' passiġġieri stabbilita fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu wkoll meta, minbarra t-twettiq ta' operazzjoni ta' trasport bilaterali, ix-xufier jiġbor passiġġieri darba u/jew iniżżel passiġġieri darba fl-Istati Membri jew pajjiżi terzi li x-xufier jgħaddi minnhom, dment li x-xufier ma joffrix servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bejn żewġ postijiet fi ħdan l-Istat Membru li jkun għadda minnu. L-istess għandu japplika għall-vjaġġ ta' ritorn.

L-eżenzjoni għal attivitajiet addizzjonali stabbilita fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tapplika biss sad-data li minnha jridu jitwaħħlu għall-ewwel darba takografi intelliġenti li jikkonformaw mar-rekwiżit tar-reġistrazzjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-attivitajiet addizzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament [Nru 165/2014] fil-vetturi reġistrati fi Stat Membru, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Minn dik id-data l-eżenzjoni għall-attivitajiet addizzjonali stabbilita fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tapplika biss għax-xufiera li jużaw vetturi li jkollhom takografi intelliġenti, kif previst fl-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dak ir-Regolament.

5. Minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [96/71], xufier ma għandux jiġi kkunsidrat bħala stazzjonat għall-fini tad-Direttiva [96/71] meta x-xufier jgħaddi minn territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jgħabbi jew iħott merkanzija u mingħajr ma jtella' jew iniżżel passiġġieri.

6. Minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [96/71], xufier ma għandux ikun ikkunsidrat stazzjonat għall-fini tad-Direttiva [96/71] meta jkun qed iwettaq il-parti tal-vjaġġ inizjali jew finali ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinata kif definita fid-Direttiva [92/106], jekk il-parti tal-vjaġġ waħidha tikkonsisti f'operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, kif definiti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

7. Xufier li jwettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ kif definit fir-Regolamenti [Nru 1072/2009 u Nru 1073/2009] għandu jitqies bħala stazzjonat skont id-Direttiva [96/71].

[…]

10. Impriżi ta' trasport stabbiliti fi Stat mhux Membru ma għandhomx jingħataw trattament aktar favorevoli minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru, inkluż meta jwettqu operazzjonijiet ta' trasport skont ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jagħtu aċċess għas-suq tal-Unjoni jew partijiet minnu.

11. B'deroga mill-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva [2014/67], l-Istati Membri jistgħu jimponu biss ir-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll li ġejjin fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera:

(a) obbligu li l-operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor jippreżenta dikjarazzjoni tal-istazzjonament lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru li x-xufier ikun stazzjonat fih mhux aktar tard minn meta jibda l-istazzjonament, billi juża formola standard multilingwi tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('IMI'), stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ('ir-Regolament tal-IMI') (ĠU 2012, L 316, p. 1).] […]

[…]"

53 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2020/1057, intitolat "Traspożizzjoni", jipprovdi, fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Sat-2 ta' Frar 2022, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mit-2 ta' Frar 2022."

4. Il-Ftehim Interistituzzjonali

54 Il-punti 12 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea, tat-13 ta' April 2016, dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU 2016, L 123, p. 1, iktar 'il quddiem il-Ftehim Interistituzzjonali"), li jinsabu fil-Kapitolu III tiegħu, intitolat "Għodod għat-tfassil aħjar tal-liġijiet", jipprovdu, taħt it-titolu "Valutazzjoni tal-impatt":

"12. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu dwar il-kontribut pożittiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt fit-titjib tal-kwalità tal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda biex tgħin lit-tliet Istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u mhumiex sostitut għal deċiżjonijiet politiċi fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-valutazzjonijiet tal-impatt ma għandhomx iwasslu għal dewmien żejjed fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet jew jippreġudikaw il-kapaċità tal-koleġislatur li jipproponi emendi.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkopru l-eżistenza, l-iskala u l-konsegwenzi ta' problema u l-kwistjoni dwar jekk hix meħtieġa azzjoni mill-Unjoni jew le. Huma jeħtieġ li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi u, fejn possibbli, l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali fuq perijodu qasir u fit-tul, filwaqt li jivvalutaw l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat u jużaw kemm l-analiżi kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għandhom jiġu rrispettati b'mod sħiħ, hekk kif għandhom jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jindirizzaw ukoll, kull meta possibbli, 'kemm tqum in-non-Ewropa' u l-impatt fuq il-kompetittività u l-piżijiet amministrattivi tal-għażliet differenti, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-[impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)] ('Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir'),

l-aspetti diġitali u l-impatt territorjali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża, oġġettiva u kompluta u li jkunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi tagħhom.

13. Il-Kummissjoni ser tagħmel valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li jkunu mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti. Bħala regola ġenerali, l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

    Fil-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess, il-Kummissjoni ser twettaq konsultazzjoni li tkun wiesgħa kemm jista' jkun. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni ser iwettaq kontroll tal-kwalità oġġettiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha. Ir-riżultati finali tal-valutazzjonijiet tal-impatt ser ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali, u ser ikunu ppubblikati flimkien mal-opinjoni(jiet) tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju meta tiġi adottata l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

14. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, meta jikkunsidraw il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, ser jieħdu kont sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jiġu ppreżentati b'tali mod li jiffaċilitaw il-kunsiderazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-għażliet li tkun għamlet il-Kummissjoni.

15. Meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni. Bħala regola ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq għall-ħidma ulterjuri tagħhom. Id-definizzjoni ta' emenda 'sostanzjali' għandha tiġi ddeterminata mill-Istituzzjoni rispettiva.

16. Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess jew fuq stedina mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, tikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess jew twettaq ħidma analitika oħra li tqis meħtieġa. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni ser tieħu kont tal-informazzjoni kollha disponibbli, l-istadju li ntlaħaq fil-proċess leġislattiv u l-ħtieġa li jiġi evitat dewmien żejjed f'dak il-proċess. Il-koleġislaturi ser jieħdu kont sħiħ ta' kwalunkwe element addizzjonali provdut mill-Kummissjoni f'dak il-kuntest."

55 Il-punt 42 tal-Ftehim Interistituzzjonali, li jinsab fil-Kapitolu VII tiegħu, intitolat "Implimentazzjoni u applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni", huwa fformulat kif ġej:

"It-tliet Istituzzjonijiet jisħqu fuq il-bżonn tal-applikazzjoni veloċi u korretta tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Istati Membri. Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-direttivi ser ikun qasir kemm jista' jkun u, ġeneralment, ma jeċċediex is-sentejn."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

56 Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni adottat diversi proposti li kienu jagħmlu parti "mill-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà", imsejħa wkoll il-"Pakkett dwar il-mobbiltà", bil-għan li jiġu emendati ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-settur tat-trasport bit-triq.

57 Dawn kienu jinkludu, l-ewwel nett, il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (COM(2017) 277 final, iktar 'il quddiem il-"Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol"), it-tieni nett, il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur (COM(2017) 281 final, iktar 'il quddiem il-"Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment") u, it-tielet nett, il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (COM(2017) 278 final, iktar 'il quddiem il-"Proposta għal direttiva dwar il-kollokament").

58 Dawn il-proposti kienu akkumpanjati minn żewġ valutazzjonijiet tal-impatt, waħda dwar l-ewwel u t-tielet waħda minn dawn il-proposti (SWD(2017) 186 final, iktar 'il quddiem il-"komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt"), u l-oħra dwar it-tieni proposta (SWD(2017) 194 final, iktar 'il quddiem il-"komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt").

59 Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ta żewġ opinjonijiet separati dwar, rispettivament, il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur (COM(2017) 281 final – 2017/0123 (cOD)) (ĠU 2018, C 197, p. 38), kif ukoll dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (COM(2017) 278 final – 2017/0121 (cOD)) u dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (COM(2017) 277 final – 2017/0122 (cOD)) (ĠU 2018, C 197, p. 45). Min-naħa tiegħu, fl-1 ta' Frar 2018 il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) ta opinjoni dwar dawn it-tliet proposti bit-titolu "Ewropa attiva: aspetti tax-xogħol fit-trasport bit-triq" (ĠU 2018, C 176, p. 57).

60 Wara diskussjonijiet kemm fi ħdan il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kif ukoll bejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet, intlaħaq kompromess dwar it-tliet Proposti tal-Kummissjoni matul in-negozjati li saru fil-11 u fit-12 ta' Diċembru 2019 fil-kuntest tat-trilogu interistituzzjonali bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni.

61 Fis-7 ta' April 2020, waqt il-vot fi ħdan il-Kunsill dwar l-adozzjoni tat-tliet atti leġiżlattivi inkwistjoni, dawn kisbu l-appoġġ ta' maġġoranza kkwalifikata ta' Stati Membri, iżda disgħa minnhom, jiġifieri r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Rumanija oġġezzjonaw għal din l-adozzjoni.

62 Fil-15 ta' Lulju 2020, il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055 kif ukoll id-Direttiva 2020/1057 (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, l-"atti kkontestati").

III. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

A. Kawża C-541/20

63 Ir-Repubblika tal-Litwanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla, prinċipalment, l-Artikolu 1(3) u (7) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, din id-direttiva fl-intier tagħha;

– tannulla, prinċipalment, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

64 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Litwanja għall-ispejjeż.

65 Permezz ta' digriet tat-13 ta' April 2021, Il-Litwanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-541/20 R, EU:C:2021:264), il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-talba tar-Repubblika tal-Litwanja sabiex tiġi ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054.

66 Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Litwanja.

67 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

68 Waqt is-seduta li nżammet fil-25 ta' April 2023, ir-Repubblika tal-Litwanja rtirat it-talba tagħha għall-annullament tal-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2020/1057.

B. Kawża C-542/20

69 Ir-Repubblika tal-Litwanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– tannulla l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

70 Permezz ta' deċiżjonijiet tas-26 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Litwanja.

71 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

C. Kawża C-543/20

72 Ir-Repubblika tal-Bulgarija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla, prinċipalment, il-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

73 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż.

74 Permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

75 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

D. Kawża C-544/20

76 Ir-Repubblika tal-Bulgarija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-Direttiva 2020/1057 u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

77 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż.

78 Permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

79 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

E. Kawża C-545/20

80 Ir-Repubblika tal-Bulgarija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jew, sussidjarjament, tannulla dan il-punt 3 tal-Artikolu 1 fl-intier tiegħu;

– tannulla l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jew, sussidjarjament, tannulla dan il-punt 4 tal-Artikolu 2 fl-intier tiegħu;

– b'mod iktar sussidjarju, tannulla dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

81 Permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

82 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

83 Permezz ta' digriet tat-3 ta' Ġunju 2022, Il-Bulgarija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-545/20 R, EU:C:2022:445), il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba tar-Repubblika tal-Bulgarija għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, prinċipalment, tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jew, sussidjarjament, ta' dan il-punt 3 tal-Artikolu 1 fl-intier tiegħu jew, b'mod iktar sussidjarju, tar-Regolament 2020/1055 fl-intier tiegħu.

F. Kawża C-546/20

84 Ir-Rumanija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla, prinċipalment, il-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

85 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

86 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba tar-Repubblika tal-Latvja sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Rumanija.

87 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

G. Kawża C-547/20

88 Ir-Rumanija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– tannulla l-punt 4(a) sa (c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055;

– sussidjarjament, tannulla dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

89 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Repubblika tal-Litwanja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Rumanija.

90 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

91 Permezz ta' digriet tat-3 ta' Ġunju 2022, Ir-Rumanija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-547/20 R, EU:C:2022:446), il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba tar-Rumanija għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

H. Kawża C-548/20

92 Ir-Rumanija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla, prinċipalment, l-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, din id-direttiva fl-intier tagħha, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

93 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

94 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba tar-Repubblika tal-Estonja u tar-Repubblika tal-Latvja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Rumanija.

95 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

I. Kawża C-549/20

96 Ir-Repubblika ta' Ċipru titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jew, sussidjarjament, tannulla dan il-punt 3 tal-Artikolu 1 fl-intier tiegħu;

– b'mod iktar sussidjarju, tannulla r-Regolament 2020/1055 fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

97 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-12 ta' Mejju 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

98 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

J. Kawża C-550/20

99 Ir-Repubblika ta' Ċipru titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-Direttiva 2020/1057 u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

100 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Repubblika ta' Ċipru għall-ispejjeż.

101 Permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

102 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

K. Kawża C-551/20

103 L-Ungerija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 u l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li ma jistgħux jiġu sseparati minnhom, jew saħansitra l-imsemmi regolament fl-intier tiegħu;

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1055 li ma jistgħux jiġu sseparati minnu;

– tannulla, prinċipalment, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, l-Artikolu 1(6) tagħha, kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li ma jistgħux jiġu sseparati minnu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

104 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

105 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-13 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Ungerija.

106 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

L. Kawża C-552/20

107 Ir-Repubblika ta' Malta titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– tannulla l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

108 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tal-Belġju, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika ta' Malta.

109 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

M. Kawża C-553/20

110 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla, prinċipalment, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, dan ir-regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

111 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

112 Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.

113 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

N. Kawża C-554/20

114 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– tannulla l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055;

– tannulla l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament;

– sussidjarjament, tannulla l-imsemmi regolament fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

115 Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.

116 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

O. Kawża C-555/20

117 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-Artikolu 1(3), (4), (6) u (7), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057, jew, sussidjarjament, din id-direttiva fl-intier tagħha, u

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

118 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu, u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

119 Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja u tar-Rumanija sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.

120 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Isvezja sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll it-talba tar-Repubblika Taljana sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

P. Fuq it-tgħaqqid tal-Kawżi C-541/20 sa C-555/20

121 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2023, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, konformement mal-Artikolu 54(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jgħaqqad il-Kawżi C-541/20 sa C-555/20 għall-finijiet kemm tal-fażi orali tal-proċedura, sa fejn din kienet għadha ma ngħalqitx, kif ukoll tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

IV. Fuq ir-rikorsi

A. Fuq ir-Regolament 2020/1054

122 Ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), ir-Rumanija (Kawża C-546/20), l-Ungerija (Kawża C-551/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-553/20) jitolbu l-annullament ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1054 jew, sussidjarjament, l-annullament ta' dan ir-regolament fl-intier tiegħu.

123 Fl-ewwel lok, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija huma intiżi għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li ssostitwixxa l-paragrafu 8 tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006 b'paragrafu 8 ġdid, li jipprojbixxi, essenzjalment, lix-xufiera milli jieħdu f'vettura l-perijodi normali ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tagħhom jew ta' iktar minn 45 siegħa meħuda bħala kumpens għat-tnaqqis ta' perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa preċedenti (iktar 'il quddiem il-"projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura").

124 Fit-tieni lok, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja huma intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li introduċa l-paragrafu 8a fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006, li jipprevedi l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw il-ħin tax-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jirritornaw kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont jekk qabel ikunux ħadu jew le żewġ perijodi ta' mistrieħ mnaqqsa ta' kull ġimgħa konsekuttivi, fiċ-ċentru operattiv ta' din il-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, rispettivament, sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu minn tal-inqas perijodu wieħed ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa (iktar 'il quddiem l-"obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054").

125 Fit-tielet lok, ir-rikors ippreżentat mill-Ungerija huwa intiż ukoll għall-annullament tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, li ssostitwixxa l-paragrafu 4 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 165/2014 b'paragrafu 4 ġdid u bil-paragrafu 4a, li jmexxu 'l quddiem id-data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligu li jiġu installati takografi intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni (iktar 'il quddiem it-"takografi V2").

126 Fir-raba' u l-aħħar lok, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Litwanja huwa intiż ukoll għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn dan l-artikolu jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament bħala l-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi

127 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-541/20) intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Repubblika tal-Litwanja tqajjem erba' motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-Artikolu 45 TFUE, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 26 TFUE (l-ewwel parti) u tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti), it-tielet wieħed, tal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikoli 11 u 191 TFUE kif ukoll tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u, ir-raba' wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Insostenn tat-talbiet ta' dan l-istess rikors intiżi għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, l-imsemmi Stat Membru jqajjem tliet motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tieni wieħed, tal-obbligu ta' motivazzjoni, previst fl-Artikolu 296 TFUE, u, it-tielet wieħed, tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

128 Insostenn tar-rikors tagħha (Kawża C-543/20) intiż għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 u tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka ħames motivi. L-ewwel sat-tielet motiv, diretti kontra l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, huma bbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-Artikolu 45 TFUE (l-ewwel parti) kif ukoll tal-Artikolu 21(1) TFUE u tal-Artikolu 45(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") (it-tieni parti), it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE (iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità"), kif ukoll, it-tielet wieħed, tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Ir-raba' motiv, dirett kontra l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 1 ta' dan il-protokoll. Il-ħames motiv, dirett kontra l-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni, stabbiliti

fl-Artikolu 18 TFUE kif ukoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE u, "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", tal-Artikolu 95(1) TFUE.

129 Insostenn tar-rikors tagħha (Kawża C-546/20) intiż għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 u tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Rumanija tinvoka tliet motivi. L-ewwel motiv, dirett kontra dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, previst fl-Artikolu 5(4) TUE. It-tieni motiv, dirett kontra l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, huwa bbażat fuq ksur tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE. It-tielet motiv, maqsum f'żewġ partijiet, dirett kontra l-punt 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, previst fl-Artikolu 18 TFUE.

130 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-551/20) intiżi għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, l-Ungerija tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Insostenn tat-talbiet tal-imsemmi rikors intiżi għall-annullament tal-punt 2 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, dan l-Istat Membru jqajjem tliet motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-obbligu li tinżamm il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni, previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

131 Insostenn tar-rikors tagħha (Kawża C-553/20) intiż għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Repubblika tal-Polonja tqajjem ħames motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, it-tielet wieħed, tal-Artikolu 91(2) TFUE, ir-raba' wieħed, tal-Artikolu 94 TFUE u, il-ħames wieħed, tal-Artikolu 11 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta.

132 Għandhom jiġu eżaminati suċċessivament it-talbiet tar-rikorsi intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1, tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1, tal-punt 2 tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054.

2. Fuq il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

133 Insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), ir-Rumanija (Kawża C-546/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-553/20) jinvokaw, skont il-każ, ksur, essenzjalment:

– tal-prinċipju ta' proporzjonalità (l-ewwel sat-tielet parti tar-raba' motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija u l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Polonja);

– tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, l-ewwel parti tal-ħames motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u t-tieni parti tat-tielet motiv tar-Rumanija);

– tal-prinċipju ta' ċertezza legali (ir-raba' parti tar-raba' motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u t-tieni motiv tar-Repubblika tal-Polonja);

– tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni, previst fl-Artikolu 21(1) TFUE u fl-Artikolu 45 tal-Karta (it-tieni parti tal-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija);

– tal-funzjonament tas-suq intern, previst fl-Artikolu 26 TFUE (l-ewwel parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja);

– tal-moviment liberu tal-ħaddiema, previst fl-Artikolu 45 TFUE (l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Litwanja u l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija);

– tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE (it-tieni motiv tar-Rumanija);

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, previsti fl-Artikolu 91(2) TFUE (it-tieni parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Polonja) u fl-Artikolu 94 TFUE (it-tieni parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, u r-raba' motiv tar-Repubblika tal-Polonja), kif ukoll

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent (it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja u l-ħames motiv tar-Repubblika tal-Polonja).

a) Fuq l-ammissibbiltà

1) L-argumenti tal-partijiet

134 Fil-kawża C-543/20, il-Kunsill jesprimi dubji dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet tar-rikors tar-Repubblika tal-Bulgarija intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 peress li dawn it-talbiet, fir-realtà, ma humiex intiżi li jikkontestaw il-validità ta' din id-dispożizzjoni iżda li jiksbu kjarifika dwar l-interpretazzjoni tagħha.

135 Il-Kunsill ifakkar f'dan ir-rigward li test tad-dritt sekondarju tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, sa fejn ikun possibbli, fis-sens tal-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Huwa jirrileva li, f'dan il-każ, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jkun is-suġġett ta' tali interpretazzjoni konformi, bil-konsegwenza, jekk dan ikun il-każ, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għalfejn teżamina l-motivi invokati insostenn tat-talbiet tagħha. Għaldaqstant, jew l-interpretazzjoni ppreferuta minn dan l-Istat Membru hija korretta, f'liema każ ma tkunx qiegħda tiddaħħal inkwistjoni l-validità ta' din id-dispożizzjoni, jew inkella din l-interpretazzjoni hija żbaljata, minħabba li tkun teżisti interpretazzjoni oħra konformi mat-Trattati, f'liema każ il-motivi kollha invokati jkollhom jiġu miċħuda bħala infondati.

136 Ma jkunx aċċettabbli li Stat Membru juża l-pożizzjoni privileġġata li jgawdi skont l-Artikolu 263 TFUE sabiex jikkontesta l-legalità ta' atti leġiżlattivi tad-dritt tal-Unjoni sempliċement sabiex tiġi kkjarifikata t-tifsira tagħhom billi jippreżenta interpretazzjonijiet differenti lill-Qorti tal-Ġustizzja u jitlobha twarrab uħud minnhom. Bħall-Artikolu 267 TFUE, l-Artikolu 263 TFUE ma jistax jintuża sabiex isiru domandi ipotetiċi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

137 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li t-talbiet tar-rikors tagħha intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 huma ammissibbli.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

138 Minn qari flimkien tal-Artikoli 263 u 264 TFUE jirriżulta li rikors ippreżentat abbażi tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet u intiż għall-annullament ta' wieħed mill-atti msemmija fl-ewwel paragrafu tagħha għandu jkollu bħala suġġett l-annullament ta' dan l-att. Minn dan isegwi li rikors li t-talbiet tiegħu jkunu intiżi li tinkiseb mill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni ta' tali att ma jistax ikun ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u jkollu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

139 Madankollu, meta parti titlob, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament ta' att tal-Unjoni u tindika fir-rikors tagħha, kif jeżiġu l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 120(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivi u l-argumenti invokati insostenn tat-talba tagħha kif ukoll l-espożizzjoni fil-qosor ta' dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha neċessarjament, u indipendentement minn kull talba f'dan is-sens tar-rikorrent, tivverifika l-fondatezza tal-interpretazzjoni tal-att ikkontestat li tikkostitwixxi l-premessa tal-imsemmija motivi u argumenti. Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta interpretazzjoni differenti ta' dan l-att, din l-interpretazzjoni tista' tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika ċ-ċaħda ta' dawn tal-aħħar bħala infondati.

140 F'dan il-każ, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Bulgarija fil-Kawża C-543/20 jindika b'mod ċar u preċiż il-motivi u l-argumenti invokati insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, kif ukoll l-espożizzjoni fil-qosor ta' dawn il-motivi. Għalhekk, minn dan ir-rikors jirriżulta li r-rikors ippreżentat f'din il-kawża għandu l-għan li jikkontesta l-legalità ta' din id-dispożizzjoni skont l-Artikolu 263 TFUE b'osservanza tar-rekwiżiti previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 120(c) tar-Regoli tal-Proċedura.

141 Barra minn hekk, minn qari ta' dan ir-rikors jirriżulta li l-motivi u l-argumenti invokati mir-Repubblika tal-Bulgarija jitilqu mill-premessa li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tobbliga lix-xufiera, sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà għax-xufiera li jagħżlu huma stess il-post fejn jixtiequ jqattgħu dan il-perijodu ta' mistrieħ.

142 Għalhekk, l-eżami ta' dawn il-motivi u argumenti jeħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk l-interpretazzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, imsemmija fil-punt preċedenti, li tikkostitwixxi l-premessa tagħhom, hijiex korretta.

143 Huwa minnu li, kif ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi hija stess f'parti preliminari tar-rikors tagħha, minn naħa, din id-dispożizzjoni tista' tiġi interpretata wkoll fis-sens li ma timponix fuq ix-xufiera tali obbligu ta' ritorn f'wieħed miż-żewġ postijiet speċifikati minnha, f'liema każ dawn ix-xufiera jibqgħu liberi li jagħżlu li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post fejn jixtiequ jagħmlu dan, u, min-naħa l-oħra, li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta tali interpretazzjoni, ma jkunx hemm lok li jiġu eżaminati l-motivi u l-argumenti invokati insostenn tar-rikors tagħha u bbażati fuq ksur tal-libertajiet fundamentali ta' moviment tal-ħaddiema u taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni. Madankollu, tali ċirkustanza ma tiġġustifikax li dan ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja hija fi kwalunkwe każ obbligata tivverifika l-fondatezza tal-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni li tikkostitwixxi l-premessa ta' dawn il-motivi u argumenti.

144 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill kontra t-talbiet tar-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Bulgarija intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għandha tiġi miċħuda.

b) Fuq il-mertu

145 Mill-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja insostenn tat-talbiet tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jirriżulta li l-motivi invokati minn dawn l-Istati Membri, ibbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE u tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-protezzjoni tal-ambjent, huma bbażati fuq il-premessa li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens indikat fil-punt 141 ta' din is-sentenza, jiġifieri bħala li tobbliga lix-xufiera jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom, u b'hekk iċċaħħadhom mill-possibbiltà li jagħżlu huma stess il-post fejn jixtiequ jqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

146 Madankollu, sa fejn ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja jikkritikaw, f'dan ir-rigward, lil-leġiżlatur tal-Unjoni li kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali, minħabba li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex ċar biżżejjed, għandhom, għaldaqstant, jiġu eżaminati fl-ewwel lok il-motivi u l-argumenti bbażati fuq ksur ta' dan il-prinċipju.

1) Fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali

i) L-argumenti tal-partijiet

147 Ir-Repubblika tal-Litwanja, fil-kuntest tar-raba' parti tar-raba' motiv tagħha, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tielet motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tat-tieni motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba n-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-portata preċiża tiegħu.

148 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jiggwidaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Għalkemm jista' jiġi aċċettat li leġiżlazzjoni tkun vaga, tinkludi termini astratti jew tagħti marġni ta' evalwazzjoni, dan huwa madankollu suġġett għall-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni ma twassalx għal arbitrarjetà u għall-kundizzjoni li tkun tista' tiġi ppreċiżata mill-ġurisprudenza, li ma huwiex il-każ f'din il-kawża.

149 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja jqisu li n-natura stess tal-obbligi imposti fuq ix-xufiera jew fuq l-impriżi tat-trasport ma hijiex iddefinita b'mod ċar. Huma jargumentaw li l-formulazzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 tħalli dubji sinjifikattivi fir-rigward tal-kwistjonijiet jekk ix-xufiera jistgħux jagħżlu, sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tagħhom, post li ma jkunx wieħed miż-żewġ postijiet indikati f'din id-dispożizzjoni, jekk l-osservanza tal-obbligu li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni

taqax fuq ix-xufiera jew fuq l-impriżi tat-trasport u, f'dan l-aħħar każ, jekk dawn l-impriżi humiex obbligati biss li jagħtu lix-xufier ħin liberu u li jipprovdulu mod ta' trasport sabiex ikun jista' jieħu l-perijodu ta' mistrieħ tiegħu f'wieħed miż-żewġ postijiet indikati jew jekk humiex obbligati wkoll li jiżguraw li x-xufier effettivament imur f'wieħed minn dawn il-postijiet, kif pjuttost tissuġġerixxi l-premessa 14 ta' dan ir-regolament, li tirreferi għall-osservanza mit-trasportatur tal-obbligi tiegħu "rigward l-organizzazzjoni tar-ritorn regolari".

150 Ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Bulgarija jqisu li l-unika interpretazzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 li tkun konformi mal-libertajiet fundamentali tax-xufiera u mal-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol hija li jiġi kkunsidrat li din id-dispożizzjoni ma timponix fuq ix-xufier l-obbligu li jirritorna fil-post ta' residenza tiegħu jew fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-persuna li timpjegah, iżda li t-trasportatur għandu jorganizza x-xogħol tax-xufier b'mod li ma jikkompromettix il-libertà ta' dan tal-aħħar li jagħżel li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu fil-post fejn ikun jixtieq jagħmel dan. Skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, madankollu, anki jekk l-imsemmija dispożizzjoni għandha tali portata, il-persuna li timpjega għandha tkun marbuta b'tali obbligu biss jekk ix-xufier jesprimi x-xewqa li jirritorna lejn wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet.

151 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jqisu li huwa diffiċli ħafna li jiġi ddeterminat il-mod kif l-impriża tat-trasport għandha konkretament tissodisfa l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma speċifikax b'liema mod dan l-obbligu għandu jiġi osservat fil-prattika. Għalhekk, la l-modalitajiet tar-ritorn tax-xufier, bħalma huma l-ispejjeż u l-prova tar-ritorn, u lanqas dawk ta' rifjut ta' ritorn u l-konsegwenzi tiegħu f'termini ta' sanzjonijiet għall-persuna li timpjega u, jekk ikun il-każ, għall-ħaddiem ma huma ppreċiżati. Bl-istess mod, l-espressjoni "post ta' residenza" tax-xufier ma hijiex iddefinita b'mod ċar. B'mod partikolari, ma huwiex ċar jekk xufier minn pajjiż terz għandux jirritorna f'dan il-pajjiż jew fil-post ta' residenza temporanju fl-Istat Membru kkonċernat u, b'mod iktar ġenerali, ma huwiex ċert jekk din l-espressjoni tirreferix għall-Istat Membru kkonċernat jew għal indirizz preċiż tal-post ta' residenza. Dawn l-inċertezzi kollha jagħmlu l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament 2020/1054 impossibbli. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Polonja, hija ssostni li dan ir-regolament ma jippermettix li jiġi identifikat il-mod kif l-impriża tat-trasport għandha tobbliga lix-xufier juża l-possibbiltà ta' ritorn li hija toffrilu. Bl-istess mod, ma hijiex ċara l-kwistjoni tal-vettura li għandha tintuża għal dan l-għan. Il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament jista' għalhekk jimponi fuq it-trasportaturi obbligi li jkun assolutament impossibbli għalihom li josservawhom mingħajr ma jiksru d-dritt fundamentali tal-ħaddiema għal-libertà individwali.

152 Fit-tielet lok, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-kwistjoni dwar jekk ir-ritorn fil-post ta' residenza għandux ikun ippreċedut minn ritorn fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega tqajjem ukoll dubji sinjifikattivi. Hija targumenta li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma huwiex ċar jekk, billi tippermetti lix-xufiera jirritornaw direttament fil-post ta' residenza tagħhom, l-impriża tat-trasport tkunx qiegħda tissodisfa l-obbligu li tiggarantilhom perijodu ta' mistrieħ, peress li x-xufiera "jibd[ew i]l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa" tagħhom fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega. Dan in-nuqqas ta' preċiżjoni jista' jwassal lill-impriżi tat-trasport sabiex jipprovdu lix-xufiera mezz ta' trasport lejn iċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, u biss sussegwentement lejn il-post ta' residenza tagħhom, li jimplika, għax-xufiera li jirrisjedu 'l bogħod minn dan iċ-ċentru operattiv, mistrieħ ta' kwalità inqas.

153 Fir-raba' lok, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li ma huwiex ċar jekk it-takografu, li r-reġistrazzjonijiet tiegħu jikkostitwixxu l-provi meħtieġa mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott f'dan ir-regolament mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, huwiex dak tal-vettura li permezz tagħha x-xufier jirritorna fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tiegħu jew dak tal-vettura ġeneralment użata mix-xufier. Konformement mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament Nru 165/2014, id-data rreġistrata permezz tat-takografi għandha tinżamm għal minn tal-inqas sena. Madankollu, skont il-premessa 14 tar-Regolament 2020/1054, l-impriża tat-trasport tista' tuża wkoll dokumenti oħra sabiex turi l-osservanza tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, mingħajr ma huwa speċifikat, fl-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, il-perijodu ta' żmien li matulu għandhom jinżammu l-imsemmija dokumenti.

154 Għalkemm huwa minnu li l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jadottaw miżuri ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ir-regolamenti għandhom madankollu jiddeterminaw bi preċiżjoni suffiċjenti l-kontenut ta' dawn il-miżuri nazzjonali. Issa, dan ma huwiex il-każ tad-dispożizzjonijiet tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jagħtu marġni ta' evalwazzjoni wiesa' wisq lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew jagħmlu possibbli firxa eċċessivament wiesgħa ta' soluzzjonijiet nazzjonali eteroġeni. Madankollu, dan ir-regolament huwa intiż preċiżament li jsaħħaħ iċ-ċertezza legali f'dak li jirrigwarda l-obbligi li għandhom l-impriżi tat-trasport. Dawn l-obbligi għandhom għalhekk jiġu ddefiniti b'mod eżawrjenti u inkontestabbli f'att tal-Unjoni direttament applikabbli sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fis-suq intern. Il-preċiżazzjonijiet magħmula lid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament mid-diversi Stati Membri jwasslu, għall-kuntrarju, għal applikazzjonijiet diverġenti fi ħdan dawn tal-aħħar, u b'hekk ser tiżdied l-inċertezza legali.

155 Fil-ħames lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li l-inċertezza legali li għaliha jagħti lok il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 tintwera permezz tal-interpretazzjonijiet kontradittorji li jirriżultaw kemm mill-espożizzjoni tal-motivi ppreżentata mill-Kunsill fl-ewwel qari matul il-proċedura leġiżlattiva kif ukoll mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Parlament matul din il-proċedura tal-aħħar fir-rigward ta' emenda li fl-aħħar mill-aħħar ma kinitx adottata. Din l-inċertezza hija kkonfermata wkoll mid-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni bi tweġiba għal talbiet għal kjarifika mressqa mir-rappreżentanti tas-settur tat-trasport kif ukoll fid-dokumenti "Mistoqsijiet u tweġibiet" li jikkonċernaw, b'mod partikolari, ir-Regolament 2020/1054 ("*Mobility Package I – Social Rules, Driving and rest times, Questions and Answers, Parts 1 and 2*" ("Pakkett dwar il-mobbiltà I – Regoli soċjali, perijodi ta' sewqan u ta' mistrieħ – Mistoqsijiet u tweġibiet, Partijiet 1 u 2"), tal-25 ta' Novembru 2020 u tal-21 ta' April 2021), li fihom linji gwida li, fi kwalunkwe każ, ma humiex vinkolanti.

156 Fis-sitt lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija tenfasizza li, fl-assenza ta' ċertezza legali, ma jistax jiġi eskluż li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jiġi interpretat minn awtoritajiet lokali jew minn ċittadini tal-Unjoni bħala li jimponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw kull tlieta jew erba' ġimgħat fil-post ta' residenza tagħhom jew fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom. Hija tindika li minn rapport tal-pulizija Belġjana jirriżulta li ġiet imposta multa fuq impriża tat-trasport għas-sempliċi raġuni li x-xufier ikkontrollat ma kienx irritorna wara tlettax-il ġimgħa, mingħajr ma saret ebda evalwazzjoni fir-rigward tal-post fejn dan ix-xufier kien għażel li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu, u dan minkejja li dan tal-aħħar kellu l-possibbiltà li jirritorna fil-post ta' residenza tiegħu jew fl-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-persuna li timpjegah.

157 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti huma infondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

158 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari u preċiżi u, min-naħa l-oħra, li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli għall-individwi, b'mod partikolari meta jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli. Dan il-prinċipju jeżiġi, b'mod partikolari, li leġiżlazzjoni tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom u li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jifhmu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jirregolaw l-aġir tagħhom fid-dawl ta' dawn tal-aħħar (sentenza tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 223 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

159 Għaldaqstant, dawn ir-rekwiżiti la jistgħu jinftehmu bħala li jipprekludu lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli juża kunċett legali astratt fil-kuntest ta' regola li huwa jadotta u lanqas ma jistgħu jinftehmu bħala li jimponu li tali regola astratta għandha ssemmi d-diversi każijiet konkreti li fihom hija tista' tiġi applikata, sa fejn il-leġiżlatur ma jkunx jista' jiddetermina dawn il-każijiet kollha minn qabel (sentenza tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 224 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

160 Għalhekk, ma huwiex neċessarju li att leġiżlattiv jagħti huwa stess preċiżazzjonijiet ta' natura teknika, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jirrikorri għal qafas legali ġenerali li, jekk ikun meħtieġ, jiġi speċifikat sussegwentement (sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, Planta Tabak, C-220/17, EU:C:2019:76, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

161 Għaldaqstant, il-fatt li att leġiżlattiv jagħti marġni ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu ma jiksirx, fih innifsu, ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà, sakemm il-portata u l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' tali setgħa jkunu ddefiniti b'mod ċar biżżejjed, fid-dawl tal-għan leġittimu mfittex, sabiex ikun hemm protezzjoni adegwata kontra l-arbitrarjetà (sentenza tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 225 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

162 Bl-istess mod, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jinkludix l-obbligu li l-ordinament ġuridiku jinżamm mingħajr bidliet tul iż-żmien peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni jibqa' liberu, fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni tiegħu, li jemenda s-sitwazzjoni leġiżlattiva eżistenti (ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Jumbocarry Trading, C-39/20, EU:C:2021:435, punt 50).

163 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tiġi evalwata l-konformità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

164 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tintroduċi, fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006, il-paragrafu 8a, li jinkludi tliet subparagrafi.

165 Skont l-ewwel subparagrafu, l-impriżi tat-trasport għandhom jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu f'pożizzjoni, matul kull perijodu ta' erba' ġimgħat konsekuttivi, li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, sabiex, rispettivament, jibdew jew iqattgħu hemmhekk il-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tagħhom, skont il-każ, normali jew kumpensatorju.

166 It-tieni subparagrafu jipprevedi li, meta xufier ikun ħa żewġ perijodi konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mnaqqsa, konformement mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, kif emendat bil-punt 6(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, l-impriża tat-trasport għandha torganizza x-xogħol tax-xufier b'tali mod li x-xufier ikun jista' jirritorna fit-tielet ġimgħa sabiex jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu.

167 Fl-aħħar nett, skont it-tielet subparagrafu, l-impriża tat-trasport għandha tiddokumenta kif tissodisfa dan l-obbligu u għandha żżomm din id-dokumentazzjoni fil-bini tagħha sabiex tippreżentaha fuq talba tal-awtoritajiet ta' kontroll.

168 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika tal-Polonja, fis-sens li l-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma jippermettix li jinftiehem, minn naħa, jekk l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni huwiex impost fuq ix-xufiera jew fuq l-impriżi tat-trasport u, min-naħa l-oħra, jekk ix-xufiera humiex liberi li jagħżlu post differenti miċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew mill-post ta' residenza tagħhom, sabiex jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta b'mod ċar mill-kliem ta' dan l-Artikolu 8(8a), b'mod partikolari mill-kliem "[i]mpriżi tat-trasport għandhom jorganizzaw", li jinsab fl-ewwel subparagrafu tiegħu, "l-impriża tat-trasport għandha torganizza", li jinsab fit-tieni subpragrafu tiegħu, u "[l]-impriża għandha tiddokumenta kif tissodisfa dak l-obbligu", li jinsab fit-tielet subparagrafu tiegħu, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-imsemmi Artikolu 8(8a) ma humiex indirizzati lix-xufiera iżda lill-impriżi tat-trasport, u jimponu fuq dawn tal-aħħar l-obbligu li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn, kif jirriżulta mill-kliem "ikunu jistgħu" u "ikun jista'" użati, rispettivament, fl-ewwel żewġ subparagrafi, ikollhom il-possibbiltà, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, li jirritornaw jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, jew fil-post ta' residenza tagħhom, sabiex, rispettivament, jibdew jew iqattgħu hemmhekk il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

169 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 126 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq l-impriżi tat-trasport obbligu ta' organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera, fis-sens li dawn l-impriżi għandhom, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li timpjega, jagħmlu possibbli, billi jirrikorru għall-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħhom fil-kuntest tar-relazzjoni ta' xogħol stabbilita max-xufiera tagħhom, ir-ritorn ta' dawn tal-aħħar matul il-ħin tax-xogħol tagħhom f'wieħed miż-żewġ postijiet speċifikati f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri ċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew il-post ta' residenza tax-xufiera, fejn dan l-obbligu huwa, barra minn hekk, limitat biss għal wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet u għalhekk ma jestendix għal postijiet oħra.

170 L-obbligu msemmi fil-punt preċedenti għandu madankollu jinftiehem bla ħsara għal-libertà tax-xufier li jagħżel li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu fil-post fejn jixtieq jagħmel dan.

171 Fil-fatt, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jimponi ebda obbligu fuq ix-xufiera f'dak li jirrigwarda l-post fejn jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. B'mod partikolari, filwaqt li, kif tikkonferma l-premessa 8 tar-Regolament 2020/1055, din id-dispożizzjoni tiggarantixxi lix-xufiera d-"dritt" li jirritornaw f'wieħed miż-żewġ postijiet speċifiċi msemmija fiha sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu dan il-perijodu ta' mistrieħ, hija ma timponi fuqhom ebda obbligu f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, hija ma tipprevedix li x-xufiera huma obbligati, f'kull ċirkustanza, li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv

tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom, filwaqt li tħallihom liberi li jagħżlu li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post fejn jixtiequ jagħmlu dan.

172 Il-portata li għandha tingħata lill-obbligu stabbilit fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-premessa 14 ta' dan ir-regolament, li tesponi li, bil-għan li jiġi evitat li x-xufiera jibqgħu mbiegħda mill-post ta' residenza tagħhom għal perijodu eċċessivament twil, l-impriżi tat-trasport għandhom jiżguraw organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera li "tippermetti" lil dawn tal-aħħar jaslu fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, filwaqt li tippreċiża espliċitament li x-xufiera huma "liberi li jagħżlu fejn iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom".

173 Għalhekk, minn dan jirriżulta li, filwaqt li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iħares il-libertà tax-xufiera fir-rigward tal-għażla tal-post fejn huma jixtiequ jibdew jew jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, il-leġiżlatur tal-Unjoni fuq kollox, u b'mod iktar fundamentali, żgura li ma tiġi eżerċitata l-ebda pressjoni fuq ix-xufiera sabiex allegatament jagħżlu li ma jirritornawx fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom. F'dan ir-rigward, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 49) irrileva d-diffikultà għax-xufiera li jipprovaw in-natura libera tal-għażla tagħhom meta jiddeċiedu li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom fil-vettura.

174 Fil-fatt, għandu jitfakkar li, peress li l-ħaddiem għandu jiġi kkunsidrat bħala l-parti dgħajfa fir-relazzjoni ta' xogħol, huwa neċessarju li jiġi evitat li l-persuna li timpjega tgawdi mill-possibbiltà li timponilu restrizzjoni tad-drittijiet tiegħu jew li l-ħaddiem jiġi skoraġġut milli jinvoka espliċitament id-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, CCOO, C-55/18, EU:C:2019:402, punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

175 Għalhekk, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jistax jiġi interpretat, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-Repubblika tal-Bulgarija, fis-sens li jippermetti lil persuna li timpjega teżenta ruħha mill-obbligu li torganizza x-xogħol tax-xufiera tagħha b'mod li jkun possibbli r-ritorn tagħhom billi tinvoka r-raġuni li dawn ikunu rrinunzjaw, minn qabel u b'mod ġenerali, għad-dritt li tagħtihom din id-dispożizzjoni li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post fejn jixtiequ jagħmlu dan.

176 Kif irrileva ġustament il-Kunsill, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikkompleta għalhekk l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 561/2006, li l-kontenut tiegħu, essenzjalment, ma ġiex emendat bil-punt 8(b) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, u li minnu jirriżulta li, meta x-xufier iħalli l-vettura f'post li ma jkunx il-post ta' residenza tiegħu jew iċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, iż-żmien li jieħu sabiex imur sa din il-vettura u jirritorna minnha ma għandux jitqies, bħala prinċipju, li jagħmel parti mill-perijodu ta' mistrieħ. F'dan il-kuntest, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 issa jiggarantixxi lix-xufiera d-dritt, li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 561/2006, li jmorru f'wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Peress li l-ħin meħtieġ għal dan ir-ritorn ma jikkorrispondix għall-perijodu ta' mistrieħ, iżda għall-ħin tax-xogħol, hija l-persuna li timpjega li għandha tieħu responsabbiltà għall-eventwali spejjeż marbuta mal-imsemmi ritorn.

177 Minn dan isegwi li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera tagħhom b'tali mod li jippermettu r-ritorn tagħhom, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, lejn iċ-ċentru operattiv tal-impriża jew lejn il-post ta' residenza tagħhom sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali regolari jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

178 Din id-dispożizzjoni timponi wkoll, għaliex inkella tiġi ppreġudikata n-natura effettiva tad-dritt tax-xufier li jirritorna f'wieħed mill-postijiet imsemmija fil-punt preċedenti, l-obbligu bħala prinċipju għall-impriża tat-trasport li torganizza, bi spejjeż tagħha, ir-ritorn ta' dan ix-xufier, sakemm dan tal-aħħar ma jkunx għażel li ma jirritornax f'wieħed minn dawn il-postijiet sabiex hemmhekk jibda jew iqatta' l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu. Għalhekk, impriża tat-trasport ma hijiex obbligata tieħu l-passi neċessarji sabiex torganizza r-ritorn ta' xufier partikolari jekk dan ikun informaha bl-għażla tiegħu li ma jkunx irid jirritorna f'wieħed minn dawn il-postijiet.

179 Għaldaqstant, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 lanqas ma jimponi fuq l-impriżi tat-trasport, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-Repubblika tal-Polonja, l-obbligu li jġiegħlu lix-xufiera jieħdu effettivament il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post ta' residenza tagħhom, peress li, effettivament, persuna li timpjega la tista' timponi l-post fejn il-ħaddiem tagħha jieħu dan il-perijodu ta' mistrieħ u lanqas ma tista', *a fortiori*, tikkontrolla l-attivitajiet imwettqa minn xufier meta huwa ma jkunx qiegħed jaħdem.

180 Minn dan isegwi wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li tipprevedi r-Repubblika tal-Litwanja, ma jista' jkun hemm l-ebda sanzjoni la fuq ix-xufier, fil-każ li dan jirrifjuta li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu fil-post ta' residenza tiegħu, u lanqas fuq l-impriża tat-trasport, fil-każ li x-xufier ma jirritornax f'wieħed mill-postijiet speċifikati f'din id-dispożizzjoni, kemm-il darba din l-impriża tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi li x-xufier ikun għażel liberament li ma jużax il-possibbiltà ta' ritorn li hija kellha l-intenzjoni torganizza.

181 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Polonja, ibbażat fuq l-assenza ta' preċiżazzjonijiet, fir-Regolament 2020/1054, dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, sabiex ikun possibbli r-ritorn tax-xufiera, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' dan l-eventwali ritorn mill-impriżi tat-trasport, għandu jiġi enfasizzat li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 159 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludix li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest ta' regola li huwa jadotta, juża kunċett legali astratt u ma jimponix li tali regola astratta għandha ssemmi d-diversi każijiet konkreti li fihom hija tista' tiġi applikata, sa fejn il-leġiżlatur ma jkunx jista' jiddetermina dawn il-każijiet kollha minn qabel.

182 Għaldaqstant, l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali la teżiġi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jiddefinixxi l-modalitajiet speċifiċi kollha tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' att leġiżlattiv u lanqas li huwa jipprevedi s-sitwazzjonijiet konkreti kollha li għalihom dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu japplikaw, peress li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 160 ta' din is-sentenza, dan il-leġiżlatur għandu d-dritt juża, għal finijiet ta' flessibbiltà u sabiex jaġixxi b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, qafas ġuridiku ġenerali li jista' jkollu jiġi ppreċiżat sussegwentement.

183 Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li ma speċifikax, f'dispożizzjoni ta' portata ġenerali bħalma huwa l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-modalitajiet prattiċi kollha relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol f'dak li jirrigwarda

l-eventwali ritorn tax-xufiera, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-mezz ta' trasport li huma jistgħu jużaw sabiex iwettqu dan ir-ritorn. Tali preċiżazzjonijiet kienu jippreġudikaw il-flessibbiltà li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried iħalli lill-impriżi tat-trasport, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li timpjega, sabiex jiddeċiedu huma stess, fil-kuntest tar-relazzjoni ta' xogħol stabbilita max-xufiera tagħhom, modalitajiet konkreti għall-eżerċizzju tad-drittijiet korrelattivi mogħtija lil dawn tal-aħħar, fid-dawl ta' kull sitwazzjoni partikolari. Il-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas ma jista' jiġi kkritikat, mingħajr ma jinkiser dan ir-rekwiżit ta' flessibbiltà, li ma speċifikax, f'tali dispożizzjoni ta' portata ġenerali, il-modalitajiet li bihom l-impriżi tat-trasport għandhom jirrikonċiljaw l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mal-osservanza tal-libertà tax-xufiera li jagħżlu l-post fejn huma jixtiequ jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, peress li tali modalitajiet huma, fil-fatt, dipendenti fuq kull każ partikolari.

184 Bl-istess mod, għandu jiġi miċħud l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja fis-sens li l-espressjoni "post ta' residenza" ma hijiex iddefinita b'mod ċar. Fil-fatt, fid-dawl tat-tifsira abitwali ta' din l-espressjoni u tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li minnha joħroġ li l-post ta' residenza jikkorrispondi għall-post fejn jinsab iċ-ċentru abitwali tal-interessi tal-persuna kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2004, Adanez-Vega, C-372/02, EU:C:2004:705, punt 37, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2014, B., C-394/13, EU:C:2014:2199, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata), għandu jitqies li dan il-kunċett jirreferi, b'mod ċar u preċiż, għal post speċifiku u mhux għat-territorju ta' Stat Membru kollu kemm hu, kif targumenta r-Repubblika tal-Litwanja.

185 Fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tax-xufiera ta' pajjiżi terzi, lanqas ma jista' jiġi sostnut li l-fatt li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jirregolax espliċitament din is-sitwazzjoni jimplika ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali peress li, skont din id-dispożizzjoni, l-impriżi tat-trasport għandhom jagħmlu possibbli r-ritorn ta' tali xufiera matul il-ħin tax-xogħol tagħhom jew fil-post ta' residenza tagħhom li jkun jinsab, jekk ikun il-każ, f'pajjiż terz, jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, li jinsab fit-territorju tal-Unjoni.

186 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argument iktar speċifiku mressaq mir-Repubblika tal-Polonja f'dan il-kuntest, fis-sens li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jidher li jimponi fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li jiżguraw li x-xufiera jkunu jistgħu jirritornaw l-ewwel fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega qabel ma jkunu jistgħu sussegwentement imorru fil-post ta' residenza tagħhom stess, u b'hekk iċaħħadhom mill-possibbiltà li jirritornaw direttament f'dan l-aħħar post, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-premessa 14 ta' dan ir-regolament, jirriżulta li x-xufiera għandu jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw fl-ewwel "jew" fit-tieni wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet speċifiċi sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. L-allegati kumplikazzjonijiet prattiċi li jimplika l-obbligu tax-xufier li l-ewwel jirritorna fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega qabel ma jkun jista' jirritorna fil-post ta' residenza tiegħu jirriżultaw għalhekk minn interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija dispożizzjoni minn dan l-Istat Membru.

187 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jimponix fuq ix-xufiera l-obbligu li l-ewwel jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, qabel ma jmorru, skont ix-xewqa tagħhom, fil-post ta' residenza tagħhom, dan il-punt madankollu ma jipprojbixxix lil impriża tat-trasport, fil-kwalità tagħha ta' persuna li timpjega, milli tobbliga lix-xufiera li hija timpjega, bil-kundizzjoni li dan l-obbligu jkun impost matul il-ħin

tax-xogħol, li jirritornaw l-ewwel f'dan iċ-ċentru operattiv, peress li tali obbligu marbut mal-ħin tax-xogħol jaqa' taħt id-dritt applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol bejn din l-impriża u x-xufiera tagħha.

188 Barra minn hekk, tali obbligu eventwali li x-xufiera l-ewwel jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega bl-ebda mod ma jċaħħad lix-xufiera kkonċernati mid-dritt li jagħżlu l-post fejn ikunu jixtiequ jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom wara li jkunu segwew, jekk ikun il-każ, l-istruzzjonijiet mogħtija mill-persuna li timpjegahom sabiex jirritornaw f'dan iċ-ċentru operattiv u b'hekk ikunu wettqu obbligu li jkollhom taħt ir-relazzjoni ta' xogħol ma' din tal-aħħar.

189 F'dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, introdott f'dan tal-aħħar permezz tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma huwiex ċar fir-rigward tal-mod kif l-impriżi tat-trasport għandhom jiddokumentaw l-osservanza tal-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 14 ta' dan l-aħħar regolament, l-imsemmi obbligu fil-qasam ta' prova jista' jiġi ssodisfatt kemm permezz tar-reġistrazzjonijiet tat-takografu kif ukoll permezz tar-reġistri tas-servizzi tax-xufiera jew permezz ta' kwalunkwe dokument ieħor.

190 Minn dan jirriżulta li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 140 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried joffri lill-impriżi tat-trasport ċerta flessibbiltà billi jagħtihom il-possibbiltà li jipprovaw, permezz ta' kull dokumentazzjoni rilevanti għal dan l-għan, kemm l-osservanza tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 kif ukoll il-mod kif dan l-obbligu, jekk ikun il-każ, ikun ġie rrikonċiljat, f'każ partikolari, mal-għażla tax-xufier li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu f'post differenti mill-post ta' residenza tiegħu. Barra minn hekk, tali flessibbiltà hija koerenti ma' dik li l-leġiżlatur tal-Unjoni joffri lill-impriżi tat-trasport fir-rigward tal-organizzazzjoni stess tar-ritorn tax-xufier.

191 F'dan ir-rigward, il-fatt li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, introdott f'dan tal-aħħar permezz tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma jidentifikax b'mod iktar preċiż b'liema mod, u b'mod partikolari b'liema dokumenti, l-impriżi tat-trasport jistgħu juru li huma jissodisfaw l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni ma jfissirx li din tal-aħħar tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

192 Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali ma jistgħux jinftiehmu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 159 ta' din is-sentenza, fis-sens li jimponu li regola għandha ssemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom hija tista' tiġi applikata, sa fejn dawn l-ipoteżijiet ma jistgħux jiġu ddeterminati kollha minn qabel mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Għaldaqstant, dispożizzjoni bħal dik prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, introdott permezz tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li tapplika għal numru kbir ta' sitwazzjonijiet differenti la tista' tippreċiża u lanqas ma tista' tirregola fid-dettall is-sitwazzjonijiet kollha li għalihom hija intiża li tapplika.

193 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tat-takografi, li fir-rigward tagħhom il-premessa 14 tar-Regolament 2020/1054 tippreċiża li jistgħu jikkostitwixxu provi rilevanti, ir-Regolament Nru 165/2014, kif emendat bl-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, jinkludi huwa stess sett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi intiżi li jiżguraw il-kontroll tal-osservanza

tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 561/2006, filwaqt li l-Kummissjoni hija inkarigata, skont il-punt 8(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, tadotta d-dispożizzjonijiet iddettaljati għall-applikazzjoni uniformi tal-obbligu ta' reġistrazzjoni u ta' żamma ta' ċerta data dwar il-ħin tax-xogħol.

194 Barra minn hekk, sa fejn jirriżulta neċessarju li jiġu ppreċiżati iktar ċerti modalitajiet konkreti ta' implimentazzjoni, mill-impriżi tat-trasport, tal-obbligi tagħhom skont il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, bħalma huma dawk fil-qasam tal-prova tal-osservanza ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 561/2006, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1054, jawtorizza espliċitament lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 291(1) TFUE, jadottaw il-miżuri neċessarji għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 561/2006. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni ta' regolament jekk ma jostakolawx l-applikabbiltà diretta tiegħu, jekk ma jaħbux in-natura tiegħu ta' att tad-dritt tal-Unjoni u jekk jippreċiżaw l-eżerċizzju tal-marġni ta' evalwazzjoni mogħtija lilhom minn dan ir-regolament filwaqt li jibqgħu fil-parametri tad-dispożizzjonijiet tiegħu (sentenza tat-12 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-541/16, EU:C:2018:251, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

195 Fl-aħħar nett, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni preċiża fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali dwar il-mod kif l-impriżi tat-trasport għandhom juru li huma jissodisfaw l-obbligu tagħhom taħt il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, huma dawn l-impriżi stess, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li timpjega, li għandhom jagħżlu, fil-kuntest tal-flessibbiltà offruta mil-leġiżlatur tal-Unjoni, metodu affidabbli u effikaċi, billi jużaw il-mezzi kollha li huma jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom fil-kuntest tar-relazzjoni ta' xogħol stabbilita max-xufiera tagħhom, li jista' jiżgura l-osservanza tar-rekwiżit ta' prova dwar dan l-obbligu (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, Planta Tabak, C-220/17, EU:C:2019:76, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

196 F'dak li jirrigwarda, fil-ħames lok, l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija u bbażat fuq ċerti indikazzjonijiet li jirriżultaw mill-proċedura leġiżlattiva, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li la l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Parlament dwar emendi mwarrba matul din il-proċedura u lanqas dawk esposti mill-Kunsill fl-espożizzjoni tal-motivi tiegħu dwar il-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, li jikkostitwixxu atti intermedji adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex jippreparaw għall-adozzjoni ta' att leġiżlattiv mingħajr ma jistabbilixxu definittivament il-pożizzjoni tagħhom, ma jistgħu jaffettwaw l-interpretazzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, kif tirriżulta mill-formulazzjoni tal-verżjoni finali ta' din id-dispożizzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Minn dan isegwi li tali dokumenti ma jistgħux ikunu sors ta' inċertezza legali.

197 L-istess jgħodd għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, bħalma huma dawk li jinsabu fid-dokumenti "Mistoqsijiet u tweġibiet" dwar dan ir-regolament, imsemmija fil-punt 155 ta' din is-sentenza, peress li dawn id-dokumenti, li barra minn hekk ma humiex barra minn normal, ma għandhom ebda valur legali vinkolanti (ara, b'anloġija, is-sentenza tat-12 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-541/16, EU:C:2018:251, punt 47). Għaldaqstant, dawn id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux juru ksur, mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament, tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

198 Fl-aħħar nett, fis-sitt lok, il-fatt allegat mir-Repubblika tal-Bulgarija, fis-sens li l-pulizija Belġjana kienet imponiet multa għas-sempliċi raġuni li x-xufier ikkontrollat ma kienx irritorna wara tlettax-il ġimgħa, mingħajr ma kienet saret ebda evalwazzjoni fir-rigward tal-post fejn dan ix-xufier kien għażel li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa

tiegħu, u dan minkejja li dan tal-aħħar kellu l-possibbiltà li jirritorna fil-post ta' residenza tiegħu jew fl-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-persuna li timpjegah, ma jistax juri, lanqas jekk jitqies li huwa stabbilit, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali. Tali ksur ma jistax, fil-fatt, jiġi raġonevolment dedott mill-mod kif l-awtoritajiet nazzjonali applikaw din id-dispożizzjoni f'każ partikolari.

199 Għaldaqstant, ir-raba' parti tar-raba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, it-tielet motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija u t-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

200 Minn dan jirriżulta li l-motivi u l-argumenti l-oħra mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja insostenn tat-talbiet tagħhom intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandhom jiġu miċħuda, kif l-ewwel żewġ Stati Membri stess irrikonoxxew b'mod espliċitu fir-rikors tagħhom u waqt is-seduta, sa fejn huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li din id-dispożizzjoni timponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, mingħajr ma tippermettilhom jagħżlu huma stess il-post fejn jixtiequ jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

2) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

i) L-argumenti tal-partijiet

201 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel sat-tielet parti tar-raba' motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

202 Fl-ewwel lok, dawn l-erba' Stati Membri jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni.

203 L-ewwel nett, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, l-imsemmi obbligu ma huwiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-konsegwenzi negattivi tiegħu fuq l-impriżi tat-trasport, fir-rigward b'mod partikolari tal-ispejjeż finanzjarji kunsiderevoli ġġenerati għalihom.

204 Huma jargumentaw li, minn naħa, dan l-istess obbligu joħloq spejjeż operazzjonali marbuta mal-organizzazzjoni tar-ritorn fl-Istat Membru ta' stabbiliment kif ukoll telf ta' dħul marbut mal-ħin meħtieġ għal dan ir-ritorn, ħin li matulu x-xufiera, li jkunu qegħdin jivvjaġġaw b'vetturi mingħajr tagħbija, ma jeżerċitaw ebda attività li tirrendi qligħ, li jirriżulta f'limitazzjoni tal-attività kummerċjali u f'tnaqqis fid-dħul. Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit impost fuq l-impriżi tat-trasport mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jiddokumentaw il-mod kif jissodisfaw l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni joħloq ukoll piżijiet addizzjonali sinjifikattivi.

205 Dawn l-Istati Membri jargumentaw li l-parti l-kbira tal-impriżi tat-trasport huma SMEs, li għalihom dawn il-piżijiet kollha huma partikolarment tqal. F'dan ir-rigward, il-KESE kien enfasizza l-ħtieġa li l-imsemmija piżijiet jiġu limitati u, min-naħa tiegħu, il-KtR kien indika li kien iktar diffiċli għall-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni li jilħqu l-qalba tas-suq intern. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni inkwistjoni kienet ġiet adottata f'perijodu ta' kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19, li kien amplifika l-effetti negattivi tagħha.

206 It-tieni nett, skont l-imsemmija Stati Membri, l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-konsegwenzi negattivi tiegħu fuq ix-xufiera.

207 Qabelxejn, skont ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Bulgarija, dan l-obbligu jikser l-imsemmi prinċipju sa fejn, billi jillimita d-dritt tax-xufiera li jagħżlu huma stess fejn jixtiequ jqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom u billi b'hekk jaffettwa l-libertà ta' moviment tagħhom, l-imsemmi obbligu huwa miżura manifestament mhux xierqa li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-mistrieħ tal-ħaddiema. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni, min-naħa tagħha, li l-istess obbligu jmur kontra l-Artikolu 4(f) tar-Regolament Nru 561/2006, li jipprovdi li l-kunċett ta' "perijodu ta' mistrieħ" jinkludi kwalunkwe perijodu bla interruzzjoni li fih ix-xufier jista' jagħmel li jrid bil-ħin tiegħu. Dan l-Istat Membru jsostni wkoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddetermina b'mod arbitrarju, fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-postijiet fejn ix-xufiera huma obbligati jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ tagħhom.

208 Sussegwentement, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jallegaw li n-numru ikbar ta' vjaġġi li jirriżulta mill-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikkawża żieda ta' għeja għal dawn tal-aħħar, b'mod partikolari għal dawk li jkollhom jirritornaw fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni. L-iżbilanċ għal dawn ix-xufiera, maħluq minn dan l-obbligu, jaffettwalhom saħħithom u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu, fid-dawl tal-eżawriment li jikkawżalhom ir-ritmu intensiv tar-ritorni. Din is-sitwazzjoni għandha konsegwenzi negattivi wkoll għas-sigurtà fit-toroq. Dan ifisser li l-miżura inkwistjoni ma hijiex adegwata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minn dan ir-regolament li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera fl-Unjoni u s-sigurtà fit-toroq.

209 Fl-aħħar nett, ir-Rumanija ssostni li, minkejja li wieħed mill-għanijiet tar-Regolament 2020/1054 huwa, kif jirriżulta mill-premessa 1 tiegħu, li jiġu attirati ħaddiema kkwalifikati fil-qasam tat-trasport bit-triq, minħabba r-rilokazzjoni forzata tal-impriżi tat-trasport b'kawża tal-ispejjeż marbuta ma' dan l-obbligu l-ġdid, numru kbir minnhom ser ikunu esposti għar-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom jew li jkollhom jemigraw lejn Stat Membru ieħor sabiex ikunu jistgħu jkomplu jeżerċitaw l-attività li għaliha huma kkwalifikati. B'hekk, skont l-informazzjoni li r-Rumanija għandha għad-dispożizzjoni tagħha, iktar minn 45 % tal-impriżi tat-trasport stabbiliti f'dan l-Istat Membru kienu qegħdin jikkunsidraw li jistabbilixxu kumpanniji jew sussidjarji jew li jittrasferixxu l-attivitajiet tagħhom fi Stati Membri fl-Ewropa tal-Punent sabiex itaffu l-effetti negattivi tal-miżuri li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà". Dawn l-effetti negattivi jinħolqu f'settur ta' importanza kruċjali għall-ekonomija nazzjonali peress li s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq huma fost is-setturi li jiġġeneraw l-iktar esportazzjonijiet sinjifikattivi għar-Rumanija u li jikkontribwixxu b'mod sinjifikattiv għall-ibbilanċjar tal-bilanċ kummerċjali nazzjonali.

210 It-tielet nett, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-konsegwenzi negattivi tiegħu fuq l-ambjent. Dawn it-tliet Stati Membri jsostnu li dan l-obbligu jimplika l-iskedar ta' vjaġġi addizzjonali għat-tluq u għar-ritorn ta' eluf ta' xufiera kuljum. B'mod partikolari, ix-xufiera li ġejjin minn Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni huma oġġettivament obbligati jivvjaġġaw distanzi twal ħafna, ferm itwal minn dawk li jagħmlu l-kontropartijiet tagħhom fl-Ewropa Ċentrali u fl-Ewropa tal-Punent, fejn issir il-parti l-kbira tat-trasport fl-Unjoni. Barra minn hekk, ir-ritorni x'aktarx li jsiru b'tagħbija mnaqqsa jew saħansitra mingħajr tagħbija, u b'hekk eluf ta' vetturi jkollhom jagħmlu vjaġġi mingħajr tagħbija. Din iż-żieda sinjifikattiva fin-numru ta' vjaġġi timplika żieda fl-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju (cO_2) u għandha impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent.

211 Ir-raba' nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li kienu jeżistu alternattivi inqas oneruża għax-xufiera u għall-impriżi tat-trasport. Skonthom, il-libertà tax-xufiera setgħet titħares billi jiġi previst obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw ir-ritorn biss fil-każijiet fejn ix-xufiera jkunu jixtiequ jirritornaw. B'dan il-mod, l-impriżi tat-trasport ma jġarrbux spejjeż addizzjonali eċċessivi. Din l-alternattiva kienet tiżgura flessibbiltà ikbar u b'hekk protezzjoni adegwata tad-drittijiet tax-xufiera. Mill-bqija, ir-Repubblika tal-Polonja tenfasizza li matul il-proċedura leġiżlattiva kienet ġiet proposta miżura f'dan is-sens mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament.

212 Fit-tieni lok, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jikkontestaw l-eżami mwettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-proporzjonalità tal-miżura prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 u, b'mod partikolari, jikkritikaw l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt, bi ksur tal-Ftehim Interistituzzjonali, b'mod partikolari tal-punti 12 sa 15 tiegħu, dwar il-verżjoni finali ta' din id-dispożizzjoni. Il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk ma analizzax diversi ċirkustanzi rilevanti għas-sitwazzjoni li l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża li tirregola.

213 L-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma analizzax il-kwistjoni ta' jekk it-twettiq tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 kienx ser jikkontribwixxi għal intensifikazzjoni tat-traffiku. Għaldaqstant, fil-prattika, u peress li dan l-obbligu jitwettaq permezz tat-trasport bit-triq, l-osservanza tal-imsemmi obbligu ser twassal għal 8 880 000 vjaġġ ta' ritorn fuq sena. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni d-distanzi kunsiderevoli li x-xufiera impjegati fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni ser ikollhom ikopru sabiex iwettqu dan l-istess obbligu.

214 It-tieni nett, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx valutazzjoni adegwata tal-impatt tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq is-sigurtà tax-xufiera. Hija ssostni li dan il-leġiżlatur injora l-opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol li fiha dan il-kumitat kien esprima dispjaċir li l-emendi proposti ma kinux akkumpanjati minn evalwazzjoni bir-reqqa tas-sigurtà tax-xufiera, tal-passiġġieri jew tal-ambjent tat-triq fir-rigward tal-għeja tax-xufiera. Ir-Rumanija ssostni li l-impatt fuq dawn tal-aħħar ta' vjaġġi twal repetuti fuq perijodi qosra ta' żmien ma kienx ittieħed inkunsiderazzjoni meta ġiet adottata din id-dispożizzjoni.

215 It-tielet nett, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, b'differenza mill-verżjoni inizjali tiegħu, it-test finali tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jobbliga lill-impriżi tat-trasport, mingħajr ma twettqet valutazzjoni tal-impatt f'dan ir-rigward, jiddokumentaw il-mod kif huma jissodisfaw l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni u jżommu din id-dokumentazzjoni sabiex

ikunu jistgħu jippreżentawha fil-każ ta' kontroll. Skont dan l-Istat Membru, obbligu ta' din in-natura kellu jkun ippreċedut minn analiżi eżawrjenti tal-effetti tiegħu li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-impriżi tat-trasport huma fil-parti l-kbira tagħhom SMEs.

216 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti huma infondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

217 Permezz tal-argumenti tagħhom, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jikkontestaw il-konformità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Peress li r-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jargumentaw, barra minn hekk, li l-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas biss wettaq eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, dan l-aħħar argument għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok.

– Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

218 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jkun f'pożizzjoni li jistabbilixxi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li huwa adotta l-att inkwistjoni billi eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, huwa għandu, minn tal-inqas, ikun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha kien ġie adottat dan l-att u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 116 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

219 B'dan premess, il-leġiżlatur tal-Unjoni jgawdi minn marġni wiesa' ta' evalwazzjoni mhux biss fir-rigward tan-natura u tal-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jittieħdu, iżda wkoll fir-rigward tar-rilevanza ta' din id-data bażika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

220 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-forma li fiha tkun elenkata l-imsemmija data bażika ma hijiex importanti. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-valutazzjoni tal-impatt, iżda wkoll kull sors ieħor ta' informazzjoni (sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

221 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li obbligu li titwettaq valutazzjoni tal-impatt f'kull ċirkustanza ma jirriżultax mill-kliem tal-punti 12 sa 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali (sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 82).

222 Fil-fatt, għalkemm il-Ftehim Interistituzzjonali jipprevedi, fil-punt 14 tiegħu, li, waqt l-eżami tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, dan l-istess ftehim jindika, fil-punt 12 tiegħu, li tali valutazzjonijiet huma "għodda biex tgħin lit-tliet Istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u mhumiex sostitut għal deċiżjonijiet politiċi fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet". Għaldaqstant, minkejja li huma obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill

ma humiex marbuta bil-kontenut tagħhom, b'mod partikolari, fir-rigward tal-evalwazzjonijiet li jinsabu fihom (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Landeshauptstadt Wiesbaden, C-61/22, EU:C:2024:251, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

223 Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun adotta miżura differenti u, jekk ikun il-każ, iktar oneruża minn dik irrakkomandata fl-aħħar tal-valutazzjoni tal-impatt ma huwiex tali li juri li huwa mar lil hinn mil-limiti ta' dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Landeshauptstadt Wiesbaden, C-61/22, EU:C:2024:251, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata).

224 Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jibdel elementi sostanzjali tal-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni, il-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali ma jimponi fuq dan il-leġiżlatur ebda obbligu definittiv li jwettaq aġġornament tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, peress li dan il-punt jipprevedi biss il-possibbiltà li jsir tali aġġornament meta l-Parlament u l-Kunsill "jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 43).

225 Minn dan jirriżulta li, għalkemm it-tfassil ta' valutazzjonijiet tal-impatt jikkostitwixxi stadju tal-proċess leġiżlattiv li għandu, bħala regola ġenerali, jitwettaq meta inizjattiva leġiżlattiva jista' jkollha impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali sinjifikattiv, l-ommissjoni ta' tali valutazzjoni tal-impatt ma tistax madankollu tiġi kklassifikata bħala ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jinsab f'sitwazzjoni partikolari li teħtieġ li din il-valutazzjoni ma titwettaqx u jkollu biżżejjed elementi li jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-miżura adottata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punti 84 u 85).

226 F'dan id-dawl, sabiex jeżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni jaf ikollu wkoll, matul il-proċedura leġiżlattiva, jieħu inkunsiderazzjoni d-data xjentifika u konstatazzjonijiet oħra li jkunu saru disponibbli, inklużi dokumenti xjentifiċi li jkunu ntużaw mill-Istati Membri fil-laqgħat tal-Kunsill u li ma jkunux miżmuma mill-Kunsill innifsu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 86 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jieħu inkunsiderazzjoni wkoll informazzjoni li tkun tinsab fid-dominju pubbliku u li tkun aċċessibbli għal kwalunkwe persuna jew impriża li jkollha interess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punt 39).

227 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, meta adotta r-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu valutazzjoni tal-impatt u li din kienet tirrigwarda, b'mod partikolari, l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, wara li rrileva l-effetti negattivi fuq is-saħħa tax-xufiera, f'termini ta' stress u ta' għeja, li jirriżultaw minn perijodi twal imqatta' 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20), li kienet takkumpanja l-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, eżamina fid-dettall l-impatt ta' miżura li tiffaċilita t-teħid mix-xufiera tal-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post ta' residenza tagħhom (Parti 1/2, p. 41, 55 u 63).

228 F'dan il-kuntest, il-punt 5(c) tal-Artikolu 1 ta' din il-proposta kien jipprevedi li fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006 jiġi introdott paragrafu 8b li jipprovdi li l-impriża tat-trasport kellha torganizza x-xogħol tax-xufiera tagħha b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jqattgħu fil-post ta' residenza tagħhom mill-inqas perijodu wieħed ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa f'kull perjodu ta' tliet ġimgħat konsekuttivi.

229 Huwa minnu li, kif tirrileva ġustament ir-Repubblika tal-Polonja insostenn tal-argument tagħha, il-verżjoni finali tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, kif adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ma kinitx is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt addizzjonali, filwaqt li hija differenti mill-punt 5(c) tal-Artikolu 1 tal-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol.

230 Madankollu, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 220 sa 226 ta' din is-sentenza, mhux biss il-leġiżlatur tal-Unjoni ma huwiex obbligat ikollu valutazzjoni tal-impatt fiċ-ċirkustanzi kollha, iżda, barra minn hekk, tali valutazzjoni tal-impatt ma torbtux, u dan il-leġiżlatur jibqa' għalhekk liberu li jadotta miżuri differenti minn dawk li kienu s-suġġett tagħha. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fir-Regolament 2020/1054, dispożizzjoni differenti minn dik li kienet ġiet proposta mill-Kummissjoni abbażi tal-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt ma jistax ikun biżżejjed sabiex juri li dan il-leġiżlatur ma wettaqx l-eżami tal-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

231 Għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-Repubblika tal-Polonja, dawn il-kunsiderazzjonijiet bl-ebda mod ma huma mdaħħla inkwistjoni mill-Ftehim Interistituzzjonali, u b'mod partikolari mill-punt 15 tiegħu. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li din id-dispożizzjoni tindika li "il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni", xorta jibqa' l-fatt li, kif ġie rrilevat fil-punt 224 ta' din is-sentenza, l-imsemmi punt 15 ma jinkludi ebda obbligu definittiv għal dawn l-istituzzjonijiet peress li sempliċement jipprevedi l-possibbiltà li titwettaq tali valutazzjoni tal-impatt meta, skont it-termini espliċiti ta' dan il-punt, il-Parlament u l-Kunsill "jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv".

232 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jillimita r-regola tar-ritorn tax-xufiera kull tliet ġimgħat, prevista mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, għas-sitwazzjoni fejn ix-xufier ikun ħa, konformement mar-regola derogatorja prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 6(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, żewġ perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa konsekuttivi. Skont il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan l-aħħar regolament, ir-ritorn tax-xufiera kull erba' ġimgħat huwa għalhekk ir-regola bħala prinċipju.

233 Min-naħa l-oħra, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jipprevedi li l-impriża tat-trasport tista' wkoll torganizza x-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jirritornaw jew fil-post ta' residenza tagħhom, jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega. Din l-aħħar għażla għandha tkun, kif irrileva l-Kunsill, ta' natura li tiffaċilita l-osservanza tal-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari meta, kif imsemmi fil-punt 185 ta' din is-sentenza, ix-xufier ikun jirrisjedi f'pajjiż terz jew f'post imbiegħed miċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega.

234 Minn dan isegwi li obbligu li titwettaq valutazzjoni tal-impatt addizzjonali kien wisq inqas applikabbli, f'dan il-każ, peress li d-dispożizzjoni finalment adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 hija iktar flessibbli għall-impriżi tat-trasport minn dik li kienet ġiet proposta mill-Kummissjoni, b'tali mod li l-impatt tagħha huwa inqas fuq dawn tal-aħħar.

235 Ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja ma huwa ta' natura li jistabbilixxi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien obbligat ikollu tali valutazzjoni tal-impatt addizzjonali dwar l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni.

236 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja, ibbażat fuq l-assenza ta' eżami mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-impatt tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, minħabba l-vjaġġi addizzjonali li dan jimplika, fuq l-intensità tat-traffiku, mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20 u 21) jirriżulta li, sa minn qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni u minkejja li kienu jeżistu ċerti differenzi skont jekk ix-xufiera kinux impjegati fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni mill-1 ta' Mejju 2004 jew qabel din id-data, il-parti l-kbira tax-xufiera, irrispettivament mill-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-persuna li timpjegahom, kienu jmorru lura mill-inqas kull erba' ġimgħat fil-post ta' residenza tagħhom. B'mod partikolari, din il-valutazzjoni tal-impatt tirrileva f'dan ir-rigward li, għalkemm numru dejjem jikber ta' xufiera, essenzjalment impjegati fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni mill-1 ta' Mejju 2004, iqattgħu perijodi twal 'il bogħod mid-dar tagħhom, ġeneralment anki dawn ix-xufiera jqattgħu biss bejn ġimagħtejn u erba' ġimgħat konsekuttivi fuq it-triq qabel ma jirritornaw fil-post ta' residenza tagħhom, filwaqt li x-xufiera impjegati fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni qabel din id-data ġeneralment ma jibqgħux imbiegħda mill-post ta' residenza tagħhom għal iktar minn ġimgħa sa ġimagħtejn. Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu għalhekk elementi suffiċjenti sabiex jevalwa l-impatt ta' dan il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 fuq l-intensità tat-traffiku.

237 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx valutazzjoni adegwata tal-impatt tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq is-sigurtà tax-xufiera, dan l-argument għandu jiġi miċħud għall-istess raġuni bħal dik esposta fil-punt preċedenti.

238 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argument ta' dan l-Istat Membru bbażat fuq l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt dwar il-miżura prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, liema miżura tipprovdi li l-impriżi tat-trasport għandhom jiddokumentaw il-mod kif jissodisfaw l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din il-miżura, li hija intiża li tindirizza waħda mill-problemi prinċipali identifikati fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri d-diffikultà li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam soċjali (Parti 1/2, p. 14 sa 17), hija intrinsikament marbuta ma' dan l-obbligu, li kien is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt u li tiegħu hija intiża li tiżgura l-osservanza. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-premessa 14 ta' dan l-aħħar regolament, u kif ġie rrilevat fil-punt 189 ta' din is-sentenza, l-obbligu fil-qasam tal-prova stabbilit mill-imsemmija miżura jista' jiġi ssodisfatt permezz ta' kull dokument, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma impona ebda modalità partikolari f'dan ir-rigward.

239 Għaldaqstant, l-argumenti tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja bbażati fuq in-nuqqas ta' eżami mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-effetti li jirriżultaw mill-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għandhom jiġu miċħuda.

– *Fuq il-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054*

240 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni jkunu adattati sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, bil-kundizzjoni li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri adegwati, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva u li l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (sentenza tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 340 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

241 Dan il-prinċipju huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 5(4) TUE, kif ukoll fl-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

242 F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu, marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fl-oqsma fejn l-azzjoni tiegħu timplika għażliet ta' natura kemm politika kif ukoll ekonomika jew soċjali u fejn huwa jkun meħtieġ iwettaq evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet kumplessi. Għalhekk, il-kwistjoni ma hijiex jekk miżura adottata f'tali qasam kinitx l-unika jew l-aħjar waħda possibbli, iżda hija biss in-natura manifestament mhux xierqa tagħha meta mqabbla mal-għan li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jilħaq li tista' taffettwa l-legalità ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 112 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

243 Madankollu, anki meta jkollu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u għandu jeżamina jekk l-għanijiet imfittxija permezz tal-miżura magħżula humiex ta' natura li jiġġustifikaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki dawk sostanzjali, għal ċerti operaturi. Fil-fatt, bis-saħħa tal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-neċessità li jiġi żgurat li kwalunkwe piż fuq l-operaturi ekonomiċi jkun l-inqas wieħed possibbli u jkun proporzjonat għall-għan li għandu jintlaħaq (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 115 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

244 Huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta l-att inkwistjoni jkun is-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja, li għandu jistabbilixxi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, sabiex adottah, huwa kien eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu billi ħa inkunsiderazzjoni l-elementi u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li dan l-att kien intiż li jirregola. Minn dan jirriżulta li, kif joħroġ diġà mill-punt 218 ta' din is-sentenza, dan il-leġiżlatur għandu, minn tal-inqas, ikun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-miżuri kkontestati tal-imsemmi att u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

245 F'dan id-dawl, huwa r-rikorrent li għandu jippreżenta r-raġunijiet għaliex l-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-għażla normattiva tal-leġiżlatur tal-Unjoni huma sproporzjonati meta mqabbla mal-vantaġġi li twassal għalihom din l-għażla f'aspett differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 177 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

246 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li, meta l-att tal-Unjoni kkonċernat ikollu konsegwenzi fl-Istati Membri kollha u jkun jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn id-diversi interessi inkwistjoni, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn dan l-att, it-tfittxija għal tali bilanċ billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-Istati Membri kollha ma tistax, fiha nnifisha, titqies li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità (sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 167, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 106).

247 Il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 240 sa 246 ta' din is-sentenza japplikaw b'mod sħiħ għall-miżuri adottati fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, bħalma huma dawk previsti fir-Regolament 2020/1054, li, adottat abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, jimplika għażliet ta' natura politika u evalwazzjonijiet kumplessi li jikkonċernaw l-impatti ekonomiċi u soċjali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punti 112 u 113). Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, billi ta lill-Parlament u lill-Kunsill l-missjoni li jistabbilixxu politika komuni tat-trasport, it-Trattat FUE tahom marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli komuni adegwati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punti 29 u 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

248 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kisirx il-prinċipju ta' proporzjonalità meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

249 L-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li fir-rigward tiegħu għandha tiġi eżaminata l-proporzjonalità tagħha, huwa li jittejbu, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessi 1, 2, 6, 8, 14 u 36 ta' dan ir-regolament, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni, billi jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jmorru f'intervalli regolari fil-post ta' residenza tagħhom sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, bil-għan li l-perijodu li matulu x-xufiera jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali 'l bogħod minn dan il-post ta' residenza ma jkunx eċċessivament twil. L-għan tal-imsemmija dispożizzjoni huwa għalhekk li tirrimedja għall-assenza ta' regoli ċari dwar il-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u r-ritorn tax-xufiera fil-post ta' residenza tagħhom.

250 Dan l-għan jagħmel parti mill-kuntest tal-għan iktar ġenerali mfittex mir-Regolament 2020/1054, li huwa, kif tindika l-premessa 1 tiegħu, li jiġu żgurati kundizzjonijiet kummerċjali ġusti bejn l-impriżi tat-trasport sabiex jiġi żgurat li s-settur tat-trasport bit-triq ikun sigur, effikaċi u soċjalment responsabbli, bil-għan li tiġi ggarantita n-nondiskriminazzjoni u li jiġu attirati ħaddiema kkwalifikati. F'dan id-dawl, dan ir-regolament huwa intiż li jistabbilixxi regoli soċjali tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport bit-triq li jkunu ċari, proporzjonati, adattati għall-iskop tagħhom u faċli biex jiġu applikati u infurzati, kif ukoll biex ikunu implimentati b'mod effettiv u konsistenti fl-Unjoni kollha.

251 Ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, li ma jikkontestawx il-leġittimità ta' dawn id-diversi għanijiet, isostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser, fih innifsu, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

252 Sabiex jiġi ddeterminat jekk din id-dispożizzjoni tosservax dan il-prinċipju, għandu jiġi eżaminat jekk l-obbligu li hija tipprevedi huwiex adattat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija dispożizzjoni, li huwa t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà fit-toroq tax-xufiera billi jiġi żgurat li l-perijodu li matulu x-xufiera jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom ma jkunx eċċessivament twil, jekk dan l-obbligu jmurx manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u jekk huwiex proporzjonat fir-rigward tal-imsemmi għan.

Fuq in-natura adatta tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex

253 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tan-natura adatta tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li miżura li tobbliga lill-impriżi tat-trasport jippermettu lix-xufiera jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, sabiex, rispettivament, jibdew jew iqattgħu hemmhekk il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, hija ta' natura li tiżgura li dawn ix-xufiera ma jibqgħux imbiegħda matul perijodi twal mill-post ta' residenza tagħhom, peress li toffrilhom il-possibbiltà, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, li jirritornaw hemmhekk, f'intervalli regolari li ma jaqbżux erba' ġimgħat, wara li jkunu waslu, jekk ikun il-każ, skont il-modalitajiet konkreti ta' implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, konformement mal-għażliet offruti f'dan is-sens lill-impriżi tat-trasport, imfakkra fil-punti 186 sa 188 u 233 ta' din is-sentenza.

254 Huwa minnu li mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20 u 21) jirriżulta li, anki qabel l-adozzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, diversi xufiera, irrispettivament mill-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-persuna li timpjegahom, kienu diġà jmorru lura kull ġimagħtejn sa erba' ġimgħat fil-post ta' residenza tagħhom, b'tali mod li l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni għandu jkollu biss impatt limitat fuq l-impriżi tat-trasport.

255 Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Polonja, minn dan ma jistax jiġi dedott li dan l-obbligu ma huwiex adattat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex.

256 Fil-fatt, minkejja li numru diġà kbir ta' xufiera impjegati fl-Unjoni kienu jmorru lura mill-inqas kull erba' ġimgħat fil-post ta' residenza tagħhom qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, dan ma kienx il-każ għal dawn ix-xufiera kollha. Barra minn hekk, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20) irrileva, bħalma għamel l-istudju mwettaq mill-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni soċjali applikabbli għas-settur tat-trasport qabel l-adozzjoni ta' dan ir-regolament ("*Ex-post evaluation of social legislation in road transport and its enforcement, Final report*" ("Evalwazzjoni *ex post* tal-leġiżlazzjoni soċjali fis-settur tat-trasport u l-applikazzjoni tagħha, Rapport finali"), Ġunju 2016 (iktar 'il quddiem l-"evalwazzjoni *ex post* dwar il-leġiżlazzjoni soċjali"), p. 24), imsemmi fil-premessa 4 tal-imsemmi regolament, li l-perijodi li x-xufiera impjegati fl-Unjoni jqattgħu 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienu żdiedu b'mod sinjifikattiv matul l-aħħar għaxar snin. B'hekk, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan l-istess regolament jiggarantixxi preċiżament lix-xufiera kkonċernati protezzjoni soċjali ikbar, filwaqt li jiżgura, permezz tal-applikazzjoni ta' regola obbligatorja u uniformi fl-Unjoni, kompetizzjoni iktar ġusta bejn l-impriżi tat-trasport u titjib tas-sigurtà fit-toroq fl-Unjoni kollha.

257 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' validament iqis li din id-dispożizzjoni hija adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnha.

Fuq in-natura neċessarja tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

258 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, in-natura neċessarja tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, din qiegħda tiġi kkontestata mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja minħabba li kien hemm miżuri alternattivi inqas oneruż.

259 F'dan ir-rigward, huwa minnu li fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva kienet ġiet ikkunsidrata l-possibbiltà li dan l-obbligu jiġi limitat għall-każijiet li fihom ix-xufiera jagħżlu li jirritornaw, kif jirriżulta mill-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament, imsemmija mir-Repubblika tal-Polonja.

260 Madankollu, din l-għażla alternattiva ma ġietx aċċettata mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Fil-fatt, peress li, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 174 ta' din is-sentenza, ix-xufier huwa l-parti dgħajfa fir-relazzjoni kuntrattwali mal-persuna li timpjegah, tali alternattiva kienet tirriskja li twassal sabiex l-għażla tax-xufier ma tkunx kompletament libera, peress li dan seta' jkun is-suġġett ta' pressjoni sabiex jagħmel għażla li tkun favorevoli għall-interessi tal-persuna li timpjega. Issa, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 49) kien enfasizza preċiżament, f'dak li jirrigwarda t-teħid tal-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, id-diffikultà li tintwera l-eżistenza ta' libertà ta' għażla effettiva eżerċitata mix-xufiera.

261 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' leġittimament iqis li l-miżura alternattiva kkunsidrata mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx ser tasal għall-istess riżultat bħall-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

Fuq in-natura proporzjonata tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

262 Fir-rigward, fit-tielet lok, tan-natura proporzjonata tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi ddeterminat jekk, kif isostnu r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, din id-dispożizzjoni timponix, fid-dawl tal-għan imfittex minnha, piż eċċessiv fid-dawl tar-riperkussjonijiet negattivi li għandha, rispettivament, fuq l-impriżi tat-trasport, fuq ix-xufiera u fuq l-ambjent.

263 Fir-rigward tal-għan ta' interess ġenerali msemmi fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(3) TUE, l-Unjoni ma għandhiex biss tistabbilixxi suq intern, iżda għandha taħdem ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa, li jkun, b'mod partikolari, ibbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża għal impjieg sħiħ u għall-progress soċjali, u għandha tippromwovi, b'mod partikolari, il-protezzjoni soċjali. Għaldaqstant, l-Unjoni ma għandhiex biss għan ekonomiku, iżda wkoll għan soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punti 76 u 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Skont il-preambolu tat-Trattat FUE, it-titjib kostanti tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tal-impjieg jikkostitwixxi "għan ewlieni" tal-Unjoni.

264 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 90 TFUE jipprovdi li l-għanijiet tat-Trattati għandhom jintlaħqu fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport. Barra minn hekk, l-Artikolu 9 TFUE jippreċiża, speċifikament għall-għanijiet fil-qasam tal-politika soċjali, li l-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti marbuta ma' dawn l-għanijiet fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa meħtieġ jieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-imsemmija għanijiet li fosthom hemm, skont l-ewwel paragrafu

tal-Artikolu 151 TFUE, b'mod partikolari, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

265 L-importanza ta' dawn l-għanijiet tista' tiġġustifika konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli għal ċerti operaturi ekonomiċi (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et*, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 81, kif ukoll tat-2 ta' Settembru 2021, Irish Ferries, C-570/19, EU:C:2021:664, punt 98).

266 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat ukoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fil-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 TFUE, li jinkludu fosthom ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-għanijiet trażversali biss jekk ikun possibbli għalih li jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew żviluppi (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punti 41 u 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

267 B'mod partikolari, f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li jkunu affettwaw is-suq intern, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt li jadatta att leġiżlattiv sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid l-interessi inkwistjoni bil-għan li tiżdied il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kkonċernati u li jagħmel il-kompetizzjoni fi ħdan dan is-suq iktar ġusta billi jibdel il-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punti 62 u 64).

268 Issa, fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, il-Kummissjoni ma kkonstatatx biss li perijodi twal imqatta' 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom jistgħu jipproduċu effetti negattivi fuq is-saħħa tax-xufiera, f'termini ta' stress u ta' għeja, iżda wkoll li l-perijodi mqatta' mix-xufiera impjegati fl-Unjoni 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienu jidhru li żdiedu b'mod sinjifikattiv matul l-aħħar għaxar snin minħabba l-internazzjonalizzazzjoni tas-suq tat-trasport, filwaqt li enfasizzat li n-nuqqas ta' xufiera kien, parzjalment, ikkawżat mid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jagħmel ħsara għall-immaġni u għall-attrazzjoni tal-professjoni (Parti 1/2, p. 9 u 20).

269 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati, l-ewwel nett, l-argumenti dwar il-konsegwenzi negattivi għall-impriżi tat-trasport li jirriżultaw mill-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja.

270 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabel kollox li l-leġiżlatur tal-Unjoni żgura li jiggarantixxi ċertu livell ta' flessibbiltà lil dawn l-impriżi, sabiex itaffi tali konsegwenzi.

271 Fil-fatt, qabelxejn, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jikkonċernax il-perijodi kollha ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, iżda jikkonċerna biss dawk meħuda mix-xufiera matul kull perijodu ta' erba' ġimgħat, perijodu dan li jitnaqqas għal tliet ġimgħat biss meta x-xufiera jkunu preċedentement ħadu żewġ perijodi konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mnaqqsa.

272 Sussegwentement, billi ma speċifikax b'mod preċiż il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla marġni ta' manuvra lill-impriżi tat-trasport billi ppermettielhom jagħżlu l-mod li huma jqisu l-iktar adegwat sabiex iwettquh.

273 Barra minn hekk, kif diġà ġie indikat fil-punti 186 u 233 ta' din is-sentenza, l-imsemmija dispożizzjoni toffri l-possibbiltà lill-persuna li timpjega li torganizza r-ritorn tax-xufiera, jekk dawn ikunu jixtiequ, jew fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv ta' din il-persuna li timpjega, filwaqt li l-Kummissjoni, skont approċċ iktar radikali, kienet ikkunsidrat, fil-punt 5(c) tal-Artikolu 1 tal-Proposta tagħha għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, li tobbliga lill-persuna li timpjega torganizza dan ir-ritorn fil-post ta' residenza tax-xufiera tagħha biss.

274 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 561/2006, kif emendat bil-punt 11 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, joffri elementi ta' flessibbiltà addizzjonali f'dak li jirrigwarda r-ritorn tax-xufiera. Fil-fatt, dan il-punt 11 tal-Artikolu 1 jippermetti, b'deroga, lix-xufier, sabiex jasal fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tiegħu sabiex hemmhekk, rispettivament, jibda jew jieħu perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa, li jaqbeż il-ħin ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa b'mhux iktar minn siegħa, jew b'mhux iktar minn sagħtejn, bil-kundizzjoni li jkun osserva pawża mhux interrotta ta' tletin minuta immedjatament qabel is-sewqan addizzjonali, sakemm dan il-qbiż jiġi kkumpensat b'perijodu ta' mistrieħ ekwivalenti, meħud f'daqqa ma' kull perijodu ta' mistrieħ, sa mhux iktar tard mit-tmiem tat-tielet ġimgħa wara l-ġimgħa inkwistjoni. Mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 51) jirriżulta li din l-emenda kienet intiża li tippermetti lix-xufiera, b'mod partikolari dawk li jagħmlu vjaġġi internazzjonali twal, jaslu fil-post ta' residenza jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega sabiex jieħdu perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa f'dan il-post ta' residenza jew f'post ieħor privat tal-għażla tagħhom.

275 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-argumenti dwar l-ispejjeż li jimplika, għall-impriżi tat-trasport, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi enfasizzat li t-tisħiħ mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-protezzjoni soċjali ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema, f'dan il-każ permezz tal-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni, li huwa intiż li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom billi jiggarantixxi li l-ħin imqatta' 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom ma jkunx eċċessivament twil, jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali għall-persuni li jimpjegaw li huma obbligati jiżguraw l-osservanza tiegħu. Madankollu, il-fatt li obbligu stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jinvolvi ċerti spejjeż għall-impriżi tat-trasport li fuqhom jaqa' l-piż tiegħu ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex.

276 F'dan ir-rigward, fir-rigward, qabelxejn, tal-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja, fis-sens li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 joħloq, minħabba n-neċessità li jiġi organizzat ir-ritorn tax-xufiera, fejn parti sinjifikattiva minn dawn ir-ritorni titwettaq permezz ta' vetturi mingħajr tagħbija, spejjeż addizzjonali sinjifikattivi għal impriżi li ta' spiss ikollhom il-kwalità ta' SME, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dawn l-Istati Membri sempliċement isemmu, b'mod ġenerali u astratt, tali impatt fuq l-ispejjeż tal-impriżi tat-trasport mingħajr ma jressqu ebda element konkret ta' natura li juri kif dan l-impatt huwa

eċċessiv meta mqabbel mal-għan imfittex. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tenfasizza hija stess li l-ispejjeż li jirriżultaw minn ritorn fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tax-xufier huma "diffiċli li jiġu evalwati" u li huwa "diffiċli li jiġi prodott il-kalkolu tal-ispejjeż".

277 Issa, kif jirriżulta mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20 u 21), sa minn qabel id-dħul fis-seħħ tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-parti l-kbira tax-xufiera, irrispettivament mill-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-persuna li timpjegahom, kienu jmorru lura fil-post ta' residenza tagħhom minn tal-inqas kull erba' ġimgħat.

278 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument li permezz tiegħu r-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li din id-dispożizzjoni timponi piżijiet partikolarment onerużi fuq l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri kklassifikati bħala "Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni", meta mqabbla ma' grupp ieħor ta' Stati Membri kklassifikati, skont il-każ, bħala "Stati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni" jew bħala "Stati Membri li jinsabu fil-parti tal-Punent tal-Unjoni", għandu jiġi osservat li l-ispejjeż marbuta mal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jistgħu jkunu ikbar għall-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, li għażlu mudell ta' operat ekonomiku li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu mbiegħda mill-ewwel Stat Membru u li x-xufiera tagħhom iwettqu għalhekk l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom.

279 Madankollu, kif enfasizza ġustament il-Kunsill, huma preċiżament ix-xufiera impjegati minn impriżi tat-trasport li għażlu tali mudell ta' operat ekonomiku li għandhom l-iktar bżonn tal-protezzjoni li tirriżulta mir-regola ta' armonizzazzjoni prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, u dan jikkorrobora n-natura proporzjonata ta' din id-dispożizzjoni sabiex jintlaħaq l-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li hija tfittex.

280 Barra minn hekk, sa fejn il-mudell ta' operat ekonomiku inkwistjoni huwa essenzjalment adottat minn impriżi tat-trasport stabbiliti f'ċerti Stati Membri, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 246 ta' din is-sentenza, jirriżulta li, meta l-att tal-Unjoni kkonċernat ikollu konsegwenzi fl-Istati Membri kollha u jkun jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn id-diversi interessi inkwistjoni, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn dan l-att, it-tfittxija għal tali bilanċ billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-Istati Membri kollha ma tistax, fiha nnifisha, titqies li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

281 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita, imfakkra fil-punti 266 u 267 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li jkunu affettwaw is-suq intern, għandu d-dritt li jadatta att leġiżlattiv sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid tal-interessi inkwistjoni bil-għan li tiżdied il-protezzjoni soċjali tax-xufiera billi jibdel il-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u bil-għan li tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta.

282 Issa, f'dan il-każ, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried preċiżament, billi emenda l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ħin tax-xogħol tax-xufiera, jilħaq, kif jirriżulta mill-premessa 1 tar-Regolament 2020/1054, bilanċ ġdid li jieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, l-interess tax-xufiera li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll minn sigurtà fit-toroq ikbar u, min-naħa l-oħra, l-interess tal-persuni li jimpjegaw li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' trasport tagħhom f'kundizzjonijiet kummerċjali ġusti.

283 B'hekk, filwaqt li bbilanċja d-diversi interessi inkwistjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis, fil-kuntest tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, li ż-żieda sinjifikattiva, matul l-aħħar għaxar snin, tal-perijodi mqattgħin mix-xufiera impjegati fl-Unjoni 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienet għamlet neċessarja l-introduzzjoni ta' miżura speċifika intiża li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera kkonċernati u li l-effetti negattivi, fuq is-saħħa tagħhom, ta' perijodi twal imqatta' 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienu iktar gravi mill-konsegwenzi negattivi, b'mod partikolari f'termini ta' spejjeż, għal ċertu numru ta' impriżi li jipprovdu servizzi b'mod ftit jew wisq permanenti fi Stati Membri differenti minn dawk li fihom huma stabbiliti. Tali bbilanċjar mill-ġdid huwa konformi mal-ambizzjonijiet soċjali tal-Unjoni stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 9 TFUE.

284 Għalhekk, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jipproduċi effetti differenti fuq l-impriżi tat-trasport skont l-Istat Membru li fih dawn l-impriżi huma stabbiliti, xorta jibqa' l-fatt li l-eventwali effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw minn dan il-punt fil-qasam tal-piżijiet għal ċerti persuni li jimpjegaw għandhom jiġu bbilanċjati mal-effetti pożittivi li jirriżultaw minnu fil-qasam tal-protezzjoni soċjali għax-xufiera kollha impjegati fl-Unjoni. B'hekk, il-fatt li l-effetti prodotti minn din id-dispożizzjoni ma humiex identiċi fl-Istati Membri kollha ma jurix li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta miżura manifestament sproporzjonata.

285 Fir-rigward, barra minn hekk, tal-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu ta' dokumentazzjoni stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(8a) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi enfasizzat li dan l-obbligu ta' dokumentazzjoni huwa intiż li jirrimedja waħda mill-problemi prinċipali identifikati mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri d-diffikultà li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (Parti 1/2, p. 14 sa 17). Barra minn hekk, l-osservanza tal-obbligu previst f'din l-aħħar dispożizzjoni tista', kif diġà ġie indikat, b'mod partikolari, fil-punt 189 ta' din is-sentenza, tiġi pprovata permezz ta' kwalunkwe dokument, u għalhekk, b'mod partikolari, permezz tar-reġistrazzjonijiet tat-takografi u tar-reġistri tas-servizz tax-xufiera, u dan jista' jillimita l-ispejjeż tad-dokumentazzjoni hekk meħtieġa. Fil-fatt, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 561/2016 u l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Nru 165/2014, fil-verżjoni tagħhom applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, l-impriżi tat-trasport kellhom diġà jżommu u jaħżnu, għal mill-inqas sena, dawn l-aħħar żewġ tipi ta' dokumenti.

286 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-pandemija tal-COVID-19, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li ma kienx il-kompitu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrimedja l-effetti ta' din il-pandemija fil-kuntest tar-Regolament 2020/1054, li huwa intiż li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera, u dan inqas u inqas meta wieħed iqis li atti leġiżlattivi speċifiċi oħra tal-Unjoni kellhom tali għan, bħalma huma, fil-qasam tat-trasport, ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġislazzjoni dwar it-trasport (ĠU 2020, L 165, p. 10). L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 huma għalhekk irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-konformità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

287 Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 561/2006, kif emendat bil-punt 13 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jippermetti lill-Istati Membri jagħtu, f'każijiet urġenti u f'ċirkustanzi eċċezzjonali, deroga temporanja mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 561/2006 fil-qasam, b'mod partikolari, tal-ħinijiet ta' sewqan u tal-perijodu ta' mistrieħ, għal perijodu li ma jaqbiżx it-tletin jum, deroga li huma għandhom jimmotivaw kif xieraq u jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni.

288 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, l-argumenti dwar il-konsegwenzi negattivi għax-xufiera li jirriżultaw mill-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja, għandu, qabelxejn, jiġi miċħud bħala infondat l-argument li permezz tiegħu dawn l-Istati Membri jsostnu li din id-dispożizzjoni tillimita d-dritt tax-xufiera li jagħżlu l-post fejn jixtiequ jqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Fil-fatt, dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata, kif jirriżulta mill-punti 168 sa 180 ta' din is-sentenza, li l-imsemmija dispożizzjoni ċċaħħad lix-xufiera mill-possibbiltà li jagħżlu liberament post ieħor sabiex jieħdu dan il-perijodu ta' mistrieħ. Għalhekk, kif ġie indikat fil-punt 200 ta' din is-sentenza, dan l-argument għandu jiġi miċħud għal din ir-raġuni biss.

289 Fir-rigward tal-argument imressaq, f'dan il-kuntest, mir-Repubblika tal-Polonja, ibbażat fuq in-natura arbitrarja tal-postijiet fejn ix-xufiera, skont dan l-Istat Membru, huma obbligati, skont il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jibdew jew jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, minbarra dak li tfakkar fil-punt preċedenti, ma jistax jiġi serjament ikkontestat li ċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega u l-post ta' residenza tax-xufier, li oġġettivament jikkostitwixxu postijiet fejn xufier jista', skont il-każ, jibda jew iqatta' l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tiegħu, għandhom, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 211 u 212 tal-konklużjonijiet tiegħu, rabta reali ma' dan ix-xufier.

290 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li ċ-ċentru operattiv li miegħu xufier ikun normalment marbut għandu jikkorrispondi għall-post li minnu huwa jwettaq regolarment is-servizz tiegħu sabiex jiġbor kif ukoll isuq vettura mgħammra b'apparat ta' reġistrazzjoni u li lejh jirritorna fi tmiem is-servizz tiegħu fil-kuntest tal-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen (c-124/09, EU:C:2010:238, punti 27 u 31).

291 Min-naħa l-oħra, kif diġà ġie indikat fil-punt 184 ta' din is-sentenza, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Istat li fih il-persuni kkonċernati jirrisjedu abitwalment jikkorrispondi għal dak li fih jinsab ukoll iċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħhom.

292 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal għal għeja ikbar għax-xufiera minħabba ritorni fuq distanzi twal, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 561/2006, li l-kontenut tiegħu, essenzjalment, ma ġiex emendat bil-punt 8(b) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-ħin iddedikat minn xufier sabiex jirritorna fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegah jew fil-post ta' residenza tiegħu jikkostitwixxi ħin tax-xogħol. Issa, kif osserva ġustament il-Kunsill, dawn l-Istati Membri ma jispjegawx għal liema raġuni l-ħin tax-xogħol iddedikat għal tali ritorn jikkawża iktar għeja mill-ħin tax-xogħol relatat ma' kwalunkwe vjaġġ ieħor imwettaq fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport fdata mill-persuna li timpjega. Fir-realtà, kemm mill-evalwazzjoni *ex post* dwar

il-leġiżlazzjoni soċjali (p. 24) kif ukoll mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20) jirriżulta li l-perijodi twal li x-xufiera jqattgħu 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom huma preċiżament sors ta' għeja u ta' stress, li barra minn hekk ma huwa kkontestat minn ebda wieħed minn dawn l-erba' Stati Membri.

293 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-Rumanija fis-sens li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jippreġudika l-interessi tax-xufiera minħabba r-riskju ta' telf ta' impjiegi li jirriżulta minn fallimenti u minn rilokazzjonijiet tal-impriżi tat-trasport, dan l-argument huwa, fin-nuqqas ta' kwalunkwe element konkret ta' natura li jissostanzjah, ta' natura spekulattiva.

294 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, l-argumenti dwar il-konsegwenzi negattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-obbligu previst f'dan il-punt 6(d) tal-Artikolu 1, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jallegaw, b'mod partikolari, li dan l-obbligu jimplika li jiġu pprogrammati diversi vjaġġi addizzjonali fuq distanzi twal. Madankollu, kif ġie indikat, b'mod partikolari, fil-punt 236 ta' din is-sentenza, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt wera li l-parti l-kbira tax-xufiera, inklużi dawk impjegati fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni mill-1 ta' Mejju 2004, kienu jirritornaw, sa minn qabel l-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għall-post ta' residenza tagħhom f'intervalli regolari ta' inqas minn erba' ġimgħat.

295 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxu r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, bl-ebda mod ma huwa inevitabbli li x-xufiera jużaw vetturi mingħajr tagħbija sabiex jeżerċitaw id-dritt mogħti lilhom mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Fil-fatt, minn naħa, fil-kuntest tal-flessibbiltà li din id-dispożizzjoni tħalli lill-impriżi tat-trasport sabiex josservaw l-obbligu li hija tipprevedi, dawn l-impriżi jistgħu jirrikorru għal mezzi oħra ta' trasport, bħalma huwa t-trasport pubbliku, li l-użu tagħhom ma jidhirx li jwassal neċessarjament għal emissjonijiet addizzjonali marbuta mal-osservanza ta' dan l-obbligu bħala tali. Min-naħa l-oħra, huwa konċepibbli li r-ritorn f'wieħed miż-żewġ postijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni jista' jiġi abbinat ma' ritorn tal-vetturi tal-impriża tat-trasport fiċ-ċentru operattiv tagħha fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport abitwali.

296 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-allegat impatt tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq l-ambjent, b'mod partikolari fil-forma ta' eventwali żieda fl-emissjonijiet li jniġġsu, ma għandux rabta diretta ma' din id-dispożizzjoni, iżda jiddependi mill-għażliet organizzattivi mwettqa mill-impriżi tat-trasport għall-implimentazzjoni tal-obbligu previst fl-imsemmija dispożizzjoni.

297 Għaldaqstant, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jwassalx għal inkonvenjenzi manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni.

298 Fid-dawl tal-premess, ma jistax jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta l-imsemmija dispożizzjoni, mar lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

299 Għaldaqstant, l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja intiżi li jdaħħlu inkwistjoni l-proporzjonalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għandhom jiġu miċħuda.

300 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati l-ewwel sat-tielet parti tar-raba' motiv imqajjem mir-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni motiv imqajjem mir-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni parti tal-ewwel motiv imqajjem mir-Rumanija u l-ewwel motiv imqajjem mir-Repubblika tal-Polonja.

3) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

301 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel parti tal-ħames motiv tagħha, u r-Rumanija, permezz tat-tieni parti tat-tielet motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kif previst fl-Artikolu 18 TFUE. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka wkoll ksur tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, u tal-Artikolu 95(1) TFUE "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju".

302 Fl-ewwel lok, dawn it-tliet Stati Membri jsostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni sa fejn iwassal għal diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u dawk li huma stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Fil-fatt, l-organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera tat-trakkijiet b'tali mod li jkunu jistgħu jmorru lura fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom minn tal-inqas kull erba' ġimgħat hija ferm inqas oneruża għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li għandhom suq nazzjonali kbir, li x-xufiera tagħhom iwettqu operazzjonijiet ta' trasport fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport, qrib il-post ta' residenza tagħhom, milli għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, li s-suq nazzjonali tagħhom huwa limitat u li jikkonċentraw fuq it-trasport internazzjonali. B'mod partikolari, ir-Rumanija ssostni li l-obbligu previst f'dan il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 huwa ta' natura li jwassal għal telf kbir għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, telf li fi kwalunkwe każ huwa ferm ogħla minn dak imġarrab mill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali jew tal-Ewropa tal-Punent. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-effetti fuq is-suq tat-trasport tar-Regolament 2020/1054 u, b'mod partikolari, tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tiegħu, kellha tieħu inkunsiderazzjoni elementi oħra tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà. Evalwazzjoni globali ta' dawn il-miżuri turi, fil-fatt, in-natura diskriminatorja globali tagħhom għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

303 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li d-diskriminazzjoni maħluqa mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fil-konfront tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni tostakola l-eżerċizzju tal-libertajiet li huma l-karatteristiċi tas-suq intern peress li dawn l-impriżi jinsabu f'sitwazzjoni sfavorevoli meta mqabbla mal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni u fir-reġjuni madwar dan iċ-ċentru. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi għalhekk miżura protezzjonista, li permezz tagħha l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni qegħdin jiġu esklużi mis-suq tat-trasport f'parti mit-territorju tal-Unjoni u li hija intiża li jitnaqqas il-volum ta' attivitajiet ta' dawn l-impriżi. Fil-fatt, dawn tal-aħħar għandhom mhux biss joffru lix-xufiera kundizzjonijiet ta' xogħol li jillimitaw il-moviment liberu

tagħhom, iżda għandhom ukoll jorganizzaw l-attività tagħhom b'tali mod li parti mill-vjaġġi mwettqa mill-vetturi ma tkunx profittabbli jew b'tali mod li l-vetturi jagħmlu vjaġġi mingħajr tagħbija, fl-istennija li x-xufiera jiġu ssostitwiti jew jiġu lura, wara l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom, miċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew mill-post ta' residenza tagħhom.

304 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Bulgarija jsostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal għal diskriminazzjoni kontra x-xufiera impjegati mill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni meta mqabbla ma' dawk impjegati mill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni, peress li r-ritorn fl-Istat Membru ta' residenza jimponi vjaġġi fuq distanzi twal f'perijodi qosra ta' żmien, li ma huwiex neċessarjament dak li jkunu jixtiequ x-xufiera. Fi ħdan l-istess Stat Membru, l-obbligu inkwistjoni joħloq ukoll diskriminazzjoni bejn ix-xufiera lokali u dawk ta' Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-ħaddiema impjegati fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni huma mqiegħda f'sitwazzjoni oġġettivament iktar ikkumplikata, billi, sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal mistrieħ ta' kull ġimgħa, normali jew kumpensatorju, ikollhom jivvjaġġaw distanzi ikbar u jitilfu iktar ħin meta mqabbla mal-ħaddiema impjegati fir-reġjuni li jinsabu madwar iċ-ċentru tal-Unjoni.

305 Fit-tielet lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri minħabba l-pożizzjoni ħafna iktar sfavorevoli tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

306 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

307 Preliminarjament, għandha tiġi miċħuda l-allegazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 95(1) TFUE, peress li, bi ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 120(c) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, imfakkra fil-punt 139 ta' din is-sentenza, dan l-Istat Membru jinvoka dan il-ksur mingħajr ma jipprovdi argumenti speċifiċi insostenn tal-allegazzjoni tiegħu filwaqt li sempliċement isemmi l-Artikolu 95(1) TFUE "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju".

308 B'dan ippreċiżat, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, li tiegħu l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21(1) tagħha huwa espressjoni partikolari, li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma għandhomx jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Frar 2022, Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto", C-262/20, EU:C:2022:117, punt 58, kif ukoll tal-14 ta' Lulju 2022, Il-Kummissjoni vs VW *et*, C-116/21 P sa C-118/21 P, C-138/21 P u C-139/21 P, EU:C:2022:557, punti 95 u 140 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

309 In-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet rispettivi inkwistjoni ma għandhiex tiġi evalwata b'mod globali u astratt, iżda b'mod speċifiku u konkret fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom. Dawn l-elementi għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li jagħmel parti minnu l-att ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2018, MB (Bidla

fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar), C-451/16, EU:C:2018:492, punt 42, u tal-10 ta' Frar 2022, OE (Residenza abitwali ta' konjuġi – Kriterju ta' nazzjonalità), C-522/20, EU:C:2022:87, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

310 Differenza fit-trattament ta' sitwazzjonijiet paragunabbli tkun iġġustifikata meta tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli, jiġifieri meta tkun relatata ma' għan legalment ammissibbli mfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u meta din id-differenza tkun proporzjonata għall-għan imfittex mit-trattament ikkonċernat (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 47, kif ukoll tas-27 ta' Jannar 2022, Fondul Proprietatea, C-179/20, EU:C:2022:58, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

311 F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, filwaqt li l-Artikolu 21(2) tal-Karta jiddikjara dan il-prinċipju, l-Artikolu 52(2) tagħha jipprovdi li d-drittijiet irrikonoxxuti minnha li jkunu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet fit-Trattati għandhom jiġu eżerċitati skont il-kundizzjonijiet u fil-limiti ddefiniti fihom. Dan huwa l-każ tal-Artikolu 21(2) tal-Karta li, kif ikkonfermat mill-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) relatati ma' din id-dispożizzjoni, jikkorrispondi mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE u għandu jiġi applikat konformement miegħu (sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Krah, C-703/17, EU:C:2019:850, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

312 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 18 TFUE, li jistabbilixxi prinċipju ġenerali li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, ma jipprojbixxix biss id-diskriminazzjoni diretta, ibbażata fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll il-forom indiretti kollha ta' diskriminazzjoni li, b'applikazzjoni ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, iwasslu fil-fatt għall-istess riżultat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-75/11, EU:C:2012:605, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

313 Barra minn hekk, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan tal-aħħar għandu, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu, marġni wiesa' ta' evalwazzjoni meta jintervjeni f'qasam li jinvolvi għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali u meta jkun meħtieġ iwettaq evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet kumplessi. B'hekk, hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' miżura adottata f'dan il-qasam, fid-dawl tal-għan li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun qiegħed ifittex, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2022, OE (Residenza abitwali ta' konjuġi – Kriterju ta' nazzjonalità), C-522/20, EU:C:2022:87, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, anki fil-preżenza ta' tali marġni ta' evalwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u adegwati fid-dawl tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi fattwali kollha kif ukoll id-data teknika u xjentifika disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 58).

314 Fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu, minbarra l-għan imfittex, jieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-interessi inkwistjoni. Fil-kuntest tal-eżami tar-restrizzjonijiet marbuta mad-diversi miżuri possibbli, għandu jiġi kkunsidrat li, għalkemm l-importanza tal-għanijiet imfittxija tkun tali li tiġġustifika konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki jekk kunsiderevoli, għal ċerti operaturi, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax joħloq riżultati manifestament inqas adegwati minn dawk li jirriżultaw minn

miżuri oħra li jkunu wkoll adegwati għal dawn l-għanijiet (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

315 F'dan il-każ, huwa paċifiku li r-regola stabbilita fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn timponi fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikollhom il-possibbiltà jirritornaw, kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, tapplika mingħajr distinzjoni għall-impriżi tat-trasport ikkonċernati kollha, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, għax-xufiera kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, kif ukoll għall-Istati Membri kollha, b'tali mod li din ir-regola ma toħloqx diskriminazzjoni diretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni.

316 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 308 sa 310 ta' din is-sentenza, jekk din id-dispożizzjoni tapplikax b'mod inġustifikat regola identika għal sitwazzjonijiet differenti, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan imfittex minnha, u jekk, minħabba f'hekk, tikkostitwixxix diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni, sa fejn, kif essenzjalment isostnu l-Istati Membri rikorrenti, hija tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu, fil-fehma tagħhom, fil-"periferija tal-Unjoni", lix-xufiera impjegati minn dawn l-impriżi u lil dan il-grupp ta' Stati Membri.

317 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punti 249 u 250 ta' din is-sentenza, l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll is-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni, billi tiżguralhom il-possibbiltà li ma jqattgħux ħin eċċessivament twil 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom, u hija intiża wkoll li tiggarantixxi kompetizzjoni leali u mhux distorta bejn l-impriżi tat-trasport fit-territorju tal-Unjoni.

318 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Unjoni, ma jistax jiġi eskluż, minkejja li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 japplika mingħajr distinzjoni għal dawn l-impriżi kollha, li din id-dispożizzjoni tista', kif ġie rrilevat fil-punt 278 ta' din is-sentenza, ikollha impatt ikbar fuq l-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, li għażlu mudell ta' operat ekonomiku li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu mbiegħda mill-ewwel Stat Membru.

319 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 236 ta' din is-sentenza, mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt jirriżulta li parti kbira minn dawn l-impriżi tat-trasport, inklużi dawk stabbiliti fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni mill-1 ta' Mejju 2004, kienu diġà jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom b'mod kompatibbli mal-obbligu issa previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

320 F'dan il-kuntest, din id-dispożizzjoni mhux talli ma toħloqx diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport iżda hija intiża, għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 17 u 18) u mill-premessa 1 tar-Regolament 2020/1054, li tirrimedja l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusti għall-impriżi tat-trasport li preċedentement setgħu jiġi inkoraġġuti, minħabba l-assenza ta' regoli ċari dwar ir-ritorn tax-xufiera, mill-interpretazzjonijiet

u mill-prattiki nazzjonali differenti, u dan billi ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 316 ta' din is-sentenza, u billi b'hekk tiggarantixxi kemm is-sigurtà fit-toroq kif ukoll kompetizzjoni leali u mhux distorta bejn l-impriżi tat-trasport.

321 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 266 u 267 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li jkunu affettwaw is-suq intern, għandu d-dritt jadatta att leġiżlattiv sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid tal-interessi inkwistjoni bil-għan li tiżdied il-protezzjoni soċjali tax-xufiera billi jibdel il-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

322 Għaldaqstant, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax titqies li hija, fiha nnifisha, kuntrarja għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li twassal għal konsegwenzi differenti għal ċerti operaturi ekonomiċi, meta din is-sitwazzjoni tkun il-konsegwenza ta' kundizzjonijiet operattivi differenti li jkunu fihom, b'mod partikolari minħabba l-għażla tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1958, Wirtschaftsvereinigung Eisen- und Stahlindustrie *et* vs L-Awtorità Għolja, 13/57, EU:C:1958:10, p. 292, kif ukoll tat-13 ta' Novembru 1973, Werhahn Hansamühle *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 63/72 sa 69/72, EU:C:1973:121, punt 17), u mhux ta' inugwaljanza fid-dritt inerenti għad-dispożizzjoni kkontestata.

323 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal sabiex sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 308 ta' din is-sentenza, dan it-trattament ikun oġġettivament iġġustifikat mill-għanijiet imfittxija fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, konformement mal-Artikolu 90 TFUE. Dawn l-għanijiet jinkludu, b'mod partikolari, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, imsemmi fil-preambolu tat-Trattat FUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, imsemmija fl-Artikolu 9 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

324 F'dan ir-rigward, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma marx lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni li huwa għandu, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 313 ta' din is-sentenza, bl-għażla tiegħu li jostakola, billi adotta dispożizzjoni applikabbli mingħajr distinzjoni għal kull impriża tat-trasport stabbilita fl-Unjoni, ċerti prattiki identifikati bħala li jikkontribwixxu għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tax-xufiera, minkejja li din l-għażla timplika li ċerti impriżi tat-trasport ser ikollhom ibatu spejjeż ogħla.

325 Fil-fatt, fid-dawl tal-elementi fattwali kif ukoll tad-data teknika u xjentifika disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni bbaża din l-għażla fuq kriterji oġġettivi u adegwati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija, billi ħa inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-interessi inkwistjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 313 u 314 ta' din is-sentenza.

326 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn ix-xufiera, invokata mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Bulgarija, l-argument ta' dawn iż-żewġ Stati Membri huwa bbażat essenzjalment, jekk mhux esklużivament, fuq il-premessa żbaljata li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, mingħajr ma jkunu jistgħu jagħżlu liberament il-post fejn jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Minn dan l-aspett, tali argument għandu għalhekk jiġi miċħud, kif diġà ġie indikat fil-punt 200 ta' din is-sentenza.

327 Mill-bqija, ix-xufiera kollha impjegati fl-Unjoni jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli f'dak li jirrigwarda d-dritt tagħhom li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa. B'mod partikolari, dawn ix-xufiera kollha għandhom ikunu jistgħu, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, jieħdu dan il-perijodu ta' mistrieħ regolarment fil-post ta' residenza tagħhom jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

328 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 342 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma jistax jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni qabeż b'mod manifest il-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu meta naqas milli jistabbilixxi distinzjoni bejn xufiera differenti skont id-distanza li dawn ikollhom jivvjaġġaw sabiex imorru lura fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, meta tali distinzjoni kien ikollha l-effett li teskludi ċerti xufiera mill-protezzjoni soċjali ggarantita mill-miżura prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, minħabba l-mudell ta' operat ekonomiku magħżul mill-persuna li timpjegahom.

329 Fil-fatt, kif ġustament isostni l-Kunsill, peress li x-xufiera kollha tas-settur tat-trasport bit-triq jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli f'dak li jirrigwarda d-dritt tagħhom li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa, huma għandhom jingħataw l-istess drittijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-ritorn fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, irrispettivament mill-ispejjeż differenti li l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet jista' jikkawża għall-persuni rispettivi li jimpjegawhom, skont il-mudell ta' operat ekonomiku magħżul minnhom.

330 F'dan ir-rigward, kif ġie rrilevat fil-punt 279 ta' din is-sentenza, huma preċiżament ix-xufiera li huma impjegati mill-impriżi tat-trasport li jipprovdu l-pari essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri mbiegħda mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti dawn l-impriżi, u li għalhekk, bħala prinċipju, iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom, li għandhom l-iktar bżonn tal-protezzjoni stabbilita mir-regola ta' armonizzazzjoni prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

331 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, invokata mir-Repubblika tal-Bulgarija, l-argument ta' dan l-Istat Membru huwa bbażat ukoll, essenzjalment, jekk mhux esklużivament, fuq il-premessa żbaljata li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, mingħajr ma jkunu jistgħu jagħżlu liberament il-post fejn jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Minn dan l-aspett, tali argument għandu għalhekk jiġi miċħud.

332 Mill-bqija, anki jekk jitqies li ċerti Stati Membri huma indirettament affettwati iktar minn oħrajn minn din id-dispożizzjoni, minkejja n-natura indistintament applikabbli tagħha, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, att tal-Unjoni li jkollu l-għan li jarmonizza r-regoli tal-Istati Membri, sa fejn japplika b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha, ma jistax jitqies li huwa diskriminatorju peress li tali att ta' armonizzazzjoni joħloq inevitabbilment effetti diverġenti skont l-istat preċedenti tal-leġiżlazzjonijiet u tal-prattiki nazzjonali differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et*, C-331/88, EU:C:1990:391, punt 20).

333 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jiddaħħlu inkwistjoni mill-allegazzjoni tar-Rumanija, ibbażata fuq l-effett diskriminatorju globali li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet kollha li jagħmlu parti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà" u li huma s-suġġett tat-tliet rikorsi ppreżentati minn dan l-Istat Membru fil-Kawżi C-546/20 sa C-548/20. Fil-fatt, fil-Kawża C-546/20, ir-Rumanija ma stabbilixxietx li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jagħti lok għal diskriminazzjoni. Mill-bqija, il-kritika ta' dan l-Istat Membru dwar ir-Regolament 2020/1055 u d-Direttiva 2020/1057 ser tiġi eżaminata fil-kuntest tal-motivi u tal-argumenti invokati minnu insostenn tar-rikorsi tiegħu fil-Kawżi C-547/20 u C-548/20 insostenn tat-talbiet tiegħu intiżi għall-annullament ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni jew ta' parti minnhom.

334 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ħames motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata, filwaqt li t-tieni parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja u t-tieni parti tat-tielet motiv invokat mir-Rumanija għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

4) Fuq ksur tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE

i) L-argumenti tal-partijiet

335 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser l-Artikolu 45 TFUE peress li jimponi r-ritorn tax-xufiera fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, mingħajr ma jipprevedi l-possibbiltà għax-xufiera li jagħżlu huma stess il-post fejn iridu jqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Mill-bqija, dawn l-Istati Membri josservaw li, skont l-Artikolu 4(f) tar-Regolament Nru 561/2006, ix-xufiera għandhom id-dritt fundamentali li jagħżlu l-post fejn jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom.

336 Dawn l-Istati Membri jargumentaw li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iċaħħad ukoll lix-xufiera mid-dritt tagħhom li jirrisjedu fi Stat Membru sabiex jeżerċitaw impjieg hemmhekk u li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkunu ħadmu hemmhekk. Fil-fatt, ix-xufiera ma jistgħux jibqgħu fl-Istat Membru ospitanti wara li jkunu wettqu operazzjonijiet ta' trasport hemmhekk.

337 Huma jsostnu li, sabiex ikun effikaċi u utli, id-dritt tal-ħaddiema li jiġu rreklutati u impjegati mingħajr diskriminazzjoni għandu neċessarjament ikollu bħala komplement, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 1998, Clean Car Autoservice (C-350/96, EU:C:1998:205, punti 20 u 21), id-dritt tal-persuni li jimpjegaw li jirreklutawhom b'osservanza tar-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Issa, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni allegatament introduċa leġiżlazzjoni li tobbliga lill-impriżi tat-trasport jiksru l-moviment liberu tal-ħaddiema billi tobbligahom iġiegħlu lix-xufiera jirritornaw fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-impriża kontra r-rieda tagħhom. Din id-dispożizzjoni b'hekk tagħti lok għal diskriminazzjoni tax-xufiera attivi fis-settur tat-trasport bit-triq meta mqabbla mal-ħaddiema attivi f'setturi oħra tat-trasport.

338 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel parti tat-tieni motiv tagħha, issostni li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex kompatibbli mal-għan ta' funzjonament effikaċi u kompetittiv tas-suq intern stabbilit fl-Artikolu 26 TFUE. Skont dan

l-Istat Membru, dan il-punt 6(d) tal-Artikolu 1, minn naħa, jostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema u, min-naħa l-oħra, jittratta b'mod diskriminatorju lill-ħaddiema impjegati fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni meta mqabbla mal-ħaddiema impjegati fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni u fir-reġjuni li jinsabu madwar dan iċ-ċentru.

339 Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, fil-fatt, tal-ewwel jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament iktar ikkumplikata sa fejn, sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa, huma jkollhom jivvjaġġaw għal distanzi ikbar u jitilfu iktar ħin minn tat-tieni. Bl-istess mod, l-eżerċizzju tal-libertajiet karatteristiċi tas-suq intern huwa ostakolat għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni peress li huma jinsabu f'sitwazzjoni sfavorevoli meta mqabbla mal-impriżi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 huwa għalhekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-punt 303 ta' din is-sentenza fil-kuntest tal-argumenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, miżura protezzjonista.

340 Fit-tielet lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, issostni li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser l-Artikolu 21(1) TFUE u l-Artikolu 45 tal-Karta.

341 Skont dan l-Istat Membru, fil-fatt, bħala ċittadini tal-Unjoni, ix-xufiera għandhom id-dritt li jiċċaqilqu liberament fit-territorju tal-Unjoni matul il-perijodu ta' mistrieħ tagħhom. Il-fatt li dawn jiġu obbligati jitilqu mit-territorju ta' Stat Membru u jmorru f'post speċifiku sabiex hemmhekk jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom jikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni għall-moviment liberu ggarantit minn dawn id-dispożizzjonijiet.

342 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li din ir-restrizzjoni ma hijiex iġġustifikata mill-għan leġittimu intiż li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

343 Minn naħa, l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex adattat sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, id-dritt tax-xufiera li jużaw liberament il-perijodu ta' mistrieħ tagħhom għandu jinkludi l-libertà li jagħżlu l-post fejn ikunu jixtiequ jqattgħu dan il-perijodu ta' mistrieħ u li jiddeċiedu jekk għandhomx l-intenzjoni li jiċċaqilqu għal dan l-għan jew le, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-frekwenza taċ-ċikli ta' ritorn fl-Istat ta' residenza kif ukoll taż-żieda fl-istress u fl-għeja kkawżati minn vjaġġi frekwenti u twal marbuta mal-osservanza tal-obbligu ta' ritorn. Il-miżura inkwistjoni għandha tagħti lill-ħaddiema kkonċernati vantaġġ reali li jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għall-protezzjoni soċjali tagħhom.

344 Min-naħa l-oħra, dan l-obbligu jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnu. Fil-fatt, l-għan li jiġi ggarantit ritorn normali tax-xufiera fil-post ta' residenza tagħhom jista' jintlaħaq ukoll b'mod daqstant effikaċi permezz ta' miżura, bħalma hija dik li kienet ippreferuta mill-Parlament, li tikkonsisti fl-għoti lix-xufiera tad-dritt li jagħżlu post ieħor ta' mistrieħ, bil-kundizzjoni li tali għażla tkun ġiet innotifikata bil-miktub lill-persuna li timpjega mill-inqas ġimgħa qabel jittieħed tali perijodu ta' mistrieħ.

345 Fir-raba' lok, ir-Rumanija ssostni, permezz tat-tieni motiv tagħha, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, minkejja li huwa applikabbli mingħajr distinzjoni, jirrestrinġi b'mod mhux iġġustifikat il-libertà ta' stabbiliment stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

346 Hija targumenta li, minn naħa, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimplika, għall-impriżi tat-trasport, obbligi amministrattivi ġodda li jwasslu għal żieda fl-ispejjeż sostnuti. Fil-fatt, dawn l-impriżi għandhom ikunu f'pożizzjoni, b'mod partikolari, li jipproduċu prova tal-organizzazzjoni tar-ritorn regolari tax-xufiera permezz tar-reġistrazzjonijiet tat-takografu, tar-reġistri tas-servizz tax-xufiera jew ta' dokumenti oħra. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' impriża tat-trasport fi Stat Membru li jinsab fil-periferija tal-Unjoni ser ikun inqas profittabbli fid-dawl tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar kull erba' ġimgħat fuq eluf ta' kilometri addizzjonali, sabiex jiġi organizzat ir-ritorn mill-Istati Membri fejn hija kkonċentrata d-domanda għas-servizzi ta' trasport.

347 Min-naħa l-oħra, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal għal tnaqqis fid-dħul għall-impriżi tat-trasport. Fil-fatt, peress li l-parti l-kbira ta' dawn l-impriżi huma SMEs, l-osservanza tal-miżuri li jirriżultaw minn dan il-punt għandha riperkussjonijiet fuq parti importanti tas-suq, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-perijodi li matulhom ix-xufiera ma jeżerċitaw ebda attività li tħalli qligħ, u għalhekk għandha l-effett li tillimita l-attività kummerċjali tal-imsemmija impriżi. Din id-dispożizzjoni għalhekk tħeġġeġ lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni sabiex joħolqu sussidjarji jew fergħat, jew saħansitra jirrilokaw l-attività tagħhom, fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru jew fil-parti tal-Punent tal-Unjoni, filwaqt li għandha effett disważiv fuq l-impriżi tat-trasport stabbiliti f'dawn l-aħħar Stati Membri fir-rigward tal-ħolqien ta' kumpanniji f'dawk tal-ewwel. Issa, din ir-rilokazzjoni ma tirriżultax minn għażla ġenwina, iżda hija l-konsegwenza tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-obbligu li jiġu osservati l-kundizzjonijiet il-ġodda stabbiliti fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

348 Fil-ħames lok, fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Rumanija ssostni li l-obbligu għat-trasportaturi li jorganizzaw l-attività tagħhom b'tali mod li l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa jittieħdu skont ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jwassal għal restrizzjonijiet mhux iġġustifikati fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Ir-Repubblika tal-Bulgarija, fil-kuntest tal-ħames motiv tagħha, tallega wkoll li din id-dispożizzjoni tikser l-imsemmija libertà fundamentali.

349 Ir-Rumanija tenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-impriżi tat-trasport ser ikollhom, minħabba l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom b'tali mod li dawn il-perijodi ta' mistrieħ jittieħdu konformement ma' dawn ir-rekwiżiti. Issa, il-parti l-kbira tagħhom huma SMEs, kif jixhed il-fatt li, f'dan l-Istat Membru, madwar 83 % tal-impriżi tat-trasport għandhom bejn vettura waħda u ħames vetturi. F'dan il-kuntest, il-miżuri meħuda sabiex tiġi żgurata konformità ma' din id-dispożizzjoni jikkundizzjonaw ukoll il-perijodi li matulhom ix-xufiera ma jeżerċitaw ebda attività li tħalli qligħ, u dan iwassal għal tnaqqis fid-dħul. Peress li l-organizzazzjoni tar-ritorn tax-xufiera timplika telf ikbar għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, dawn huma mġiegħla, sabiex inaqqsu l-ispejjeż tagħhom, jidderieġu l-attivitajiet tagħhom lejn l-Istati Membri li jinsabu fl-Ewropa tal-Punent billi joħolqu sussidjarji jew fergħat hemmhekk, jew saħansitra billi jirrilokaw l-attività tagħhom hemmhekk. Issa, is-settur tat-trasport huwa essenzjali għall-ekonomija nazzjonali, b'mod partikolari għall-esportazzjonijiet.

350 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

351 Preliminarjament, għandha tiġi miċħuda l-allegazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ibbażata fuq ksur tal-"libertà li jiġu pprovduti servizzi", peress li, bi ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 120(c) tar-Regoli tal-Proċedura, imfakkra fil-punt 139 ta' din is-sentenza, dan l-Istat Membru jinvoka tali ksur mingħajr ma jipprovdi argumenti speċifiċi insostenn ta' din l-allegazzjoni.

352 B'dan premess, għandu jitfakkar li, fil-qasam tat-trasport, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma hijiex irregolata mill-Artikolu 56 TFUE, li jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali, iżda mill-Artikolu 58(1) TFUE, li huwa dispożizzjoni speċifika li tipprovdi li "[i]l-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport għandu jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura dwar it-trasport", jiġifieri d-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, titolu li fih jinsabu l-Artikoli 90 sa 100 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Yellow Cab Verkehrsbetrieb, C-338/09, EU:C:2010:814, punt 29, u tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ), C-167/22, EU:C:2023:1020, punt 39).

353 Minn dan jirriżulta li s-servizzi fil-qasam tat-trasport, fis-sens tal-Artikolu 58(1) TFUE, huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE (sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 160, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ), C-167/22, EU:C:2023:1020, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

354 Għaldaqstant, skont it-Trattat FUE, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport għandha titwettaq bl-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport, kif irregolata mill-Artikoli 90 sa 100 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Yellow Cab Verkehrsbetrieb, C-338/09, EU:C:2010:814, punt 30).

355 B'mod partikolari, għandu jitfakkar f'dan ir-rigward, qabelxejn, li, skont l-Artikolu 91(1) TFUE, il-Parlament u l-Kunsill, b'deċiżjoni meħuda konformement mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-KESE u l-KtR, għandhom jistabbilixxu, bil-għan li titwettaq din il-politika komuni u filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti speċjali tat-trasport, l-ewwel, regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru, jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar, it-tieni, il-kundizzjonijiet ta' aċċess ta' trasportaturi mhux residenti għat-trasport nazzjonali fi Stat Membru, it-tielet, il-miżuri li jippermettu li tittejjeb is-sigurtà tat-trasport u, ir-raba', id-dispożizzjonijiet adegwati l-oħra kollha. Fl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu, skont l-Artikolu 91(2) TFUE, jieħu inkunsiderazzjoni l-każijiet li fihom l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tista' tolqot b'mod gravi l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport. Sussegwentement, skont l-Artikolu 94 TFUE, kull miżura fil-qasam tal-prezzijiet u tal-kundizzjonijiet tat-trasport, meħuda fil-kuntest tat-Trattati, għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 95 TFUE jipprojbixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, id-diskriminazzjonijiet, fit-traffiku fi ħdan l-Unjoni, li jikkonsistu fl-applikazzjoni minn trasportatur, għall-istess merkanzija fuq l-istess konnessjonijiet tat-traffiku, prezzijiet u kundizzjonijiet tat-trasport differenti minħabba l-pajjiż ta' oriġini jew ta' destinazzjoni tal-prodotti ttrasportati.

356 Għalhekk, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif iggarantita mill-Artikolu 56 TFUE tista' tapplika għas-servizzi tat-trasport biss sa fejn att tal-Unjoni adottat abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar it-trasport ikun għamilha applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Kummissjoni vs Franza, C-381/93, EU:C:1994:370, punti 12 u 13; tas-6 ta' Frar 2003, Stylianakis, C-92/01, EU:C:2003:72, punt 24, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ), C-167/22, EU:C:2023:1020, punt 40).

357 Għall-kuntrarju, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, previsti fl-Artikoli 49 sa 55 TFUE, japplikaw direttament għat-trasport (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Yellow Cab Verkehrsbetrieb, C-338/09, EU:C:2010:814, punt 33).

358 Minn dan isegwi li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 48 u 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-istatus tat-trasport fid-dritt tal-Unjoni huwa kkaratterizzat mill-applikazzjoni fl-istess ħin, minn naħa, ta' dritt ta' stabbiliment f'kull Stat Membru bbażat fuq it-Trattat FUE u, min-naħa l-oħra, ta' dritt għat-trasportaturi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport li huwa ggarantit biss sa fejn dan id-dritt ikun ġie rrikonoxxut permezz ta' miżuri tad-dritt sekondarju adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, prevista fl-Artikoli 90 sa 100 TFUE. Dan l-istatus speċjali għalhekk jillimita l-possibbiltà għaċ-ċittadini tal-Istati Membri li jipprovdu temporanjament is-servizzi tat-trasport bit-triq tagħhom fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom, filwaqt li jħalli, għall-kuntrarju, liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha d-dritt li jistabbilixxu ruħhom, billi jeżerċitaw il-libertà fundamentali stabbilita fl-Artikoli 49 sa 55 TFUE, fi Stat Membru ieħor b'mod permanenti sabiex jeżerċitaw hemmhekk il-professjoni ta' trasportatur taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru.

359 F'dan il-każ, f'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-allegat ksur, minn naħa, tal-Artikolu 26 TFUE, dwar il-funzjonament tas-suq intern, u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 21(1) TFUE u tal-Artikolu 45(1) tal-Karta, dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll tal-Artikolu 45 TFUE, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, għandu jiġi kkonstatat li l-motivi u l-argumenti mressqa f'dan ir-rigward mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Bulgarija huma bbażati esklużivament fuq il-premessa żbaljata, kif ġie rrilevat fil-punti 168 sa 180 ta' din is-sentenza, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, mingħajr ma jkunu jistgħu jagħżlu liberament il-post fejn jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. Dawn il-motivi u dawn l-argumenti għandhom għalhekk, kif diġà ġie indikat fil-punt 200 ta' din is-sentenza, jiġu miċħuda għal din ir-raġuni biss.

360 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegat ksur tal-libertà ta' stabbiliment, invokat mir-Rumanija, għandu jitfakkar li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE jipprovdi li, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu pprojbiti.

361 Kif jirriżulta mill-punt 357 ta' din is-sentenza, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment japplikaw direttament għat-trasport u mhux, b'differenza għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bl-intervent tat-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE dwar it-trasport.

362 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-libertà ta' stabbiliment li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Istati Membri u li timplika għal dawn tal-aħħar id-dritt li jkollhom aċċess għal u li jeżerċitaw attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom, kif ukoll id-dritt li joħolqu u jamministraw impriżi, fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment għaċ-ċittadini nazzjonali tiegħu, tinkludi, konformement mal-Artikolu 54 TFUE, għall-kumpanniji inkorporati konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom jew l-istabbiliment prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, Admiral Gaming Network *et*, C-475/20 sa C-482/20, EU:C:2022:714, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

363 Il-kunċett ta' "stabbiliment", fis-sens tat-Trattat FUE, għandu portata wiesgħa ħafna u jimplika l-possibbiltà għal ċittadin ta' Stat Membru li jipparteċipa, b'mod stabbli u kontinwu, fil-ħajja ekonomika ta' Stat Membru differenti mill-Istat ta' oriġini tiegħu, u li jislet vantaġġ minnha, b'differenza mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li bis-saħħa tagħha tali ċittadin jeżerċita l-attività tiegħu fi Stat Membru ieħor b'mod temporanju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, EU:C:1995:411, punti 25 u 26).

364 Dan il-kunċett għalhekk jimplika l-eżerċizzju effettiv ta' attività ekonomika permezz ta' installazzjoni stabbli fl-Istat Membru ospitanti għal żmien indeterminat. Għaldaqstant, dan il-kunċett jirrikjedi bażi reali tal-operatur ikkonċernat f'dan l-Istat Membru u l-eżerċizzju ta' attività ekonomika effettiva fih (sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Institut des Experts en Automobiles, C-502/20, EU:C:2021:678, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

365 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha titqies bħala restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment kull miżura li tipprojbixxi, tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ggarantita mill-Artikolu 49 TFUE (sentenzi tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 2023, Prestige and Limousine, C-50/21, EU:C:2023:448, punt 61), fejn din il-projbizzjoni ma tapplikax biss għall-miżuri nazzjonali iżda wkoll għal dawk li joħorġu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, b'analoġija, f'dak li jirrigwarda l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

366 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat ukoll li anki restrizzjoni ta' portata limitata jew ta' importanza minuri għal din il-libertà fundamentali hija, bħala prinċipju, ipprojbita mit-Trattat FUE (sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, Admiral Gaming Network *et*, C-475/20 sa C-482/20, EU:C:2022:714, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

367 Skont ġurisprudenza stabbilita, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi ammessa biss jekk, fl-ewwel lok, tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u, fit-tieni lok, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika li din ir-restrizzjoni għandha tkun adegwata sabiex tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għan imfittex u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenzi tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 65, kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 2023, Prestige and Limousine, C-50/21, EU:C:2023:448, punt 64).

368 F'dan il-każ, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li huwa applikabbli mingħajr distinzjoni għall-impriżi kollha tat-trasport li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 561/2006, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, ma jikkostitwixxix restrizzjoni, lanqas minima, għal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mill-Artikolu 49 TFUE, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Rumanija.

369 Minn naħa, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 bl-ebda mod ma jostakola d-dritt tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri oħra minbarra r-Rumanija li jeżerċitaw hemmhekk l-attivitajiet ta' trasport tagħhom permezz tal-ħolqien ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija.

370 Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni lanqas ma tostakola d-dritt tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fir-Rumanija li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi Stati Membri oħra tal-għażla tagħhom permezz tal-ħolqien fihom ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija.

371 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-allegazzjonijiet tar-Rumanija dwar l-ispejjeż li jimplika l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għall-impriżi tat-trasport.

372 Huwa minnu li l-impriżi tat-trasport li, qabel l-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ma kinux jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera tagħhom b'mod li dawn ikunu jistgħu jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat fl-Istat Membru li fih dawn l-impriżi huma stabbiliti jew fil-post ta' residenza tagħhom jaf ikollhom ibatu spejjeż addizzjonali minħabba l-introduzzjoni tal-obbligu previst fl-imsemmija dispożizzjoni. Madankollu, tali impatt jolqot lill-imsemmija impriżi indipendentement mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, u dan minħabba l-mudell ta' operat ekonomiku li huma adottaw.

373 Barra minn hekk, huwa minnu li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jkollu impatt ikbar fuq l-impriżi tat-trasport li x-xufiera tagħhom iwettqu matul perijodu twil vjaġġi 'l bogħod miċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew mill-post ta' residenza tagħhom, sa fejn dan l-obbligu jista' jwassal għal ċerti spejjeż addizzjonali għal dawn l-impriżi kif ukoll għal eventwali telf ta' dħul. Madankollu, din id-differenza fl-impatt, li toriġina mill-mudell ta' operat ekonomiku adottat mill-imsemmija impriżi, bl-ebda mod ma tirrifletti l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 370 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma tillimita l-libertà tal-impriżi tat-trasport li jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri oħra billi jistabbilixxu ruħhom hemmhekk u billi jeżerċitaw hemmhekk b'mod effettiv l-attività ta' trasportatur permezz ta' installazzjoni stabbli.

374 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet u fl-aħħar lok, l-allegazzjoni tar-Rumanija li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jwassal għal restrizzjonijiet mhux iġġustifikati għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, anki jekk jitqies li l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni jista' jagħmel inqas attraenti l-provvisti ta' servizzi ta' trasport li jaqgħu taħt il-mudell ta' operat ekonomiku msemmi fil-punti 372 u 373 ta' din is-sentenza, minn dan madankollu ma jirriżultax ksur tar-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

375 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 352 sa 358 ta' din is-sentenza, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport ma hijiex irregolata mill-Artikolu 56 TFUE, li jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali, iżda mill-Artikolu 58(1) TFUE, dispożizzjoni speċifika li

tipprovdi li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport hija rregolata mill-Artikoli 90 sa 100 TFUE, li jifformaw it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE dwar il-politika komuni tat-trasport. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport għandha, għaldaqstant, titwettaq, skont dan it-Trattat, permezz tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport, li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet adottati mill-Parlament u mill-Kunsill abbażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 91(1) TFUE.

376 Dan huwa preċiżament l-għan tar-Regolament 2020/1054, adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni, sabiex jemenda r-Regolament Nru 561/2006, li min-naħa tiegħu kien ġie adottat abbażi tal-Artikolu 71 tat-Trattat KE, li sar l-Artikolu 91 TFUE, sabiex jiġu armonizzati ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq.

377 Minn dan jirriżulta li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 177 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt, billi jadatta att leġiżlattiv sabiex iżid il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kkonċernati, li jibdel il-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport bit-triq, peress li, skont l-Artikolu 58(1) TFUE, il-grad ta' liberalizzazzjoni f'dan is-settur ma huwiex iddeterminat direttament mill-Artikolu 56 TFUE iżda mil-leġiżlatur tal-Unjoni stess fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport. Għalhekk, il-miżuri adottati minn dan tal-aħħar fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport jista' jkollhom bħala għan mhux biss li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà, iżda wkoll li jiżguraw, jekk ikun il-każ, il-protezzjoni ta' interessi fundamentali oħra rrikonoxxuti mill-Unjoni li jistgħu jkunu affettwati minn din il-libertà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 105), inkluż it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, imsemmi fil-preambolu tat-Trattat FUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, fis-sens tal-Artikolu 9 TFUE u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

378 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 90 TFUE, il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni għandha tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati, li jinkludu dawk imsemmija fil-punt preċedenti.

379 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport, bħalma hija dik prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt, sabiex jiżgura li x-xufiera impjegati minn impriżi tat-trasport ma jibqgħux imbiegħda matul perijodi twal mill-post ta' residenza tagħhom, li jadotta miżuri intiżi li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom, kif ukoll li jiżgurawlhom protezzjoni soċjali adegwata.

380 Għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli l-allegazzjoni ta' ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, imqajma mir-Repubblika tal-Bulgarija fil-kuntest tal-ħames motiv tagħha, kif imsemmija fil-punt 351 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati l-ewwel motiv u l-ewwel parti tat-tieni motiv invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni motiv invokat mir-Rumanija kif ukoll l-argument dwar ksur tar-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi mressaq minn dan l-Istat Membru fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv tiegħu.

5) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE

i) L-argumenti tal-partijiet

381 Ir-Rumanija, fil-kuntest tal-argumenti żviluppati insostenn tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, u r-Repubblika tal-Polonja, rispettivament, permezz tat-tielet u tar-raba' motiv tagħha, isostnu li, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) u mill-Artikolu 94 TFUE.

382 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li n-natura superfiċjali tal-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt kif ukoll l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-miżura finalment adottata fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li kien ittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-impatt ta' din id-dispożizzjoni fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport. Minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni jgawdi minn marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, l-obbligu impost fuqu li jieħu inkunsiderazzjoni ċerti effetti ma jistax sempliċement ikun limitat għal għarfien ta' dawn l-effetti, għaliex inkella l-Artikolu 91(2) TFUE jiġi mċaħħad mill-effettività tiegħu.

383 Minn naħa, f'dak li jirrigwarda l-effett fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari, ma ħax inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi li jirriżultaw miż-żieda fin-numru ta' vjaġġi fuq ir-rotot prinċipali ta' tranżitu tal-Unjoni, numru li jilħaq b'mod partikolari 8 880 000 vjaġġ ta' ritorn fis-sena. Issa, skont dan l-Istat Membru, dawn il-vjaġġi addizzjonali jżidu l-konġestjoni fit-toroq u b'hekk ikomplu jaggravaw id-degradazzjoni tal-istat tal-infrastruttura tat-toroq ikkonstatata mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt. F'dan il-kuntest, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-"liġi tar-raba' potenza" żviluppata mill-American Association of State Highway and Transportation Officials (AASHTO), korp ta' standardizzazzjoni Amerikan, li tispjega l-impatt tal-vetturi fuq l-infrastruttura tat-toroq u li tgħid li l-effett ta' deterjorament tat-toroq jiżdied b'mod esponenzjali, b'potenza ta' erbgħa, biż-żieda fil-piż tal-vettura. Anki jekk in-numru ta' trakkijiet huwa inqas min-numru ta' vetturi privati, l-impatt tagħhom fuq l-infrastruttura huwa għalhekk ħafna ikbar.

384 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-effett fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg, iż-żieda fit-traffiku fit-toroq tippreġudika wkoll il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni li jinsabu qrib il-konnessjonijiet prinċipali tat-trasport. Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-emendi legali li jikkonċernaw it-trasport bit-triq ser iwasslu għal żieda ta' 19 %, bħala medja, fin-numru ta' aġir riskjuż min-naħa tax-xufiera, marbut mat-tentazzjoni li jiksru l-leġiżlazzjoni sabiex jadattaw ruħhom jew jevadu dan l-obbligu l-ġdid, filwaqt li jżidu, bl-istess mod, in-numru ta' inċidenti fatali. Lanqas ma ttieħdu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi iebsa għax-xufiera u għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, li għalihom it-tul medju tal-vjaġġi ta' ritorn lejn iċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega huwa kunsiderevolment itwal, bħalma lanqas ma ttieħdu inkunsiderazzjoni l-pożijiet amministrattivi u organizzattivi addizzjonali imposti fuq l-impriżi tat-trasport, li iktar minn nofshom huma SMEs. Dan għalhekk iwassal għal riskju probabbli li diversi impriżi tat-trasport ifallu jew jittrasferixxu ruħhom lejn l-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Fl-istess sens, ir-Rumanija ssostni li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal, għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, għal żieda fl-ispejjeż u għal tnaqqis

fid-dħul ikbar milli għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni, u li dan ser iwassal għar-rilokazzjoni ta' numru kbir minnhom f'dawn l-aħħar Stati Membri.

385 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 94 TFUE, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport, b'mod partikolari tas-SMEs li jikkostitwixxu l-parti l-kbira ta' dawn l-impriżi fl-Unjoni. Fil-fatt, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt eżamina b'mod superfiċjali l-impatt ta' din id-dispożizzjoni fuq is-SMEs, minkejja li din id-dispożizzjoni timponi fuqhom piżijiet amministrattivi u organizzattivi. Ir-Rumanija tqis ukoll li l-obbligu previst f'din l-aħħar dispożizzjoni, għal din ir-raġuni, jippreġudika b'mod gravi s-sitwazzjoni tal-impriżi tat-trasport.

386 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tenfasizza li ż-żieda fin-numru ta' kilometri li tirriżulta inevitabbilment minn dan l-obbligu għandha tiġi evalwata fil-kuntest globali tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà, li minnu jagħmel parti r-Regolament 2020/1055. Issa, skont ir-Repubblika tal-Polonja, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament twassal għal 2 035 200 000 kilometru ta' vjaġġi fis-sena għall-vetturi li jirritornaw lejn iċ-ċentri operazzjonali fil-Polonja biss. Jekk wieħed jassumi li 60 % ta' dawn il-vjaġġi jsiru mingħajr tagħbija, dawn il-vetturi ser jivvjaġġaw 1 221 120 000 kilometru mingħajr tagħbija fis-sena. Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li, fost id-diversi miżuri disponibbli intiżi li jiggarantixxu li l-ħaddiema jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal mistrieħ, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien għalhekk għażel dik li hija l-iktar oneruża għall-impriżi tat-trasport.

387 Wieħed mill-effetti ta' din is-sitwazzjoni huwa l-irtirar mis-suq ta' parti mill-impriżi tat-trasport li ġejjin mis-settur tas-SMEs stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni peress li, minħabba d-distanza tagħhom miċ-ċentru tal-Unjoni, ser ikun partikolarment diffiċli għalihom li jissodisfaw ir-rekwiżiti amministrattivi u organizzattivi relatati mal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Uħud mill-impriżi tat-trasport jistgħu anki jiddeċiedu li jittrasferixxu ċ-ċentru operattiv tagħhom lejn l-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Il-premessa li d-deċiżjoni kummerċjali li tiġi rrilokata l-impriża ma tistax tikkawżalha preġudizzju hija kontradetta mill-fatt li t-trasferiment tas-sede ta' impriża jirrappreżenta piż kbir ħafna għall-funzjonament tagħha. Barra minn hekk, b'differenza mill-kumpaniji multinazzjonali, is-SMEs huma marbuta mal-post minn fejn jipprovdu s-servizzi tagħhom.

388 Skont ir-Repubblika tal-Polonja, il-fatt li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ġie impost matul il-pandemija tal-COVID-19 juri wkoll li s-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport ma tteħditx inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, l-effetti ekonomiċi ta' din il-pandemija kienu nħassu b'mod partikolari fis-settur tat-trasport peress li dan huwa espost għat-tnaqqis fid-domanda u għar-restrizzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri interni introdotti mill-ġdid mill-Istati Membri. Issa, dawn l-effetti kienu diġà preżenti matul il-proċedura leġiżlattiva.

389 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

390 Qabel kollox, għandu jiġi enfasizzat li, kif ġie rrilevat fil-punti 352, 354 u 355 ta' din is-sentenza, kemm l-Artikolu 91(2) TFUE u kif ukoll l-Artikolu 94 TFUE jagħmlu parti mit-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar il-politika komuni tat-trasport.

391 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-allegat ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni, meta jadotta miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li jkollhom bħala għan it-twettiq tal-politika komuni tat-trasport fid-dawl tal-aspetti speċjali tat-trasport, il-każijiet fejn l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tista' taffettwa b'mod gravi l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport.

392 Peress li r-Regolament 2020/1054 ġie adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, liema bażi legali ma hijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, dan tal-aħħar kellu jieħu inkunsiderazzjoni, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

393 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 91(2) TFUE jimponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta jadotta miżuri abbażi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 91, l-obbligu li "jittieħed kont" tal-impatt tagħhom fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, li jagħmel parti mill-kuntest usa' ta' bbilanċjar tad-diversi għanijiet u interessi inkwistjoni. Barra minn hekk, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 285 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-użu tal-espressjoni "b'mod gravi" jindika li l-Artikolu 91(2) TFUE jeħtieġ livell sinjifikattiv ta' impatt tal-miżuri inkwistjoni fuq dawn il-parametri u mhux sempliċi effett.

394 Għalhekk, mill-Artikolu 91(2) TFUE jirriżulta li, kemm-il darba jeħodhom inkunsiderazzjoni, l-impatti gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport ma jikkostitwixxux limiti assoluti fir-rigward tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport għall-adozzjoni tal-miżuri f'dan ir-rigward.

395 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-impatti li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' miżura bbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat li jieħu inkunsiderazzjoni b'mod ibbilanċjat id-diversi interessi inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minnu. Għalhekk, is-sempliċi fatt li dan tal-aħħar għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-livell tal-għajxien kif ukoll tal-impjieg f'ċerti reġjuni u, għaldaqstant, l-interessi ekonomiċi tal-impriżi tat-trasport ma jipprekludix li dawn tal-aħħar ikunu s-suġġett ta' miżuri vinkolanti (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 72 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

396 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 91(2) TFUE jirrifletti, essenzjalment, l-obbligu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jaġixxi b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità billi jadotta miżuri li jkunu adattati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u li ma jmorrux manifestament lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

397 Issa, minbarra l-fatt li l-motivi u l-argumenti mqajma fil-kuntest tal-eżami tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ġew miċħuda, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja ma pprovdew, insostenn ta' dawn il-motivi u argumenti li jallegaw ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ebda element addizzjonali ta' natura li jissostanzja l-allegazzjoni tagħhom li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għandu impatt gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir ta' trasport, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni meta stabbilixxa dan l-obbligu, bi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE.

398 Mill-bqija, dawn il-motivi u dawn l-argumenti jikkoinċidu, jew totalment fir-rigward tar-Rumanija, jew fil-parti l-kbira tagħhom fir-rigward tar-Repubblika tal-Polonja, ma' dawk diġà invokati insostenn tal-motivi bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

399 Għalhekk, f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-impatt tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, l-argument żviluppat mir-Repubblika tal-Polonja, li permezz tiegħu tikkritika l-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt għaliex ma eżaminax l-effetti negattivi ta' din id-dispożizzjoni fuq l-infrastruttura tat-toroq, huwa bbażat kollu kemm hu fuq il-premessa li l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom iwassal għal żieda sinjifikattiva fit-traffiku. Issa, kif jirriżulta mill-punti 236 u 295 ta' din is-sentenza, din il-premessa hija żbaljata sa fejn tippreżumi, minn naħa, li, qabel l-adozzjoni ta' din il-miżura, numru żgħir ta' xufiera kienu jirritornaw lejn wieħed jew l-ieħor minn dawn il-postijiet u, min-naħa l-oħra, li dan ir-ritorn għandu neċessarjament isir permezz tal-vettura użata mix-xufier.

400 Barra minn hekk, kif ġie enfasizzat fil-punt 295 ta' din is-sentenza, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jipprojbixxix lill-impriża tat-trasport milli tikkoinċidi r-ritorn tax-xufier mat-twettiq minnu ta' operazzjoni ta' trasport lejn l-Istat Membru li fih jinsabu l-imsemmija postijiet sabiex tillimita r-ritorni mingħajr tagħbija li jkunu intiżi biss li jissodisfaw l-obbligu impost fuqhom skont din id-dispożizzjoni. Issa, f'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja ma tispjegax kif tali ritorn jaffettwa iktar l-infrastruttura tat-toroq minn kull vjaġġ ieħor imwettaq minn dawn l-istess xufiera bil-vettura tagħhom fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' trasport abitwali tal-persuna li timpjegahom. Barra minn hekk, lanqas ma ġie pprovat li vettura li ma tirritornax fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tax-xufier ser tkun neċessarjament wieqfa u, għaldaqstant, ma tkunx ser tintuża, matul il-perijodu korrispondenti, sabiex jitwettqu l-operazzjonijiet normali tal-impriża tat-trasport.

401 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, l-impatt ta' dan il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 fuq il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni li jinsabu qrib il-konnessjonijiet prinċipali tat-trasport u r-riskji maħluqa mill-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni għas-sigurtà fit-toroq, l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Polonja huwa bbażat ukoll, essenzjalment, fuq l-istess premessa żbaljata li l-imsemmija dispożizzjoni hija sors ta' żieda sinjifikattiva fit-traffiku, u dan ma jippermettix li jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni dan l-impatt. Mill-bqija, sa fejn dan l-Istat Membru jikkritika l-assenza ta' eżami mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-effetti ta' din l-istess dispożizzjoni fuq ix-xufiera impjegati f'ċerti Stati Membri, minħabba d-distanzi kunsiderevoli li huma ser ikollhom jivvjaġġaw u l-għeja addizzjonali li tirriżulta minn dan, l-argument tiegħu għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet diġà esposti fil-punt 292 ta' din is-sentenza.

402 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, l-impatt tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq l-impjieg, ir-Repubblika tal-Polonja tallega li din id-dispożizzjoni timplika piżijiet amministrattivi u organizzattivi addizzjonali li "huwa probabbli ħafna li jirriskjaw" li jwasslu għall-falliment ta' diversi impriżi tat-trasport jew għar-rilokazzjoni tagħhom fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-"ċentru tal-Unjoni". Madankollu, tali allegazzjoni għandha titqies, fin-nuqqas ta' kull element konkret ta' natura li jissostanzja l-fondatezza tagħha, li hija allegazzjoni spekulattiva u, fi kwalunkwe każ, insuffiċjenti sabiex turi impatt gravi fuq l-impjieg. L-istess japplika, kif ġie rrilevat fil-punti 276 u 293 ta' din is-sentenza, għall-allegazzjoni, daqstant ieħor ġenerali u astratta, tar-Rumanija, fis-sens li l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni ser iwassal għar-rilokazzjoni tal-impriżi tat-trasport stabbiliti f'ċerti Stati Membri minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tagħhom u t-tnaqqis fid-dħul tagħhom.

403 F'dan ir-rigward, dawn l-argumenti ma jistgħux idaħħlu inkwistjoni l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 60 u 61), fis-sens li l-miżuri dwar il-ħin tax-xogħol u l-modalitajiet ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa għandu jkollhom impatt pożittiv fuq l-attrazzjoni tal-professjoni ta' xufier u, għaldaqstant, fuq l-offerta tas-suq tax-xogħol, peress li din il-valutazzjoni tal-impatt irrilevat f'dan ir-rigward li n-nuqqas ta' xufiera kien, parzjalment, ikkawżat mid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jagħmel ħsara għall-immaġni u għall-attrazzjoni tal-professjoni (Parti 1/2, p. 9). Issa, kif jirriżulta minn studju invokat mir-Repubblika tal-Polonja ("*Transport of the Future. Report on prospects for the development of road transport in Poland in 2020-2030*" ("It-trasport tal-futur: rapport dwar il-prospetti ta' żvilupp tat-trasport bit-triq fil-Polonja matul il-perjodu 2020-2030"), 2019, p. 42), huma preċiżament id-distanzi twal 'l bogħod mill-post ta' residenza li jikkostitwixxu waħda mir-raġunijiet għal tali nuqqas ta' xufiera.

404 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat ukoll li, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxu r-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, is-sempliċi fatt li ċerti impriżi tat-trasport jistgħu jsostnu spejjeż u piżijiet amministrattivi ogħla minħabba ż-żieda tal-protezzjoni soċjali ggarantita lix-xufiera mill-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala pass lura fl-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE.

405 Fil-fatt, kif ġie indikat fil-punt 266 ta' din is-sentenza, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fil-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan it-Trattat, li fosthom hemm il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, huwa biss jekk ikun jista' jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew żviluppi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-għanijiet trażversali.

406 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, kull miżura dwar "prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", adottata fil-kuntest tat-Trattati, għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi.

407 Issa, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jirregolax il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri, iżda jiddetermina l-kundizzjonijiet tat-teħid mix-xufiera tal-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, billi jipprevedi li l-impriżi tat-trasport għandhom jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li jkunu jistgħu jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni għandha impatt indirett wisq fuq il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri sabiex tkun tista' taqa' taħt l-Artikolu 94 TFUE, u dan huwa biżżejjed sabiex jiġu miċħuda l-argumenti invokati mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja u bbażati fuq ksur tal-imsemmija dispożizzjoni.

408 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati l-allegazzjoni tar-Rumanija, li tinsab fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, dwar ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE u tal-Artikolu 94 TFUE, kif ukoll it-tielet u r-raba' motiv invokati mir-Repubblika tal-Polonja.

6) Fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent

i) L-argumenti tal-partijiet

409 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tat-tielet motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ħames motiv tagħha, isostnu li, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. Ir-Repubblika tal-Litwanja tinvoka f'dan ir-rigward ksur tal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikoli 11 u 191 TFUE kif ukoll tal-"politika tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima", filwaqt li r-Repubblika tal-Polonja tallega ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta.

410 Dawn l-Istati Membri jenfasizzaw li, konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent kemm fid-determinazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki l-oħra tal-Unjoni kif ukoll fil-kuntest ta' azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Fil-fatt, l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent stabbilit fl-Artikolu 191 TFUE ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni u lanqas ma jista' jitwettaq biss mill-miżuri adottati skont l-Artikolu 192 TFUE, fil-kuntest ta' politika distinta u awtonoma. Il-prinċipju ta' integrazzjoni stabbilit fl-Artikolu 11 TFUE jippermetti li l-għanijiet u r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent jiġu kkonċiljati mal-interessi u mal-għanijiet l-oħra mfittxija mill-Unjoni.

411 Skont ir-Repubblika tal-Polonja, interpretazzjoni fis-sens li l-Artikolu 11 TFUE jikkonċerna oqsma tad-dritt tal-Unjoni, u mhux miżuri partikolari, ma tippermettix li jintlaħaq l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni. L-appartenenza tar-Regolament 2020/1054 għal pakkett usa' intiż li jitnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu kkawżati mis-settur tat-trasport bit-triq ma tipprovax li l-impatt ta' dan ir-regolament fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq il-possibbiltà li jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti fid-dokumenti u fl-atti adottati mill-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, kien ittieħed debitament inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, lanqas ma huwa possibbli li jitqies li, ladarba jiġu stabbiliti, l-għanijiet fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jibqgħu invarjabbli, irrispettivament mill-emissjonijiet supplimentari ġġenerati fil-futur wara li jintlaħqu obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni.

412 Ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jaqblu mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punti 59 u 60 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża L-Awstrija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (c-161/04, EU:C:2006:66), fis-sens li, meta l-interessi ambjentali manifestament ma jkunux ittieħdu inkunsiderazzjoni jew meta jkunu ġew kompletament injorati, l-Artikolu 11 TFUE jista' jservi bħala standard sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Meta jiġi stabbilit li miżura partikolari meħuda mil-leġiżlatur tal-Unjoni għandha l-effett li tippreġudika t-twettiq tal-għanijiet stabbiliti minnu f'atti oħra tad-dritt sekondarju adottati fil-qasam tal-ambjent, dan il-leġiżlatur huwa obbligat li jibbilanċja l-interessi kunfliġġenti u li jagħmel, jekk ikun il-każ, emendi adegwati għall-atti applikabbli fil-qasam tal-ambjent.

413 F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jwettaq dan l-obbligu sa fejn ma eżaminax l-impatt tal-implimentazzjoni tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq ir-rekwiżiti fil-qasam tal-ambjent.

414 Issa, l-implimentazzjoni ta' dan l-aħħar obbligu tikkawża vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, inklużi vjaġġi mingħajr tagħbija, fuq distanzi twal, li minnhom jirriżultaw emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi li jikkawżaw diversi problemi tas-saħħa. L-effetti ambjentali

tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tar-Regolament 2020/1054 għandhom ukoll jiġu eżaminati b'mod kumulattiv ma' dawk ikkawżati mir-Regolament 2020/1055 u mid-Direttiva 2020/1057, li jagħmlu wkoll parti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà", u li jġiegħlu wkoll lix-xufiera ta' trakkijiet iwettqu vjaġġi addizzjonali.

415 Ir-Repubblika tal-Litwanja tesprimi, barra minn hekk, il-konvinzjoni tagħha li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ser inevitabbilment inaqqas l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport u ser jippreġudika l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

416 Minn naħa tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja tirrileva, b'mod iktar partikolari, li, skont l-istimi tal-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (IRU), kif jirriżultaw mill-ittra miftuħa tagħha tas-26 ta' Ottubru 2018, ir-ritorn ta' vetturi impost mir-Regolament 2020/1055 kien mistenni jiġġenera, waħdu, sa 100 000 tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO_2 iktar fis-sena. Rapport imħejji minn KPMG ["*Impact assessment regarding provisional agreement on Mobility Package I*" ("Valutazzjoni tal-impatt dwar il-ftehim provviżorju dwar l-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà"), 20 ta' Frar 2020) juri wkoll, mill-eżempju tat-trasportaturi Bulgari, li ż-żieda annwali tal-emissjonijiet ta' CO_2, ikkawżata minn dan ir-ritorn obbligatorju ta' vetturi fil-Bulgarija kienet ser tammonta għal madwar 71 000 tunnellata. Skont stima oħra li saret mill-European Centre for International Political Economy (ECIPE) (iċ-Ċentru Ewropew għall-Ekonomija Politika Internazzjonali) (Bauer, M., "*4 Million Tonnes Additional CO_2 due to Proposed EU Cabotage Laws in Mobility Package*" ("4 miljun tunnellata ta' CO_2 addizzjonali minħabba l-proposta għal regoli tal-Unjoni dwar il-kabotaġġ fil-pakkett dwar il-mobbiltà"), Jannar 2020) abbażi tal-kalkoli mwettqa minn KPMG għas-settur Bulgaru tat-trasport internazzjonali u ta' data tal-Eurostat, l-emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 għall-Unjoni kollha li kienu ser jiġu kkawżati minħabba l-abbozz ta' emenda tad-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ kienu jammontaw għal madwar erba' miljun tunnellata. Skont l-evalwazzjonijiet stess tar-Repubblika tal-Polonja, il-vjaġġi mingħajr tagħbija addizzjonali imposti mill-obbligu ta' ritorn tal-vetturi, applikabbli għall-flotta Pollakka ta' vetturi ta' iktar minn 2.5 tunnellati attivi fit-trasport internazzjonali, kienu ser jiġġeneraw 672 024 tunnellata ta' CO_2.

417 Fil-fehma tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Polonja, dawn l-emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 jistgħu jostakolaw it-twettiq tal-għanijiet klimatiċi mfittxija mill-Unjoni sal-2050, kif imsemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-11 ta' Diċembru 2019, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final) (iktar 'il quddiem il-"Patt Ekoloġiku"), għanijiet li ġew imħaddna wkoll mill-Kunsill Ewropew f'laqgħa tat-12 ta' Diċembru 2019. Ir-Repubblika tal-Polonja tirreferi wkoll għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tas-17 ta' Settembru 2020, intitolata "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030. Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" (COM(2020) 562 final, p. 26).

418 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li dawn l-emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 jistgħu jikkompromettu wkoll l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU 2018, L 156, p. 26).

419 Fir-rigward tal-emissjonijiet addizzjonali ta' inkwinanti atmosferiċi, dawn jistgħu, skont ir-Repubblika tal-Polonja, jostakolaw b'mod sinjifikattiv l-osservanza tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri taħt id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU 2016, L 344, p. 1). Dawn l-emissjonijiet addizzjonali jistgħu jikkompromettu wkoll l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1),

420 L-ebda wieħed mill-atti kkontestati li jikkostitwixxu l-"Pakkett dwar il-mobbiltà" ma jindirizza dawn id-diversi riskji ta' impatt. Fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni sempliċement tikkonstata li hija ma kienet identifikat l-ebda impatt fuq l-ambjent tal-għażliet ikkunsidrati. Madankollu, din il-konstatazzjoni la hija ssostanzjata u lanqas ma hija kredibbli.

421 Minkejja li ċerti Stati Membri u l-Kummissjoni indikaw il-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt tal-miżuri proposti, b'mod partikolari tal-obbligu ta' ritorn tal-vetturi kif ukoll tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjoni ta' kabotaġġ, fuq iż-żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u ta' emissjonijiet ta' CO_2, u enfasizzaw il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatt ta' dawn il-miżuri kollha fil-livell tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni injora dan it-tħassib. It-tfassil ta' valutazzjonijiet addizzjonali qabel l-aħħar tas-sena 2020, imħabbar mill-Kummissarja responsabbli għat-trasport, A. Vălean, dwar l-effetti tar-ritorn obbligatorju tal-vetturi fl-Istat Membru ta' stabbiliment kull tmien ġimgħat u tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, bl-ebda mod ma jnaqqas minn dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, anzi jikkonferma l-fondatezza ta' dawn il-motivi u argumenti, ibbażati fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

422 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti huma infondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

423 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-Artikolu 3(3) TUE, invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 566 tal-konklużjonijiet tiegħu, din id-dispożizzjoni ssemmi diversi għanijiet essenzjali mfittxija mill-Unjoni, mingħajr ma tistabbilixxi ġerarkija bejniethom, b'tali mod li l-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet, li jinkludu, fuq l-istess livell bħall-protezzjoni tal-ambjent, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' żvilupp sostenibbli bbażat fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u ekonomija soċjali intiża għall-progress soċjali kif ukoll il-promozzjoni tal-protezzjoni soċjali, għandha tkun ir-riżultat tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri.

424 Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma tistax, b'differenza mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat FUE li jikkonkretizzaw l-għanijiet ġenerali li hija telenka u li jirregolaw il-qasam ikkunsidrat, tagħmel parti mill-parametri li jippermettu li tiġi evalwata l-konformità mad-dritt primarju ta' dispożizzjoni tad-dritt sekondarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 1992, Compagnie commerciale de l'Ouest *et*, C-78/90 sa C-83/90, EU:C:1992:118, punt 18 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

425 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-Artikolu 191 TFUE, invokat ukoll mir-Repubblika tal-Litwanja, dan l-artikolu jinsab fit-Titolu XX tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent. Issa, ir-Regolament 2020/1054 ma ġiex adottat taħt din il-politika iżda taħt

il-politika komuni tat-trasport, li hija s-suġġett tat-Titolu VI tal-istess Tielet Parti tat-Trattat FUE, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, liema bażi legali ma hijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi.

426 F'dan l-aħħar rigward, għandu jitfakkar ukoll li att leġiżlattiv bħalma huwa r-Regolament 2020/1054 ma jistax jaqa' taħt il-politika ambjentali tal-Unjoni minħabba s-sempliċi fatt li għandu jieħu inkunsiderazzjoni rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tal-ambjent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2021, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill u Il-Parlament, C-733/19, EU:C:2021:272, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

427 Minn dan isegwi li l-Artikolu 191 TFUE dwar il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent ma huwiex rilevanti għall-eżami tal-legalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

428 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-Artikolu 11 TFUE, li jinsab fi ħdan it-Titolu II tal-Ewwel Parti ta' dan it-Trattat li jipprevedi dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali, dan l-artikolu jistabbilixxi li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli.

429 F'dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, l-Artikolu 37 tal-Karta, dan l-artikolu jipprevedi li livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib fil-kwalità tal-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politiki tal-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli.

430 F'dan ir-rigward, mill-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta jirriżulta li l-prinċipju li jinsab f'dan l-artikolu huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-Artikolu 3(3) TUE kif ukoll fuq l-Artikoli 11 u 191 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Associazione Italia Nostra Onlus, C-444/15, EU:C:2016:978, punt 62).

431 F'dak li jirrigwarda, fil-ħames lok, l-istrumenti l-oħra tad-dritt sekondarju invokati mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Polonja, għandu jitfakkar li, fir-rigward tad-diversi regolamenti u direttivi msemmija fil-punti 418 u 419 ta' din is-sentenza, li fuqhom jibbaża ruħu dan l-aħħar Stat Membru, il-legalità interna ta' att tal-Unjoni ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl ta' att ieħor tal-Unjoni tal-istess livell normattiv, sakemm ma jkunx ġie adottat b'applikazzjoni ta' dan l-aħħar att jew sakemm ma jkunx espressament previst, f'wieħed miż-żewġ atti, li wieħed jirbaħ fuq l-ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 119), li ma huwiex il-każ hawnhekk.

432 L-istess japplika, *a fortiori*, fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku, invokat mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Polonja, li, fid-data tal-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, kien jikkostitwixxi biss komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni, kif ukoll fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019, imsemmija fil-punt 417 ta' din is-sentenza, invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, li l-allegat impatt tagħhom ta' natura "politika" fuq is-setgħa leġiżlattiva tal-Parlament u tal-Kunsill ma jistax jikkostitwixxi raġuni għall-annullament, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 86).

433 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat biss jekk, kif isostnu essenzjalment ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja, il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, kisirx ir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent li jirriżultaw mill-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

434 F'dan ir-rigward, għandu, l-ewwel nett, jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Litwanja sempliċement tafferma, b'mod ġenerali u astratt, li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 inevitabbilment ser jippreġudika l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent. Issa, l-argument tagħha huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata, kif jirriżulta mill-punti 168 sa 180 ta' din is-sentenza, li x-xufiera għandhom neċessarjament jirritornaw, permezz ta' trakkijiet ħafna drabi mingħajr tagħbija, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ. Minn dan isegwi li dan l-argument għandu jiġi miċħud.

435 It-tieni nett, l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja jirrigwardaw kważi esklużivament dispożizzjonijiet li jinsabu f'atti oħra li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" u mhux l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Fil-fatt, il-parti l-kbira tal-istudji u tal-elementi l-oħra li fuqhom jibbaża ruħu dan l-Istat Membru f'dan il-kuntest jirrigwardaw l-obbligu, previst fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn dan il-punt jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, dwar ir-ritorn tal-vetturi f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull tmien ġimgħat. Issa, din id-dispożizzjoni tal-aħħar hija s-suġġett ta' motivi distinti fil-kuntest tar-rikorsi ppreżentati kontra r-Regolament 2020/1055 fil-Kawżi C-542/20, C-545/20, C-547/20, C-549/20 sa C-552/20 u C-554/20. Sa fejn ma jirrigwardawx id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1054, l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja għandhom għalhekk jiġi miċħuda bħala ineffettivi.

436 It-tielet nett, sa fejn, madankollu, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja bbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, jirrigwarda speċifikament l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 11 TFUE għandu natura trażversali li timplika li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jintegra r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent fil-politiki u fl-azzjonijiet tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fil-politika komuni tat-trasport li taħtha jaqa' r-Regolament 2020/1054.

437 Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ tal-legalità tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 li l-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa twettaq, f'dan il-każ, fid-dawl tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, jikkonċerna att tal-Unjoni li fil-kuntest tiegħu l-leġiżlatur tagħha huwa obbligat jiżgura, kif jirriżulta mill-punt 282 ta' din is-sentenza, bilanċ bejn id-diversi interessi u għanijiet inkwistjoni.

438 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ikkunsidrat waħdu, għandu effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent, hemm lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, li jittieħdu inkunsiderazzjoni azzjonijiet oħra li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa sabiex jillimita l-effetti negattivi tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent u jilħaq l-għan globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu.

439 F'dan il-każ, permezz tal-argument tagħha bbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, ir-Repubblika tal-Polonja tallega, essenzjalment, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ser ikun sors ta' emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 u ta' inkwinanti minħabba vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, ta' spiss mingħajr tagħbija, fuq distanzi twal ikkawżati mill-applikazzjoni tiegħu.

440 Dan l-argument huwa għalhekk ibbażat kollu kemm hu fuq il-premessa li din id-dispożizzjoni timplika ritorn obbligatorju tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tax-xufiera, meta kien biss numru żgħir ta' vetturi li kienu jirritornaw f'wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054.

441 Issa, din il-premessa hija żbaljata, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 170, 171, 236 u 295 ta' din is-sentenza.

442 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 48) loġikament ma identifika l-ebda impatt fuq l-ambjent li jirriżulta mill-miżuri previsti mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol.

443 Fid-dawl tal-premess, l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Polonja bbażati fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, għandhom jiġu miċħuda.

444 Għaldaqstant, la hemm lok li jiġu eżaminati l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Polonja bbażati fuq atti oħra tal-Unjoni, li l-għanijiet tagħhom fil-qasam ambjentali huma allegatament kompromessi bl-adozzjoni tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, u lanqas ma hemm lok li jiġu eżaminati d-diversi miżuri adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fis-settur tat-trasport bit-triq, invokati mill-Parlament u mill-Kunsill, sabiex jiġi evalwat sa fejn dan il-leġiżlatur ħa inkunsiderazzjoni l-għan globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu f'dan is-settur.

445 Għaldaqstant, it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja u l-ħames motiv tar-Repubblika tal-Polonja għandhom jiġu miċħuda.

446 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), mir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), mir-Rumanija (Kawża C-546/20) u mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-553/20) għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma intiżi għall-annullament tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

3. Fuq il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

447 Insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), ir-Rumanija (Kawża C-546/20) u l-Ungerija (Kawża C-551/20) jinvokaw, skont il-każ, ksur, essenzjalment:

– tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija u l-uniku motiv tal-Ungerija);

– tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti tal-ħames motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-ewwel parti tat-tielet motiv tar-Rumanija);

– tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità), u

– tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE (l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità).

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

1) L-argumenti tal-partijiet

448 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, u l-Ungerija, permezz tal-uniku motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalkemm, fil-kuntest tal-motiv uniku tagħha, l-Ungerija formalment issostni wkoll żball manifest ta' evalwazzjoni, l-argumenti tagħha f'dan il-kuntest huma intiżi biss li juru ksur ta' dan il-prinċipju.

449 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija jsostnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser l-imsemmi prinċipju bħala tali sa fejn, minħabba l-istat attwali tal-infrastruttura Ewropea, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tikkostitwixxi obbligu li huwa eċċessivament diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jiġi osservat. Fil-fatt, fid-dawl tan-numru insuffiċjenti ta' żoni ta' parkeġġ siguri u ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati li jinsabu qrib tagħhom, ix-xufiera u l-impriżi tat-trasport spiss isibu ruħhom jiffaċċjaw rekwiżiti li huma impossibbli li jiġu osservati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-miżura ma tistax tiġi implimentata b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija, u dan juri n-natura manifestament mhux xierqa tagħha. Barra minn hekk, l-imsemmija miżura hija ta' piż manifestament sproporzjonat għax-xufiera u għall-impriżi tat-trasport. Għaldaqstant, meta ppreveda tali rekwiżit li ma jistax jiġi applikat fil-prattika, il-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

450 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-Ungerija jirrilevaw li, fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 18), il-Kummissjoni kienet diġà indikat li l-Unjoni ġeneralment ma għandhiex faċilitajiet ta' mistrieħ adegwati u żoni ta' parkeġġ siguri. L-istat insuffiċjenti tal-faċilitajiet ta' mistrieħ fl-Unjoni jirriżulta wkoll minn studju ppubblikat mill-Kummissjoni ("*Study on Safe and Secure Parking Places for Trucks. Final Report*" (Studju dwar l-ispazji sikuri u siguri għall-parkeġġ ta' trakkijiet. Rapport finali"), Frar 2019, (iktar 'il quddiem l-"Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ"), p. 8 u 18 sa 20). Skont dan l-istudju, minn 300 000 spazju ta' parkeġġ intiżi għat-trakkijiet fl-Unjoni, huma biss madwar 47 000 li huma parzjalment siguri u 7 000 biss għandhom livell ta' sigurtà ċċertifikat. Peress li d-domanda medja għal spazji ta' parkeġġ matul il-lejl hija stmata għal kważi 400 000 post, dan iwassal għal defiċit ta' madwar 100 000 spazju, fejn huma ftit wisq iż-żoni eżistenti li jiggarantixxu, barra minn hekk, livell adegwat ta' sigurtà u ta' sikurezza. Barra minn hekk, dan l-istess studju juri li hemm tqassim inugwali tal-ispazji ta' parkeġġ sikuri u siguri meta mqabbla mal-kurituri ta' tranżitu Ewropej, peress li s-7 000 spazju ta' parkeġġ iċċertifikati jinsabu biss f'ċerti Stati Membri. Barra minn hekk, il-KESE kif ukoll diversi Stati Membri enfasizzaw din is-sitwazzjoni matul il-proċedura leġiżlattiva.

451 Il-kwistjoni taż-żoni ta' parkeġġ u dik tal-akkomodazzjoni adegwata, minkejja li huma differenti, huma marbuta mill-qrib, fis-sens li, għax-xufier, hija adegwata biss akkomodazzjoni li tinsab qrib żona ta' parkeġġ xierqa u sigura li fiha tkun żgurata l-protezzjoni tat-tagħbija tiegħu. In-numru limitat ta' tali żoni ta' parkeġġ ikompli jillimita n-numru ta' akkomodazzjonijiet potenzjali li x-xufier jista' juża sabiex jieħu l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tiegħu.

452 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrileva wkoll li l-insuffiċjenza tal-infrastruttura hija murija mill-obbligu li għandha l-Kummissjoni, skont il-punt 7 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li tippreżenta, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' mistrieħ adegwati għax-xufiera. Ir-Rumanija żżid li din l-istess dispożizzjoni timponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tippubblika lista taż-żoni ta' parkeġġ kollha. Madankollu, sal-lum, għadu ma nħoloq l-ebda sit internet għal dan il-għan.

453 Ir-Rumanija ssostni wkoll li, sabiex jiġi osservat il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ix-xufiera li jkunu jinsabu fuq vjaġġi mingħajr żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri ma jkollhomx għażla oħra ħlief li jużaw żoni mhux siguri, fejn ikollhom iħallu l-vetturi mingħajr sorveljanza matul il-perijodu ta' mistrieħ tagħhom meħud f'post ta' akkomodazzjoni adegwat, u b'hekk jesponu l-vettura għall-kriminalità. Issa, skont il-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (cMR), iffirmata f'Genève fid-19 ta' Mejju 1956, it-trasportatur huwa responsabbli għat-telf totali jew parzjali, jew għall-ħsara, li jseħħu bejn il-mument li jieħu responsabbiltà għall-merkanzija u dak tal-kunsinna, kif ukoll għad-dewmien fil-kunsinna. Fl-istat attwali tal-infrastruttura Ewropea, is-soluzzjoni leġiżlattiva adottata f'dan ir-regolament għalhekk ma ttejjibx il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera, iżda, għall-kuntrarju, jista' jkollha l-effett li żżid l-għeja u l-istress tagħhom, kif ukoll ir-riskji għas-sigurtà, għall-merkanzija u għall-vettura tagħhom. F'dan l-istess sens, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li n-nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet fl-Unjoni jżid ir-riskju ta' serq u joħloq problemi ta' assigurazzjoni għat-trasportaturi.

454 Ir-Repubblika tal-Bulgarija żżid ukoll li l-impossibbiltà li tiġi osservata l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tesponi lix-xufiera u lill-impriżi tat-trasport għar-riskju li jiġu imposti fuqhom sanzjonijiet li jistgħu jwasslu, għal dawn tal-aħħar, għat-telf tar-reputazzjoni tajba, fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1071/2009, u, għaldaqstant, għar-riskju li jitilfu l-aċċess għas-suq tat-trasport bit-triq tal-merkanzija fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-lista tal-iktar ksur gravi tar-regoli tal-Unjoni ma tinkludix il-ksur ta' din il-projbizzjoni.

455 F'dan il-kuntest, ir-Rumanija u l-Ungerija jagħmlu riferiment għar-Regolament TEN-T, b'mod partikolari għall-Artikolu 38(3) u għall-Artikolu 39(2)(c) tiegħu, kif ukoll għal-Linji Gwida rreveduti għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, imsemmija fil-premessa 19 tar-Regolament 2020/1054. Dawn id-dispożizzjonijiet juru wkoll l-insuffiċjenza, fl-istat attwali tagħha, tal-infrastruttura Ewropea.

456 L-Ungerija tirrileva wkoll li l-Artikolu 8a(3) u (4) tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott bil-punt 7 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jirreferi b'mod repetut għall-ħolqien ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri. Barra minn hekk, il-miżuri li joħolqu tali żoni jistgħu jipproduċu l-effetti tagħhom biss fil-futur, filwaqt li ebda perijodu ta' tranżizzjoni xieraq ma ġie previst u filwaqt li l-projbizzjoni inkwistjoni hija, barra minn hekk, assoluta. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tikkontesta wkoll l-assenza ta' perijodu tranżitorju għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

457 Ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni sussegwentement li l-Istati Membri ma għandhom ebda obbligu li jiggarantixxu, tal-inqas mhux sa ċertu data, postijiet suffiċjenti ta' akkomodazzjoni adattati kif ukoll żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri. Stat Membru jista' għalhekk ikun inċentivat li ma jżidx in-numru ta' faċilitajiet sabiex jillimita l-provvista fit-territorju tiegħu ta' servizzi tat-trasport minn trasportaturi barranin.

458 Ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni wkoll li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura timplika spejjeż addizzjonali sinjifikattivi għall-impriżi tat-trasport, li fil-parti l-kbira huma SMEs, peress li dawn l-impriżi huma obbligati jħallsu għal akkomodazzjoni adegwata għall-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tax-xufiera tagħhom meta dawn ikunu 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom. Dan jagħti lok ukoll għal spejjeż minħabba d-devjazzjonijiet u l-vjaġġi mingħajr tagħbija li jafu jkunu ġġustifikati biss mix-xewqa li tinstab akkomodazzjoni adegwata. Skont studju ta' KPMG, intitolat "*The Bulgarian haulage sector – Market study: An impact assessment of Mobility Package I* ("Is-settur Bulgaru tat-trasport tal-merkanzija bit-triq – Studju tas-suq: Valutazzjoni tal-impatt tal-Pakkett dwar il-mobbiltà I"), ippubblikat fit-8 ta' Ottubru 2019 (p. 37), l-ispejjeż li ser ikollhom isostnu l-impriżi tat-trasport Bulgari minħabba l-miżura inkwistjoni huma stmati għal EUR 143 miljun. F'dan l-istess sens, ir-Rumanija ssostni li din il-miżura hija manifestament mhux xierqa fid-dawl tal-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u finanzjarji fuq l-impriżi tat-trasport.

459 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "akkomodazzjoni adegwata" hija sors ta' inċertezza legali, li, fil-fehma tal-Kummissjoni stess, twassal għal problemi ta' applikazzjoni. Min-naħa tagħha, ir-Rumanija ssostni li d-diverġenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tas-sanzjonijiet għall-ksur tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, enfasizzati fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 18), ma humiex riżolti fir-Regolament 2020/1054, b'tali mod li l-Istati Membri ser ikomplu japplikaw sanzjonijiet differenti u b'hekk ser tkompli s-sitwazzjoni ta' inċertezza legali għall-impriżi tat-trasport u għax-xufiera. Is-soluzzjoni leġiżlattiva għalhekk hija inadegwata wkoll minn din il-perspettiva peress li tmur kontra l-għan tar-Regolament 2020/1054 li jintroduċi uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli u li jiffaċilita l-applikazzjoni transkonfinali tal-leġiżlazzjoni soċjali b'mod konsistenti.

460 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, l-Ungerija u r-Rumanija sussegwentement jikkontestaw ir-rilevanza tas-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Vaditrans (C-102/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Vaditrans", EU:C:2017:1012). B'mod partikolari, skont l-Ungerija u r-Rumanija, din is-sentenza hija irrilevanti għar-rikorsi ineżami peress li, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja li wasslet għall-imsemmija sentenza, ebda data dwar il-faċilitajiet ta' mistrieħ disponibbli fl-Istati Membri ma kienet ġiet prodotta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas, għalhekk, ma ttieħdet inkunsiderazzjoni minnha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-kwistjoni tal-proporzjonalità u, b'mod partikolari, ma evalwatx ċirkustanza rilevanti għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, jiġifieri li ħafna drabi jkun impossibbli li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tiġi applikata fil-prattika minħabba n-numru insuffiċjenti ta' faċilitajiet ta' mistrieħ disponibbli fl-Istati Membri. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal domanda ta' interpretazzjoni, filwaqt li, f'dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tal-elementi disponibbli, il-leġiżlatur tal-Unjoni eżerċitax b'mod korrett is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu u osservax ir-rekwiżit ta' proporzjonalità.

461 Ir-Rumanija tirrileva wkoll li, wara s-sentenza Vaditrans, ir-Regolament Nru 561/2006 għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi li l-perijodu normali ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jittieħed fil-kabina tal-vettura. Madankollu, il-punt 6(c) tal-Artikolu 1

tar-Regolament 2020/1054 ma jistabbilixxix sempliċement din il-projbizzjoni iżda jagħmel preċiżazzjonijiet addizzjonali. Min-naħa tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija wkoll issostni li dan ir-regolament jmur lil hinn minn sempliċi eżekuzzjoni tas-sentenza Vaditrans u jżid ir-rekwiżit li l-perijodi ta' mistrieħ inkwistjoni għandhom jittieħdu f'akkomodazzjoni adattata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, li jkollha faċilitajiet għall-irqad u faċilitajiet sanitarji adegwati.

462 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija jsostnu li jeżistu miżuri alternattivi adegwati li huma inqas restrittivi. Għalhekk, l-ewwel, skont l-opinjoni espressa mill-Kummissjoni stess fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 46), ix-xufiera għandhom ikunu jistgħu jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-kabina, kemm-il darba din tkun għażla libera tax-xufier jew tkun iġġustifikata fid-dawl taċ-ċirkustanzi. It-tieni, miżura possibbli oħra tkun l-introduzzjoni ta' deroga għall-każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata f'distanza speċifikata mill-post fejn ikun jinsab ix-xufier. It-tielet, approċċ alternattiv possibbli, kif propost mill-KtR, ikun li ma tiġix applikata l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura jekk dan il-perijodu ta' mistrieħ jittieħed f'post fejn ikun hemm livell ta' sigurtà suffiċjenti u faċilitajiet sanitarji adegwati u jekk il-kabina tax-xufier tkun tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat għat-Trasport bit-Triq. Ir-raba', huwa possibbli li jiġi stabbilit perijodu tranżitorju li fi tmiemu l-Kummissjoni tikkonstata n-natura suffiċjenti tal-postijiet ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri fl-Unjoni kollha. Dan il-perijodu tranżitorju jista' jkun akkumpanjat minn obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li jieħdu l-passi meħtieġa biex tinħoloq infrastruttura adegwata.

463 Fit-tieni lok, ir-Rumanija u l-Ungerija jikkontestaw l-eżami mwettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-proporzjonalità tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura.

464 Skont dawn iż-żewġ Stati Membri, mill-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien jaf bl-istat inadegwat attwali tal-infrastruttura Ewropea. Issa, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 18) tippreżenta n-nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ u ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati bħala fattur li jiffavorixxi l-prattika li tikkonsisti fit-teħid tal-perijodu ta' mistrieħ fil-kabina tal-vettura. Din il-valutazzjoni tal-impatt saħansitra anki speċifikat li, minħabba din is-sitwazzjoni, ix-xufiera jkollhom kundizzjonijiet aħjar ta' mistrieħ fil-kabina milli kieku jirrikorru għas-soluzzjonijiet l-oħra disponibbli. Barra minn hekk, il-portata ta' dan in-nuqqas kienet ġiet irrilevata mill-Kummissjoni fl-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ. Minbarra dan, il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 8a tar-Regolament Nru 561/2006, kif emendati bil-punt 7 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jinkludu riferimenti repetuti għall-ħolqien ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, u dan juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-rekwiżit ikkontestat filwaqt li kien konxju min-numru insuffiċjenti ta' żoni ta' parkeġġ ta' kwalità adegwata.

465 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq żball manifest meta naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni elementi essenzjali għall-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni u meta naqas milli jevalwa l-provi rilevanti.

466 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

467 Permezz tal-argumenti tagħhom, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija jikkontestaw il-konformità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Peress li r-Rumanija u l-Ungerija jargumentaw, barra minn hekk, li l-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas biss wettaq l-eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, dan l-aħħar argument għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok.

i) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

468 Huwa paċifiku li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu, meta adotta r-Regolament 2020/1054, valutazzjoni tal-impatt li kienet tirrigwarda, b'mod partikolari, it-teħid tal-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa fil-vettura. Fil-fatt, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, li kienet takkumpanja l-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, irrileva l-interpretazzjoni diverġenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 561/2006 dwar il-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa kif ukoll id-differenzi bejn il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali dwar it-teħid ta' dan il-perijodu ta' mistrieħ fil-vettura (Parti 1/2, p. 21, 23, 30, 31 u 34). Din il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat ukoll fid-dettall, fid-dawl tal-eżitu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li f'dak il-mument kien pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-102/16, Vaditrans, l-impatt ta' miżura li tiċċara din il-kwistjoni (Parti 1/2, p. 41, 42, 45, 47, 51, 55, 56, 61, 63, 64 u 70).

469 F'dan il-kuntest, il-punt 5(c) tal-Artikolu 1 ta' din il-proposta kien jipprevedi li fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006 jiddaħħal paragrafu 8a li kien jipprovdi li l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa ma jistgħux jittieħdu fil-vettura, iżda għandhom jittieħdu f'akkomodazzjoni adegwata, li tinkludi faċilitajiet għall-irqad u installazzjonijiet sanitarji adegwati, imqiegħda għad-dispożizzjoni jew imħallsa mill-persuna li timpjega, jew fil-post ta' residenza tax-xufier jew f'post ieħor privat tal-għażla tiegħu.

470 Permezz tal-argumenti tagħhom, ir-Rumanija u l-Ungerija jikkritikaw madankollu lil-leġiżlatur tal-Unjoni li ma ħax inkunsiderazzjoni, meta stabbilixxa, fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, in-nuqqas ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni adegwata u ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri fl-Unjoni kollha, meta din id-data kienet essenzjali, skont dawn l-Istati Membri, għall-eżami tal-proporzjonalità ta' din il-projbizzjoni.

471 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien kompletament informat b'dan in-nuqqas meta adotta l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura. Fil-fatt, kif jirrilevaw ir-Rumanija u l-Ungerija stess, l-imsemmi nuqqas kien tqajjem b'mod ċar matul il-proċedura leġiżlattiva kemm fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 18, 23, 31 u 34) kif ukoll fl-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ.

472 Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa debitament inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza meta adotta l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Fil-fatt, minn naħa, huwa ma pprojbixxiex li jittieħed kull perijodu ta' mistrieħ fil-vettura u baqa' awtorizzat it-teħid fil-vettura ta' pawżi kif ukoll ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa. Min-naħa l-oħra, huwa qies, konformement mal-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol imfassla mill-Kummissjoni abbażi ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, li n-nuqqas ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ ma kienx jikkostitwixxi ostakolu

għall-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura fid-dawl tal-eżistenza ta' postijiet alternattivi li fihom ix-xufier ikun f'pożizzjoni li jieħu dawn il-perijodi ta' mistrieħ, b'mod partikolari l-post tar-residenza tiegħu, li huwa wieħed mill-postijiet fejn l-impriża tat-trasport għandha tippermetti lix-xufier, jekk ikun jixtieq, jirritorna f'intervalli regolari ta' tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, konformement mal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

473 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li ma ħax inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ data essenzjali għall-eżami tal-proporzjonalità tal-projbizzjoni prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

474 Huwa irrilevanti f'dan ir-rigward li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma silitx, mid-data li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, il-konklużjonijiet li fil-fehma tar-Rumanija u tal-Ungerija kien imissu wasal għalihom. F'dan ir-rigward, l-ilmenti li permezz tagħhom dawn l-Istati Membri jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni li ma rrimedjax b'mod adegwat in-nuqqas ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ fil-kuntest tar-Regolament 2020/1054 għandhom jiġu evalwati fil-kuntest tal-eżami tal-konformità stess tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

475 Għaldaqstant, l-argumenti tar-Rumanija u tal-Ungerija bbażati fuq in-nuqqas ta' eżami mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-effetti li jirriżultaw mill-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura għandhom jiġu miċħuda.

ii) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054

476 L-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 kien jipprevedi li, meta x-xufier jagħżel li jagħmel dan, il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa 'l bogħod mill-bażi setgħu jittieħdu fil-vettura kemm-il darba l-vettura tkun mgħammra b'faċilitajiet għall-irqad adegwati għal kull xufier u kemm-il darba l-vettura tkun wieqfa.

477 Il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 issostitwixxa, mill-20 ta' Awwissu 2020, dan l-Artikolu 8(8) billi ppreveda li l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa, jiġifieri l-perijodi ta' mistrieħ minbarra dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni l-antika, ma jistgħux jittieħdu mix-xufiera f'vettura, iżda għandhom jittieħdu minnhom f'post ta' akkomodazzjoni adattat kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u li jinkludi faċilitajiet għall-irqad kif ukoll installazzjonijiet sanitarji adegwati, filwaqt li jippreċiża li l-persuna li timpjega għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-akkomodazzjoni barra mill-vettura.

478 L-għan imfittex mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li fir-rigward tiegħu għandha tiġi eżaminata l-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, huwa li jittejbu, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessi 1, 2, 6, 8, 13 u 36 ta' dan ir-regolament, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni, billi jiġi żgurat li dawn ikollhom post ta' akkomodazzjoni ta' kwalità sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa għalhekk li tirrimedja għall-assenza ta' regoli ċari dwar il-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa. Dan l-għan jaqa', kif diġà ġie rrilevat fil-punt 250 ta' din is-sentenza, fil-kuntest tal-għan iktar ġenerali imfittex mill-imsemmi regolament, li huwa li jiġu żgurati kundizzjonijiet kummerċjali ġusti bejn l-impriżi tat-trasport bit-triq sabiex jiġi żgurat li s-settur tat-trasport bit-triq ikun sigur, effikaċi u soċjalment responsabbli, sabiex tiġi ggarantita n-nondiskriminazzjoni u sabiex jiġu attirati ħaddiema kkwalifikati.

479 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija, li ma jikkontestawx il-leġittimità ta' dawn id-diversi għanijiet, isostnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser, fih innifsu, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

480 Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, kif prevista f'din id-dispożizzjoni, tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi eżaminat jekk din il-miżura hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija dispożizzjoni, li huwa t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà fit-toroq tax-xufiera, jekk tmurx manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u jekk hijiex proporzjonata fid-dawl tal-imsemmi għan.

– Fuq in-natura adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex

481 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, in-natura adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, għandu qabelxejn jitfakkar li, fis-sentenza Vaditrans, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet, b'mod partikolari fil-punti 31 sa 33 u 48 tagħha, li l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-punt 6(c) tal-Artikolu 1, kellu jiġi interpretat, sabiex jitħares l-effett utli tiegħu, fid-dawl ukoll tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu 8, fis-sens li kien jipprojbixxi t-teħid ta' perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa fil-vettura. Fil-fatt, skont il-formulazzjoni tiegħu, l-imsemmi Artikolu 8(8) kien jippermetti espliċitament biss, u dan taħt ċerti kundizzjonijiet, li jittieħdu fil-vettura l-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mnaqqsa.

482 Wara li indikat li tali interpretazzjoni kienet ikkorroborata mill-oriġini ta' din l-aħħar dispożizzjoni kif ukoll mill-kuntest tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-interpretazzjoni kienet manifestament intiża li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 561/2006, li kienu t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u tas-sigurtà fit-toroq (sentenza Vaditrans, punt 43).

483 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, minkejja li d-disinn tal-vetturi u tal-kabini tjieb kunsiderevolment, kien jibqa' l-fatt li kabina ta' trakk ma kinitx tidher li tikkostitwixxi post ta' mistrieħ adattat għal perijodi ta' mistrieħ itwal mill-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u mill-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa u li x-xufiera kellu jkollhom l-opportunità li jqattgħu l-perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa f'post li jipprovdi kundizzjonijiet ta' abitazzjoni adatti u adegwati (sentenza Vaditrans, punt 44).

484 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, li kieku l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 kellu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa jistgħu jittieħdu mix-xufier fil-vettura tiegħu, tali interpretazzjoni tkun timplika li xufier jista' jieħu l-perijodi ta' mistrieħ kollha tiegħu fil-kabina tal-vettura, jiġifieri f'post li ma jipprovdix kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni adattati, u dan ma setax jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera mfittex minn dan ir-regolament (sentenza Vaditrans, punt 45).

485 Minn dan isegwi li l-projbizzjoni prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jikkodifika l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans, hija adattata sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan li jikkonsisti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà fit-toroq tax-xufiera.

486 L-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija ma humiex ta' natura li jikkontestaw din il-kunsiderazzjoni.

487 L-ewwel nett, sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija jsostnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jinkludi preċiżazzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans, għandu jiġi rrilevat li r-Repubblika tal-Bulgarija sempliċement issostni li l-obbligu li l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed "f'akkomodazzjoni xierqa u li tirrispetta l-ġeneri, b'faċilitajiet tal-irqad u sanitarji adegwati", previst f'dan il-punt 6(c) tal-Artikolu 1, huwa rekwiżit ġdid li jirriżulta mill-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054.

488 Madankollu, tali argument ma jistax jintlaqa'.

489 Fil-fatt, qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod espliċitu, fil-punti 44 u 45 tas-sentenza Vaditrans, li l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kellu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodu ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa għandu jittieħed f'post ta' akkomodazzjoni adattat u adegwat, li jimplika neċessarjament li l-faċilitajiet għall-irqad u l-installazzjonijiet sanitarji ta' dan il-post ikunu adegwati kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' "faċilitajiet għall-irqad xierqa għal kull xufier" kien diġà jidher b'mod espliċitu fil-formulazzjoni stess ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

490 Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 44 tas-sentenza Vaditrans, li kabina ta' trakk ma tikkostitwixxix post ta' mistrieħ adattat għal perijodi ta' mistrieħ itwal mill-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u mill-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa, imsemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, li, skont l-Artikolu 4(g) u (h) tar-Regolament Nru 561/2006, jirrigwardaw perijodi ta' mistrieħ, skont il-każ, ta' bejn 3 sigħat u inqas minn 45 siegħa. Minn dan isegwi neċessarjament li perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' mill-inqas 45 siegħa, meħud bħala kumpens għat-tnaqqis ta' perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa preċedenti, lanqas ma seta', skont l-Artikolu 8(8) ta' dan ir-regolament, jittieħed fil-vettura.

491 Fl-aħħar nett, peress li l-post ta' mistrieħ adattat għal perijodi ta' mistrieħ itwal, kif imsemmi mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 44 tas-sentenza Vaditrans, huwa meqjus bħala li jissostitwixxi l-kabina ta' trakk għall-mistrieħ normali ta' kull ġimgħa, liema kabina hija, bħala prinċipju, imqiegħda għad-dispożizzjoni tax-xufier bi spejjeż tal-persuna li timpjega, isegwi, u dan ukoll b'mod loġiku, li kull post ta' mistrieħ adattat li jissostitwixxi l-kabina ta' trakk għandu jitqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tax-xufier mill-persuna li timpjega.

492 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ikkodifika l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza Vaditrans filwaqt li ppreċiżaha dwar ċerti aspetti huwa ta' natura li jikkorrobora n-natura adatta ta' din id-dispożizzjoni li tilħaq l-għan imfittex.

493 It-tieni nett, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-Ungerija u r-Rumanija, is-sentenza Vaditrans hija rilevanti għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn, kif għadu kif ġie rrilevat, minn dik is-sentenza jirriżulta li l-projbizzjoni, għal xufier, li jieħu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa fil-vettura ma tirriżultax mid-dħul fis-seħħ ta' din l-aħħar dispożizzjoni, iżda mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li, fis-sentenza Vaditrans, mogħtija

abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx, fin-nuqqas ta' talba f'dan is-sens mill-qorti tar-rinviju f'dik il-kawża, il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

494 Fil-fatt, li kieku l-Ungerija u r-Rumanija kienu tal-fehma li l-verżjoni preċedenti tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 kienet invalida jew li l-validità ta' din id-dispożizzjoni kienet teħtieġ interpretazzjoni differenti, huma setgħu, skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jinvokaw dan fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li tat lok għas-sentenza Vaditrans. Għall-kuntrarju, tali argument ma jistax jintlaqa' b'mod utli insostenn ta' motivi intiżi għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

495 It-tielet nett, f'dak li jirrigwarda l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija, ibbażat fuq in-nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata u ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri fit-territorju tal-Unjoni, għandu qabelxejn jitfakkar li, kif enfasizzat fil-punt 471 ta' din is-sentenza, dan l-istat ta' nuqqas ġie rrilevat mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, u sussegwentement fl-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ. La l-Parlament u lanqas il-Kunsill ma jikkontestaw, barra minn hekk, in-nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri.

496 Madankollu, ir-Regolament 2020/1054 għandu l-għan li jżid il-protezzjoni soċjali tax-xufiera, filwaqt li t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport u tal-parkeġġ fit-toroq fi ħdan l-Unjoni huwa, essenzjalment, is-suġġett ta' atti leġiżlattivi oħra adottati abbażi ta' bażijiet legali distinti.

497 B'mod partikolari, ir-Regolament TEN-T, adottat abbażi tal-Artikolu 172 TFUE, li jeżiġi l-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat għal-linji gwida u għall-proġetti ta' interess komuni li jikkonċernaw it-territorju tiegħu, jipprevedi, fl-Artikolu 39(2)(c) tiegħu, l-iżvilupp ta' żoni ta' mistrieħ madwar kull 100 km fuq l-awtostradi skont il-bżonnijiet tas-soċjetà, tas-suq u tal-ambjent, sabiex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti kummerċjali żoni ta' parkeġġ adegwati li jkollhom livell ta' sigurtà u ta' sikurezza adegwat.

498 Barra minn hekk, huwa paċifiku li diversi strumenti tad-dritt tal-Unjoni jipprevedu possibbiltajiet ta' kofinanzjament mill-Unjoni intiżi li jħaffu u jippromwovu l-bini ta' infrastruttura ta' parkeġġ adegwata. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU 2013, L 348, p. 129), kif ukoll tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1649 tat-8 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament Nru 1316/2013 (ĠU 2016, L 247, p. 1), li jistabbilixxi l-prijoritajiet ta' finanzjament fis-settur tat-trasport għall-finijiet tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali.

499 L-eżami tan-natura adatta tal-projbizzjoni stabbilita fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jistax madankollu jitwettaq fid-dawl ta' għan li ma huwiex imfittex minn din il-miżura.

500 Għall-kuntrarju, għandu jiġi vverifikat jekk, kif isostnu r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija, fid-dawl tan-nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata kif ukoll ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tistax titqies li hija miżura adattata sabiex jintlaħaq l-għan li jikkonsisti fit-titjib

tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera. Fil-fatt, skont dawn l-Istati Membri, dan in-nuqqas jagħmel eċċessivament diffiċli, jekk mhux impossibbli, l-osservanza ta' din il-projbizzjoni, b'tali mod li din tirriskja li jkollha l-effett li taħdem kontra dan l-għan billi żżid l-għeja u l-istress tax-xufiera.

501 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-possibbiltà li jiġu osservati r-regoli dwar il-perijodi ta' mistrieħ previsti fir-Regolament Nru 561/2006 tista', b'mod ġenerali, tiddependi, b'mod partikolari, mid-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ adegwati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ), C-167/22, EU:C:2023:1020, punt 45).

502 Madankollu, fir-rigward, minn naħa, tal-impatt tal-allegat nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata fuq in-natura adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni soċjali li huwa jfittex li jilħaq, għandu jiġi enfasizzat, qabel kollox, li, kif diġà ġie indikat fil-punt 472 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni ma tipprojbixxix lix-xufiera milli jieħdu kull perijodu ta' mistrieħ, ikun liema jkun, fil-vettura, iżda tapplika esklużivament għall-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa. Għalhekk, il-projbizzjoni li hija tipprevedi ma tikkonċernax il-pawżi u lanqas il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa.

503 Sussegwentement, dawn il-perijodi ta' mistrieħ li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jipprojbixxi lix-xufiera milli jieħdu fil-vettura huma preċiżament dawk li fir-rigward tagħhom l-impriżi tat-trasport huma obbligati, konformement mal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jirritornaw, skont il-każ, kull tlieta jew erba' ġimgħat, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, sabiex, rispettivament, jibdew jew iqattgħu hemmhekk il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

504 Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jqisu r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija, it-teħid tal-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa ma jeżiġix sistematikament l-aċċess għal akkomodazzjoni differenti mill-post ta' residenza tax-xufiera. Kif jirriżulta mill-premessa 13 tar-Regolament 2020/1054, huwa biss meta x-xufiera ma jiħdux, kif għandhom id-dritt li jagħmlu, il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post ta' residenza tagħhom li huma għandu jkollhom, skont ir-rekwiżit stabbilit fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, akkomodazzjoni ta' kwalità adattata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel sabiex jieħdu dawn il-perijodi ta' mistrieħ. Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament, hija, fir-realtà, ta' natura li tirrimedja, tal-inqas parzjalment, in-nuqqas ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati, irrilevat mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha.

505 Fl-aħħar nett, huwa minnu li l-premessa 15 tar-Regolament 2020/1054 tindika li x-xufiera jistgħu jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom f'akkomodazzjoni adegwata li "tista'" tkun maġenb żona ta' parkeġġ. Xorta jibqa' l-fatt li, fil-każ fejn ix-xufiera jiddeċiedu li ma jirritornawx f'wieħed miż-żewġ postijiet speċifikati fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament sabiex jieħdu dan il-perijodu ta' mistrieħ hemmhekk, huma bl-ebda mod ma huma obbligati, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija, li jagħżlu tali akkomodazzjoni maġenb żona ta' parkeġġ. Fil-fatt, għalkemm il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament jirrikjedi li x-xufiera jieħdu l-imsemmi perijodu ta' mistrieħ f'"akkomodazzjoni xierqa", dan il-punt ma jeżiġix li din l-akkomodazzjoni tkun maġenb żona ta' parkeġġ. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi raġonevolment

mistenni minn xufier li jqatta' l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tiegħu ta' mill-inqas 45 siegħa qrib tali żona ta' parkeġġ. Issa, ebda wieħed minn dawn l-Istati Membri ma jsostni li n-nuqqas ta' infrastruttura identifikat mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha jikkonċerna l-postijiet ta' akkomodazzjoni li ma humiex maġenb żona ta' parkeġġ u li dawn il-postijiet ta' akkomodazzjoni ma humiex adegwati.

506 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-impatt tal-allegat nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ adegwati fuq in-natura adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 li jilħaq l-għan ta' protezzjoni soċjali li huwa jfittex li jilħaq, għandu jiġi enfasizzat, qabel kollox, li din id-dispożizzjoni ma timponi ebda obbligu fir-rigward tal-post ta' parkeġġ tal-vettura. B'hekk, ma hemm xejn li jobbliga lix-xufier iħalli l-vettura tiegħu, waqt li jkun qiegħed jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu, f'żona ta' parkeġġ irriżervata għat-trakkijiet.

507 Sussegwentement, kif enfasizza ġustament il-Kunsill, it-tneħħija tal-projbizzjoni, għax-xufiera, li jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji tagħhom fil-vettura ma tippermettix li tittaffa l-insuffiċjenza ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, enfasizzata mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, peress li, fi kwalunkwe każ, post ta' parkeġġ jibqa' neċessarju matul il-perijodu li jikkorrispondi għat-teħid ta' dawn il-perijodi ta' mistrieħ. Barra minn hekk, tali tneħħija, sa fejn tnaqqas il-possibbiltà li x-xufiera jieħdu l-imsemmija perijodi ta' mistrieħ fil-post ta' residenza tagħhom wara li jkunu pparkjaw il-vettura tagħhom fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega, tista' saħansitra tikkontribwixxi sabiex taggrava s-sitwazzjoni ta' nuqqas allegat mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija, sa fejn, f'tali każ, ix-xufiera jokkupaw iktar iż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri disponibbli.

508 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegat riskju ta' serq tat-tagħbija, li jagħmilha diffiċli li din tiġi assigurata, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 4(f) sa (h) tar-Regolament Nru 561/2006, ix-xufiera għandhom jiddisponu liberament mill-perijodu ta' mistrieħ tagħhom, kemm ta' kuljum kif ukoll ta' kull ġimgħa, b'tali mod li ma jistgħux jinżammu responsabbli għas-sorveljanza ta' tali tagħbija waqt li jkunu qegħdin jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom.

509 Fi kwalunkwe każ, dan ir-riskju ma jirriżultax mill-miżura speċifika ta' projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, stabbilita mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, iżda, b'mod iktar ġenerali, min-nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, filwaqt li madankollu jitfakkar li x-xufiera huma awtorizzati jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ l-oħra kollha tagħhom f'vettura pparkjata.

510 Għalhekk, għalkemm huwa minnu li, skont l-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ, is-serq tat-tagħbijiet fl-Unjoni jimplika t-telf ta' iktar minn EUR 8.2 biljuni, minn dan l-istudju ma jirriżultax li dan it-telf jirriżulta speċifikament minn serq imwettaq matul it-teħid, mix-xufiera, tal-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, li l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kien diġà jipprojbixxi li jittieħed abbord il-vettura.

511 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura hija miżura mhux adattata sabiex jintlaħaq l-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà fit-toroq tax-xufiera minħabba li d-dħul fis-seħħ tagħha ma kienx suġġett għall-istabbiliment ta' infrastruttura adegwata fil-qasam tal-akkomodazzjoni u taż-żoni ta' parkeġġ.

512 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa, permezz tal-punt 7 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, l-Artikolu 8a fir-Regolament Nru 561/2006, artikolu li jinkludi, kif jirriżulta mill-premessi 15, 17 u 18 tar-Regolament 2020/1054, dispożizzjonijiet speċifiċi intiżi li jiffavorixxu l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ ta' kwalità għolja permezz tat-tfassil ta' standards minimi kif ukoll it-titjib tal-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' mistrieħ disponibbli. Issa, tali titjib għandu jkun ta' natura li jiffaċilita l-ippjanar mill-persuna li timpjega tal-attivitajiet tax-xufier, sabiex dan ikun jista' jasal f'żona ta' parkeġġ li tikkorrispondi għal dak li din il-persuna li timpjega tqis adegwat għall-merkanzija ttrasportata.

513 Fil-fatt, qabelxejn, fil-paragrafu 2 tiegħu, l-Artikolu 8a tar-Regolament Nru 561/2006, kif introdott permezz tal-punt 7 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tfassal standards li jispeċifikaw iktar il-livell ta' servizz u ta' sigurtà taż-żoni ta' parkeġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-installazzjonijiet sanitarji adattati għan-nisa u għall-irġiel, kif ukoll proċeduri ta' ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, fil-paragrafu 1 tiegħu, dan l-istess Artikolu 8a jobbliga lill-Kummissjoni tiżgura li x-xufiera jkun jista' jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar iż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, kif ukoll tippubblika fuq sit internet uffiċjali aġġornat b'mod regolari lista taż-żoni ta' parkeġġ iċċertifikati.

514 Il-fatt allegat mir-Rumanija li l-Kummissjoni ma ppubblikatx din il-lista, għalkemm jista', jekk ikun il-każ, jikkostitwixxi nuqqas min-naħa ta' din tal-aħħar, bl-ebda mod ma jista' juri, għall-kuntrarju, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bl-adozzjoni tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ħa miżura li ma hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnu.

515 Sussegwentement, konformement mal-Artikolu 8a(4) tar-Regolament Nru 561/2006, il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, rapport dwar id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' mistrieħ adegwati għax-xufiera u ta' żoni ta' parkeġġ siguri kif ukoll dwar l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri ċċertifikati.

516 Fl-aħħar nett, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8a(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jtenni l-fatt li huma l-Istati Membri, konformement mal-Artikolu 39(2)(c) tar-Regolament TEN-T, li għandhom jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' żoni ta' parkeġġ għall-utenti kummerċjali, filwaqt li l-premessa 19 tar-Regolament 2020/1054 tfakkar, barra minn hekk, l-importanza tad-disponibbiltà ta' possibbiltajiet suffiċjenti ta' kofinanzjament mill-Unjoni sabiex titħaffef u tiġi promossa l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' parkeġġ adegwata.

517 Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Bulgarija, dawn l-obbligi mhux talli ma jurux in-natura mhux adatta tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, iżda, għall-kuntrarju, juru li l-leġiżlatur tal-Unjoni jibqa' attent għall-kwistjoni tan-nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ.

518 Fir-rigward ukoll tal-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija li, fin-nuqqas ta' terminu impost fuq l-Istati Membri sabiex jiggarantixxu infrastruttura adegwata, uħud minnhom jistgħu jiġu mħeġġa sabiex ma jżidux il-volum ta' din l-infrastruttura sabiex jillimitaw il-provvisti ta' servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom minn impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri oħra, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala spekulattiv, fl-assenza ta' kwalunkwe prova ta' natura li tissostanzja l-fondatezza tiegħu.

519 Għalhekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-fatt li jeżisti nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata kif ukoll ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri fit-territorju tal-Unjoni ma huwiex ta' natura li juri n-natura mhux adattata, sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mir-Regolament 2020/1054, tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, stabbilita mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament.

520 Ir-raba' nett, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija dwar l-allegata inċertezza legali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiżgura, permezz ta' din id-dispożizzjoni, applikazzjoni uniformi tal-projbizzjoni li l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa jittieħdu fil-vettura u l-obbligu korrelattiv li dawn jittieħdu f'post ta' akkomodazzjoni adattat. Fil-fatt, l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, seta' jagħti lok għal inċertezzi minħabba diverġenzi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li kienu ġew enfasizzati fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 5, 18 u 23).

521 Issa, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Bulgarija, il-kliem "akkomodazzjoni xierqa u li tirrispetta l-ġeneri, b'faċilitajiet tal-irqad u sanitarji adegwati", li jinsab fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma huwiex ambigwu. Il-fatt li din l-espressjoni hija flessibbli biżżejjed sabiex tinkludi firxa relattivament wiesgħa ta' tipi ta' akkomodazzjoni li fihom xufier jista' jieħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu mhux talli ma jdaħħalx inkwistjoni in-natura adatta ta' din id-dispożizzjoni sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnha iżda huwa ta' natura, għall-kuntrarju, li jsaħħaħha, kif isostni ġustament il-Parlament. F'dan ir-rigward, l-allegazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija li l-Istati Membri probabbilment ser jadottaw interpretazzjonijiet diverġenti tal-imsemmija dispożizzjoni hija spekulattiva u għandha tiġi miċħuda għal din ir-raġuni stess.

522 Fir-rigward tar-riskju ta' diverġenza tas-sanzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-każ ta' ksur tal-projbizzjoni inkwistjoni, enfasizzat mir-Rumanija, huwa minnu li r-Regolament 2020/1054 ma jarmonizzax is-sistema ta' sanzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Madankollu, dan ir-riskju huwa limitat ħafna mill-obbligu tagħhom, skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-formulazzjoni tiegħu li tirriżulta mill-punt 16 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jipprevedu, kif tenfasizza wkoll il-premessa 23 ta' dan l-aħħar regolament, sanzjonijiet effettivi u proporzjonati għall-gravità tal-ksur kif ukoll dissważivi u mhux diskriminatorji, filwaqt li ebda ksur ma jista', barra minn hekk, jagħti lok għal iktar minn sanzjoni waħda jew għal iktar minn proċedura waħda. Għalhekk, ma jistax jitqies li r-riskju ta' disparità tas-sanzjonijiet jagħmel il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mhux adattat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnu.

– *Fuq in-natura neċessarja tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054*

523 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, in-natura neċessarja tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 u, b'mod iktar partikolari, l-argument dwar l-eżistenza ta' miżuri allegatament inqas restrittivi minn dawk adottati f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi osservat li r-Repubblika tal-Bulgarija sempliċement issemmi sensiela ta' miżuri li l-parti l-kbira tagħhom ġew diskussi matul il-proċedura leġiżlattiva, mingħajr madankollu ma ġew adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fi tmiem din il-proċedura fil-verżjoni finali tal-att leġiżlattiv adottat.

524 Issa, il-miżuri msemmija minn dan l-Istat Membru, li għandhom bħala punt komuni li jawtorizzaw, b'xi mod jew ieħor, it-teħid tal-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa fil-vettura filwaqt li jħallu l-għażla libera lix-xufiera, ma jippermettux neċessarjament li jintlaħaq l-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li huwa t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà fit-toroq tax-xufiera, peress li dawn il-miżuri jistgħu jwasslu, fil-każ li jiġu implimentati, sabiex ix-xufiera jieħdu regolarment il-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa kollha tagħhom fil-vettura. Fil-fatt, peress li x-xufier huwa, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 174 ta' din is-sentenza, il-parti dgħajfa fir-relazzjoni ta' xogħol mal-persuna li timpjegah, tali miżuri jimplikaw ir-riskju li l-għażla tax-xufier ma tkunx kompletament libera u li jista' jkun suġġett għal pressjoni sabiex jagħmel għażla li tkun favorevoli għall-interessi tal-persuna li timpjega. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' derogi timplika r-riskju li x-xufiera jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom f'post mhux xieraq, b'mod li jimplika pass lura fil-protezzjoni soċjali tagħhom.

525 Mill-bqija, għalkemm, kif enfasizzat ir-Repubblika tal-Bulgarija, il-Kummissjoni kkunsidrat, fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 44 sa 47), il-possibbiltà li x-xufiera jkunu jistgħu jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa tagħhom fil-vettura bil-kundizzjoni li din tkun l-għażla libera tagħhom jew li dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkustanzi, hija ppreċiżat, f'dan l-istess komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 49), li din il-possibbiltà setgħet twassal, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-diffikultà li tiġi vverifikata n-natura libera tal-għażla tax-xufiera, għal żieda fl-abbużi intenzjonati, fis-sens li dawn il-perijodi ta' mistrieħ jittieħdu, deliberatament u sistematikament, fil-vettura.

526 F'dak li jirrigwarda, f'dan il-kuntest, l-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tal-Ungerija, ibbażat fuq il-kumdità tal-vetturi, huwa minnu li l-Kummissjoni rrilevat, fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha (Parti 1/2, p. 18), iffinalizzata qabel l-għoti tas-sentenza Vaditrans, li l-vetturi ħafna drabi joffru kundizzjonijiet aħjar ta' akkomodazzjoni mill-possibbiltajiet l-oħra disponibbli.

527 Madankollu, minn naħa, f'dan l-istess komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 73 sa 75), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni, wara li bbilanċjat il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tad-diversi possibbiltajiet ikkunsidrati, li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura kienet l-iktar għażla adegwata sabiex jitnaqqsu l-istress u l-għeja tax-xufiera, b'tali mod li hija pprevediet tali projbizzjoni fil-punt 5(c) tal-Artikolu 1 tal-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol.

528 Min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu, seta' jqis, bħalma għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 45 tas-sentenza Vaditrans, li t-twettiq tal-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera kien jeskludi li l-perijodi ta' mistrieħ kollha jkunu jistgħu jittieħdu fil-kabina tal-vettura, peress li tali post ma jipprovdix kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni adattati għat-teħid tal-itwal perijodi ta' mistrieħ.

529 Fir-rigward tal-miżura, invokata mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija, li tikkonsisti fl-istabbiliment ta' perijodu tranżitorju sabiex jiġi pospost id-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni li l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, din il-miżura ma tistax, evidentement, tikkostitwixxi għażla alternattiva inqas restrittiva. Fil-fatt, tali projbizzjoni kienet diġà fis-seħħ meta ġie adottat ir-Regolament 2020/1054 peress li, kif jirriżulta mill-punti 30, 31 u 48 tas-sentenza Vaditrans, din il-projbizzjoni tirriżulta mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. F'dawn

iċ-ċirkustanzi, l-istabbiliment ta' tali perijodu tranżitorju kien iwassal sabiex tiġi llimitata *ratione temporis* il-portata ta' dik is-sentenza, meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx qieset li kien neċessarju li tagħmel dan.

– *Fuq in-natura proporzjonata tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054*

530 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, in-natura proporzjonata tal-projbizzjoni stabbilita mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, għandha qabel kollox titfakkar l-importanza li għandu, skont il-preambolu tat-Trattat FUE, l- "għan ewlieni" tat-titjib kostanti tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-impjieg li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa meħtieġ, skont l-Artikoli 9 u 90 TFUE, jieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport. Issa, kif irrilevat essenzjalment il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans (punti 44 u 45), kabina ta' trakk ma tipprovdix kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni adattati għal perijodi ta' mistrieħ itwal mill-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u mill-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa. B'hekk, ix-xufiera ma jistgħux iqattgħu l-perijodi ta' mistrieħ normali u kumpensatorji ta' kull ġimgħa f'tali kabina mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

531 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li, bħall-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 li huwa jemenda, il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma jipprojbixxix lix-xufiera, kif tfakkar fil-punti 472 u 502 ta' din is-sentenza, milli jieħdu kull tip ta' perijodu ta' mistrieħ fil-vettura, iżda jipprekludi biss li huma jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa tagħhom hemmhekk. Għalhekk, ix-xufiera jibqgħu intitolati li jieħdu fil-vettura tagħhom il-pawżi kollha tagħhom kif ukoll il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa tagħhom.

532 Barra minn hekk, konformement mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-punt 6(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa jistgħu jittieħdu biss kull ġimagħtejn, kif diġà kien jippermetti t-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, u dan huwa ta' natura li jillimita iktar il-portata tal-projbizzjoni li l-perijodi ta' mistrieħ normali ta' kull ġimgħa jittieħdu f'kabina ta' trakk.

533 Fl-aħħar nett, permezz tal-punt 6(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa t-tielet subparagrafu fl-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, li issa jippermetti, b'mod derogatorju mir-regola ġenerali prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu 8(6), li xufier li jkun qiegħed iwettaq trasport internazzjonali ta' merkanzija jieħu, kemm-il darba jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet u meta jkun barra mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegah, żewġ perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa, li jistgħu jittieħdu fil-vettura, peress li dawn il-perijodi ta' mistrieħ ma jaqgħux taħt il-projbizzjoni stabbilita fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Billi introduċa din il-possibbiltà, li kienet eskluża mill-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk ried joffri iktar flessibbiltà lix-xufiera li jkopru distanzi twal, billi ppermettielhom jieħdu fil-vettura l-perijodi ta' mistrieħ tagħhom kollha għal tliet ġimgħat konsekuttivi.

534 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 iwassal għal inkonvenjenzi manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni.

535 L-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Ungerija ma huwa ta' natura tali li jdaħħal inkwistjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet.

536 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq l-ispejjeż addizzjonali sinjifikattivi li timplika l-implimentazzjoni tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 għall-impriżi tat-trasport, b'mod partikolari għas-SMEs, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura ma tirriżultax mid-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni, iżda, kif ġie deċiż, essenzjalment, mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 30, 31 u 48 tas-sentenza Vaditrans, mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054. Għalhekk, il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan l-aħħar regolament ma jistax ikun, fih innifsu, is-sors ta' spejjeż addizzjonali sinjifikattivi.

537 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 issa jimponi b'mod espliċitu fuq il-persuna li timpjega l-obbligu li tieħu responsabbiltà għall-ispejjeż kollha marbuta mat-teħid ta' perijodu ta' mistrieħ barra mill-vettura, xorta jibqa' l-fatt li, kif jirriżulta mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 64), diversi persuni li jimpjegaw kienu diġà jassumu r-responsabbiltà għall-ħlas ta' tali spejjeż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, dan it-teħid ta' responsabbiltà huwa meħtieġ biss meta x-xufier jagħżel, kif għandu d-dritt jagħmel, li ma jużax il-possibbiltà li l-persuna li timpjegah għandha tagħtih, konformement mal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li jirritorna, kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, fiċ-ċentru operattiv ta' din il-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tiegħu sabiex jibda jew iqatta' hemmhekk il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tiegħu. Fl-aħħar nett, dan l-obbligu ta' teħid ta' responsabbiltà huwa bla ħsara għad-dritt tal-impriża tat-trasport li tagħżel, f'din l-aħħar ipoteżi, l-akkomodazzjoni jew it-tip ta' akkomodazzjoni li għaliha ser tassumi r-responsabbiltà li tħallas l-ispejjeż, kemm-il darba din l-akkomodazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjoni.

538 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-istima li tirriżulta mill-istudju ta' KPMG fuq il-Bulgarija, imsemmija fil-punt 458 ta' din is-sentenza, fis-sens li l-ispejjeż li ser ikollhom isostnu t-trasportaturi Bulgari minħabba l-miżura prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 tammonta għal EUR 143 miljun, ma tistax titqies li għandha valur bħala prova peress li hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li din id-dispożizzjoni timponi projbizzjoni ġdida u tobbliga lix-xufiera jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ sistematikament barra mill-post ta' residenza tagħhom billi jipparkjaw il-vettura tagħhom f'żoni sikuri u siguri.

539 It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-argument dwar ir-riskju ta' sanzjonijiet u ta' telf ta' reputazzjoni tajba tal-impriża tat-trasport, fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma tistax tipprova tistabbilixxi n-natura sproporzjonata tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 billi tispekula dwar il-frekwenza tal-aġir li jikser il-projbizzjoni prevista f'din l-aħħar dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, huwa b'mod żbaljat li dan l-Istat Membru jsostni, barra minn hekk, li din il-projbizzjoni hija impossibbli li tiġi osservata billi jibbaża ruħu fuq il-premessa żbaljata, irrilevata fil-punt 505 ta' din is-sentenza, li l-imsemmija dispożizzjoni timponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom f'akkomodazzjoni li tinsab maġenb żona ta' parkeġġ.

540 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ma tmurx manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minn din il-projbizzjoni.

541 Għaldaqstant, ir-raba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat mir-Rumanija u l-uniku motiv invokat mill-Ungerija għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni

1) L-argumenti tal-partijiet

542 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tal-ħames motiv tagħha, u r-Rumanija, permezz tal-ewwel parti tat-tielet motiv tagħha, isostnu li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 18 TFUE. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka wkoll ksur tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, kif ukoll, "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", tal-Artikolu 95(1) TFUE.

543 Skont dawn iż-żewġ Stati Membri, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għad-detriment kemm tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u kemm tax-xufiera impjegati minn dawn l-impriżi. Fil-fatt, huwa ferm iktar faċli għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni u għax-xufiera tagħhom li josservaw din il-projbizzjoni milli huwa għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u għax-xufiera tagħhom. Barra minn hekk, fi ħdan l-istess Stat Membru, il-projbizzjoni inkwistjoni toħloq diskriminazzjoni bejn ix-xufiera lokali u dawk ta' Stati Membri oħra. Ix-xufiera nazzjonali li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport fl-Istat Membru tagħhom stess ma humiex affettwati min-nuqqas ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati u ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, peress li jistgħu jorqdu f'darhom u jipparkjaw it-trakkijiet tagħhom fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega. Dan ma huwiex il-każ għax-xufiera impjegati mill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali u li, minħabba n-nuqqas ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati u ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, huma mġiegħla ma josservawx l-imsemmija projbizzjoni, u b'hekk iżidu l-ispejjeż tal-impriżi tat-trasport, li l-parti l-kbira tagħhom huma SMEs.

544 [Kif irrettifikat permezz ta' digriet tad-19 ta' Diċembru 2024] F'dan ir-rigward, ir-Rumanija żżid li l-fatt li l-Istati Membri jiżviluppaw b'mod differenti l-infrastruttura ta' parkeġġ u ta' akkomodazzjoni u li hemm ukoll differenzi bejniethom skont jekk jinsabux fil-periferija tal-Unjoni jew qrib iċ-ċentru tal-konnessjonijiet tat-trasport bit-triq tal-Unjoni jagħmel l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni iktar u iktar sproporzjonat. Peress li n-network taż-żoni ta' parkeġġ huwa żviluppat inqas fl-Istati Membri ta' tranżitu, l-obbligu previst fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jaffettwa prinċipalment lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

545 Ir-Rumanija tqis, barra minn hekk, li ma tistax titwettaq evalwazzjoni tal-effetti fuq is-suq tat-trasport tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1054 mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni r-Regolament 2020/1055 u d-Direttiva 2020/1057, li jagħmlu wkoll parti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà". Evalwazzjoni globali ta' dan il-pakkett ta' miżuri b'hekk turi n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni għad-detriment tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni fir-rigward tal-possibbiltà konkreta li jipprovdu servizzi ta' trasport fl-Unjoni. Fil-fatt, peress li l-miżuri kkontestati tal-"Pakkett dwar il-mobbiltà" jimponu spejjeż kunsiderevoli u jistabbilixxu obbligi onerużi, li jaffettwaw, b'mod partikolari, lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, il-kompetittività ta' dawn tal-aħħar, fil-prattika, ser tinġieb fix-xejn. Il-protezzjoni soċjali tax-xufiera ma tistax tiġi ggarantita fl-assenza ta' miżuri adegwati sabiex jiġi sostnut l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi mill-impriżi tat-trasport.

546 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

547 Preliminarjament, għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, għall-istess raġunijiet bħal dawk li jinsabu fil-punt 307 ta' din is-sentenza, l-allegazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija dwar ksur tal-Artikolu 95(1) TFUE peress li dan l-Istat Membru sempliċement isemmi tali ksur "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", mingħajr ma jipprovdi argumenti speċifiċi f'dan ir-rigward.

548 B'dan premess, fir-rigward tal-fondatezza tal-motivi u tal-argumenti ineżami, huwa paċifiku li, f'dan il-każ, ir-regola stabbilita fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn timponi fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li jiżguraw, bi spejjeż tagħhom, li x-xufiera tagħhom jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa tagħhom mhux fil-vettura iżda f'post ta' akkomodazzjoni adattat kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u li jkollu faċilitajiet għall-irqad kif ukoll installazzjonijiet sanitarji adegwati, tapplika mingħajr distinzjoni għall-persuni kollha li jimpjegaw ikkonċernati, irrispettivament mill-Istat Membru fejn huma stabbiliti, għax-xufiera kollha kkonċernati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru tar-residenza tagħhom, kif ukoll għall-Istati Membri kollha, b'tali mod li ma tinvolvix diskriminazzjoni diretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni.

549 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 308 sa 310 ta' din is-sentenza, jekk, permezz tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni applikax b'mod mhux iġġustifikat regola identika għal sitwazzjonijiet differenti, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, f'liema każ ikun hemm, minħabba f'hekk, diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni sa fejn, kif isostnu, essenzjalment, l-Istati Membri rikorrenti, din id-dispożizzjoni tkun tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu, fil-fehma tagħhom, fil-"periferija tal-Unjoni", lix-xufiera impjegati minn dawn l-impriżi u lil dan il-grupp ta' Stati Membri.

550 F'dan ir-rigward, il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 huwa intiż, kif ġie rrilevat fil-punt 478 ta' din is-sentenza, li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni, billi jiżgura li dawn tal-aħħar ikollhom post ta' akkomodazzjoni ta' kwalità sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom,

sabiex jipproteġi b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-premessi 8 u 13 ta' dan ir-regolament, lix-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali fuq distanzi twal u li jqattgħu perijodi twal 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom.

551 Issa, għandu jiġi kkonstatat li x-xufiera kollha impjegati fl-Unjoni jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli f'dak li jirrigwarda d-dritt tagħhom li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa f'akkomodazzjoni ta' kwalità. Fil-fatt, dawn ix-xufiera kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, għandhom ikunu f'pożizzjoni li jieħdu dan il-perijodu ta' mistrieħ f'akkomodazzjoni li tiżguralhom kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u li tiggarantixxi s-sigurtà fit-toroq.

552 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza, allegata mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Rumanija, ta' allegata diskriminazzjoni bejn ix-xufiera li jwettqu trasport internazzjonali impjegati f'ċerti Stati Membri u x-xufiera li jwettqu trasport nazzjonali impjegati fi Stat Membru li jinsab fiċ-"ċentru tal-Unjoni", huwa minnu li ma jistax jiġi eskluż li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jaffettwa iktar lix-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali lejn Stati Membri mbiegħda ġeografikament mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, peress li dawn ix-xufiera jistgħu jsibuha iktar diffiċli mix-xufiera lokali jew nazzjonali biex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post ta' residenza tagħhom u b'hekk huma iktar esposti għall-insuffiċjenza attwali ta' infrastruttura adegwata ta' akkomodazzjoni u ta' parkeġġ.

553 Madankollu, din id-differenza fl-impatt għax-xufiera li jwettqu trasport internazzjonali tirriżulta min-natura differenti tal-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn dawn ix-xufiera, li hija riflessa wkoll fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 91(1)(a) u (b) TFUE. Fil-fatt, l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali jistgħu jitwettqu, iktar mill-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali, fuq distanzi mbiegħda mill-post ta' residenza tax-xufiera u minn dak li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom.

554 F'dan ir-rigward, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 433 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk, konformement mat-teżi żviluppata mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Rumanija, ix-xufiera li jwettqu trasport internazzjonali jitħallew jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa tagħhom fil-vettura, li ma hijiex post adattat sabiex jitqattgħu tali perijodi twal ta' mistrieħ, dan iwassal għal livell saħansitra ogħla ta' diskriminazzjoni meta mqabbla max-xufiera nazzjonali, li jkunu jistgħu, min-naħa tagħhom, jieħdu iktar faċilment dan il-perijodu ta' mistrieħ fil-post ta' residenza tagħhom.

555 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-eżistenza, invokata mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Rumanija, ta' allegata diskriminazzjoni bejn, minn naħa, l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni" li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali, kif ukoll ix-xufiera li jimpjegaw, u, min-naħa l-oħra, l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-"ċentru tal-Unjoni" li jwettqu tali operazzjonijiet, kif ukoll ix-xufiera li jimpjegaw, huwa minnu li, kif jirriżulta mill-punt 552 ta' din is-sentenza, il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jaffettwa iktar lill-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, li għażlu mudell ta' operat ekonomiku li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri mbiegħda mill-ewwel Stat Membru u li x-xufiera tagħhom għalhekk iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom.

556 Madankollu, kif diġà ġie indikat fil-punt 321 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li affettwaw is-suq intern, li jadatta att leġiżlattiv sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid tal-interessi inkwistjoni bil-għan li tiżdied il-protezzjoni soċjali tax-xufiera permezz ta' bidla fil-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-persuni li jimpjegawhom u li tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta.

557 Għalhekk, kif ġie rrilevat fil-punt 322 ta' din is-sentenza, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax titqies li hija, fiha nnifisha, kuntrarja għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li twassal għal konsegwenzi differenti għal ċerti operaturi ekonomiċi, meta din is-sitwazzjoni tkun il-konsegwenza ta' kundizzjonijiet operattivi differenti li jkunu fihom, b'mod partikolari minħabba l-għażla tal-istabbiliment ġeografiku tagħhom, u mhux ta' inugwaljanza fid-dritt inerenti għad-dispożizzjoni kkontestata.

558 F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried preċiżament jiżgura, kif diġà ġie indikat fil-punt 282 ta' din is-sentenza, bilanċ ġdid bejn, minn naħa, l-interess tax-xufiera li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u, min-naħa l-oħra, l-interess tal-persuni li jimpjegaw li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' trasport tagħhom f'kundizzjonijiet kummerċjali ġusti, b'tali mod li s-settur tat-trasport bit-triq ikun sigur, effikaċi u soċjalment responsabbli.

559 F'dan il-kuntest, il-projbizzjoni stabbilita fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 mhux talli ma toħloqx kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusti għall-impriżi tat-trasport, iżda hija intiża, għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 17, 18 u 23), li jiġu rrimedjati l-inugwaljanzi fit-trattament li setgħu preċedentement jirriżultaw, minħabba interpretazzjonijiet u applikazzjonijiet differenti tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 adottati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, mill-applikazzjoni ta' sistemi nazzjonali ta' sanzjonijiet differenti fl-Istati Membri. Fil-fatt, huwa sabiex tiġi żgurata, permezz ta' regola ta' armonizzazzjoni iktar ċara, applikazzjoni uniformi tal-projbizzjoni li l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkodifika l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 8(8) mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans.

560 Kif enfasizza ġustament il-Kunsill, huma preċiżament ix-xufiera li l-persuni li jimpjegawhom jipprovdu l-parti essenzjali tas-servizzi ta' trasport tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri mbiegħda mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, u li għalhekk iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom, li għandhom l-iktar bżonn tal-protezzjoni li tirriżulta mir-regola ta' armonizzazzjoni prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, u dan jippermetti, fi kwalunkwe każ, li tiġi stabbilita n-natura oġġettiva u adegwata tal-kriterji li fuqhom il-leġiżlatur tal-Unjoni bbaża l-għażla tiegħu sabiex iwettaq l-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol imfittex minn din id-dispożizzjoni.

561 Mill-bqija, kif ġie indikat fil-punt 533 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni, dejjem bil-għan li jiżgura bilanċ adegwat bejn id-diversi interessi inkwistjoni u bl-intenzjoni jilħaq l-għan ta' protezzjoni soċjali mfittex, emenda, permezz tal-punt 6(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, l-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, sabiex jippermetti, b'mod derogatorju, u b'osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, lil xufier li jwettaq trasport internazzjonali ta' merkanzija jieħu, barra mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegah, żewġ perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa, li jistgħu jittieħdu fil-vettura.

562 Barra minn hekk, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 huwa intiż preċiżament li jtaffi d-diffikultà msemmija fil-punt 552 ta' din is-sentenza, billi jimponi fuq il-persuni li jimpjegaw l-obbligu li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu, jekk jixtiequ, jirritornaw, kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom.

563 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-eżistenza, invokata mir-Repubblika tal-Bulgarija, ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri li tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza bejniethom quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, il-kritika ta' dan l-Istat Membru għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, anki jekk jitqies li ċerti Stati Membri huma indirettament affettwati iktar minn oħrajn mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, minkejja li huwa ta' natura li japplika mingħajr distinzjoni, att tal-Unjoni li jkollu l-għan li jarmonizza r-regoli tal-Istati Membri, sa fejn japplika b'mod ugwali għal dawn kollha, ma jistax, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 332 ta' din is-sentenza, jitqies li huwa diskriminatorju peress li tali att ta' armonizzazzjoni joħloq inevitabbilment effetti diverġenti skont l-istat preċedenti tal-leġiżlazzjonijiet u tal-prattiki nazzjonali differenti.

564 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bi ksur tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 313 u 314 ta' din is-sentenza, mar lil hinn mil-limiti tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu meta adotta l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu mit-Trattat FUE bil-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera kollha fi ħdan l-Unjoni kollha kemm hi.

565 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-Rumanija, permezz tal-argumenti tagħha bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandha l-intenzjoni tikkritika l-impatt sproporzjonat tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 fuq l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni", l-argumenti tagħha jikkonċernaw, kif dan l-Istat Membru jenfasizza huwa stess, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 481 sa 540 ta' din is-sentenza.

566 Kif jirriżulta diġà mill-punt 333 ta' din is-sentenza, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jiddaħħlu inkwistjoni mill-allegazzjoni tar-Rumanija dwar l-effett diskriminatorju globali li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet kollha li jagħmlu parti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà" u li huma s-suġġett tar-rikorsi ppreżentati minn dan l-Istat Membru fil-Kawżi C-546/20 sa C-548/20. Fil-fatt, fil-Kawża C-546/20, ir-Rumanija ma stabbilixxietx li tirriżulta diskriminazzjoni mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054. Mill-bqija, il-kritika ta' dan l-Istat Membru dwar ir-Regolament 2020/1055 u d-Direttiva 2020/1057 ser tiġi eżaminata fil-kuntest tal-motivi u tal-argumenti invokati minnu insostenn tar-rikorsi tiegħu fil-Kawżi C-547/20 u C-548/20 insostenn tat-talbiet tiegħu intiżi għall-annullament ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni jew ta' parti minnhom.

567 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ħames motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata, u l-ewwel parti tat-tielet motiv invokat mir-Rumanija għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

c) Fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi

1) L-argumenti tal-partijiet

568 Ir-Rumanija ssostni, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jikser ukoll id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport fis-suq intern. Skontha, l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura twassal għal restrizzjoni ta' din il-libertà, fis-sens tal-Artikolu 58(1) TFUE, peress li r-rotot tat-trasport ser ikunu, għal żmien indeterminat, limitati għall-vjaġġi li jistgħu jitwettqu f'terminu li ma jobbligax lix-xufier jieħu perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jew ser ikunu ddeterminati skont il-preżenza ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri. Minħabba din il-limitazzjoni, il-miżura ser twassal, skont ir-Rumanija, għall-frammentazzjoni tas-suq intern, li ser ikollha bħala konsegwenza t-teħid ta' pass lura fejn tidħol il-kisba tal-għan ta' żvilupp sostenibbli ta' dan is-suq, kif previst fl-Artikolu 3 TUE, li huwa wkoll wieħed mill-għanijiet iddefiniti mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha (Parti 1/2, p. 39).

569 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

570 Għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 352 sa 358 ta' din is-sentenza, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport ma taqax, konformement mal-Artikolu 58(1) TFUE, taħt is-sistema ġenerali stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE, iżda taħt sistema speċifika, li fil-kuntest tagħha l-impriżi tat-trasport għandhom dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi esklużivament sa fejn dan id-dritt ikun ingħatalhom permezz ta' miżuri tad-dritt sekondarju adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bħalma huwa r-Regolament 2020/1054, abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-politika komuni tat-trasport, b'mod partikolari tal-Artikolu 91(1) TFUE.

571 Għalhekk, sa fejn l-uniku għan tal-Artikolu 58(1) TFUE huwa li jeskludi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport mid-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi sabiex din tiġi suġġetta għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fit-Titolu VI tat-Tielet Parti ta' dan it-Trattat, il-leġiżlatur tal-Unjoni, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Rumanija, ma setax jikser dan l-Artikolu 58(1) minħabba s-sempliċi fatt li adotta, skont din id-dispożizzjoni, regoli komuni applikabbli għas-settur tat-trasport, abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi.

572 Fi kwalunkwe każ, sa fejn ir-Rumanija tikkritika lil-leġiżlatur tal-Unjoni li, permezz tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ikkawża pass lura fil-proċess ta' liberalizzazzjoni mwettaq mir-Regolament Nru 561/2006, l-argument tagħha huwa infondat. Fil-fatt, kif ġie rrilevat, b'mod partikolari, fil-punt 493 ta' din is-sentenza, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura ma tirriżultax mid-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni iżda mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-punt 6(c) tal-Artikolu 1, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans.

573 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 266 ta' din is-sentenza, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt

li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fil-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti fil-preambolu, fl-Artikolu 9 TFUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, li jinkludu t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u dawn l-għanijiet trażversali fil-każ biss li jkun jista' jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew għal tali żviluppi.

574 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-Rumanija, is-sempliċi fatt li ċerti impriżi tat-trasport jista' jkollhom jadattaw uħud mir-rotot tat-trasport tagħhom sabiex itejbu l-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni soċjali tax-xufiera konformement mal-għan imfittex mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala pass lura fl-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE.

575 Għaldaqstant, l-argumenti dwar ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi mqajma mir-Rumanija fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

d) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

576 Ir-Rumanija ssostni wkoll, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jippreġudika b'mod gravi l-interessi tal-impriżi tat-trasport u tax-xufiera, bi ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) u mill-Artikolu 94 TFUE.

577 Minn naħa, f'dak li jirrigwarda l-impriżi tat-trasport, li ġeneralment għandhom il-kwalità ta' SME, l-ispejjeż ikkawżati għal dawn tal-aħħar mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 imorru ferm lil hinn minn dawk marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' post ta' akkomodazzjoni għax-xufiera. Fil-fatt, dawn l-ispejjeż ikopru wkoll il-bidliet fir-rotot skont id-disponibbiltà ta' postijiet ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ adegwati, iż-żieda fil-primjums tal-assigurazzjoni minħabba ż-żieda fir-riskji marbuta mas-sigurtà tal-merkanzija ttrasportata kif ukoll il-ħtieġa għax-xufiera li jivvjaġġaw distanzi addizzjonali sabiex isibu żona ta' parkeġġ adegwata biex imbagħad imorru fil-post ta' akkomodazzjoni, li jista' jkun jinsab f'distanza kunsiderevolment 'il bogħod, fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fl-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ. Barra minn hekk, l-impriżi tat-trasport ser iġarrbu tnaqqis fid-dħul tagħhom peress li n-nuqqas ta' infrastruttura għandu impatt fuq il-possibbiltà konkreta li jiġu ppjanati vjaġġi itwal u li jitwettqu operazzjonijiet ta' trasport fuq ċerti rotot b'sigurtà sħiħa.

578 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda x-xufiera, ir-riperkussjonijiet sostnuti mill-impriżi tat-trasport minħabba l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, kif prevista fil-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, ser iwasslu għal telf ta' impjiegi u għan-neċessità li jemigraw lejn l-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura, din id-dispożizzjoni għandha l-effett li żżid l-għeja u l-istress tax-xufiera.

579 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

580 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-Rumanija fis-sens li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jista' jwassal għal telf ta' impjiegi u għall-migrazzjoni ta' xufiera lejn l-Istati Membri li jinsabu fiċ-"ċentru tal-Unjoni", bi ksur tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 91(2) TFUE, li jimponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta jadotta miżuri li jaqgħu taħt il-politika komuni tat-trasport, l-obbligu li jieħu inkunsiderazzjoni l-każijiet fejn l-applikazzjoni tista' taffettwa b'mod gravi l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, għandu jiġi kkonstatat li tali argument jidher, fin-nuqqas ta' kull prova konkreta li tista' tissostanzja l-fondatezza tiegħu, li huwa spekulattiv.

581 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-argument ma jistax, b'mod partikolari, idaħħal inkwistjoni l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha (Parti 1/2, p. 61), fis-sens li l-miżuri dwar il-ħin tax-xogħol u l-modalitajiet ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa kellu jkollhom impatt pożittiv fuq l-attrazzjoni tal-professjoni ta' xufier u, għaldaqstant, fuq l-offerta tas-suq tax-xogħol.

582 Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta diġà mill-punti 404 u 405 kif ukoll mill-punti 573 u 574 u ta' din is-sentenza, is-sempliċi fatt li ċerti impriżi tat-trasport jistgħu jġarrbu spejjeż ogħla minħabba ż-żieda tal-protezzjoni soċjali ggarantita lix-xufiera mill-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

583 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tar-Rumanija li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimplika, għall-impriżi tat-trasport, spejjeż addizzjonali sinjifikattivi bi ksur tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 94 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din l-aħħar dispożizzjoni, li timponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni l-obbligu li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi meta jadotta miżura dwar "prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", hija irrilevanti f'dan il-każ peress li dan il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ma jirregolax il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri, iżda jiddetermina l-kundizzjonijiet għat-teħid, mix-xufiera, tal-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom.

584 Fi kwalunkwe każ, kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 536 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni ma tistax tkun il-kawża ta' spejjeż addizzjonali għall-impriżi tat-trasport peress li hija sempliċement tikkodifika d-dritt eżistenti li jirriżulta, kif jirriżulta mill-punti 30, 31 u 48 tas-sentenza Vaditrans, mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

585 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati l-argumenti dwar il-ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE, imqajma mir-Rumanija fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

586 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), mir-Rumanija (Kawża C-546/20) u mill-Ungerija (Kawża C-551/20) għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma intiżi għall-annullament tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054.

4. Fuq il-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054

587 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-551/20) intiżi għall-annullament tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, l-Ungerija tinvoka tliet motivi bbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tieni wieħed, tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u, it-tielet wieħed, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

a) Osservazzjonijiet preliminari

588 Qabel jiġu eżaminati dawn il-motivi, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament Nru 165/2014, moqri flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/799, il-vetturi reċentement irreġistrati li jiċċirkulaw fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tagħhom kellhom jiġu mgħammra b'takografu intelliġenti, irregolat mill-Artikoli 8 sa 11 tar-Regolament Nru 165/2014, f'terminu ta' ħmistax-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ, fil-15 ta' Ġunju 2019, tal-modalitajiet relatati ma' dawn it-takografi tal-ewwel ġenerazzjoni, stabbiliti fl-Anness IC ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni. Minn dan isegwi li t-terminu għall-installazzjoni tal-imsemmija takografi kien stabbilit bħala l-15 ta' Ġunju 2034.

589 Permezz tal-punt 2 u tal-punt 8(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, li jemendaw, rispettivament, l-Artikolu 3(4) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 165/2014, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa sistema gradwali għall-introduzzjoni ta' takografi V2 matul perijodu tranżitorju. B'hekk, minn naħa, il-punt ta' tluq ta' dan il-perijodu tranżitorju jiddependi mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet relatati ma' dawn tal-aħħar, stabbiliti mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/1228, li daħal fis-seħħ fil-5 ta' Awwissu 2021. Min-naħa l-oħra, it-tul tal-imsemmi perijodu tranżitorju jiddependi mit-tip ta' takografu li bih il-vettura hija diġà mgħammra.

590 F'dan ir-rigward, filwaqt li l-vetturi mgħammra b'takografu analogu jew diġitali għandhom ikunu mgħammra b'takografu V2 sa mhux iktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tas-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet, jiġifieri sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-vetturi mgħammra b'takografu tal-ewwel ġenerazzjoni għandhom ikunu mgħammra b'takografu V2 sa mhux iktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija speċifikazzjonijiet, jiġifieri sa mhux iktar tard mill-5 ta' Awwissu 2025.

591 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni mexxa 'l quddiem it-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2, skont il-każ, b'disa' snin u nofs jew b'disa' snin.

592 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari li għandhom jiġu eżaminati l-motivi invokati mill-Ungerija.

b) Fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

1) L-argumenti tal-partijiet

593 Permezz tal-ewwel motiv tagħha, l-Ungerija ssostni li, meta adotta l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità u wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni billi ma evalwax il-konsegwenzi ekonomiċi tat-tqassir kunsiderevoli tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2.

594 Peress li din id-dispożizzjoni ma kinitx tinsab fil-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt fuq dan il-punt. L-emenda tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2 iddaħħlet fit-test finali tar-Regolament 2020/1054 wara ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament u l-Kunsill, mingħajr lanqas ma saret valutazzjoni tal-impatt minn dawn l-istituzzjonijiet. Issa, huwa possibbli li ma ssirx valutazzjoni tal-impatt fil-każ biss li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkollu biżżejjed informazzjoni li tippermettilu jevalwa l-proporzjonalità tal-miżura adottata. Madankollu, l-Ungerija ssostni li ma tafx bl-eżistenza ta' tali elementi ta' informazzjoni, u lanqas bl-eżistenza ta' valutazzjoni mwettqa minn dan il-leġiżlatur. Għalkemm, matul Frar u Marzu 2018, kienu twettqu żewġ studji li eżaminaw l-ispejjeż meħtieġa sabiex tiġi żgurata konformità ma' din it-teknoloġija ġdida, dawn l-istudji ma indirizzawx b'mod espliċitu l-kwistjoni tan-natura proporzjonata ta' dawn l-ispejjeż, minkejja li t-tieni studju semma l-possibbiltà ta' nuqqas ta' proporzjonalità.

595 Skont l-Ungerija, minn dan jirriżulta wkoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-Ftehim Interistituzzjonali. Fil-fatt, peress li l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 jikkostitwixxi "emenda sostanzjali" tal-proposta tal-Kummissjoni, fis-sens tal-punt 15 ta' dan il-ftehim, kien iġġustifikat li titwettaq valutazzjoni tal-impatt addizzjonali jew li l-Kummissjoni tiġi inkarigata twettaqha, konformement mal-punt 16 tal-imsemmi ftehim. F'dan ir-rigward, l-Ungerija tenfasizza li, meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu regoli li minnhom tirriżulta awtolimitazzjoni tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom, huma għandhom jikkonformaw ruħhom mar-regoli indikattivi li huma stess ikunu imponew fuqhom infushom.

596 Il-Parlament u l-Kunsill jikkunsidraw li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

597 Permezz ta' dan il-motiv, l-Ungerija tilmenta, essenzjalment, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax il-proporzjonalità tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, minħabba li qassar it-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2 mingħajr ma wettaq minn qabel valutazzjoni tal-impatt u mingħajr ma kellu elementi li kienu jippermettu li tiġi evalwata l-proporzjonalità ta' din il-miżura.

598 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 27 ta' dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li l-effettività tal-kontroll tal-applikazzjoni tar-regoli soċjali meta mqabbla mal-ispejjeż involuti, il-ħeffa fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, id-diġitalizzazzjoni fl-ekonomija kollha tal-Unjoni u l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti għall-impriżi fis-settur tat-trasport internazzjonali bit-triq kienu jagħmlu neċessarju t-tqassir tal-perijodu

tranżitorju għall-installazzjoni ta' takografi intelliġenti fil-vetturi reġistrati, liema takografi intelliġenti kellhom jikkontribwixxu sabiex jiġu ssemplifikati l-kontrolli u, għaldaqstant, sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali.

599 Issa, huwa paċifiku li tali tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi intelliġenti, li kien ġie ssuġġerit, fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva, mill-KESE u mill-KtR, ma kienx indirizzat fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt u għalhekk ma ssemmiex mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni *ex post* dwar il-leġiżlazzjoni soċjali, imsemmija fil-premessa 4 tar-Regolament 2020/1054, li abbażi tagħha twettqet din il-valutazzjoni tal-impatt, ma kinitx tirrigwarda r-Regolament Nru 165/2014.

600 Madankollu, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 220 sa 226 ta' din is-sentenza jirriżulta li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri li jadotta, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-valutazzjoni tal-impatt, iżda wkoll kull sors ieħor ta' informazzjoni.

601 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Parlament u l-Kunsill, fil-mument tal-adozzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, kellhomx, minn sorsi ta' informazzjoni oħra minbarra l-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, elementi suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-proporzjonalità tat-tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2.

602 F'dan ir-rigward, mill-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Parlament ippubblika, matul ix-xahar ta' Frar 2018, ir-rapport finali ta' studju (EPRS, "*Retrofitting smart tachographs by 2020: Costs and benefits*" ("L-aġġornament tat-takografi intelliġenti sal-2020: Spejjeż u benefiċċji"), 2 ta' Frar 2018), bil-għan li jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-installazzjoni fi żmien qasir ta' takografu intelliġenti għat-trakkijiet użati fit-trasport internazzjonali. Huwa paċifiku li dan l-istudju kien jinkludi, b'mod partikolari, analiżi ddettaljata tal-ispejjeż u tal-benefiċċji li tikkonkludi li l-vantaġġi fit-tul ta' aġġornament tat-takografi intelliġenti, li seta' jitwettaq biss f'terminu wara s-sena 2020, kienu ikbar mid-diversi spejjeż sostnuti fuq żmien qasir mill-operaturi ekonomiċi ewlenin attivi fis-suq tat-trasport.

603 Barra minn hekk, lanqas ma huwa kkontestat li l-Kummissjoni ppubblikat ukoll, matul ix-xahar ta' Marzu 2018, ir-rapport finali ta' studju ieħor (direttorat Ġenerali għall-Mobbilità u t-Trasport, "*Study regarding measures fostering the implementation of the smart tachograph*" ("Studju dwar miżuri li jippromwovu l-introduzzjoni tat-takografu intelliġenti"), rapport finali, Marzu 2018), dwar il-miżuri li jiffavorixxu l-introduzzjoni tat-takografu intelliġenti. Huwa paċifiku li l-għan imfittex minn dan l-istudju kien li jiġu eżaminati għażliet strateġiċi differenti sabiex titħaffef l-introduzzjoni tat-takografi intelliġenti matul perijodu bejn l-2023 u l-2027, billi jiġu evalwati l-impatti ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-impatti fuq is-sigurtà fit-toroq u s-suq intern tal-adozzjoni ta' għażliet politiċi li jeħtieġu l-konformità tal-vetturi reġistrati qabel ix-xahar ta' Ġunju 2019, u dan sabiex tiġi ddeterminata l-iktar għażla adegwata. L-imsemmi studju kien jinkludi wkoll analiżi ddettaljata tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ta' dawn l-impatti fuq l-impriżi tat-trasport u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

604 Mill-kontenut ta' dawn iż-żewġ studji jirriżulta b'mod ċar li dawn l-istudji kienu jinkludu d-data bażika dwar l-ispejjeż marbuta mat-tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2, kif barra minn hekk l-Ungerija ammettiet espliċitament fir-replika tagħha.

605 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta sussegwentement adotta r-Regolament 2020/1054 li jipprevedi din il-miżura, kellu elementi suffiċjenti li ppermettewlu jevalwa l-impatt tal-imsemmija miżura fuq is-sitwazzjoni tat-trasportaturi internazzjonali u b'hekk kellu bażi għall-għażla tiegħu li jqassar dan it-terminu fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu.

606 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-fatt, allegat mill-Ungerija, li dawn iż-żewġ studji ma eżaminawx speċifikament jekk miżura bħalma hija t-tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2 kinitx konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

607 Fil-fatt, l-imsemmija studji kienu jinkludu l-elementi oġġettivi rilevanti relatati mal-ispiża tat-tqassir ta' dan it-terminu, elementi li kienu jippermettu lil-leġiżlatur tal-Unjoni jevalwa l-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw, għall-operaturi kkonċernati, minn dan it-tqassir, filwaqt li huwa ppreċiżat li huwa dan il-leġiżlatur waħdu li għandu l-kompitu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 222 u 223 ta' din is-sentenza kif ukoll mill-punt 12 tal-Ftehim Interistituzzjonali, li jibbilanċja, fl-eżerċizzju tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu f'dan ir-rigward, id-diversi interessi inkwistjoni.

608 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 220 ta' din is-sentenza, il-forma li fiha tiġi elenkata d-data bażika meħuda inkunsiderazzjoni għall-adozzjoni ta' miżura hija irrilevanti. Għaldaqstant, ma jistax ikun meħtieġ li din id-data bażika tiġi ppreżentata fil-kuntest ta' evalwazzjoni tal-proporzjonalità.

609 Għaldaqstant, l-ewwel motiv invokat mill-Ungerija għandu jiġi miċħud bħala infondat.

c) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

1) L-argumenti tal-partijiet

610 Permezz tat-tieni motiv tagħha, l-Ungerija ssostni li t-tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2 jikkostitwixxi ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-operaturi ekonomiċi u, għaldaqstant, tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Fil-fatt, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament 165/2014, l-operaturi ekonomiċi setgħu leġittimament jaħsbu li kellhom terminu ta' ħmistax-il sena, mill-adozzjoni tal-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom marbuta mal-installazzjoni ta' takografi intelliġenti. Għalhekk, l-operaturi ma kinux sempliċement rabtu l-aspettattivi tagħhom maż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, kien stabbilixxa huwa stess terminu li fuqu dawn setgħu jibbażaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi tagħhom. Fl-Ungerija, minħabba t-termini antiċipati, l-obbligu tal-installazzjoni tat-takografu V2 jaffettwa lil madwar 60 % tal-flotta, bi spiża stmata, għal kull unità, għal madwar EUR 2 000.

611 Peress li l-leġiżlatur adotta r-Regolament 2020/1054 fil-15 ta' Lulju 2020, huwa minn dak il-mument li d-data l-ġdida tal-obbligu ta' konformità setgħet tkun magħrufa b'ċertezza. Għaldaqstant, din id-data biss tista' tkun il-punt tat-tluq tal-perijodu li għandhom l-operaturi ekonomiċi sabiex jadattaw ruħhom, u mhux dik tal-pubblikazzjoni tal-istudji li eżaminaw għall-ewwel darba l-kwistjoni. L-operaturi ekonomiċi, anki jekk kienu jafu b'dawn l-istudji, ma setgħux ikunu jafu b'ċertezza x'kienet ser tkun is-soluzzjoni adottata.

612 Għalkemm huwa minnu li l-vetturi użati fit-trasport internazzjonali huma mġedda kull tlieta sa ħames snin, l-istudju tax-xahar ta' Marzu 2018, imsemmi fil-punt 603 ta' din is-sentenza, jindika huwa stess li l-vetturi ssostitwiti jsibu proprjetarji ġodda fis-suq tal-vetturi użati. Ma huwiex eskluż li impriża tat-trasport internazzjonali tixtri vettura użata jew ma tissostitwixxix il-vetturi tagħha bir-ritmu msemmi iktar 'il fuq. Fil-fatt, għadd sinjifikattiv ta' SMEs li joperaw fis-suq tat-trasport internazzjonali jista' jkollhom riżorsi finanzjarji pjuttost limitati.

613 L-Ungerija ssostni li ebda waħda mir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali msemmija fil-premessa 27 tar-Regolament 2020/1054 ma tiġġustifika l-emenda tat-termini għall-introduzzjoni tat-takografi V2. F'dak li jirrigwarda, l-ewwel, l-effettività tal-kontroll tal-applikazzjoni tar-regoli soċjali fir-rigward tal-ispejjeż, din ma kinitx verament eżaminata matul il-proċess leġiżlattiv. It-tieni, il-ħeffa tal-evoluzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni fl-ekonomija kollha ma jikkostitwixxux raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali ta' natura li jiġġustifikaw ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, it-takografi V2 għadhom ma ġewx żviluppati u d-data tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq ma hijiex magħrufa. It-tielet, fir-rigward tal-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti bejn l-impriżi tat-trasport, huwa diffiċli li wieħed jifhem ir-raġuni għalfejn l-impriżi li jwettqu trasport internazzjonali li huma stabbiliti fil-pajjiżi terzi ma humiex suġġetti għal dan l-obbligu. Fil-fatt, il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (iktar 'il quddiem il-"Ftehim AETR") jipprevedi l-obbligu tal-installazzjoni ta' takografu diġitali.

614 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

615 Kif tfakkar fil-punt 162 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jinkludix l-obbligu li l-ordinament ġuridiku jinżamm mingħajr bidliet tul iż-żmien peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni jibqa' liberu, fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni tiegħu, li jemenda s-sitwazzjoni leġiżlattiva eżistenti

616 F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jitfakkar li d-dritt li jiġi invokat dan il-prinċipju jappartjeni, bħala korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali, lil kull individwu li jkun jinsab f'sitwazzjoni fejn l-amministrazzjoni tal-Unjoni tkun nisslet fih aspettattivi fondati. Tikkostitwixxi garanzija li tista' tnissel tali aspettattivi, irrispettivament mill-forma li fiha tiġi kkomunikata, informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u koerenti li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fl-assenza ta' garanziji preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni. Bl-istess mod, meta operatur ekonomiku prudenti u informat ikun f'pożizzjoni li jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni ta' natura li taffettwa l-interessi tiegħu, huwa ma jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju ta' tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata (sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 153 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

617 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li operatur ekonomiku ma jistax jibbaża l-aspettattivi leġittimi tiegħu fuq l-assenza totali ta' emenda ta' sitwazzjoni eżistenti mil-leġiżlatur tal-Unjoni iżda jista' biss jikkontesta l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' tali emenda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Global Starnet, C-322/16, EU:C:2017:985, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

618 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi estiż b'tali mod li jipprekludi, b'mod ġenerali, leġiżlazzjoni ġdida milli tapplika għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti (sentenza tat-8 ta' Settembru 2022, Ministerstvo životního prostředí (Pappagalli Makaw Blu), C-659/20, EU:C:2022:642, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata), u dan b'mod partikolari f'oqsma li l-għan tagħhom jinvolvi ħtiġijiet ta' adattament kostanti fid-dawl ta' bidliet fis-sitwazzjoni ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Kapniki A. Michailidis, C-99/22, EU:C:2023:382, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

619 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, hemm lok, qabelxejn, li jiġi enfasizzat li s-sempliċi fatt li l-Artikolu 3(4) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 165/2014, fil-verżjoni tagħhom applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, kienu jipprevedu, għall-installazzjoni ta' takografi intelliġenti, data differenti minn dik li finalment ġiet introdotta permezz tal-punt 2 u tal-punt 8(a) tal-Artikolu 2 ta' dan l-aħħar regolament ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit ksur taċ-ċertezza legali jew tal-aspettattivi leġittimi u, b'mod partikolari, ksur ta' assigurazzjonijiet preċiżi li setgħu joħolqu twemmin fondat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kienet ser tibqa' l-istess fir-rigward ta' dan l-aspett. Dan ikun inqas u inqas il-każ fir-rigward ta' att leġiżlattiv li jikkonċerna, bħal f'dan il-każ, l-introduzzjoni ta' tagħmir li jista' jiġi affettwat mill-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda u li għalhekk jista' jeżiġi adattament kostanti skont tali żvilupp.

620 Sussegwentement, it-terminu ta' tlieta jew erba' snin għall-installazzjoni tat-takografi V2, previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, ma bediex jiddekorri fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, fl-20 ta' Awwissu 2020, iżda, konformement ma' din id-dispożizzjoni, rispettivament, fi tmiem is-sena tad-dħul fis-seħħ jew wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni kellha tadotta, skont il-punt 8(a) ta' dan l-Artikolu 2, dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, jiġifieri, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ, fil-5 ta' Awwissu 2021, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/1228, b'effett, skont il-każ, mill-31 ta' Diċembru 2021 jew mill-5 ta' Awwissu 2021. Għaldaqstant, l-impriżi tat-trasport ikkonċernati għandhom, fir-realtà, terminu itwal, skont it-tip ta' takografu li bih huma mgħammra l-vetturi tagħhom, sabiex jinstallaw it-takografi V2 konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, terminu li jilħaq, rispettivament, kważi erba' snin u nofs, sal-31 ta' Diċembru 2024, jew ħames snin, sal-5 ta' Awwissu 2025.

621 Barra minn hekk, mill-istudji msemmija fil-punti 602 u 603 ta' din is-sentenza, li ġew ippubblikati fi Frar u f'Marzu 2018 mill-Parlament u mill-Kummissjoni matul il-proċedura leġiżlattiva li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, kien diġà jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien qiegħed jikkunsidra li jqassar it-terminu għall-installazzjoni tat-takografi intelliġenti. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 473 tal-konklużjonijiet tiegħu, operatur ekonomiku prudenti u informat kien għalhekk f'pożizzjoni li jantiċipa l-adozzjoni ta' tali miżura anki qabel l-adozzjoni ta' dan ir-regolament.

622 Fl-aħħar nett, mid-data pprovduta mill-Ungerija stess jirriżulta li l-ispiża tal-installazzjoni ta' takografu V2 għandha tammonta għal madwar EUR 2 000 għal kull vettura. Għandu jiġi kkonstatat li investiment ta' ammont daqstant limitat meta mqabbel mal-prezz tax-xiri tal-vettura nnifisha, li jirrigwarda biss, barra minn hekk, il-parti tal-flotta ta' impriża tat-trasport iddedikata għat-trasport internazzjonali, jista' raġonevolment isir minn operatur ekonomiku diliġenti u prudenti fit-terminu ta' erba' snin u nofs jew ta' ħames snin li jirriżultaw mill-punt 2 u mill-punt 8(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, kif huwa indikat fil-paġna 41 tal-istudju tal-Kummissjoni msemmi fil-punt 603 ta' din is-sentenza, il-vetturi invo-

luti fit-trasport internazzjonali huma ta' spiss issostitwiti wara tlieta sa ħames snin, mingħajr ma huwa rilevanti li jsir magħruf, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Ungerija f'dan ir-rigward, jekk, għall-finijiet ta' din is-sostituzzjoni, l-impriża tat-trasport ikkonċernata tirrikorrix, jekk ikun il-każ, għas-suq tal-vetturi użati. Bl-istess mod, għalkemm l-Ungerija ssostni li ma huwiex eskluż li impriża tat-trasport internazzjonali ma tissostitwixxix il-vetturi tagħha b'dan ir-ritmu, għandu jiġi enfasizzat li tali argument bl-ebda mod ma jikkontradixxi d-data msemmija f'dan l-istudju tal-Kummissjoni, li tirrigwarda l-aġir ġenerali tal-operaturi attivi fis-suq tas-servizzi ta' trasport, li huwa l-uniku wieħed rilevanti f'dan il-kuntest, u mhux l-aġir iżolat ta' ċerti operaturi partikolari ta' dan is-suq.

623 L-ebda wieħed mill-argumenti l-oħra mressqa mill-Ungerija ma huwa ta' natura li jdaħħal inkwistjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet.

624 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument fis-sens li r-raġunijiet invokati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-premessa 27 tar-Regolament 2020/1054 ma jiġġustifikawx it-tqassir tat-terminu għall-installazzjoni tat-takografi V2, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali fatt, anki jekk jitqies li huwa stabbilit, ma jistax, bħala tali, juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda lill-operaturi kkonċernati garanziji preċiżi u inkundizzjonati ta' natura li joħolqu aspettattivi leġittimi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kienet ser tibqa' l-istess fuq dan il-punt matul perijodu ta' ħmistax-il sena.

625 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, anki jekk jitqies li l-Unjoni ħolqot minn qabel sitwazzjoni li tista' toħloq aspettattivi leġittimi, li, f'dan il-każ, ma huwiex il-każ, interess pubbliku superjuri jista' jopponi l-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji għal sitwazzjonijiet maħluqa qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni l-ġdida iżda li jkunu għadhom qegħdin jevolvu (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

626 Issa, permezz tal-punt 2 u tal-punt 8(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni żamm perijodu tranżitorju, għalkemm naqqas it-tul tiegħu, għall-installazzjoni tat-takografi V2, b'tali mod li bl-ebda mod ma kien obbligat jiġġustifika din il-miżura permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

627 Fi kwalunkwe każ, f'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni bbażata fuq l-effettività tal-kontroll tal-applikazzjoni tar-regoli soċjali, għandu jiġi enfasizzat li din taqa' taħt raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014, De Clercq *et*, C-315/13, EU:C:2014:2408, punti 66 kif ukoll 67; ara, b'analoġija fil-qasam fiskali, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, BA (Suċċessjonijiet - Politika soċjali ta' akkomodazzjoni fl-Unjoni), C-670/21, EU:C:2023:763, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Ungerija, din il-ġustifikazzjoni ġiet indirizzata matul il-proċedura leġiżlattiva, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 32), li fih il-Kummissjoni eżaminat speċifikament l-impatt tal-introduzzjoni tat-takografi intelliġenti fuq l-effettività tal-kontrolli.

628 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument ibbażat fuq l-inċertezza dwar id-data tal-introduzzjoni tat-takografi V2 fis-suq, mill-informazzjoni mogħtija mill-Kunsill, li tinsab f'ittra tal-Kummissjoni mibgħuta lilu fl-4 ta' Ottubru 2018 u li ma ġietx ikkontestata mill-Ungerija, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni nieda inizjattivi mar-rappreżentanti tas-settur tat-trasport qabel

l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054 sabiex jiżgura ruħu li l-aħħar verżjoni ta' takografi intelliġenti, f'dan il-każ it-takografi V2, tkun tista' tiġi installata fil-vetturi involuti fit-trasport internazzjonali qabel tmiem is-sena 2024.

629 Matul is-seduta, l-Ungerija sostniet li, sa dakinhar, it-takografi V2 kienu għadhom fil-fażi ta' ttestjar peress li s-sistema ta' awtentikazzjoni kienet għadha ma ġietx approvata. Madankollu, anki jekk jitqies li dan kien il-każ, għandu jitfakkar li l-validità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu quddiemu fid-data tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et*, C-160/20, EU:C:2022:101, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, il-validità tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 għandha tiġi evalwata fir-rigward tal-elementi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu quddiemu fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Għalkemm eventwali dewmien fid-disponibbiltà tat-takografi V2 jista' jeżiġi li l-Kummissjoni tipproponi lill-Parlament u lill-Kunsill li jipprorogaw il-perijodu tranżitorju previst f'din id-dispożizzjoni, dan id-dewmien għalhekk ma jistax jaffettwa l-legalità tagħha.

630 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argument ibbażat fuq l-impatt tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, dan l-argument jikkoinċidi mat-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, u għalhekk għandu jiġi eżaminat f'dan il-kuntest.

631 Għaldaqstant, it-tieni motiv invokat mill-Ungerija għandu jiġi miċħud bħala infondat.

d) Fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

632 Permezz tat-tielet motiv tagħha, l-Ungerija ssostni li l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054 jikser l-obbligu li tinżamm il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE. Anki jekk dan ir-regolament ġie adottat fuq il-bażi legali tal-politika komuni tat-trasport, huwa jaqa' taħt il-politika soċjali. Issa, titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol permezz ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ma jistax iseħħ mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni, fl-istess ħin, in-neċessità li tinżamm il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni. Madankollu, rekwiżiti analogi ma japplikawx għall-vetturi tal-impriżi tat-trasport li ma humiex stabbiliti fi Stat Membru. Barra minn hekk, skont il-Ftehim AETR, il-vetturi tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fil-pajjiżi li għalihom japplika dan il-ftehim huma biss obbligati li jkollhom takografu diġitali, u dan għalhekk jagħtihom vantaġġ kompetittiv.

633 Filwaqt li l-leġiżlatur tal-Unjoni stess irrikonoxxa n-neċessità li tinżamm il-kompetittività tal-impriżi tat-trasport tal-Unjoni fil-premessa 34 tar-Regolament 2020/1054, ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma timponi fuq il-Kummissjoni obbligu konkret jew terminu preċiż f'dan ir-rigward, b'tali mod li ma hemm xejn li jiggarantixxi li l-Ftehim AETR ser jiġi emendat bħala konsegwenza ta' dan jew, tal-inqas, li n-negozjati f'dan is-sens jistgħu jibdew fil-futur qrib. Issa, il-leġiżlatur tal-Unjoni, għalkemm ma huwiex marbut b'obbligu ta' riżultat, għandu xorta waħda obbligu ta' diliġenza, fis-sens li huwa għandu jagħmel dak kollu fis-setgħa tiegħu sabiex jiżgura li l-Unjoni ma tispiċċax f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ kompetittiv. Sabiex jiġi ssodisfatt dan l-obbligu, ma huwiex biżżejjed li tiġi adottata premessa li ma għandha ebda effett vinkolanti.

634 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

635 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 151 TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu X tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar il-politika soċjali tal-Unjoni, jipprevedi, fit-tieni paragrafu tiegħu, li l-leġiżlatur tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-neċessità li tinżamm il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

636 Madankollu, ir-Regolament 2020/1054 ma ġiex adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-politika soċjali iżda abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu VI ta' din l-istess Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar il-politika komuni tat-trasport, li jawtorizza lill-Parlament u lill-Kunsill jistabbilixxu, b'mod partikolari, minn naħa, regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew minn Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet ta' aċċess ta' trasportaturi mhux residenti għat-trasport nazzjonali fi Stat Membru. Minn dan isegwi li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE ma għandu ebda rilevanza għall-evalwazzjoni tal-legalità tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1054.

637 Fi kwalunkwe każ, il-premessa 34 tar-Regolament 2020/1054 tiddikjara li "[h]uwa importanti li l-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti f'pajjiżi terzi jkunu suġġetti għal regoli ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni meta jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bit-triq fit-territorju tal-Unjoni" u li "[j]enħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-livell tal-Unjoni u tipproponi soluzzjonijiet xierqa li jiġu nnegozjati fil-kuntest tal-[Ftehim AETR]".

638 Għalhekk ma jistax jiġi allegat li, waqt l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni l-iżvantaġġ f'termini ta' kompetittività li jirriżulta għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Unjoni mill-fatt li l-impriżi tat-trasport stabbiliti fil-pajjiżi terzi ma humiex neċessarjament suġġetti għal regoli ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni meta jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, peress li dan il-leġiżlatur speċifikament inkariga lill-Kummissjoni bil-kompitu li tipproponi soluzzjonijiet adegwati sabiex tinnegozja fil-kuntest tal-Ftehim AETR.

639 Għaldaqstant, it-tielet motiv invokat mill-Ungerija għandu jiġi miċħud bħala infondat.

640 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikors ippreżentat mill-Ungerija (Kawża C-551/20) għandu jiġi miċħud sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054.

5. Fuq l-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054

641 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-541/20) intiżi għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn dan l-artikolu jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-punti 6(c) u (d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, bħala l-għoxrin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ir-Repubblika tal-Litwanja tinvoka tliet motivi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tieni wieħed, tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE u, it-tielet wieħed, tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

a) L-argumenti tal-partijiet

642 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta stabbilixxa, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament u tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, injora l-fatt li, fl-assenza ta' perijodu tranżitorju, l-Istati Membri u l-impriżi tat-trasport ma jistgħux jadattaw ruħhom għal dan l-obbligu u projbizzjoni, peress li ebda argument li jiġġustifika l-urġenza ta' tali dħul fis-seħħ ma ġie ppreżentat.

643 Billi għażel mekkaniżmu mhux xieraq għall-implimentazzjoni tar-Regolament 2020/1054, il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk stabbilixxa leġiżlazzjoni li huwa partikolarment diffiċli li tiġi żgurata l-osservanza tagħha. B'hekk, huwa kiser l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, li minnu jirriżulta li l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi żgurat li kwalunkwe piż fuq l-operaturi ekonomiċi jkun l-iktar baxx possibbli u proporzjonat mal-għan li għandu jintlaħaq.

644 L-ewwel nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li attwalment ma jeżistux biżżejjed żoni ta' parkeġġ adegwati u siguri, li fihom ix-xufiera jistgħu jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' mistrieħ adegwati barra mill-kabina. Minn dan jirriżulta li l-impriżi tat-trasport ser ikollhom jieħdu riskji mhux iġġustifikati u sproporzjonati meta jagħtu istruzzjonijiet lix-xufiera biex iħallu t-trakk tagħhom f'żoni fejn is-sigurtà tat-tagħbija ma tkunx iggarantita. Barra minn hekk, fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni stess ikkonfermat li l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura setgħet tikkawża diffikultajiet minħabba l-insuffiċjenza ta' postijiet ta' akkomodazzjoni u ta' żoni ta' parkeġġ siguri. Hija indikat ukoll li, għal dawn ir-raġunijiet, il-kabini kienu joffru kundizzjonijiet ta' mistrieħ aħjar mill-installazzjonijiet l-oħra disponibbli. Ikun żbaljat li jiġi sostnut li l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 huwa sempliċi kodifikazzjoni tas-sentenza Vaditrans. Fil-fehma tar-Repubblika tal-Litwanja, l-obbligu li l-perijodi ta' mistrieħ jittieħdu f'post ta' akkomodazzjoni adattat kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel, li jkollu faċilitajiet għall-irqad u installazzjonijiet sanitarji adegwati, jikkostitwixxi obbligu ġdid. Fi kwalunkwe każ, anki fil-każ ta' kodifikazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jsegwi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li matulha huwa għandu, b'mod partikolari, jevalwa l-proporzjonalità tal-miżura proposta u jivverifika jekk din hijiex faċli li tiġi implimentata. Dan kellu jkun iktar u iktar il-każ f'din il-proċedura peress li, qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1054, ma kienet teżisti ebda prattika uniformi fl-assenza ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni u ta' parkeġġ suffiċjenti.

645 It-tieni nett, mill-Istudju tal-2019 dwar l-ispazji ta' parkeġġ jirriżulta li ż-żoni ta' parkeġġ disponibbli huma kkonċentrati fi ftit Stati Membri biss u li hemm defiċit ta' madwar 100 000 post. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma eżaminatx, la fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha u lanqas f'dan l-istudju, jekk lukandi u stabbilimenti ta' akkomodazzjoni qrib iż-żoni ta' parkeġġ siguri jistgħux jirrimedjaw dan id-defiċit. Barra minn hekk, fl-imsemmi studju, il-Kummissjoni wriet li, sabiex isiru l-preparamenti għall-implimentazzjoni tal-obbligi l-ġodda, kienu meħtieġa diversi snin u approċċ strateġiku estiż għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-Unjoni.

646 It-tielet nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni injora d-diffikultajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament 2020/1054 li dwarhom huwa madankollu kien ġie informat kemm mill-KESE kif ukoll mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament.

647 Ir-raba' nett, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura tqajjem ukoll kwistjonijiet legali importanti oħra, bħalma hija dik dwar il-miżuri ta' prekawzjoni u l-kopertura tal-assigurazzjoni, peress li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, ix-xufier ser ikollu jħalli t-tagħbija mingħajr sorveljanza f'post ta' parkeġġ mhux sigur. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-qrati Litwani, il-fatt li merkanzija titħalla f'żona ta' parkeġġ mhux sigura jikkostitwixxi nuqqas intenzjonali tat-trasportatur, li għandu bħala konsegwenza r-rifjut mill-assiguratur li jkopri l-eventwali telf tal-merkanzija.

648 Il-ħames nett, in-natura inġustifikata tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 tintwera wkoll mill-assenza ta' dokument interpretattiv li inkonformità miegħu l-impriżi tat-trasport jistgħu jorganizzaw ir-ritorn tax-xufiera fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega. Fl-assenza ta' tali dokument, l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament huwa diffiċli li jiġi implimentat, u dan iwassal għal prattiki differenti bejn l-Istati Membri u bejn l-impriżi tat-trasport.

649 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-obbligu ta' motivazzjoni, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li, waqt l-eżami tal-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, il-leġiżlatur tal-Unjoni ġie informat, permezz tal-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt kif ukoll permezz ta' sorsi oħra, li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura kienet ser toħloq problemi prattiċi ta' implimentazzjoni ta' din il-projbizzjoni u li l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu ma kienx hemm regoli ċari, kien ser jillimita, mingħajr ġustifikazzjoni, il-moviment liberu tal-ħaddiema.

650 F'tali kuntest, il-leġiżlatur kellu jressaq argumenti b'saħħithom sabiex jiġġustifika l-assenza ta' perijodu tranżitorju jew ta' posponiment tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Għalkemm l-għanijiet indikati fil-Proposta għal regolament dwar il-ħin tax-xogħol, jiġifieri t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u tas-sigurtà fit-toroq kif ukoll il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' mistrieħ adegwati huma importanti, dawn bl-ebda mod ma jiġġustifikaw dħul fis-seħħ mingħajr dewmien ta' din il-leġiżlazzjoni. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv, li tiddetermina l-mument li fih dan l-att jibda japplika u joħloq obbligi korrispondenti għall-persuni kkonċernati, ma tistax tiġi assimilata ma' għażla purament teknika.

651 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni, l-ewwel nett, li mhux biss il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ġġustifikax in-neċessità li tidħol fis-seħħ, mingħajr perijodu tranżitorju, il-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura kif ukoll l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, iżda, barra minn hekk, ma eżaminax b'liema mod kien possibbli li jinħolqu l-kundizzjonijiet adegwati, billi jiġi previst tali perijodu tranżitorju, sabiex l-Istati Membri u l-impriżi tat-trasport ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għal dawn ir-regoli l-ġodda. B'mod partikolari, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax jekk setgħux jiġu adottati miżuri li jawtorizzaw lill-Istati Membri jadattaw ruħhom gradwalment għall-imsemmija regoli ġodda u li jiggarantixxu li l-impriżi tat-trasport ma jiġux issanzjonati minħabba n-nuqqas ta' postijiet ta' akkomodazzjoni adegwati.

652 It-tieni nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li l-implimentazzjoni adegwata tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 ma kinitx ċara u li, għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti ta' dan l-obbligu, kienet meħtieġa l-adozzjoni ta' miżuri komplementari.

653 It-tielet nett, kien hemm ukoll ksur tal-obbligu ta' assistenza reċiproka peress li huwa ċar li l-Istati Membri ma jistgħux oġġettivament jiggarantixxu infrastruttura ta' akkomodazzjoni u ta' parkeġġ suffiċjenti. Issa, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma bħala prinċipju obbligati jiddjalogaw mal-Istati Membri u jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tal-oġġezzjonijiet ifformulati minn dawn tal-aħħar.

654 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu, essenzjalment, li dawn il-motivi u dawn l-argumenti huma ineffettivi. Fil-fatt, anki jekk l-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 jiġi annullat, l-istess data tad-dħul fis-seħħ tkompli tapplika skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(1) TFUE. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmija motivi u argumenti huma infondati.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

655 Mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar il-fondatezza tal-oġġezzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill, ibbażata fuq in-natura ineffettiva, għar-raġuni rrilevata fil-punt preċedenti, tat-talba għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 imressqa mir-Repubblika tal-Litwanja, għandu jitfakkar, f'dak li jirrigwarda d-dħul fis-seħħ tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, li, kif diġà ġie rrilevat fil-punti 481 sa 494 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni, li tipprevedi l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura, ikkodifikat, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Litwanja, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fis-sentenza Vaditrans dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-punt 6(c) tal-Artikolu 1.

656 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li r-Repubblika tal-Litwanja ma tikkontestax, barra minn hekk, il-validità ta' din l-aħħar dispożizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-motivi u l-argumenti li permezz tagħhom dan l-Istat Membru jikkritika lil-leġiżlatur tal-Unjoni li ma pposponiex id-dħul fis-seħħ tagħha huma neċessarjament ineffettivi peress li l-projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura li hija tipprevedi kienet diġà applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-istess dispożizzjoni.

657 Għaldaqstant, il-motivi u l-argumenti kollha mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn dan l-artikolu jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

658 Għaldaqstant, dawn il-motivi u dawn l-argumenti għandhom jiġu eżaminati biss sa fejn huma mressqa insostenn tat-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament.

659 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Repubblika tal-Litwanja sempliċement issostni li l-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054 ma huwiex iġġustifikat minħabba l-assenza ta' dokument interpretattiv li jippermetti lill-impriżi tat-trasport jimplimentaw l-obbligu tagħhom li jorganizzaw ir-ritorn tax-xufiera fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom. Issa, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 168 sa 199 u 269 sa 274 ta' din is-sentenza, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 josserva r-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali filwaqt li jħalli lill-impriżi tat-trasport ċerta flessibbiltà għall-implimentazzjoni tiegħu, li tista' tnaqqas il-konsegwenzi negattivi ta' din id-dispożizzjoni għal dawn tal-aħħar.

660 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-assenza ta' tali dokument interpretattiv ma tistax turi, waħedha, li, billi stabbilixxa d-dħul fis-seħħ ta' dan l-obbligu, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(1) TFUE, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

661 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, għandu jitfakkar li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE jipprovdi li l-atti ġuridiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu motivati. Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li tali motivazzjoni għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih ikun ġie adottat (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

662 Issa, f'dan il-każ, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament kien ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huwa ma kienx obbligat jimmotiva l-għażla ta' din id-data tad-dħul fis-seħħ peress li din kienet tikkorrispondi għal dik prevista awtomatikament fid-dritt primarju, fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(1) TFUE, għad-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi.

663 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, il-ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, huwa minnu li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati.

664 Madankollu, fl-oqsma fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika biss, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 218 u 244 ta' din is-sentenza, jekk dan huwiex f'pożizzjoni li jistabbilixxi li adotta l-att inkwistjoni billi eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu u li jesponi, għal dan l-għan, b'mod ċar u inekwivoku, id-data bażika li abbażi tagħha dan l-att ġie adottat u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

665 L-obbligu ta' kooperazzjoni leali ma jistax ikollu portata usa', fis-sens li jkollu l-effett li jobbliga lil-leġiżlatur tal-Unjoni jipproduċi, fiċ-ċirkustanzi kollha u fuq talba ta' Stat Membru, dokumenti u informazzjoni allegatament neqsin jew jikkoreġi l-informazzjoni li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu qabel ma jkun jista' jadotta att. Fil-fatt, hemm ir-riskju li tali interpretazzjoni twaqqaf lill-istituzzjonijiet milli jeżerċitaw is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom u tostakola l-proċess leġiżlattiv. Għalkemm huwa minnu li d-dmir ta' kooperazzjoni leali jinkludi l-obbligu ta' assistenza reċiproka li jimplika, b'mod partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv, dan l-obbligu ma jistax jippermetti lil wieħed minn dawn l-Istati Membri, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar in-natura suffiċjenti, rilevanti jew eżatta tad-data disponibbli, li jikkontesta għal din ir-raġuni biss il-legalità tal-proċess deċiżjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punti 74 u 75).

666 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-adozzjoni ta' att leġiżlattiv f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat FUE, minkejja l-oppożizzjoni ta' diversi Stati Membri, ma tistax tikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali li għandhom il-Parlament u l-Kunsill (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

667 Issa, f'dan il-każ, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 523 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma huwiex ikkontestat li, konformement mal-obbligu ta' assistenza reċiproka li jirriżulta mill-obbligu ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, ir-Repubblika tal-Litwanja kellha aċċess, matul il-proċess leġiżlattiv, għad-dokumenti kollha li fuqhom ibbaża ruħu l-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jadotta r-Regolament 2020/1054 u li dan l-Istat Membru seta' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar id-data li kienet tinsab f'dawn id-dokumenti kif ukoll dwar l-ipoteżijiet adottati.

668 Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti mqajma mir-Repubblika tal-Litwanja, imsemmija fil-punti 651 sa 653 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, minbarra l-fatt li dawn jikkoinċidu, essenzjalment, mal-argument, miċħud fil-punti 659 sa 662 ta' din is-sentenza, ibbażat fuq in-neċessità tal-introduzzjoni ta' perijodu tranżitorju u fuq l-adozzjoni ta' dokument interpretattiv, l-osservanza tal-obbligu ta' assistenza reċiproka bl-ebda mod ma timplika li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat li jaqbel ma' dan l-Istat Membru dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet.

669 Għaldaqstant, it-tliet motivi invokati mir-Repubblika tal-Litwanja insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, sa fejn dan l-artikolu jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-punt 6(d) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

670 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2020/1054, għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

6. Konklużjoni dwar ir-Regolament 2020/1054

671 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, minn naħa, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20) u l-Ungerija (Kawża C-551/20) sa fejn jirrigwardaw ir-Regolament 2020/1054, kif ukoll, min-naħa l-oħra, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-543/20), mir-Rumanija (Kawża C-546/20) u mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-553/20).

B. Fuq ir-Regolament 2020/1055

672 Ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-542/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-545/20), ir-Rumanija (Kawża C-547/20), ir-Repubblika ta' Ċipru (C-549/20), l-Ungerija (Kawża C-551/20), ir-Repubblika ta' Malta (Kawża C-552/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20) jitolbu l-annullament ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/1055 jew, sussidjarjament, l-annullament ta' dan ir-regolament fl-intier tiegħu.

673 Fl-ewwel lok, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru, mill-Ungerija, mir-Repubblika ta' Malta u mir-Repubblika tal-Polonja huma intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li jipprevedi l-obbligu, għall-vetturi użati għat-trasport internazzjonali, li jirritornaw f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull tmien ġimgħat (iktar 'il quddiem l-"obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi").

674 Fit-tieni lok, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja huwa intiż għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li jipprevedi l-obbligu, għall-impriżi tat-trasport, li jkollhom għad-dispożizzjoni regolari tagħhom, b'mod kontinwu, numru ta' vetturi u ta' xufiera li jkunu normalment marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom, fiż-żewġ każijiet fi proporzjon man-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport li huma jwettqu.

675 Fit-tielet lok, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Malta u mir-Repubblika tal-Polonja huma intiżi għall-annullament tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li introduċa l-paragrafu 2a fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009, li jipprevedi li t-trasportaturi ma humiex awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bl-istess vettura jew, fil-każ ta' kombinazzjoni ta' vetturi flimkien, bil-vettura bil-mutur ta' din l-istess vettura fl-istess Stat Membru ospitanti għal perijodu ta' erbat ijiem mit-tmiem ta' perijodu ta' kabotaġġ imwettaq f'dan l-Istat Membru (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' stennija").

676 Fir-raba' lok, ir-rikors ippreżentat mir-Rumanija huwa intiż għall-annullament tal-punt 4(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li ssostitwixxa, fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009, l-ewwel subparagrafu b'subparagrafu ġdid, li jissuġġetta lill-impriżi li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ għall-obbligu li jipproduċu l-prova tat-trasport preċedenti u ta' kull operazzjoni ta' kabotaġġ imwettqa.

677 Fil-ħames lok, ir-rikors ippreżentat mir-Rumanija huwa intiż għall-annullament tal-punt 4(c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li daħħal il-paragrafu 4a fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009, li jipprevedi l-modalitajiet ta' produzzjoni ta' din il-prova.

678 Fis-sitt u l-aħħar lok, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja huwa intiż għall-annullament tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li żied il-paragrafu 7 fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1072/2009, li jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009 japplika għat-trasportaturi, fl-Istat Membru ospitanti, meta jwettqu vjaġġi bit-triq inizjali jew finali, fi ħdan dan l-Istat Membru ospitanti, fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat bejn Stati Membri.

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi

679 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-542/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika tal-Litwanja tinvoka ħames motivi bbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikoli 11 u 191 TFUE kif ukoll tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 26 TFUE (l-ewwel parti) u tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti), it-tielet wieħed, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE, ir-raba' wieħed, tal-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba" u, il-ħames wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

680 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-545/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka seba' motivi, li ħamsa minnhom huma komuni għaż-żewġ dispożizzjonijiet ikkontestati, filwaqt li t-tielet u s-sitt motiv qegħdin jitqajmu biss insostenn

tat-talbiet intiżi għall-annullament tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE u mal-Artikolu 11 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta (l-ewwel parti) u tal-Artikolu 3(5) TUE, tal-Artikolu 208(2) u tal-Artikolu 216(2) TFUE kif ukoll tal-Ftehim ta' Pariġi (it-tieni parti). It-tieni motiv, li huwa wkoll maqsum f'żewġ partijiet, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikolu 18 TFUE kif ukoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE u, "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", tal-Artikolu 95(1) TFUE. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali, tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE, kif ukoll tal-Artikoli 15 u 16 tal-Karta. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq ksur, prinċipalment, tal-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE, jew, sussidjarjament, tal-Artikolu 56 TFUE (l-ewwel parti), kif ukoll tal-Artikoli 34 u 35 TFUE (it-tieni parti).

681 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-547/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u tal-punti 4(a) sa (c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Rumanija tinvoka tliet motivi, li tnejn minnhom huma komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati, filwaqt li t-tieni motiv qiegħed jitqajjem biss insostenn tat-talbiet intiżi għall-annullament tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet. L-ewwel motiv, li huwa maqsum f'żewġ partijiet, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, previst fl-Artikolu 5(4) TUE. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, previst fl-Artikolu 18 TFUE.

682 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-549/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika ta' Ċipru tinvoka seba' motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE u mal-Artikolu 11 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta (l-ewwel parti) u tal-Artikolu 3(5) TUE, tal-Artikolu 208(2) u tal-Artikolu 216(2) TFUE kif ukoll tal-Ftehim ta' Pariġi (it-tieni parti). It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Il-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikolu 18 TFUE kif ukoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE u, "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", tal-Artikolu 95(1) TFUE. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali, tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE, kif ukoll tal-Artikoli 15 u 16 tal-Karta. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq ksur, prinċipalment, tal-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE, jew, sussidjarjament, tal-Artikolu 56 TFUE (l-ewwel parti), kif ukoll tal-Artikoli 34 u 35 TFUE (it-tieni parti).

683 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-551/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, l-Ungerija tinvoka żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità (l-ewwel parti) kif ukoll fuq ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni (it-tieni parti) u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

684 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-552/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika ta' Malta tinvoka żewġ motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, ta' rekwiżiti formali essenzjali u tal-Artikolu 91(2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 11 TFUE u mal-Artikolu 37 tal-Karta, kif ukoll, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 5(4) TUE u tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Insostenn tat-talbiet ta' dan ir-rikors intiżi għall-annullament tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, dan l-Istat Membru jqajjem tliet motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-Artikolu 91(2) TFUE, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 5(4) TUE u tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, it-tielet wieħed, tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta kif ukoll tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

685 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha (Kawża C-554/20) intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 u tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka l-istess tliet motivi għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, u motiv komuni għal dawn id-dispożizzjonijiet kollha. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, previst fl-Artikolu 5(4) TUE. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 94 TFUE. Il-motiv komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055 huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta. Insostenn tat-talbiet tiegħu intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, dan l-Istat Membru jqajjem żewġ motivi bbażati, rispettivament, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, u fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, kif ukoll il-motiv komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055.

686 Għandhom jiġu eżaminati suċċessivament it-talbiet tar-rikorsi intiżi għall-annullament, l-ewwel, tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, it-tieni, tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, it-tielet, tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u, ir-raba', tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

2. Fuq il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009

687 Insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-542/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża

C-545/20), ir-Rumanija (Kawża C-547/20), ir-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20), l-Ungerija (Kawża C-551/20), ir-Repubblika ta' Malta (Kawża C-552/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20) jinvokaw, skont il-każ, ksur, essenzjalment:

– tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ir-raba' u l-ħames motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, l-ewwel parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, it-tieni motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel parti tal-ewwel motiv tal-Ungerija, it-tieni motiv tar-Repubblika ta' Malta u l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Polonja);

– tal-prinċipju ta' prekawzjoni (it-tieni parti tal-ewwel motiv tal-Ungerija);

– tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-tielet motiv tar-Rumanija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, it-tielet motiv tar-Repubblika ta' Ċipru u t-tieni motiv tal-Ungerija);

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, previsti, minn naħa, fl-Artikolu 91(1) TFUE (ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u r-raba' motiv tar-Repubblika ta' Ċipru) u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, fl-Artikolu 91(2) u fl-Artikolu 94 TFUE (it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja fir-rigward tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE, il-ħames motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, il-ħames motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Malta, sa fejn jirreferi għall-Artikolu 91(2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 11 TFUE u mal-Artikolu 37 tal-Karta, kif ukoll it-tieni u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE);

– tal-funzjonament tas-suq intern, previst fl-Artikolu 26 TFUE (l-ewwel parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja);

– tal-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 49 TFUE (is-sitt motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn jirrigwarda din id-dispożizzjoni, it-tieni motiv tar-Rumanija u s-sitt motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, sa fejn jirreferi għal din id-dispożizzjoni);

– tal-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali kif ukoll tal-Artikoli 15 u 16 tal-Karta (is-sitt motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u s-sitt motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, sa fejn jirrigwardaw dawn id-dispożizzjonijiet);

– tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, prevista fl-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE jew, sussidjarjament, fl-Artikolu 56 TFUE (l-ewwel parti tas-seba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u l-ewwel parti tas-seba' motiv tar-Repubblika ta' Ċipru);

– tal-moviment liberu tal-merkanzija, previst fl-Artikoli 34 u 35 TFUE (it-tieni parti tas-seba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1

tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u t-tieni parti tas-seba' motiv tar-Repubblika ta' Ċipru), kif ukoll

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent (l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, iż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, iż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Malta, sa fejn jirrigwarda dawn ir-regoli, u l-motiv tar-Repubblika tal-Polonja komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tiegħu, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009).

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

688 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tar-raba' u tal-ħames motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru, permezz tat-tieni motiv tagħha, l-Ungerija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tieni motiv tagħha, kif ukoll ir-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

689 Minn naħa, dawn l-Istati Membri jsostnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt dwar l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi previst fl-imsemmija dispożizzjoni. B'mod partikolari, għalkemm ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Litwanja huwa formalment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba" u ta' "rekwiżiti formali essenzjali", mill-argumenti mressqa insostenn tiegħu jirriżulta li dan l-Istat Membru qiegħed, fir-realtà, jinvoka ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-effetti ta' dan l-obbligu ma ġewx debitament evalwati. Bl-istess mod, għalkemm, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, l-Ungerija tinvoka formalment żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-argumenti tagħha f'dan il-kuntest huma intiżi biss li juru ksur ta' dan l-aħħar prinċipju.

690 Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri rikorrenti jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-imsemmi obbligu.

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009

i) L-argumenti tal-partijiet

691 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru, permezz tat-tieni motiv tagħha, l-Ungerija, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tieni motiv tagħha, kif ukoll

ir-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx eżami tal-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

692 Fl-ewwel lok, dawn l-Istati Membri jsostnu l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt dwar l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi previst f'din id-dispożizzjoni.

693 Ir-Repubblika tal-Litwanja tenfasizza li, skont l-Artikolu 11(3) TUE, il-Kummissjoni għandha l-obbligu, sabiex tiżgura l-koerenza u t-trasparenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni, li twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati.

694 Dan l-Istat Membru kif ukoll l-Ungerija u r-Repubblika ta' Malta jsostnu li l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità jimponi wkoll fuq il-Kummissjoni obbligu analogu li twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa. L-istess japplika għall-Artikolu 5 ta' dan il-protokoll, li jipprovdi li l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu motivati fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità u jeżiġi li kull abbozz ta' att leġiżlattiv jinkludi elementi ddettaljati li jippermettu li tiġi evalwata l-osservanza ta' dawn il-prinċipji, li minnu jirriżulta li dawn l-abbozzi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-neċessità li jiġi żgurat li kull piż li jaqa' fuq l-operaturi ekonomiċi jkun l-inqas għoli possibbli u proporzjonat mal-għan li għandu jintlaħaq.

695 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li l-Ftehim Interistituzzjonali, b'mod partikolari l-punti 12 sa 15 tiegħu, jipprevedi li l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi tagħha li jista' jkollhom impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali sinjifikattiv. Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni preċiża, oġġettiva u kompluta u għandha tkun proporzjonata f'dak li jirrigwarda l-portata tagħha u s-suġġetti koperti minnha.

696 Għalhekk, waqt l-eżami tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, li jikkostitwixxu stadju tal-proċess leġiżlattiv li għandu jitwettaq, bħala regola ġenerali, meta inizjattiva leġiżlattiva jista' jkollha impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali sinjifikattiv. Fil-każ li, matul il-proċedura leġiżlattiva, isiru emendi sostanzjali għall-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt ta' dawn l-emendi, jekk iqisu li dan ikun adegwat u meħtieġ.

697 Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, in-natura adegwata u meħtieġa tal-valutazzjonijiet tal-impatt ma tistax tiġi interpretata bħala li hija suġġetta għal evalwazzjoni purament suġġettiva, li tiddependi esklużivament mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data oġġettiva eżistenti, peress li dan huwa l-uniku mezz sabiex jiġi ggarantit li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma jabbużax mis-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

698 Issa, l-Istati Membri rikorrenti kollha jsostnu li, minn naħa, l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi ma kienx jinsab fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment u, għalhekk, ma kienx is-suġġett tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt. Min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' dan l-obbligu tikkostitwixxi emenda sostanzjali tal-proposta inizjali minħabba l-impatt ekonomiku u ambjentali sinjifikattiv tal-imsemmi obbligu. Il-partijiet ikkonċernati u ċerti Stati Membri informaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni b'dan l-impatt u talbuh, b'mod repetut, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq dan is-suġġett.

699 Kif jenfasizzaw, b'mod partikolari, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi ma għandux l-istess natura bħall-kundizzjonijiet l-oħra previsti mill-Kummissjoni sabiex tiżgura ruħha min-natura effettiva u stabbli tal-istabbiliment, li kienu koperti mill-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, bħalma huma l-eżerċizzju ta' attività operazzjonali jew ta' trasport fl-Istat Membru ta' stabbiliment jew il-fatt li wieħed ikollu tal-inqas kuntratt kummerċjali f'dan l-Istat Membru. Fil-fatt, tali obbligi, imsemmija fil-kuntest tal-miżura 18 li tinsab f'dan il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 30 u 31), ma kinux jeħtieġu r-ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata. Għaldaqstant, ir-riżultati li jidhru f'din il-valutazzjoni tal-impatt ma humiex rilevanti sabiex jiġu evalwati l-effetti tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

700 Fit-tieni lok, l-Istati Membri rikorrenti jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni li ma kellux biżżejjed elementi li kienu jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità ta' dan l-obbligu.

701 Dawn l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fil-qasam tat-trasport, li ma japplikax biss għan-natura u għall-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, iżda wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tad-data bażika. L-imsemmija Stati Membri jqisu, madankollu, li dan il-leġiżlatur għandu jkun f'pożizzjoni li juri li, sabiex jadotta dawn id-dispożizzjonijiet, huwa eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, sa fejn ħa inkunsiderazzjoni l-elementi u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li l-imsemmija dispożizzjonijiet ikunu intiżi li jirregolaw. L-imsemmi leġiżlatur għandu għalhekk ikun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha ġew adottati l-miżuri kkontestati u li minnha jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

702 F'dan ir-rigward, ir-Rumanija tenfasizza li d-data xjentifika li fuqha jkunu bbażati l-miżuri li l-leġiżlatur tal-Unjoni jadotta ma tikkostitwixxix biss il-bażi tal-marġni ta' evalwazzjoni tiegħu, iżda wkoll il-limiti ta' dan il-marġni.

703 Issa, il-Parlament u l-Kunsill ma pproduċewx il-prova li dan il-leġiżlatur kellu biżżejjed elementi li kienu jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

704 Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi wara l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055, li wasslet għall-istudju, intitolat "*Assessment of the impact of a provision in the context of the revision of Regulation (EC) nº 1071/2009 and Regulation (EC) nº 1072/2009, Final report*" ("Valutazzjoni tal-impatt ta' dispożizzjoni fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, Rapport finali"), ippubblikat fi Frar 2021.

705 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, fl-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt, il-kriterji ta' evalwazzjoni adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiddetermina l-frekwenza ta' ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata huma arbitrarji. Għaldaqstant, huwa diffiċli li wieħed jifhem ir-raġunijiet għaliex frekwenza ta' ritorn ta' tmien ġimgħat tippermetti li jitqies li ġie osservat ir-rekwiżit ta' stabbiliment stabbli u effettiv f'dan l-Istat Membru.

706 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja tirrileva li, skont il-premessa 8 tar-Regolament 2020/1055, sinkronizzazzjoni tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi mal-obbligu prevista fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 issaħħaħ id-dritt ta' ritorn

tax-xufiera u tnaqqas ir-riskju li l-vettura jkollha tmur lura biss sabiex tissodisfa dan ir-rekwiżit ġdid fil-qasam tal-istabbiliment. Madankollu, il-miżuri tar-Regolament 2020/1055 għandhom ikunu ġġustifikati mill-għanijiet imfittxija minn dan tal-aħħar. Għalhekk, il-fatt li l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi kien ġie sinkronizzat ma' obbligu ieħor previst fir-Regolament 2020/1054 ma jipprovdix ġustifikazzjoni suffiċjenti.

707 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

708 Dawn l-istituzzjonijiet isostnu li l-fatt li ma tkun twettqet ebda valutazzjoni tal-impatt għal att partikolari, jew *a fortiori*, għal dispożizzjoni partikolari, ma jippermettix li jiġi konkluż li l-adozzjoni tiegħu tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma huwiex suġġett għal obbligu proċedurali awtonomu li jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt. Tali valutazzjonijiet jista' jkollhom rwol importanti fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, iżda ma jikkostitwixxux l-uniku sors ta' data li tiggwida l-azzjoni ta' dan il-leġiżlatur. Dan tal-aħħar jista' jqis ukoll kwalunkwe sors ieħor ta' informazzjoni, inkluż sorsi pubbliċi.

709 Għalhekk, fil-każ ta' emendi magħmula għall-proposta tal-Kummissjoni, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jiddetermina jekk għandhiex titwettaq valutazzjoni tal-impatt addizzjonali għal dik li takkumpanja din il-proposta, jekk huwa jqis li t-twettiq ta' tali valutazzjoni komplementari jkun adegwat u neċessarju. F'dan ir-rigward, il-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni ta' dan il-leġiżlatur ma japplikax esklużivament għan-natura u għall-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, iżda wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tad-data bażika, sakemm l-għażla politika tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u sakemm l-għanijiet imfittxija mill-miżura magħżula jkunu ta' natura li jiġġustifikaw il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi għall-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, ma huwiex neċessarju li l-imsemmi leġiżlatur jibbaża ruħu biss fuq data bażika li tikkonċerna speċifikament id-dispożizzjonijiet adottati, u lanqas ma huwa neċessarju li huwa jislet l-istess konklużjonijiet bħall-awturi tar-rapporti jew tal-istudji li huwa jkun irrikorra għalihom.

710 Il-fatt li ma tkunx twettqet valutazzjoni tal-impatt ma jistax jiġi kklassifikat bħala ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jinsab f'sitwazzjoni partikolari li tkun teħtieġ li ma titwettaqx tali valutazzjoni u jkollu biżżejjed elementi li jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità ta' miżura adottata.

711 Issa, f'dan il-każ, skont il-Parlament u l-Kunsill, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu biżżejjed elementi sabiex jieħu inkunsiderazzjoni r-riperkussjonijiet tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

712 L-ewwel nett, il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt wettaq analiżi eżawrjenti tas-suq ikkonċernat u tad-diffikultajiet li huma speċifiċi għalih. Barra minn hekk, din il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi, taħt il-miżura 18 (Parti 1/2, p. 30 u 31), valutazzjoni tal-impatti soċjali u ekonomiċi, inklużi l-effetti tagħhom fuq is-SMEs, ta' ipoteżijiet differenti li huma rilevanti għall-evalwazzjoni tal-mudell magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri dik li "l-impriża għandha twettaq attivitajiet sostanzjali ta' operazzjoni jew ta' trasport fl-Istat ta' stabbiliment" jew dik li "l-impriża għandha tkun marbuta b'mill-inqas kuntratt kummerċjali wieħed fl-Istat ta' stabbiliment".

713 Il-Kummissjoni għalhekk kienet eżaminat il-konsegwenzi ta' dawn iż-żewġ miżuri li, għalkemm huma fformulati b'mod differenti mill-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, isegwu l-istess għan bħal dan l-aħħar obbligu. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jippreżumi li l-impatti tal-miżura li huwa adotta kienu tal-istess natura bħal dawk tal-miżuri eżaminati mill-Kummissjoni.

714 Barra minn hekk, dan il-leġiżlatur kellu wkoll id-dritt li jibbaża ruħu fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni dwar l-aspetti l-oħra tal-ewwel pakkett tal-miżuri dwar il-mobbiltà, li wassal lill-imsemmi leġiżlatur sabiex jagħżel li jissinkronizza l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi mal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 sabiex jillimita l-impatti tal-ewwel wieħed minn dawn l-obbligi fuq l-impriżi tat-trasport kif ukoll fuq l-ambjent.

715 It-tieni nett, matul in-negozjati, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu aċċess għal studji u stimi oħra li wħud minnhom jinsabu fid-dominju pubbliku, bħalma huma l-"istudju TRT Trasporti e Territorio, 2017, imwettaq għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) – It-trasportaturi bit-triq tal-merkanzija fl-Unjoni Ewropea: kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol (aġġornament tal-istudju mwettaq fl-2013), il-Parlament Ewropew, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Brussell", jew id-dokumenti relatati maż-żewġ seduti pubbliċi organizzati, waħda, mill-Kumitati għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) u TRAN, fis-16 ta' Ottubru 2017, u l-oħra, mill-Kumitat TRAN, fit-22 ta' Novembru 2017, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mas-suq tat-trasport bit-triq u l-aspetti soċjali tal-pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà.

716 Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni wkoll l-istimi tal-IRU dwar il-konsegwenzi ta' obbligu li jimponi ritorn tal-vetturi kull tlieta jew erba' ġimgħat, kif jirriżultaw minn ittra miftuħa tas-26 ta' Ottubru 2018, l-istudju, imwettaq f'isem Transport i Logistyka Polska (Trasport u Loġistika Pollakka), intitolat "*Mobility package I - Impact on the European road transport system*" ("Il-pakkett dwar il-mobbiltà I: Effetti fuq is-sistema Ewropea tat-trasport bit-triq"), li kien kritiku ħafna fil-konfront ta' emenda miċħuda fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv li kienet tipproponi r-ritorn tal-vetturi kull erba' ġimgħat, kif ukoll komunikazzjoni tal-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport li fiha kienu ġew eżaminati l-konsegwenzi ta' miżura li kienet tinsab f'rapport tal-Parlament u li kienet tikkonsisti f'obbligu għall-vetturi kollha li jwettqu mill-inqas tagħbija jew ħatt ta' merkanzija kull tliet ġimgħat fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

717 Barra minn hekk, l-Istati Membri rikorrenti jirrikonoxxu li huma stess kienu pprovdew lil-leġiżlatur tal-Unjoni, matul il-proċedura leġiżlattiva, informazzjoni relatata mal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, li ppermettiet lil dan il-leġiżlatur jevalwa l-impatti ta' dan l-obbligu. F'dan ir-rigward, fil-Kawżi C-542/20, C-545/20, C-549/20 u C-554/20, il-Parlament u l-Kunsill jirreferu, b'mod partikolari, għal uħud mill-istudji ppreżentati mill-Istati Membri rikorrenti insostenn tar-rikorsi tagħhom.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

718 Permezz tal-argumenti tagħhom, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Ċipru, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni la kellu valutazzjoni tal-impatt dwar din id-dispożizzjoni u lanqas ma kellu provi suffiċjenti sabiex jevalwa l-proporzjonalità tagħha.

719 Huwa paċifiku li l-imsemmija dispożizzjoni, li tipprevedi l-obbligu, għall-vetturi użati għat-trasport internazzjonali, li jirritornaw f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull tmien ġimgħat, ma kinitx is-suġġett tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt.

720 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, kif tfakkar fil-punti 218 sa 226 ta' din is-sentenza, mhux biss il-leġiżlatur tal-Unjoni ma huwiex obbligat ikollu valutazzjoni tal-impatt fiċ-ċirkustanzi kollha, iżda, barra minn hekk, tali valutazzjoni tal-impatt ma torbtux, u dan il-leġiżlatur jibqa' għalhekk liberu li jadotta miżuri differenti minn dawk li kienu s-suġġett tagħha.

721 Xorta jibqa' l-fatt li, kif ġie espost fil-punt 243 ta' din is-sentenza, dan l-istess leġiżlatur huwa obbligat li jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u li jeżamina jekk l-għanijiet imfittxija mill-miżura magħżula humiex ta' natura li jiġġustifikaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi.

722 Għalhekk, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 218 u 244 ta' din is-sentenza, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta l-att inkwistjoni jkun is-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja, li għandu jistabbilixxi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, sabiex adotta dan l-att, huwa kien eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, sa fejn ikun ħa inkunsiderazzjoni l-elementi u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li dan l-att kien intiż li jirregola. Minn dan isegwi li dan il-leġiżlatur għandu, minn tal-inqas, ikun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-miżuri kkontestati tal-imsemmi att u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

723 Għaldaqstant, għandu jiġi evalwat jekk l-informazzjoni msemmija mill-Parlament u mill-Kunsill tistabbilixxix li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu biżżejjed elementi li kienu jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, previst fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

724 F'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk jistax jiġi stabbilit li dan il-leġiżlatur eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu meta uża, kif isostnu l-Parlament u l-Kunsill, il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt jew il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar l-aspetti l-oħra tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà.

725 L-ewwel nett, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu dawn l-istituzzjonijiet, ma jistax jiġi stabbilit li dan kien il-każ għar-raġuni li l-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt jiddeskrivi s-suq ikkonċernat u d-diffikultajiet li huma speċifiċi għalih. Fil-fatt, l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi kif ukoll tad-diffikultajiet ta' dan is-suq ma hijiex ekwivalenti għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-miżuri kkunsidrati sabiex jiġu rrimedjati dawn id-diffikutajiet. Għalhekk, huwa minnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jibbaża ruħu fuq din il-valutazzjoni f'dak li jirrigwarda l-istat tal-imsemmi suq. Madankollu, l-invokazzjoni tad-data inkluża fiha, dwar tali karatteristiċi u diffikultajiet, ma twassalx għall-produzzjoni u għall-espożizzjoni b'mod ċar u inekwivoku tad-data bażika li abbaži tagħha l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ġie adottat u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju effettiv, minn dan il-leġiżlatur, tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

726 L-istess japplika għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ta' obbligi differenti mill-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, li tinsab f'din l-istess valutazzjoni tal-impatt.

727 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li huwa minnu li l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi jsegwi l-istess għan bħall-miżura 18 li tinsab fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 30 u 31), li, sabiex tiġi żgurata n-natura effettiva u stabbli tal-istabbiliment tal-impriżi tat-trasport, kienet tipprevedi b'mod partikolari li dawn l-impriżi

tat-trasport għandu jkollhom attività operazzjonali jew ta' trasport sinjifikattiva fl-Istat Membru ta' stabbiliment jew li għandu jkollhom minn tal-inqas kuntratt kummerċjali f'dan tal-aħħar. Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 646 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn iż-żewġ miżuri jikkostitwixxu mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan li ma humiex paragunabbli mal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, sa fejn ma jirrikjedux ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata. Għaldaqstant, ma jistax jiġi preżunt li l-konsegwenzi ta' dawn il-miżuri huma simili u li l-evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri li kienu s-suġġett tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt tista' tiġi trasposta għall-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi li ma kienx is-suġġett ta' din il-valutazzjoni.

728 It-tieni nett, huwa wkoll għalxejn li l-Parlament u l-Kunsill jinvokaw il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar l-aspetti l-oħra tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà, b'mod partikolari l-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, sabiex juru l-eżerċizzju effettiv, mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punti 220, 233 u 295 ta' din is-sentenza, l-obbligu, li għandhom l-impriżi tat-trasport taħt din id-dispożizzjoni, ma jirrigwardax il-modalitajiet prattiċi tal-eventwali ritorn tax-xufiera, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-mezz ta' trasport li huma jistgħu jużaw sabiex iwettqu dan ir-ritorn. B'mod partikolari, dan l-obbligu ma jimplikax li x-xufiera li jkunu jixtiequ jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom għandhom jagħmlu dan neċessarjament permezz tal-vettura użata sabiex jitwettqu operazzjonijiet ta' trasport. Minn dan isegwi li l-evalwazzjonijiet dwar l-imsemmi obbligu li jinsabu fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, dwar l-impatt ekonomiku u ambjentali ta' dan l-obbligu, ma kinux rilevanti sabiex jiġu evalwati l-konsegwenzi ekonomiċi u ambjentali tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

729 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 722 ta' din is-sentenza, jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxiex li, f'dan il-każ, eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu abbażi tad-data bażika l-oħra invokata, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Parlament u mill-Kunsill.

730 L-ewwel nett, għal raġunijiet analogi għal dawk esposti fil-punti 724 sa 727 ta' din is-sentenza, hemm lok li jitwarrbu l-istudju TRT Trasporti e Territorio tal-2017, imsemmi fil-punt 715 ta' din is-sentenza, kif ukoll id-dokumenti dwar iż-żewġ seduti pubbliċi organizzati matul Ottubru u Novembru 2017 mill-Kumitati EMPL u TRAN, minn naħa, u mill-Kumitat TRAN, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, l-elementi esposti f'dawn id-dokumenti ma jirrigwardawx l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

731 It-tieni nett, għandhom jitwarrbu l-istimi tal-IRU, kif jirriżultaw mill-ittra miftuħa tagħha tas-26 ta' Ottubru 2018, invokata mill-Parlament u mill-Kunsill, li jindikaw li obbligu ta' ritorn tal-vetturi fl-Istat Membru ta' stabbiliment kull tlieta jew erba' ġimgħat seta' jwassal għal żieda, ta' bejn 80 u 135 miljun, fin-numru ta' kilometri mwettqa mill-vetturi kull sena.

732 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 652 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn l-istimi huma s-suġġett ta' preżentazzjoni fil-qosor f'ittra li ma tippreċiżax il-metodoloġija ta' kalkolu segwita. Għaldaqstant, il-preżentazzjoni ta' tali data ma tistax tistabbilixxi li ġiet prodotta u esposta b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jibbaża l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju effettiv, minn dan il-leġiżlatur, tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

733 Tali kunsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-komunikazzjoni tal-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport, imsemmija mill-Kunsill.

734 L-istess japplika, it-tielet nett, għall-istudju mwettaq f'isem Transport i Logistyka Polska (Trasport u Loġistika Pollakka) ("Il-pakkett dwar il-mobbiltà I: Effetti fuq is-sistema Ewropea tat-trasport bit-triq"), imsemmi fil-punt 716 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, minbarra n-natura konċiża tal-iżviluppi ddedikati għall-ipoteżi ta' obbligu ta' ritorn tal-vetturi fl-Istat Membru ta' stabbiliment kull erba' ġimgħat, dan l-aħħar studju jindika, fil-paġni 31 u 34, minn naħa, li ebda wieħed mill-parteċipanti ma kien f'pożizzjoni li jikkwantifika b'mod preċiż l-effetti li kienu ser jirriżultaw minn tali obbligu u li l-imsemmi studju jirrappreżenta biss stima preliminari u sommarja ta' tali effetti. Min-naħa l-oħra, dan l-istess studju jenfasizza li kien għad hemm ħafna kwistjonijiet pendenti u li kienet meħtieġa iktar riċerka sabiex wieħed jifhem bis-sħiħ ir-riperkussjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà.

735 Fir-rigward, ir-raba' nett, tal-informazzjoni allegatament ipprovduta mill-Istati Membri rikorrenti li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu għad-dispożizzjoni tiegħu matul il-proċedura leġiżlattiva, għandu jiġi osservat li s-sempliċi invokazzjoni tal-eżistenza ta' studji u ta' dokumenti li għalihom seta' kellu aċċess dan il-leġiżlatur ma hijiex biżżejjed sabiex jitqies li ġiet prodotta u esposta b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha ġie adottat l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

736 Tali rekwiżit lanqas ma jista' jiġi ssodisfatt bir-riferiment, kif jagħmlu l-Parlament u l-Kunsill fil-Kawżi C-542/20, C-545/20, C-549/20 u C-554/20, għall-istudji ppreżentati mill-Istati Membri rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, filwaqt li għamlu dan ir-riferiment, il-Parlament u l-Kunsill, fi kwalunkwe każ, ma allegawx li kien abbażi ta' dawn l-istudji li ġie adottat l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, u lanqas ma ppreċiżaw il-mod kif id-data bażika li tinsab fihom kienet ippermettitilhom jevalwaw il-proporzjonalità ta' dan l-obbligu, b'mod partikolari fid-dawl tar-riperkussjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tiegħu.

737 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi kkunsidrat li l-Parlament u l-Kunsill, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu abbażi tad-dokumenti li huma jinvokaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma pproduċewx u ma esponewx b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha l-imsemmi obbligu ġie adottat u li fuqha jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom. Għalhekk huma ma stabbilixxewx li kellhom, waqt l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055, biżżejjed elementi li jippermettulhom jevalwaw il-proporzjonalità tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

738 Għaldaqstant, hemm lok li jintlaqgħu r-raba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja kif ukoll, sa fejn huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax il-proporzjonalità tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, l-ewwel parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat mir-Rumanija, it-tieni motiv invokat mir-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat mill-Ungerija, it-tieni motiv invokat mir-Repubblika ta' Malta u l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja. Għaldaqstant, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 għandu jiġi annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

2) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009

739 Peress li, kif jirriżulta mill-punti 718 sa 738 ta' din is-sentenza, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, għandu jiġi annullat minħabba ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax il-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija, tar-Repubblika ta' Ċipru, tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta u tar-Repubblika tal-Polonja, li permezz tagħhom dawn l-Istati Membri jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-imsemmija dispożizzjoni.

b) Fuq il-motivi l-oħra diretti kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009

740 Għall-istess raġuni bħal dik imsemmija fil-punt preċedenti, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru, mill-Ungerija, mir-Repubblika ta' Malta u mir-Repubblika tal-Polonja insostenn tat-talbiet tagħhom intiżi għall-annullament ta' din id-dispożizzjoni.

3. Fuq il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055

741 Permezz tar-rikorsi tagħhom, ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-542/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-545/20), ir-Repubblika ta' Malta (Kawża C-552/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20) jitolbu l-annullament tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

742 Permezz tar-rikors tagħha, ir-Rumanija (Kawża C-547/20) titlob l-annullament tal-punt 4(a) sa (c) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, mingħajr madankollu ma tiżviluppa argumenti speċifiċi għall-punti (b) u (c) ta' dan il-punt 4 tal-Artikolu 2, b'tali mod li, bl-argumenti tagħha, ir-Rumanija tixtieq, fir-realtà, tikseb l-annullament ta' dawn id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien.

743 Insostenn tat-talbiet tagħhom, dawn l-Istati Membri jinvokaw, skont il-każ, ksur, essenzjalment:

– tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ir-raba' u l-ħames motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni parti tal-ewwel motiv tar-Rumanija, it-tieni motiv tar-Repubblika ta' Malta u l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Polonja);

– tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (it-tieni parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tielet motiv tar-Rumanija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u t-tielet motiv tar-Repubblika ta' Malta);

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, previsti, minn naħa, fl-Artikolu 91(1) TFUE (ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055) u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, fl-Artikolu 91(2) u fl-Artikolu 94 TFUE (it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja fir-rigward tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE, il-ħames

motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, l-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Malta fir-rigward tal-Artikolu 91(2) TFUE, kif ukoll it-tieni u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE);

– tal-funzjonament tas-suq intern, previst fl-Artikolu 26 TFUE (l-ewwel parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Litwanja);

– tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, prevista fl-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE jew, sussidjarjament, fl-Artikolu 56 TFUE (l-ewwel parti tas-seba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055);

– tal-moviment liberu tal-merkanzija, previst fl-Artikoli 34 u 35 TFUE (it-tieni parti tas-seba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055), kif ukoll

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent (l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, iż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u l-motiv tar-Repubblika tal-Polonja komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tiegħu).

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

744 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tar-raba' u tal-ħames motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tieni motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

745 Minn naħa, dawn l-Istati Membri jsostnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-perijodu ta' stennija. B'mod partikolari, għalkemm ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Litwanja huwa formalment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba" u ta' "rekwiżiti formali essenzjali", mill-argumenti mressqa insostenn tiegħu jirriżulta li dan l-Istat Membru qiegħed, fir-realtà, jinvoka ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-effetti ta' dan il-perijodu ta' stennija ma ġewx debitament evalwati.

746 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija Stati Membri jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-imsemmi perijodu.

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055

i) L-argumenti tal-partijiet

747 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tieni motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx eżami tal-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt tal-perijodu ta' stennija previst f'din id-dispożizzjoni.

748 Dawn l-Istati Membri jinvokaw, essenzjalment, l-istess argumenti bħal dawk esposti fil-punti 691 sa 703 ta' din is-sentenza.

749 Huma jsostnu b'hekk li l-miżura li tistabbilixxi l-perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem, prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ma kinitx tinsab fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment. Huma jesponu li kien biss matul il-proċedura leġiżlattiva li din il-miżura ġiet miżjuda, wara r-rifjut mill-Parlament u mill-Kunsill tal-emenda tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 prevista f'din il-proposta għal regolament, li kienet tikkonsisti fit-tneħħija tar-riferiment għan-numru massimu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jistgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti matul l-istess ċiklu ta' kabotaġġ u fit-tnaqqis minn sebat ijiem għal ħamest ijiem tal-perijodu li matulu dawn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jitwettqu f'dan l-Istat Membru.

750 Issa, il-miżura li tistabbilixxi l-perijodu ta' stennija tikkostitwixxi emenda sostanzjali tal-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment, li kellha tkun is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt addizzjonali. Peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jwettaq tali valutazzjoni, huwa ma kellux biżżejjed elementi sabiex jeżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

751 Barra minn hekk, dan il-leġiżlatur ma stabbilixxiex raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw l-assenza ta' neċessità li titwettaq valutazzjoni tal-impatt addizzjonali.

752 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

753 Għandu jiġi osservat li, kif isostnu r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja, fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment, il-Kummissjoni kkunsidrat li temenda l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, billi jitneħħa r-riferiment għan-numru massimu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jistgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti matul l-istess ċiklu ta' kabotaġġ u billi jitnaqqas minn sebat ijiem għal ħamest ijiem il-perijodu li matulu dawn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jitwettqu f'dan l-Istat Membru.

754 Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta miżura distinta minn dik proposta mill-Kummissjoni. Fil-fatt, filwaqt li żamm l-awtorizzazzjoni sabiex jitwettqu mhux iktar minn tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ konsekuttivi għal trasport internazzjonali minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz lejn l-Istat Membru ospitanti matul perijodu ta' sebat ijiem, u b'hekk ma emendax l-Artikolu 8(2)

tar-Regolament Nru 1072/2009, huwa introduċa, permezz tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li jintroduċi l-paragrafu 2a f'dan l-Artikolu 8, miżura supplimentari fil-forma tal-perijodu ta' stennija. Għalhekk, skont dan l-Artikolu 8(2a), it-trasportaturi ma humiex awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bl-istess vettura fl-istess Stat Membru ospitanti matul erbat ijiem mit-tmiem ta' perijodu ta' kabotaġġ imwettaq f'dan l-Istat Membru.

755 Madankollu, għandu jitfakkar li, kif ġie espost fil-punt 720 ta' din is-sentenza, mhux biss il-leġiżlatur tal-Unjoni ma huwiex obbligat ikollu valutazzjoni tal-impatt fiċ-ċirkustanzi kollha, iżda, barra minn hekk, tali valutazzjoni tal-impatt ma torbtux, u dan il-leġiżlatur jibqa' għalhekk liberu li jadotta miżuri differenti minn dawk li kienu s-suġġett tagħha. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fir-Regolament 2020/1055, dispożizzjoni differenti minn dik proposta inizjalment mill-Kummissjoni, abbażi tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, ma huwiex biżżejjed sabiex juri li huwa kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità, sakemm dan il-leġiżlatur ikun f'pożizzjoni li jistabbilixxi li huwa eżerċita b'mod effettiv is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu u sakemm, għal dan il-għan, huwa jkun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha ġiet adottata d-dispożizzjoni dwar dan il-perijodu ta' stennija u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju ta' din is-setgħa.

756 Għaldaqstant, għandu jiġi evalwat jekk l-informazzjoni msemmija mill-Parlament u mill-Kunsill tistabbilixxix li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu biżżejjed elementi li kienu jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-perijodu ta' stennija, previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

757 Fl-ewwel lok, mill-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 41, 46 u 48) jirriżulta li l-Kummissjoni kkunsidrat il-possibbiltà li timponi perijodu ta' stennija bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta l-miżura li tikkonsisti fl-impożizzjoni ta' tali perijodu meta l-Kummissjoni kienet warrbitha ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li dan il-leġiżlatur ma kellux elementi suffiċjenti sabiex iwettaq l-eżami tal-proporzjonalità ta' din il-miżura.

758 Fit-tieni lok, kif isostnu l-Parlament u l-Kunsill, l-elementi ta' evalwazzjoni li jinsabu fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, li jikkonċernaw il-konsegwenzi tal-miżura li tikkonsisti fit-tneħħija tar-riferiment għan-numru massimu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jistgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti matul l-istess ċiklu ta' kabotaġġ u fit-tnaqqis tal-perijodu li matulu dawn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jitwettqu f'dan l-Istat Membru, kienu jippermettu wkoll li jiġu evalwati l-impatti tal-perijodu ta' stennija finalment magħżul.

759 Fil-fatt, il-fatt li l-perijodu li matulu trasportatur jista' jwettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti jitnaqqas minn sebat ijiem, kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, għal erbat ijiem, kif kienet tipprevedi, prinċipalment, din il-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 29), jew minn sebat ijiem għal ħamest ijiem, kif kienet ipproponiet il-Kummissjoni, kien ikollu l-effett li jinterrompi b'intervalli iktar regolari t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

760 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-komponent tal-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi relatati mal-miżuri li kienu s-suġġett tagħha setgħu jipprovdu lil-leġiżlatur tal-Unjoni elementi rilevanti sabiex tiġi evalwata l-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

761 Fit-tielet lok, il-komponent tal-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 20 sa 25) kien jinkludi projezzjonijiet tal-evoluzzjoni tas-suq tat-trasport żviluppati abbażi tas-sistema applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari kif iddefinita fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, sabiex jiġu evalwati r-riperkussjonijiet tal-miżuri kkunsidrati minn din il-valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emendi relatati mat-tul tal-perijodi ta' kabotaġġ u man-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jistgħu jitwettqu matul dawn il-perijodi.

762 Peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jżomm, fir-Regolament 2020/1055, din is-sistema sa fejn jawtorizza, konformement ma' dan l-Artikolu 8(2), numru massimu ta' tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ konsekuttivi matul perijodu ta' sebat ijiem, filwaqt li introduċa, permezz tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, miżura addizzjonali fil-forma tal-perijodu ta' stennija, dawn il-projezzjonijiet baqgħu rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

763 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu biżżejjed elementi li kienu jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

764 Għaldaqstant, ir-raba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja kif ukoll, sa fejn huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax il-proporzjonalità tal-perijodu ta' stennija, it-tieni parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni parti tal-ewwel motiv invokat mir-Rumanija, it-tieni motiv invokat mir-Repubblika ta' Malta u l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

2) Fuq il-proporzjonalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055

i) L-argumenti tal-partijiet

765 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ħames motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tieni motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

766 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li l-perijodu ta' stennija previst f'din id-dispożizzjoni ma huwiex adattat sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament 2020/1055.

767 L-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Rumanija jsostnu li l-imsemmija dispożizzjoni ma tipprevedix regoli ċari, sempliċi u faċli sabiex jiġu osservati, kuntrarjament għall-għan stabbilit fil-premessa 20 tar-Regolament 2020/1055.

768 Fil-fatt, il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 12 sa 14) wera li n-nuqqas ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regoli dwar il-kabotaġġ wassal għal diverġenzi fl-applikazzjoni u fil-kontroll tal-osservanza ta' dawn ir-regoli bejn l-Istati Membri kif ukoll għal żieda fl-ispejjeż ta' konformità u fl-ispejjeż amministrattivi tal-impriżi tat-trasport.

769 Issa, ma hemm ebda element li jiġġustifika kif il-miżura li tistabbilixxi l-perijodu ta' stennija, li tikkomplika u ttaqqal il-piżijiet amministrattivi, hija iktar adegwata sabiex jintlaħaq dan l-għan ta' ċarezza u ta' preċiżjoni mill-emenda li kienet ġiet proposta mill-Kummissjoni.

770 It-tieni nett, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, din il-miżura ma żżommx il-livell ta' liberalizzazzjoni tas-suq li kien intlaħaq preċedentement, u b'hekk tmur kontra l-għan ta' żamma ta' dan il-livell, espost ukoll fil-premessa 20 tar-Regolament 2020/1055.

771 F'dan ir-rigward, dawn l-Istati Membri jsostnu li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet, fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment, li kien hemm lok li l-kabotaġġ jiġi lliberalizzat billi jiġi awtorizzat numru illimitat ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fuq perijodu ta' ħamest ijiem, minflok tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ fuq perijodu ta' sebat ijiem. Issa, il-perijodu ta' stennija, billi jimponi restrizzjonijiet ġodda fuq il-kabotaġġ, jikkostitwixxi pass lura meta mqabbel mal-livell ta' liberalizzazzjoni tas-suq.

772 Ir-Rumanija ssostni li, skont studju mwettaq mill-ECIPE (Bauer, M., "*Discrimination, Exclusion and Environmental Harm: Why EU Lawmakers Need to Ban Freight Transport Restrictions to Save the Single Market*" (diskriminazzjoni, esklużjoni u ħsara għall-ambjent: għaliex il-leġiżlaturi tal-Unjoni Ewropea għandhom jipprojbixxu r-restrizzjonijiet fuq it-trasport tal-merkanzija biex isalvaw is-suq uniku) (iktar 'il quddiem l-"Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent")), li jikkwota rapport minn Transport & Mobility Leuven (Trasport u Mobbiltà Leuven) (Breemersch, T., "*The impact of the 1st mobility package on European Road Freight Transport, with special focus on peripheral countries*" ("L-impatt tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Ewropa, u b'mod partikolari fl-Istati Membri fil-periferija")), il-perjodu ta' stennija kien mistenni li jnaqqas l-attivitajiet ta' kabotaġġ b'31 % sal-2035.

773 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija tindika li, għat-trasport bl-ajru, ir-restrizzjonijiet fil-qasam tal-kabotaġġ tneħħew matul is-sena 1993. Filwaqt li r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-Istat tas-Suq tat-Trasport bit-Triq tal-Unjoni (COM(2014) 222 final, p. 13) ikkonstata konverġenza dejjem tikber tar-remunerazzjonijiet tax-xufiera fl-Unjoni, il-miżuri adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-Regolament 2020/1055 kellhom japprofondixxu l-liberalizzazzjoni fil-qasam tat-trasport bit-triq, pjuttost milli jimponu restrizzjonijiet ġodda, bħalma huwa l-perijodu ta' stennija, li huwa, f'dan is-sens, miżura protezzjonista.

774 Barra minn hekk, ir-Rumanija ssostni li, peress li n-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa fl-Unjoni huwa żgħir meta mqabbel man-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali, intervent leġiżlattiv f'dan il-qasam ma jkunx iġġustifikat sakemm ma jkunx konformi mal-liberalizzazzjoni tas-suq.

775 It-tielet nett, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma huwiex adattat sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija peress li ma jikkontribwixxix sabiex jiżdied il-koeffiċjent ta' tagħbija tal-vetturi u sabiex jitnaqqsu l-vjaġġi mingħajr tagħbija. B'hekk, dan il-perijodu ta' stennija jmur kontra l-formulazzjoni stess tal-premessa 21 tar-Regolament 2020/1055, kif isostnu r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja.

776 Dawn l-Istati Membri jesponu li l-kabotaġġ jippermetti lit-trasportaturi jibqgħu attivi u jużaw l-istess vettura sabiex iwettqu trasport addizzjonali fl-Istat Membru ospitanti bejn żewġ operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali, b'mod partikolari sakemm jirċievu ordni għal tagħbija għall-vjaġġ tar-ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment.

777 Issa, il-perijodu ta' stennija jipprekludi li jitwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ għal erbat ijiem, u dan ikollu effett kuntrarju għall-għan stabbilit fil-premessa 21 ta' dan ir-regolament.

778 B'mod partikolari, ir-Rumanija ssostni li l-perijodu ta' stennija ser iwassal għal żieda ta' madwar 5 % fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija fi ħdan l-Unjoni, perċentwali din li tinkludi wkoll in-numru ta' vjaġġi mwettqa b'telf sabiex jiġi evitat ir-ritorn tal-vettura mingħajr tagħbija.

779 Ir-raba' nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jiddubitaw kemm il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 huwa adattat sabiex jiżgura, konformement mal-għan imsemmi fil-premessa 21 ta' dan ir-regolament, li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

780 Qabelxejn, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-argumenti li fuqhom huwa bbażat dan l-għan jikkonċernaw in-neċessità ta' stabbiliment effettiv fl-Istat Membru ta' oriġini tat-trasportaturi u mhux f'dak fejn jitwettqu l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

781 Sussegwentement, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, bħall-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, il-perijodu ta' stennija ma huwiex intiż li jiġġieled kontra l-prattiki frawdolenti jew abbużivi. Peress li jikkostitwixxi limitazzjoni tal-attività ta' trasport li hija fiha nnifisha attività mobbli, dan il-perijodu ta' stennija ma jikkontribwixxix sabiex jintlaħaq dan l-għan leġittimu, iżda jmur kontra n-natura stess tar-realtà ekonomika u tas-suq intern tat-trasport. Fil-fatt, l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ kienu inizjalment maħsuba bħala tip ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur, għat-tkabbir ekonomiku u għall-effiċjenza tal-attività f'dan il-qasam.

782 F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' numru kbir ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fit-territorju tal-Istati Membri li jinsabu fil-parti tal-Punent tal-Unjoni ma tikkostitwixxix element negattiv li jeżiġi l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi. Din is-sitwazzjoni turi biss li teżisti domanda qawwija għal merkanzija f'dawn l-Istati Membri, li d-dinamika tal-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali qed tiżdied u li s-suq jiffunzjona normalment. It-twettiq ta' numru kbir ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-ebda każ ma jista' jfisser li dan it-tip ta' operazzjonijiet tilef in-natura temporanja tiegħu, sakemm dawn l-operazzjonijiet jitwettqu konformement mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 u r-restrizzjonijiet previsti fih.

783 Għalhekk, ir-Rumanija tenfasizza li għandha ssir distinzjoni bejn il-kabotaġġ sistematiku u l-kabotaġġ illegali. Minkejja li l-perijodu ta' stennija huwa intiż esklużivament li jiggarantixxi li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, kif tindika l-premessa 21 tar-Regolament 2020/1055, il-Kummissjoni enfasizzat, b'mod partikolari fl-istudju mwettaq insostenn tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, intitolat "*Study to support the impact assessment for the revision of Regulation (EC) No 1071/2009 and Regulation (EC) No 1072/2009, Final Report*" ("Studju insostenn tal-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, Rapport finali", April 2017 (p. 33)), kif ukoll fil-komponent

dwar l-istabbiliment fil-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 6 u 7), li l-proporzjon ta' kabotaġġ illegali huwa baxx ħafna, b'tali mod li dan l-istat ta' fatt ma kienx jiġġustifika li jiġu adottati miżuri restrittivi addizzjonali f'dan il-qasam.

784 Huwa minnu li l-istudju tal-Kummissjoni, intitolat "*Ex-post evaluation of Regulation (EC) No 1071/2009 and Regulation (EC) No 1072/2009, Final report*" ("Evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, Rapport finali", Diċembru 2015 (iktar 'il quddiem l- "Evalwazzjoni *ex post* tar-Regolamenti Nri 1071/2009 u 1072/2009")), jidentifika, fil-paġni 140 u 141 tiegħu, il-kabotaġġ sistematiku bħala konsegwenza mhux mistennija tal-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009. Madankollu, hemm lok li din il-konstatazzjoni tiġi ddubitata peress li hija bbażata fuq l-esperjenza ta' Stat Membru wieħed.

785 Barra minn hekk, minkejja li indikat il-kabotaġġ sistematiku bħala effett mhux mixtieq u involontarju tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma qisitx li l-perijodu ta' stennija kien adegwat, minkejja li hija kienet ħaditu inkunsiderazzjoni fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 41).

786 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li, sabiex jiġi evitat li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, ma huwiex neċessarju li jiġi previst perijodu ta' stennija. Fil-fatt, ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li jillimitaw in-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ għal tlieta fuq perijodu ta' sebat ijiem, diġà jippermettu li jintlaħaq dan l-għan.

787 Fit-tieni lok, skont ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma huwiex neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn dan ir-regolament.

788 L-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija jsostnu li ma huwiex għaliex il-possibbiltà li jiġi introdott perijodu ta' stennija ġiet eżaminata fil-qosor fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, Anness 5) li din il-miżura hija għaldaqstant proporzjonata.

789 Kif jirriżulta minn din il-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 48), il-miżura prevista intiża li tistabbilixxi tali perijodu ġiet miċħuda mingħajr valutazzjoni addizzjonali tal-konsegwenzi tagħha. Fil-fatt, minbarra l-fatt li din il-miżura ma tikkontribwixxix realment għat-twettiq tal-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri applikazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti f'dan il-qasam, hija tfixkel ukoll, skont l-impriżi tat-trasport li pparteċipaw fl-imsemmija valutazzjoni tal-impatt, l-operazzjonijiet tagħhom u toħloq spejjeż sinjifikattivi, b'mod partikolari minħabba r-riperkussjonijiet negattivi tagħha fuq l-ispejjeż ġenerali tagħhom. Barra minn hekk, l-attrazzjoni tal-kabotaġġ sistematiku tonqos, fi kwalunkwe każ, fil-każ ta' adozzjoni ta' regoli aktar effettivi għall-kollokament tax-xufiera.

790 It-tieni nett, skont ir-Rumanija, sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, ikun biżżejjed li jissaħħu l-applikazzjoni u l-kontroll tar-regoli eżistenti, peress li l-kabotaġġ illegali jikkostitwixxi biss 0.56 % tal-attività globali ta' kabotaġġ fil-livell tal-Unjoni (komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, Parti 1/2, p. 6 u 7). Dan l-Istat Membru jżid li, sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-kabotaġġ illegali, l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' kontroll iktar effikaċi, bħalma hija l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda intiżi għall-implementazzjoni tat-takografu intelliġenti, tikkostitwixxi miżura inqas restrittiva.

791 It-tielet nett, ir-Repubblika ta' Malta tqis li, fi kwalunkwe każ, il-miżura li tinsab fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment li tipprovdi li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jitwettqu f'perijodu ta' ħamest ijiem kienet tippermetti li jintlaħaq, b'mod inqas restrittiv, l-għan li jiġi żgurat li dan it-trasport ma jitwettaqx b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

792 Fil-fatt, it-trasportaturi internazzjonali Maltin iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom fuq il-kontinent filwaqt li jqisu li dawn l-operazzjonijiet huma vijabbli biss jekk ma jkunux imġiegħla jittrasportaw il-vetturi bil-baħar lejn Malta. Meta jwettqu l-imsemmija operazzjonijiet fuq il-kontinent, dawn it-trasportaturi jużaw il-libertà ta' moviment tagħhom mingħajr ma jkollhom rabta permanenti jew fit-tul speċifika ma' Stati Membri oħra. L-assenza fiżika tal-vetturi tal-imsemmija trasportaturi f'Malta hija dovuta biss għall-fatt li l-Istat Membru li fih huma stabbiliti huwa ġżira, singularità ġeografika li, bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ma tteħditx inkunsiderazzjoni.

793 F'dan ir-rigward, il-miżura proposta mill-Kummissjoni ma kinitx tobbliga lit-trasportaturi Maltin jinterrompu artifiċjalment u regolarment l-operazzjonijiet kollha tagħhom, mingħajr għan ċar u raġonevoli, matul il-perijodu ta' stennija.

794 Ir-raba' nett, skont ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ser ikollu l-konsegwenza, minn naħa, li jiddegrada b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni kif ukoll dawk ta' daqs żgħir u, min-naħa l-oħra, li jnaqqas il-livell tal-għajxien u tal-impjieg tal-persuni f'dawn l-Istati Membri.

795 Dawn il-konsegwenzi jirriżultaw miż-żieda fl-ispejjeż ikkawżati minn dan il-perijodu ta' stennija minħabba, b'mod partikolari, il-jiem ta' operat mitlufa, iż-żieda fil-ħin ta' inattività u fil-vjaġġi bla tagħbija jew it-tnaqqis fl-attivitajiet ta' kabotaġġ sa 31 % minn issa sas-sena 2035. Barra minn hekk, l-ogħla piżijiet ser jiġu sostnuti mis-SMEs, li jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-impriżi tat-trasport.

796 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija jibbażaw ruħhom, ukoll, fuq studji li evalwaw il-konsegwenzi tar-regoli introdotti mill-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà kollu kemm hu kif ukoll fuq studju, imsemmi f'artiklu tal-istampa speċjalizzata, intitolat "*The Belgians do not like the Mobility Package. They figured that its provisions would bring losses to their companies as well*" ("Il-Belġjani ma humiex kuntenti bl-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà. Fil-fehma tagħhom, id-dispożizzjonijiet tiegħu ser iwasslu għal telf anki għall-impriżi tagħhom"), li jistma għal madwar EUR 24 miljun fis-sena l-ispiża għat-trasportaturi Belġjani ta' kull jum ta' "mistrieħ".

797 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jenfasizzaw li, minħabba ż-żieda fl-ispejjeż, l-impriżi tat-trasport stabbiliti f'dawn l-Istati Membri jirriskjaw li jkollhom iwaqqfu l-attività tagħhom jew jirrilokaw ruħhom lejn l-Istati Membri li jinsabu fil-parti ċentrali tal-Unjoni sabiex jiffaċċjaw il-kompetizzjoni. Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni wkoll li huwa probabbli ħafna li din iż-żieda fl-ispejjeż ser twassal għal żieda fil-prezz tal-merkanzija, li jista' jkollha riperkussjonijiet gravi fuq l-ekonomija tal-Unjoni.

798 Il-ħames nett, skont ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja, il-perijodu ta' stennija huwa inkompatibbli mas-suq uniku tas-servizzi ta' trasport sa fejn jifframmenta dan is-suq u jillimita l-opportunitajiet kummerċjali tal-impriżi tat-trasport fi Stati Membri oħra, peress li l-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u dawk ta' daqs żgħir jinsabu f'dan ir-rigward affettwati b'mod iktar qawwi.

799 Ir-Rumanija għalhekk issostni li, fost l-impriżi tat-trasport stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni, dawk stabbiliti fil-parti ċentrali jew tal-Lvant tal-Unjoni ser ikunu l-iktar affettwati mill-miżuri li jirriżultaw mir-Regolament 2020/1055 minħabba l-importanza kunsiderevoli tas-settur tat-trasport għall-ekonomija u għall-impjiegi f'dawn l-Istati Membri, u dan minħabba li dawn l-impriżi tat-trasport iwettqu iktar minn nofs l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll minħabba n-numru ta' impriżi tat-trasport u ta' ħaddiema tal-imsemmija Stati Membri affettwati minn dawn il-miżuri.

800 Is-sitt nett, skont ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, il-perijodu ta' stennija jmur kontra l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll il-Patt Ekoloġiku, minħabba ż-żieda fil-vjaġġi mingħajr tagħbija u, għaldaqstant, fit-tniġġis u fl-emissjonijiet ta' CO_2, konsekuttivi għall-osservanza ta' dan il-perijodu. Dawn il-konsegwenzi jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent.

801 Is-seba' nett, ir-Rumanija ssostni li r-riperkussjonijiet tad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mir-Regolament 2020/1055 fuq l-impriżi tat-trasport kienu bla dubju aggravati mill-pandemija tal-COVID-19.

802 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

803 L-għan imfittex mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li fir-rigward tiegħu għandha tiġi eżaminata l-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, huwa, kif jirriżulta mill-premessa 21 ta' dan ir-regolament, li jiġi ggarantit li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

804 Ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja, li ma jikkontestawx il-leġittimità ta' dan l-għan, isostnu li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser, fih innifsu, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

805 Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 240 sa 247 ta' din is-sentenza, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-perijodu ta' stennija, kif previst f'din id-dispożizzjoni, josservax dan il-prinċipju, għandu jiġi eżaminat jekk din il-miżura hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija dispożizzjoni, jekk tmurx manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u jekk hijiex proporzjonata fir-rigward tal-imsemmi għan.

– Fuq in-natura adatta tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex

806 Fir-rigward tan-natura adatta tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mid-definizzjoni ta' "operazzjoni ta' kabotaġġ" li tinsab fil-punt 6 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1072/2009 u kif jenfasizzaw il-premessi 20 u 22 tar-Regolament 2020/1055, tali attività ta' trasport għandha tkun ta' natura "temporanja" fl-Istat Membru ospitanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-541/16, EU:C:2018:251, punt 53, kif ukoll tal-14 ta' Settembru 2023, Staatsanwaltschaft Köln u Bundesamt für Güterverkehr (Trasport ta' kontejners vojta), C-246/22, EU:C:2023:673, punti 25 u 29).

807 Issa, kif jirriżulta mill-Evalwazzjoni *ex post* tar-Regolamenti Nri 1071/2009 u 1072/2009 (p. 137), il-preżenza ta' prattiki ta' kabotaġġ sistematiku kienet il-konsegwenza prinċipali mhux mistennija tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009.

808 F'dan il-kuntest, l-impożizzjoni, fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ta' perijodu ta' stennija li matulu, wara ċiklu ta' kabotaġġ imwettaq fi Stat Membru ospitanti, it-trasportaturi ma jkunux iktar awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ f'dan l-istess Stat Membru tidher li hija adattata sabiex tipprevjeni tali prattiki u sabiex b'hekk tevita li dawn l-operazzjonijiet ta' trasporti jitwettqu b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-imsemmi Stat Membru.

809 Ebda wieħed mill-argumenti invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja, b'mod partikolari abbażi ta' għanijiet oħra invokati fil-premessi 20 u 21 tar-Regolament 2020/1055, ma huwa ta' natura li jdaħħal inkwistjoni din l-evalwazzjoni.

810 Fl-ewwel lok, l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija, fis-sens li l-perijodu ta' stennija ma huwiex adattat sabiex jintlaħaq l-għan, iddikjarat fil-premessa 20 tar-Regolament 2020/1055, li r-regoli dwar il-kabotaġġ ikunu ċari, sempliċi u faċli sabiex jiġu osservati, ma jistax jintlaqa'.

811 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, sabiex jintlaħaq tali għan, il-punti 4(b) u (c) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jirregolaw il-modalitajiet ta' prova tat-trasport internazzjonali li jkun ippreċeda l-operazzjoni ta' kabotaġġ kif ukoll dawk ta' kull operazzjoni ta' kabotaġġ.

812 Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' perijodu ta' stennija, li l-għan ewlieni tiegħu huwa, kif ġie espost fil-punt 803 ta' din is-sentenza, li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, din l-introduzzjoni ma tistax titqies li tippreġudika, bħala tali, l-għan iddikjarat fil-premessa 20 tar-Regolament 2020/1055.

813 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-għan taż-żamma tal-livell ta' liberalizzazzjoni tas-suq, iddikjarat ukoll fil-premessa 20 tar-Regolament 2020/1055, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 2 tar-Regolament Nru 1072/2009 kienet tiddikjara li l-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport kellu jwassal, *inter alia*, għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet li taħthom it-trasportaturi mhux residenti setgħu jwettqu trasport fi Stat Membru, kundizzjonijiet li kellhom jiġu stabbiliti b'mod li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport. F'dan il-kuntest, kif jirriżulta mill-premessi 4, 5, 13 u 15 tiegħu, wieħed mill-għanijiet inizjali ta' dan ir-regolament, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien, sabiex tinkiseb

politika komuni tat-trasport b'mod flessibbli u mingħajr xkiel, l-istabbiliment ta' sistema tranżitorja ta' kabotaġġ, sakemm ma tkunx twettqet l-armonizzazzjoni tas-suq tat-trasport bit-triq. F'dan ir-rigward, kien previst li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti jiġu awtorizzati sakemm ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fi ħdan dan l-Istat Membru.

814 Għalhekk, billi jipprevjeni l-iżvilupp ta' prattiki ta' kabotaġġ sistematiku, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 huwa intiż li jirrimedja, kif ġie rrilevat fil-punti 807 u 808 ta' din is-sentenza, il-konsegwenzi mhux mistennija tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009 u li jwettaq l-għan inizjali mfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, billi jiżgura n-natura temporanja tal-kabotaġġ, konformement mal-livell ta' liberalizzazzjoni stabbilit minn dan tal-aħħar sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport.

815 Fit-tielet lok, sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja jallegaw li l-perijodu ta' stennija ma huwiex adattat sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit fil-premessa 21 tar-Regolament 2020/1055, fis-sens li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jikkontribwixxu għal żieda fil-koeffiċjent tat-tagħbija tal-vetturi u għat-tnaqqis fil-vjaġġi mingħajr tagħbija, għandu jiġi osservat li din il-premessa 21 tindika, madankollu, li tali trasport għandu jiġi awtorizzat sakemm ma jitwettaqx b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

– *Fuq in-natura neċessarja tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055*

816 F'dak li jirrigwarda n-natura neċessarja tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, din hija kkontestata mir-Rumanija u mir-Repubblika ta' Malta abbażi tal-argument li jeżistu miżuri alternattivi inqas restrittivi minn dik adottata f'din id-dispożizzjoni.

817 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-Rumanija li l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' kontroll iktar effikaċi kienet tikkostitwixxi miżura alternattiva inqas restrittiva, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 807 ta' din is-sentenza, prattiki ta' kabotaġġ sistematiku żviluppaw taħt ir-regoli fis-seħħ qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055.

818 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 32 sa 34 u 41 sa 44), ġew ikkunsidrati diversi settijiet ta' miżuri, fosthom il-"Pakkett ta' miżuri 1 – Kjarifika tal-qafas (P1)", il-"Pakkett ta' miżuri 2 – Tisħiħ tal-applikazzjoni (P2)" u l-"Pakkett ta' miżuri 3 – Reviżjoni fil-fond tar-Regolamenti (P3)", fejn it-tielet sett ta' miżuri kien jinkludi l-elementi li jinsabu fit-tieni wieħed, li min-naħa tiegħu kien jirriproduċi l-kontenut tal-ewwel wieħed minnhom.

819 Skont it-titolu tiegħu, it-tielet sett ta' miżuri kien jipprevedi bidla sostanzjali fil-qafas legali eżistenti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-iskema ta' kabotaġġ. Kien f'dan is-sett ta' miżuri li kienet tinsab il-miżura 8, li kienet tipprevedi t-tneħħija tan-numru massimu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li setgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti u t-tnaqqis tal-perijodu previst għall-finijiet tat-twettiq ta' tali operazzjonijiet ta' trasport (komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, Parti 1/2, p. 32 sa 34).

820 Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 57 sa 59) ikkonkludiet li dan it-tielet sett ta' miżuri kien jikkostitwixxi l-għażla li kellha tiġi ppreferuta fil-konfront tal-miżuri tat-tieni sett biss, li kienu relatati mat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' sorveljanza.

821 Bħall-miżura 8 li tinsab f'dan it-tielet sett ta' miżuri, il-perijodu ta' stennija, li l-leġiżlatur tal-Unjoni pprefera jissostitwixxiha bih, għandu l-għan li jbiddel il-qafas li japplika għall-kabotaġġ. Għalhekk, ma jistax jiġi affermat li l-impożizzjoni ta' perijodu ta' stennija tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li s-sempliċi tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' sorveljanza jikkostitwixxi miżura inqas restrittiva u daqstant effettiva bħal tali perijodu ta' stennija.

822 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika ta' Malta u tar-Rumanija li l-miżura inkluża fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment intiża għall-istabbiliment ta' ċiklu ta' kabotaġġ ta' tul ta' ħamest ijiem kienet tippermetti li jintlaħaq, b'mod inqas restrittiv, l-għan li jiġi ggarantit li dawn l-operazzjonijiet ta' trasport ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-istima dwar tnaqqis fl-attivitajiet ta' kabotaġġ sa 31 % minn issa sas-sena 2035, li fuqha huwa bbażat dan l-argument, hija misluta mir-rapport ta' Trasport & Mobility Leuven (Traport u Mobbiltà Leuven), intitolat "L-impatt tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Ewropa, u b'mod partikolari fl-Istati Membri fil-periferija". Issa, din l-istima ma tikkonċernax il-perijodu ta' stennija. Kif jirriżulta mill-paġna 13 ta' dan ir-rapport, l-imsemmija stima tirriżulta hija stess mill-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 39 u 40), b'mod partikolari, mill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ta' tnaqqis għal erbat ijiem jew għal ħamest ijiem tal-perijodu ta' sebat ijiem, previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li matulu jkunu permessi l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, li kellhom iwasslu għal tnaqqis fl-attivitajiet ta' kabotaġġ, rispettivament, sa 31 % jew sa 20 % sal-2035.

823 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li r-riskju ta' attività sistematika ta' kabotaġġ jirriżulta, kif isostni l-Kunsill, mill-assenza ta' preċiżjoni fir-rigward tal-frekwenza tal-perijodi li matulhom huwa permess li jitwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru.

824 Fil-fatt, minħabba tali assenza ta' preċiżjoni, ir-Regolament Nru 1072/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, kien jippermetti lit-trasportaturi jorbtu ċikli ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, suġġett biss għar-regola prevista fl-aħħar sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009. Peress li l-miżura li tinsab fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment ma kinitx tipprekludi t-twettiq fl-istess Stat Membru, immedjatament wara t-twettiq ta' operazzjoni ta' trasport internazzjonali, ta' ċiklu ġdid ta' kabotaġġ f'dan l-Istat Membru wara l-iskadenza taċ-ċirklu preċedenti, hija ma tistax, fi kwalunkwe każ, titqies li hija miżura li tippermetti li jiġi ggarantit, b'mod daqstant effikaċi daqs il-perijodu ta' stennija, li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma humiex ser jitwettqu b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

825 Fit-tielet lok, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jistax jitqies li introduċa miżura mhux neċessarja minħabba li l-impriżi tat-trasport kienu diġà obbligati, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1071/2009, li jkollhom stabbiliment effettiv fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Fil-fatt, qabelxejn, tali rekwiżit ma huwiex ta' natura li jeskludi li l-impriża kkonċernata tista' twettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi Stat Membru differenti minn dak ta' stabbiliment b'mod li ma jkunx temporanju.

826 Sussegwentement, sa fejn ir-Rumanija ssostni li, anki jekk jitqies li l-perijodu ta' stennija huwa intiż li jiżgura li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti, il-proporzjon ta' kabotaġġ illegali fost dawn

l-operazzjonijiet ta' trasport huwa baxx ħafna, b'tali mod li l-introduzzjoni ta' miżuri restrittivi li jiżdiedu ma' dawk li jinsabu fir-Regolament Nru 1072/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, ma hijiex iġġustifikata, għandu jiġi osservat li, skont il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 6 u 7), il-kabotaġġ illegali, anki ta' livell relattivament baxx, għandu riperkussjonijiet ekonomiċi importanti għas-settur tat-trasport.

827 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet tar-Rumanija fis-sens li l-konstatazzjoni dwar il-ħolqien ta' attività ta' kabotaġġ sistematiku, magħmula fl-Evalwazzjoni *ex post* tar-Regolamenti Nri 1071/2009 u 1072/2009, hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ta' Stat Membru wieħed, għandu jitfakkar li, kif ġie espost fil-punt 813 ta' din is-sentenza, ir-Regolament Nru 1072/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, diġà kellu l-għan li jevita li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jitwettqu b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

828 Issa, din l-evalwazzjoni turi b'mod ċar li r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 ma kinux jippermettu, waħedhom, li tiġi evitata l-prattika tal-kabotaġġ sistematiku. Għaldaqstant, tali allegazzjonijiet ma jistgħux idaħħlu inkwistjoni n-neċessità tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 sabiex jintlaħaq dan l-għan.

– *Fuq in-natura proporzjonata tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055*

829 F'dak li jirrigwarda n-natura proporzjonata tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 266 ta' din is-sentenza jirriżulta li, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp tal-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattati u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 3(3) TUE. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-objettivi trażversali tal-Unjoni rrikonoxxuti mit-Trattat biss jekk ikun jista' jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew żviluppi.

830 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis, fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, li l-impożizzjoni tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 kienet miżura proporzjonata sabiex jiġu rrimedjati l-konsegwenzi mhux mistennija kkawżati, taħt ir-Regolament Nru 1072/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, mill-ħolqien ta' prattiki ta' kabotaġġ sistematiku li jmorru kontra n-natura temporanja li għandu jkollha l-operazzjoni ta' kabotaġġ.

831 F'dan ir-rigward, ma jistgħux, fl-ewwel lok, jintlaqgħu l-argumenti tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija li dan il-perijodu ta' stennija ser iwassal għal tnaqqis fil-livell ta' liberalizzazzjoni peress li dan huwa ekwivalenti għal perijodu ta' mistrieħ li matulu ma jkunx possibbli li jitwettqu operazzjonijiet ta' trasport bil-vettura kkonċernata matul erbat ijiem.

832 Fil-fatt, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 sempliċement jipprevedi li, fi tmiem il-perijodu li matulu l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1055, ma huwiex awtorizzat, matul perijodu ta' erbat ijiem, li jitwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

833 Għaldaqstant, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 765 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma għandux l-għan li jipprojbixxi t-twettiq ta' operazzjonijiet oħra ta' trasport, bħalma huma operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali jew lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, jew lejn Stati Membri oħra, segwiti, jekk ikun il-każ, minn operazzjonijiet ta' kabotaġġ f'dawn l-Istati Membri l-oħra. It-trasportaturi jistgħu għalhekk, matul il-perijodu ta' stennija, ikomplu jwettqu tali operazzjonijiet.

834 Barra minn hekk, anki jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni, permezz tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, introduċa miżura addizzjonali fil-forma tal-perijodu ta' stennija, huwa ddeċieda li jżomm, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1055, il-possibbiltà li jitwettqu sa tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ konsekuttivi għal trasport internazzjonali minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz lejn l-Istat Membru ospitanti f'terminu ta' sebat ijiem. Issa, skont din l-aħħar dispożizzjoni, il-vettura użata għal tali operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandha, neċessarjament u fi kwalunkwe każ, titlaq mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat fi tmiem dan il-perijodu ta' sebat ijiem, qabel, jekk ikun il-każ, tkun tista' tibda ċiklu ġdid ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti wara operazzjoni ta' trasport internazzjonali.

835 Kif ifakkar ġustament il-Kunsill, ċertu perijodu ta' żmien għandu għalhekk, fil-prattika, jiġi ddedikat għat-trasport internazzjonali qabel ma vettura tkun tista' tmur lura legalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat sabiex twettaq ċiklu ġdid ta' kabotaġġ, kif jindika l-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 40). Issa, kif jirriżulta mill-figuri pprovduti mill-Kunsill, l-introduzzjoni tal-perijodu ta' stennija ma twassalx għal tnaqqis sinjifikattiv fin-numru ta' perijodi ta' kabotaġġ li jistgħu jitwettqu f'xahar.

836 Għalkemm ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li, għat-trasport bl-ajru, ir-restrizzjonijiet fil-qasam tal-kabotaġġ tneħħew matul is-sena 1993, hija madankollu ma tesponix ir-raġunijiet għaliex tali konstatazzjoni hija rilevanti f'dan il-każ, għas-settur tat-trasport bit-triq, filwaqt li s-sitwazzjoni tal-impriżi li joperaw fis-settur ta' attività tad-diversi mezzi ta' trasport ma hijiex paragunabbli. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-modalitajiet ta' funzjonament tagħhom, tal-kundizzjonijiet tal-aċċessibbiltà tagħhom u tat-tqassim tan-networks tagħhom, dawn id-diversi mezzi ta' trasport ma humiex, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom, interkambjabbli (sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, ÖBB-Personenverkehr, C-509/11, EU:C:2013:613, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

837 Fir-rigward tal-argument li huma permessi biss l-emendi leġiżlattivi li jwasslu għal liberalizzazzjoni ikbar, huwa biżżejjed li jiġi osservat li mill-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 40 u 47) jirriżulta li t-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha fuq l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ġiet eskluża minħabba li d-differenzi soċjali u ekonomiċi bejn l-Istati Membri kienu jeskludu l-ftuħ tas-swieq ta' kabotaġġ u ċaħħdu lil din il-miżura mill-appoġġ politiku meħtieġ.

838 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja dwar id-degradazzjoni sinjifikattiva tas-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport, fil-parti l-kbira tagħhom SMEs, stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu, skont dawn l-Istati Membri rikorrenti, fil-"periferija tal-Unjoni" u f'dawk ta' daqs żgħir minħabba żieda fl-ispejjeż tal-operat li jirriżultaw mill-perijodu ta' stennija, kif ukoll dwar tnaqqis konsekuttiv fil-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'dawn l-Istati Membri, għandu jiġi enfasizzat li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali għall-impriżi tat-trasport li huma obbligati josservawh. Madankollu, il-fatt li obbligu stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jinvolvi ċerti spejjeż għall-impriżi tat-trasport li fuqhom jaqa' l-piż korrispondenti ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex.

839 Issa, l-ewwel nett, sa fejn tali konsegwenzi jirriżultaw minn allegat tnaqqis tal-attivitajiet ta' kabotaġġ sa 31 % sas-sena 2035, għandu jitfakkar li, kif ġie kkonstatat fil-punt 822 ta' din is-sentenza, din l-istima tirrigwarda miżura li kellha l-għan li tillimita l-perijodu li matulu setgħu jitwettqu l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, filwaqt li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bl-adozzjoni tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ipprefera miżura alternattiva minflokha.

840 It-tieni nett, kif isostnu r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, huwa minnu li l-impriżi tat-trasport li pparteċipaw fil-valutazzjoni tal-impatt indikaw li l-introduzzjoni ta' miżura bħalma huwa l-perijodu ta' stennija kienet ser toħloq għalihom spejjeż sinjifikattivi, b'mod partikolari minħabba żieda konsegwenti fl-ispejjeż ġenerali tagħhom (komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, Parti 2/2, p. 48). Madankollu, l-ispejjeż marbuta ma' din il-miżura għandhom, minn tal-inqas, jiġu evalwati skont, minn naħa, l-importanza li jirrappreżentaw l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għat-trasportaturi u, min-naħa l-oħra, il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali fl-ispejjeż imġarrba minn impriża tat-trasport. Issa, l-istudju mwettaq insostenn tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, intitolat "Studju insostenn tal-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, Rapport finali", jindika, fil-paġna 143, li l-kabotaġġ jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tal-attivitajiet tat-trasport bit-triq, b'tali mod li l-effetti tal-imsemmija miżura fuq l-impriżi tat-trasport b'mod ġenerali kienu ser ikunu iktar u iktar limitati.

841 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 37), ġie kkunsidrat li l-miżura 8, li kienet tikkonsisti fit-tneħħija tar-riferiment għan-numru massimu ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li setgħu jitwettqu fi Stat Membru ospitanti matul l-istess ċiklu u fit-tnaqqis minn sebat ijiem għal erbat ijiem tal-perijodu li matulu dawn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ setgħu jitwettqu f'dan l-Istat Membru, kienet ser twassal, bħala medja, għal żieda ta' 3.5 % fl-ispejjeż ġenerali tal-impriżi tat-trasport.

842 Fi kwalunkwe każ, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jipproduċi effetti differenti fuq l-impriżi tat-trasport skont l-Istat Membru li fih dawn l-impriżi jkunu stabbiliti, xorta jibqa' l-fatt li l-eventwali effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni f'termini ta' piżijiet għal ċerti impriżi għandhom jiġu bbilanċjati mal-effetti pożittivi, f'termini taż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti, li jirriżultaw minn miżura intiża li tiġġieled kontra prattiki li jwasslu, bi ksur tan-natura temporanja tal-operazzjoni ta' kabotaġġ, għall-eżerċizzju ta' attivitajiet permanenti jew kontinwi ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

843 It-tielet nett, ma hemmx lok li jintlaqgħu l-argumenti dwar l-ispejjeż marbuta mal-jiem ta' operat mitlufa jew maż-żieda fil-vjaġġi mingħajr tagħbija peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 833 ta' din is-sentenza, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma għandux l-għan li jipprojbixxi, matul il-perijodu ta' stennija, it-twettiq ta' kull operazzjoni ta' trasport. Fil-fatt, il-vetturi li jkunu lestew l-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru jistgħu, matul dan il-perijodu, iwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali jew lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, jew lejn Stati Membri oħra, segwiti, jekk ikun il-każ, minn operazzjonijiet ta' kabotaġġ f'dawn l-Istati Membri l-oħra. Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li din id-dispożizzjoni ma teħtieġx li, matul dan il-perijodu, il-vetturi jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata, u dan iwassal sabiex jiġi miċħud l-argument tar-Repubblika ta' Malta bbażat fuq l-assenza ta' vijabbiltà ekonomika tat-trasportaturi internazzjonali ta' dan l-Istat Membru minħabba l-obbligu li allegatament kien impost fuqhom li jirritornaw, matul il-perijodu ta' stennija, il-vetturi tagħhom bil-baħar lejn l-imsemmi Stat Membru.

844 Fir-rigward tal-istimi li tibbaża ruħha fuqhom ir-Rumanija fir-rigward tal-konsegwenzi tar-regoli l-ġodda introdotti mill-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà kkunsidrati kollha flimkien, li fosthom hemm l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, previst fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn dan jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, dawn l-istimi ma humiex rilevanti sabiex jiġu evalwati l-konsegwenzi speċifiċi għall-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, minħabba d-differenza fis-suġġett ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. L-istess jgħodd għall-evalwazzjoni invokata mir-Repubblika tal-Bulgarija, li tgħid li kull jum ta' mistrieħ jista' jiswa sa EUR 24 miljun fis-sena lit-trasportaturi Belġjani. Fil-fatt, minbarra l-fatt li hija bbażata fuq analiżi, iċċitata mill-istampa speċjalizzata, li ma ġietx ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-evalwazzjoni hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li l-vettura tiġi immobilizzata matul il-perijodu ta' stennija, mingħajr ma tkun tista' tintuża għal operazzjonijiet oħra ta' trasport minbarra l-operazzjoni ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

845 Ir-raba' nett, għall-istess raġunijiet bħal dawk li jirrigwardaw l-argumenti dwar iż-żieda fl-ispejjeż operattivi tal-impriżi tat-trasport, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti dwar iż-żieda fil-prezz tal-merkanzija, invokati mir-Repubblika tal-Polonja. Huwa minnu li l-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt qies li kienet probabbli l-ipoteżi li ż-żieda fl-ispejjeż operattivi tiġi ttrasferita fuq il-prezz tal-merkanzija, iżda dan filwaqt li ppreċiża li l-effetti tal-miżuri inkwistjoni kien ser ikunu limitati ħafna peress li t-trasport jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tal-prezz tal-merkanzija (Parti 1/2, p. 49).

846 Il-ħames nett, fir-rigward tal-argumenti bbażati fuq l-impatt tal-perijodu ta' stennija fuq l-impjieg, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-istudju mwettaq insostenn tal-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, intitolat "Studju insostenn tal-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, Rapport finali", jindika, fil-paġna 143, li t-tnaqqis sostanzjali tal-attivitajiet ta' kabotaġġ li jirriżulta minn miżura li tnaqqas għal erbat ijiem jew għal ħamest ijiem il-perijodu ta' sebat ijiem previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li matulu l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ huma permessi, ma kienx mistenni li jkollu riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq il-livell ta' impjieg globali fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari minħabba li, kif ġie espost fil-punt 840 ta' din is-sentenza, il-kabotaġġ jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tal-attivitajiet ta' trasport bit-triq.

847 Issa, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja ma qajmux argumenti li jistgħu jqiegħdu f'dubju r-rilevanza tal-konklużjonijiet ta' dan l-istudju għall-miżura prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

848 Is-sitt nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument ibbażat fuq il-fatt li, kif jirriżulta mill-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 48), l-attrazzjoni tal-kabotaġġ sistematiku tonqos, fi kwalunkwe każ, fil-każ li jiġu adottati regoli iktar effettivi għall-kollokament tax-xufiera, fil-kuntest tad-Direttiva 2020/1057. Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-għan imfittex minn din id-direttiva huwa, kif jirriżulta mill-premessi 3 u 7 tagħha, li jiġu previsti regoli speċifiċi għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Istat Membru li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tiegħu huma ggarantiti lix-xufiera tat-trasport bit-triq li jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari marbuta mal-mobbiltà estrema tal-ħaddiema f'dan is-settur u li, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jistabbilixxu bilanċ bejn it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol ta' dawn ix-xufiera u l-fatt li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq ibbażat fuq kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport nazzjonali u barranin.

849 Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut, abbażi tal-konsegwenzi indiretti u limitati biss li jirriżultaw minn miżuri li għandhom għanijiet oħra, bħalma huma dawk imfittxija mid-Direttiva 2020/1057 u stabbiliti fil-premessi 3 u 7 tagħha, li l-leġiżlatur tal-Unjoni mar manifestament lil hinn mill-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport meta għażel li jadotta, fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, miżura intiża li tiżgura li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

850 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Rumanija u tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jifframmenta s-suq uniku u jillimita l-opportunitajiet kummerċjali tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri kklassifikati bħala "Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni" u f'dawk ta' daqs żgħir meta mqabbla ma' grupp ieħor ta' Stati Membri kkwalifikati, skont il-każ, bħala "Stati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni" jew bħala "Stati Membri li jinsabu fil-parti tal-Punent tal-Unjoni", għandu jiġi osservat li l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-perijodu ta' stennija jistgħu jkunu ikbar għall-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, li għażlu mudell ta' operat ekonomiku li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa b'mod permanenti jew kontinwu fit-territorju tal-istess Stat Membru ospitanti, u dan minkejja n-natura temporanja li għandu jkollha l-operazzjoni ta' kabotaġġ.

851 Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 843 ta' din is-sentenza, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma għandux l-għan li jimponi ritorn tal-vettura fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata. Għaldaqstant, l-eventwali impatti tal-perijodu ta' stennija ma jiddependux mill-karatteristiċi ġeografiċi tal-Istat Membru ta' stabbiliment.

852 Min-naħa l-oħra, kif ġie espost fil-punti 832 u 833 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni tipprojbixxi biss, matul il-perijodu ta' stennija, li jitwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, iżda ma tipprekludix it-twettiq ta' operazzjonijiet oħra ta' trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa fi Stat Membru ospitanti ieħor.

853 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li l-mudell ta' organizzazzjoni ekonomika espost fil-punt 850 ta' din is-sentenza huwa essenzjalment adottat minn impriżi tat-trasport stabbiliti f'ċerti Stati Membri, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 246 ta' din is-sentenza, jirriżulta li, meta l-att tal-Unjoni kkonċernat ikollu konsegwenzi fl-Istati Membri kollha u jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn id-diversi interessi inkwistjoni, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn dan l-att, it-tfittxija ta' tali bilanċ billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-Istati Membri kollha ma tistax, minnha nnifisha, titqies li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

854 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita, imfakkra fil-punt 267 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li jkunu affettwaw is-suq intern, għandu d-dritt li jadatta att leġiżlattiv sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid tal-interessi inkwistjoni bil-għan, b'mod partikolari, li jiggarantixxi kompetizzjoni ġusta permezz ta' bidla tal-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

855 F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried preċiżament, meta impona l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, iwettaq bilanċ ġdid li jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tad-diversi impriżi tat-trasport billi jirrimedja, mingħajr madankollu ma jdaħħal inkwistjoni l-livell preċedenti ta' liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport, id-diffikultajiet li rriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009 minħabba prattiki li kienu jmorru kontra n-natura temporanja li għandu jkollha l-operazzjoni ta' kabotaġġ u li kienu jikkonsistu fl-iżvilupp ta' attivitajiet permanenti jew kontinwi ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

856 F'dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, l-argumenti dwar l-allegati effetti li jikkawżaw ħsara lill-ambjent li jirriżultaw mill-perijodu ta' stennija, dawn l-argumenti jikkoinċidu mal-argumenti ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, mir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz taż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u mir-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-motiv tagħha li huwa komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha ta' dan ir-regolament, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tiegħu, b'tali mod li ser jiġu eżaminati f'dan il-kuntest.

857 Fil-ħames lok, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-Rumanija, ibbażat fuq il-pandemija tal-COVID-19, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-obbligu li jirrimedja l-effetti ta' din il-pandemija fil-kuntest tar-Regolament 2020/1055, li huwa intiż li jadatta għall-evoluzzjonijiet tas-settur tat-trasport bit-triq ir-regoli komuni, minn naħa, dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' trasportatur bit-triq u, min-naħa l-oħra, dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, u dan inqas u inqas għaliex atti leġiżlattivi speċifiċi oħra kellhom tali għan, bħal ma kellu, fil-qasam tat-trasport, ir-Regolament 2020/698. L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 huma għalhekk irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-konformità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

858 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkonstatat li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jwassalx għal inkonvenjenzi manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li huwa li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-istess Stat Membru ospitanti.

859 Għaldaqstant, il-ħames motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni parti tal-ewwel motiv invokat mir-Rumanija, it-tieni motiv invokat mir-Repubblika ta' Malta u l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni

1) L-argumenti tal-partijiet

860 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tielet motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u r-Repubblika ta' Malta, permezz tat-tielet motiv tagħha, isostnu li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kif previst fl-Artikolu 18 TFUE. Ir-Repubblika ta' Malta tinvoka wkoll ksur tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta.

861 Fl-ewwel lok, dawn it-tliet Stati Membri jsostnu li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni sa fejn iwassal għal diskriminazzjoni bejn, minn naħa, l-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, ta' daqs żgħir jew li huma differenti minħabba li huma gżejjer u, min-naħa l-oħra, dawk li huma stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-parti ċentrali jew tal-Punent tal-Unjoni.

862 Ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jostakola l-eżerċizzju tal-libertajiet tas-suq intern, filwaqt li jagħti lok għal diskriminazzjoni indiretta fir-rigward tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u ta' daqs żgħir. F'dan ir-rigward, minħabba fatturi speċifiċi għall-parti ċentrali u tal-Punent tal-Unjoni, bħalma huma konċentrazzjoni kbira ta' popolazzjoni jew settur industrijali iktar żviluppat, il-bżonnijiet ta' trasport jeżistu fuq kollox f'din il-parti tal-Unjoni. Minħabba l-perijodu ta' stennija, l-impriżi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u ta' daqs żgħir ser ikunu skoraġġuti milli jipprovdu servizzi ta' trasport fl-iktar swieq li jħallu qligħ.

863 Ir-Rumanija tallega li l-vetturi rreġistrati fl-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni mill-1 ta' Mejju 2004 jintużaw fil-parti l-kbira tal-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali, inklużi l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, filwaqt li l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra jwettqu prinċipalment operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali ta' merkanzija, b'tali mod li l-miżura prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 taffettwa b'mod mhux ugwali lill-impriżi tat-trasport fi ħdan l-Unjoni.

864 B'mod partikolari, l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-parti ċentrali jew tal-Punent tal-Unjoni u li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali jibbenefikaw minn vantaġġ ġeografiku minħabba d-distanzi iżgħar biex jgħaddu lejn l-Istati Membri tat-tagħbija u tal-ħatt. Għaldaqstant, dawn l-impriżi ma humiex affettwati b'mod sinjifikattiv mill-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

865 Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-effetti fuq is-suq tat-trasport tar-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari tal-perijodu ta' stennija, għandha tieħu inkunsiderazzjoni elementi oħra tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà. Evalwazzjoni globali turi n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni, li essenzjalment tolqot lit-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

866 Ir-Repubblika ta' Malta tenfasizza li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn, mingħajr l-iċken ġustifikazzjoni oġġettiva, il-perijodu ta' stennija previst f'din id-dispożizzjoni jittratta b'mod identiku sitwazzjonijiet differenti. Minħabba li Malta hija gżira u minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħha, l-impriżi tat-trasport Maltin bl-ebda mod ma jipprevedu li jorganizzaw ir-ritorn tal-vetturi tagħhom lejn Malta wara tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti konsekuttivi għal trasport internazzjonali lejn dan l-Istat Membru. Għaldaqstant, il-perijodu ta' stennija jobbligahom jidderieġu l-vetturi tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jissospendu l-attivitajiet tagħhom fl-Istat Membru ospitanti sal-iskadenza ta' dan il-perijodu.

867 Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Malta tirrileva li huwa minnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jibbenefika minn marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu meta jkollu quddiemu għażliet ekonomiċi jew tekniċi kumplessi. Madankollu, miżura bħalma huwa l-perijodu ta' stennija ma hijiex partikolarment kumplessa. Hija tikkostitwixxi regola ġenerali applikabbli għall-Istati Membri kollha li għandha t-tendenza li tinjora l-karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi għal Stat Membru partikolari. Tali regola jkollha l-effett li tiddiskrimina lil Stat Membru li jkun magħruf li huwa preklużi milli jikkonforma ruħu mal-perijodu ta' stennija minħabba l-infrastruttura partikolari tiegħu tat-trasport, minħabba l-mekkaniżmi ta' aċċess għall-merkanzija barranija u minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi uniċi tiegħu.

868 Fir-rigward tal-perijodu ta' stennija nnifsu, ir-Repubblika ta' Malta tqis li l-kwistjoni ma hijiex li l-għanijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent ta' att leġiżlattiv jiġu bbilanċjati mal-effetti soċjoekonomiċi ta' dan l-att fid-diversi Stati Membri, iżda li l-effetti soċjoekonomiċi pożittivi li l-imsemmi att għandu għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li jinsabu fil-kontinent jiġu bbilanċjati, minn naħa, mal-effetti dannużi li dan l-att għandu fuq l-ambjent għall-Unjoni kollha kemm hi u, min-naħa l-oħra, mal-effetti soċjoekonomiċi dannużi tiegħu għall-minoranza tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ikun manifestament żbaljat li għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stat Membru gżira jiġi applikat trattament identiku għal dak tal-impriżi li ma humiex dipendenti fuq vjaġġ bil-baħar sabiex jeżerċitaw l-attivitajiet ta' trasport tagħhom.

869 Skont ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Rumanija, il-perijodu ta' stennija jwassal għal ridistribuzzjoni artifiċjali tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u għal limitazzjoni tal-opportunitajiet kummerċjali tat-trasportaturi fi Stati Membri oħra. Din il-miżura protezzjonista u restrittiva toħloq ostakolu għad-dħul fis-swieq esterni għat-trasportaturi mhux residenti, li joriġinaw essenzjalment mill-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u minn dawk ta' daqs żgħir.

870 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija u r-Repubblika ta' Malta jsostnu li l-perijodu ta' stennija jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri minħabba l-pożizzjoni nettament iktar sfavorevoli li jinsabu fiha l-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, dawk ta' daqs żgħir jew dawk li huma differenti mill-oħrajn minħabba li huma gżira. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Litwanja tinvoka, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 4(2) TUE.

871 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

872 Huwa paċifiku, f'dan il-każ, li l-miżura prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn timponi fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li josservaw perijodu ta' stennija bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru, tapplika mingħajr distinzjoni għall-impriżi kollha tat-trasport irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, b'tali mod li ma tinvolvix diskriminazzjoni diretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni.

873 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 308 sa 310 ta' din is-sentenza, jekk din id-dispożizzjoni tapplikax b'mod inġustifikat regola identika għal sitwazzjonijiet differenti, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan imfittex minnha, u jekk, minħabba f'ħekk, tikkostitwixxix diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni, sa fejn, kif essenzjalment isostnu r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija u r-Repubblika ta' Malta, hija tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu, skont dawn l-Istati Membri rikorrenti, fil-"periferija tal-Unjoni", huma ta' daqs żgħir jew li huma differenti minħabba li huma gżejjer, kif ukoll lil dan il-grupp partikolari ta' Stati Membri meta mqabbla mal-impriżi tat-trasport l-oħra u mal-Istati Membri l-oħra.

874 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport stabbiliti, minn naħa, fi Stati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni", ta' daqs żgħir jew li huma differenti minħabba li huma gżejjer u, min-naħa l-oħra, dawk stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"parti ċentrali jew tal-Punent tal-Unjoni", għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju tal-premessa li fuqha huwa bbażat l-argument tar-Rumanija u tar-Repubblika ta' Malta, u kif jirriżulta mill-punti 833 u 843 ta' din is-sentenza, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jimponix fuq l-impriża tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih hija stabbilita, obbligu li tirritorna l-vettura fiċ-ċentru operattiv ta' din l-impriża matul il-perijodu ta' stennija. Barra minn hekk, dan il-perijodu ta' stennija ma jċaħħadx lill-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, mill-possibbiltà li jwettqu, matul dan il-perijodu, attivitajiet ta' trasport, inklużi attivitajiet ta' kabotaġġ, sakemm dawn tal-aħħar ma jitwettqux fl-istess Stat Membru ospitanti.

875 Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut li l-perijodu ta' stennija għandu l-effett li jqiegħed lil ċerti impriżi tat-trasport, minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti, kemm jekk dawn il-karatteristiċi jirrigwardaw b'mod partikolari l-lokalizzazzjoni tiegħu, skont l-Istati Membri rikorrenti, fil-"periferija tal-Unjoni", id-daqs tiegħu jew il-fatt li huwa ġżira, f'sitwazzjoni differenti mill-impriżi li huma stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"parti ċentrali jew tal-Punent" tal-Unjoni.

876 L-allegata differenza tal-impatt tal-perijodu ta' stennija fuq l-impriżi tat-trasport skont il-post ta' stabbiliment tagħhom fl-Unjoni ma tirriżultax min-natura allegatament diskriminatorja tar-regola stabbilita mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, iżda, kif ġie rrilevat fil-punt 850 ta' din is-sentenza, mill-mudell ta' operat ekonomiku magħżul mill-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa b'mod permanenti jew kontinwu fit-territorju tal-istess Stat Membru ospitanti.

877 Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li, minn naħa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 618 u 796 tal-konklużjonijiet tiegħu, huma biss l-impriżi tat-trasport li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom bi ksur tan-natura temporanja tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, li kienet diġà prevista fir-Regolament Nru 1072/2009, li ser ikunu partikolarment affettwati mill-perijodu ta' stennija. Issa, l-għan imfittex mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, kif espost fil-premessa 21 ta' dan ir-regolament, huwa preċiżament li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti.

878 Min-naħa l-oħra, huwa minnu li l-konsegwenzi tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fuq l-impriżi tat-trasport jistgħu jkunu differenti skont is-sehem tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-attivitajiet kollha ta' dawn l-impriżi u jistgħu jirrappreżentaw piż ikbar għal dawk li, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, għażlu l-mudell ta' operat ekonomiku msemmi fil-punti 850 u 876 ta' din is-sentenza, meta mqabbla ma' dawk li jwettqu biss ftit attivitajiet ta' trasport ta' din in-natura u li għalihom dan il-perijodu għandu impatt iżgħar.

879 Madankollu, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 829 ta' din is-sentenza, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp tal-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattati u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 3(3) TUE fir-rigward tal-istabbiliment ta' suq intern. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-għanijiet trażversali biss jekk ikun jista' jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew żviluppi.

880 Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni, mhux talli ma introduċiex diskriminazzjoni bejn impriżi tat-trasport, iżda, permezz tal-adozzjoni tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ried jirrimedja l-konsegwenzi mhux mistennija kkawżati, taħt ir-Regolament Nru 1072/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, mill-ħolqien ta' prattiki ta' kabotaġġ sistematiku li jmorru kontra n-natura temporanja li għandu jkollha l-operazzjoni ta' kabotaġġ.

881 Kif ġie rrilevat fil-punt 322 ta' din is-sentenza, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax għalhekk titqies li hija, fiha nnifisha, kuntrarja għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li twassal għal konsegwenzi differenti għal ċerti operaturi ekonomiċi, meta din is-sitwazzjoni tkun il-konsegwenza ta' kundizzjonijiet ta' operat differenti li jinsabu fihom u mhux ta' inugwaljanza fid-dritt inerenti għad-dispożizzjoni kkontestata.

882 Il-konstatazzjonijiet preċedenti ma jistgħux jiddaħħlu inkwistjoni, qabel kollox, mill-argument tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Rumanija fis-sens li l-perijodu ta' stennija jqassam mill-ġdid artifiċjalment is-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u jillimita l-opportunitajiet kummerċjali tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu, skont dawn l-Istati Membri rikorrenti, fil-"periferija tal-Unjoni" u f'dawk ta' daqs żgħir, b'tali mod li jqiegħed, *de facto*, lil dawn l-impriżi f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-impriżi li huma stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"parti ċentrali jew tal-Punent tal-Unjoni".

883 Fil-fatt, tali argument huwa bbażat, essenzjalment, fuq il-kunsiderazzjoni, minn naħa, li l-bżonnijiet ta' trasport jeżistu fuq kollox, skont l-imsemmija Stati Membri rikorrenti, fil-"parti ċentrali u tal-Punent tal-Unjoni" u, min-naħa l-oħra, li l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni" u f'dawk ta' daqs żgħir iwettqu l-parti l-kbira tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ tal-Unjoni, filwaqt li l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra jwettqu prinċipalment operazzjonijiet ta' trasport fi ħdan l-Istat Membru tagħhom stess.

884 Issa, għandu jiġi osservat li l-eventwali differenza fl-impatt bejn l-impriżi tat-trasport skont l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom tirriżulta, fi kwalunkwe każ, min-natura differenti tal-operazzjonijiet imwettqa, li hija riflessa fl-Artikolu 91(1)(b) TFUE li minnu jirriżulta li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, jiġifieri dawk imwettqa fi Stat Membru minn trasportatur mhux stabbilit fih, għandhom jiġu distinti mill-operazzjonijiet ta' trasport purament nazzjonali, jiġifieri dawk imwettqa fi Stat Membru minn trasportatur stabbilit fih.

885 Għaldaqstant, ma jistax jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni l-fatt li operazzjonijiet ta' trasport imwettqa fi Stat Membru partikolari huma suġġetti għal regoli distinti meta dawn jikkostitwixxu operazzjonijiet differenti, f'dan il-każ skont jekk humiex operazzjonijiet ta' kabotaġġ jew operazzjonijiet ta' trasport purament nazzjonali.

886 Fir-rigward tal-argument tar-Repubblika ta' Malta li l-perijodu ta' stennija jobbliga lit-trasportaturi Maltin, fl-iskadenza ta' perijodu ta' kabotaġġ, imorru fi Stat Membru ieħor jew jissospendu l-attivitajiet tagħhom matul il-perijodu ta' stennija, għandu jiġi osservat li, minn naħa, il-ħtieġa li wieħed imur fi Stat Membru ieħor kienet diġà tirriżulta mill-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 peress li, skont din id-dispożizzjoni li ma ġietx emendata bir-Regolament 2020/1055, il-vettura għandha titlaq mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti wara l-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ, qabel ma tkun tista' tibda, jekk ikun il-każ, ċiklu ġdid ta' kabotaġġ f'dan l-Istat Membru wara operazzjoni ġdida ta' trasport internazzjonali lejn dan tal-aħħar.

887 Min-naħa l-oħra, kif tfakkar fil-punt 874 ta' din is-sentenza, l-osservanza tal-perijodu ta' stennija ma tirrikjedix li l-impriża tat-trasport ikkonċernata tissospendi kull attività ta' trasport. Fil-fatt, din l-osservanza ma tipprekludix lil din l-impriża milli twettaq operazzjonijiet ta' trasport oħra minbarra operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti wara l-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ f'dan tal-aħħar. Għalhekk, l-argument tar-Repubblika ta' Malta huwa fil-verità bbażat fuq il-premessa li, fl-assenza ta' perijodu ta' stennija, l-impriżi tat-trasport ikkonċernati jkomplu jwettqu tali operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru. Issa, l-imsemmi perijodu ġie preċiżament stabbilit sabiex jipprevjeni dawn l-attivitajiet imwettqa b'mod permanenti jew kontinwu fl-istess Stat Membru ospitanti.

888 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Rumanija u tar-Repubblika ta' Malta dwar l-eżistenza ta' allegat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri, dan l-argument għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk li għadhom kemm ġew esposti peress li huwa bbażat, essenzjalment, fuq il-konsegwenzi indiretti li jirriżultaw mill-allegata diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istess japplika għall-ksur allegat mir-Repubblika tal-Litwanja tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, peress li dan l-Istat Membru ma jsostnix argument distint abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

889 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li ċerti Stati Membri huma indirettament affettwati iktar minn oħrajn mill-imsemmija dispożizzjoni, minkejja li tapplika mingħajr distinzjoni, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja esposta fil-punt 332 ta' din is-sentenza, att tal-Unjoni li jkollu l-għan li jarmonizza r-regoli tal-Istati Membri, sa fejn japplika b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha, ma jistax jitqies li huwa diskriminatorju peress li tali att ta' armonizzazzjoni inevitabbilment joħloq effetti diverġenti skont l-istat preċedenti tal-leġiżlazzjonijiet u tal-prattiki nazzjonali differenti.

890 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jiddaħħlu inkwistjoni mill-allegazzjoni tar-Rumanija, ibbażata fuq l-effett diskriminatorju globali li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet kollha li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" u li huma s-suġġett tat-tliet rikorsi ppreżentati minn dan l-Istat Membru fil-Kawżi C-546/20 sa C-548/20. Fil-fatt, fil-Kawża C-547/20, dan tal-aħħar ma weriex li tirriżulta diskriminazzjoni mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055. Mill-bqija, l-argumenti diretti kontra r-Regolament 2020/1054 u d-Direttiva 2020/1057 għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-motivi u tal-argumenti mressqa, fil-kuntest tar-rikorsi ppreżentati fil-Kawżi C-546/20 u C-548/20, għall-annullament ta' dawn l-atti tad-dritt tal-Unjoni kollha jew ta' parti minnhom.

891 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, it-tielet motiv invokat mir-Repubblika tar-Rumanija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u t-tielet motiv invokat mir-Repubblika ta' Malta, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

c) Fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

892 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tar-raba' motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, issostni li, meta adotta din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 91(1) TFUE.

893 Skont dan l-Istat Membru, dan l-Artikolu 91(1), li jikkostitwixxi l-bażi legali ta' dan ir-regolament, kien jirrikjedi li dan il-leġiżlatur jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsulta mal-KESE u mal-KtR. Il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma kienx jinsab fil-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment, b'tali mod li ma setax jiġi eżaminat minn dawn il-kumitati qabel ma taw l-opinjonijiet rispettivi tagħhom, fit-18 ta' Jannar u fl-1 ta' Frar 2018. Billi ma kkonsultax ulterjorment ma' dawn il-kumitati dwar l-emenda sostanzjali magħmula f'din il-proposta, l-imsemmi leġiżlatur kiser l-imsemmi Artikolu 91(1).

894 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-obbligu ta' konsultazzjoni fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva fi żmien meta, mingħajr ma kien koleġiżlatur, il-Parlament, bħall-KESE u l-KtR illum, kellu rwol konsultattiv. Hija kienet iddeċidiet li r-rekwiżit ta' konsultazzjoni mal-Parlament kien jimplika dak li ssir konsultazzjoni ġdida kull darba li t-test finalment adottat, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, kien jitbiegħed fis-sustanza tiegħu stess minn dak li dwaru l-Parlament kien diġà ġie kkonsultat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 1992, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-65/90, EU:C:1992:325, punt 16).

895 Peress li dan ir-rwol konsultattiv għadu, illum ’il ġurnata, jiġi eżerċitat mill-KESE u mill-KtR, skont l-Artikolu 91(1) TFUE, il-ġurisprudenza msemmija fil-punt preċedenti tapplika b’analoġija għall-obbligu ta’ konsultazzjoni ta’ dawn iż-żewġ kumitati. Għaldaqstant, f’dan il-każ, dawn tal-aħħar kellhom jiġu kkonsultati mill-ġdid dwar l-emenda sostanzjali li kienet tikkonsisti fl-introduzzjoni tal-perijodu ta’ stennija.

896 Skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, huwa ineżatt li jiġi allegat, kif jagħmel il-Parlament, li ma jeżisti ebda preċedent għat-tieni konsultazzjoni mal-kumitati fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva. Bħala eżempju, matul il-proċedura leġiżlattiva dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE (COM(2018) 51 final), kienet ġiet miżjuda dispożizzjoni komplementari mal-bażi legali tal-att ikkonċernat, u dan wassal lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiddeċiedi li jikkonsulta għat-tieni darba lill-KESE.

897 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

898 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 91(1) TFUE jipprevedi li, sabiex titwettaq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 90 TFUE u fid-dawl tal-aspetti speċjali tat-trasport, il-Parlament u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-KESE u mal-KtR, għandhom jistabbilixxu, b’mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni ta’ trasportaturi mhux residenti għall-operazzjonijiet ta’ trasport nazzjonali fi Stat Membru.

899 Għandu jiġi kkonstatat li minn din id-dispożizzjoni ma jirriżultax li l-KESE u l-KtR għandhom jiġu kkonsultati mill-ġdid f’każ ta’ emenda prevista għal proposta għal att leġiżlattiv.

900 Ir-Repubblika tal-Bulgarija madankollu ssostni li l-obbligu ta’ konsultazzjoni mal-KESE u mal-KtR jirriżulta f’dan il-każ mill-applikazzjoni b’analoġija tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tas-16 ta’ Lulju 1992, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-65/90, EU:C:1992:325), li ppreċiżat il-portata tar-rwol konsultattiv li l-Parlament kien jeżerċita, f’dak iż-żmien, fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva.

901 Skont din il-ġurisprudenza, l-obbligu li l-Parlament jiġi kkonsultat matul il-proċedura leġiżlattiva, fil-każijiet previsti fit-Trattat, jimplika li dan jiġi kkonsultat mill-ġdid kull darba li t-test finalment adottat, meqjus fl-intier tiegħu, jitbiegħed, fis-sustanza tiegħu stess, minn dak li fir-rigward tiegħu l-Parlament ikun diġà ġie kkonsultat, ħlief fil-każijiet fejn l-emendi jikkorrispondu, essenzjalment, għal xewqa espressa mill-Parlament stess (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta’ Lulju 1992, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-65/90, EU:C:1992:325, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan ir-rekwiżit ta’ konsultazzjoni regolari mal-Parlament huwa kkunsidrat bħala formalità essenzjali li n-nuqqas ta’ osservanza tagħha jwassal għan-nullità tal-att ikkonċernat (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta’ Lulju 1995, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-21/94, EU:C:1995:220, punt 17).

902 Madankollu, mingħajr ma hemm lok li jiġi eżaminat jekk, sa fejn jintroduċi l-perijodu ta’ stennija, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikkostitwixxix emenda sostanzjali għall-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment, għandu jiġi rrilevat, kif isostnu l-Parlament u l-Kunsill, li l-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 900 u 901 ta’ din is-sentenza ma hijiex trasponibbli għall-obbligu ta’ konsultazzjoni mal-KESE u mal-KtR, previst fl-Artikolu 91(1) TFUE.

903 Fil-fatt, sabiex ikklassifikat ir-rekwiżit li ssir konsultazzjoni ġdida mal-Parlament bħala formalità essenzjali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ir-rekwiżit kien jirriżulta mill-fatt li l-parteċipazzjoni effettiva tal-Parlament fil-proċess leġiżlattiv kienet tirrappreżenta element essenzjali tal-bilanċ istituzzjonali mixtieq mit-Trattat u li din il-kompetenza kienet tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju demokratiku fundamentali, li jgħid li l-popli għandhom jipparteċipaw fl-eżerċizzju tal-poter permezz ta' assemblea rappreżentattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 1997, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-392/95, EU:C:1997:289, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma japplikawx b'mod simili għall-KESE u għall-KtR.

904 L-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li l-KESE u l-KtR, minn naħa, u l-Parlament, min-naħa l-oħra, jokkupaw postijiet distinti fi ħdan il-bilanċ istituzzjonali tal-Unjoni. Fil-fatt, filwaqt li l-Parlament jinsab fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, elenkati fl-Artikolu 13(1) TUE, dawn il-kumitati jaqgħu, wieħed minnhom, taħt l-Artikoli 301 sa 304 TFUE u, l-ieħor, taħt l-Artikoli 305 sa 307 TFUE, li jinsabu fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I tas-Sitt Parti tat-Trattat FUE, intitolat "Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni".

905 It-tieni nett, l-Artikolu 10 TUE jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[i]l-funzjonament ta' l-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva". Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jippreċiża, minn naħa, li, fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rrappreżentati direttament fil-Parlament u, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri huma rrappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kap ta' Stat jew ta' Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, li huma stess huma responsabbli demokratikament, kemm quddiem il-parlamenti nazzjonali tagħhom, kif ukoll quddiem iċ-ċittadini tagħhom. Għall-kuntrarju, l-imsemmi artikolu ma jagħtix funzjoni ta' rappreżentanza demokratika lill-KESE u lill-KtR.

906 Minn dan isegwi li r-Repubblika tal-Bulgarija ma hijiex fondata meta tinvoka l-ġurisprudenza dwar l-obbligu li ssir konsultazzjoni ġdida mal-Parlament matul il-proċedura leġiżlattiva sabiex issostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser f'dan il-każ l-Artikolu 91(1) TFUE.

907 Din il-konklużjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-allegazzjoni ta' dan l-Istat Membru li jeżisti preċedent, dwar il-proċedura leġiżlattiva dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE (COM(2018) 51 final), li juri l-eżistenza ta' obbligu li ssir konsultazzjoni ġdida mal-KESE u mal-KtR.

908 Fil-fatt, kif isostni ġustament il-Kunsill, għandha ssir distinzjoni, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 304 u skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 307 TFUE, bejn il-każijiet "meta hekk jipprovdu t-Trattati", li fihom il-konsultazzjoni mal-KESE u mal-KtR hija obbligatorja, u każijiet oħra li fihom din il-konsultazzjoni hija fakultattiva u titħalla fid-diskrezzjoni tal-Parlament, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, bħalma huwa l-każ hawnhekk.

909 Minn dan isegwi li ebda obbligu li ssir konsultazzjoni ġdida ma' dawn il-kumitati ma jista' jiġi dedott minn proċedura preċedenti li fiha waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qieset li kien opportun li ssir konsultazzjoni ġdida ma' wieħed minnhom.

910 Għaldaqstant, ir-raba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

d) Fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

911 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tat-tielet motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ħames motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika ta' Malta, permezz tal-ewwel motiv tagħha, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tat-tieni u tat-tielet motiv tagħha, isostnu li, meta adotta l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE, ikkunsidrat waħdu għar-Repubblika ta' Malta, jew minn din id-dispożizzjoni u mill-Artikolu 94 TFUE. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tallega, barra minn hekk, ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3(3) TUE.

912 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser l-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 94 TFUE, minħabba effetti dannużi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg fil-Bulgarija u, b'mod ġenerali, fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, kif ukoll fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport.

913 Ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li tali effetti huma l-konsegwenza taż-żieda fin-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport mingħajr tagħbija u fl-ispejjeż li jirriżultaw minn dan. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-introduzzjoni tal-perijodu ta' stennija ser toħloq spejjeż sinjifikattivi għat-trasportaturi mhux biss fil-Bulgarija iżda wkoll fl-Istati Membri kollha li t-trasportaturi tagħhom iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ, fejn dan l-Istat Membru jinvoka, abbażi tal-istudji msemmija fil-punti 772 u 796 ta' din is-sentenza, tnaqqis sa 31 % minn issa sal-2035 fin-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-Unjoni u spiża annwali għat-trasportaturi Belġjani li tista' tilħaq l-EUR 24 miljun.

914 Minħabba f'hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni la ħa inkunsiderazzjoni l-importanza tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u lanqas is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, u b'hekk kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) TUE.

915 Dawn il-konsegwenzi ġew stabbiliti kemm mir-Repubblika tal-Bulgarija kif ukoll minn Stati Membri oħra. Madankollu, ma saret ebda valutazzjoni komplementari sabiex jiġi ddeterminat kif il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll il-provvista tas-servizzi tat-trasport stess kienu ser jiġu affettwati u ma saret ebda konsultazzjoni mal-KESE jew mal-KtR f'dan ir-rigward.

916 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni li ma ħax inkunsiderazzjoni l-impatt tal-miżura prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja tippreċiża li, minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, l-obbligu tiegħu li jieħu inkunsiderazzjoni ċerti effetti tal-miżuri li huwa jadotta ma jistax ikun limitat sempliċement għat-teħid ta' konjizzjoni tagħhom, għaliex inkella l-Artikolu 91(2) TFUE jiġi mċaħħad mill-effettività tiegħu.

917 L-ewwel nett, skont ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent jindika, fil-paġna 13, li n-numru ta' persuni li jaħdmu fis-settur tat-trasport huwa ħafna ogħla fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni milli fl-Istati Membri li jinsabu fil-parti ċentrali u tal-Punent tagħha. Għaldaqstant, l-effetti negattivi tal-perijodu ta' kabotaġġ previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg ser ikunu ikbar f'dawn l-ewwel Stati Membri u kienu ser jirriżultaw f'telf ta' impjiegi kif ukoll f'migrazzjoni tal-ħaddiema.

918 F'dan ir-rigward, filwaqt li, qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055, kien possibbli li jitwettqu tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ kull sebat ijiem, l-introduzzjoni ta' dan il-perijodu ta' stennija għandha l-konsegwenza li l-istess numru ta' operazzjonijiet ikun jista' jitwettaq biss kull ħdax-il jum. Dan iwassal għal tnaqqis fil-volum tal-attivitajiet tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u, għaldaqstant, għal tnaqqis fil-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'dawn l-Istati Membri.

919 Bħala eżempju, fil-Litwanja, kif jirriżulta mill-artiklu tal-istampa speċjalizzata intitolat "*Lithuania challenges the Mobility Package at the EU court*" ("Il-Litwanja tikkontesta l-Pakkett dwar il-mobbiltà quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja"), sa 35 000 ħaddiem tal-impriżi tat-trasport jirriskjaw li jitilfu l-impjieg tagħhom.

920 It-tieni nett, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ser ikollu konsegwenzi gravi fuq l-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li huma gżira li, bħar-Repubblika ta' Malta, jiddependu ħafna fuq il-komunikazzjonijiet marittimi u fuq rotot tat-trasport multimodali, konsegwenzi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx f'pożizzjoni li jieħu inkunsiderazzjoni. Jekk it-trasportaturi Maltin jiġu obbligati jissospendu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom għal erbat ijiem, dan ser iwassal sabiex l-attivitajiet ta' trasport tagħhom jiġu pparalizzati arbitrarjament, sabiex jikkonformaw ruħhom ma' regola li kienet maħsuba għal operazzjonijiet reali ta' kabotaġġ, iżda mhux għat-trasportaturi stabbiliti fi Stati Membri li huma gżira u li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fil-kontinent.

921 It-traġitt marittimu bejn Malta u l-kontinent huwa kopert prinċipalment minn bastimenti li jittrasportaw semitrejlers iktar milli minn vetturi sħaħ. Għalkemm it-trasportaturi Maltin ma humiex interessati fl-operazzjonijiet ta' kabotaġġ kif iddefiniti fir-Regolament Nru 1072/2009, jiġifieri l-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali fi Stat Membru ieħor, l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom fl-Italja xorta waħda huma kkwalifikati teknikament bħala tali. Fil-fatt, dan ir-regolament ma jikkunsidrax it-trasport ta' merkanzija bil-baħar minn Malta lejn l-Italja bħala "trasport internazzjonali", fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tiegħu, b'tali mod li t-trasport ta' semitrejler bejn port Taljan u post ieħor fl-Italja jitqies bħala operazzjoni ta' kabotaġġ.

922 Billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni n-natura speċifika u singulari tal-Istati Membri li huma gżira, bħalma hija Malta, din id-definizzjoni teskludi b'mod ċar lit-trasportaturi Maltin mill-benefiċċju tad-drittijiet marbuta mal-provvista ta' servizzi ta' trasport internazzjonali.

923 Kif juri l-istudju mwettaq minn KPMG, intitolat "*Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Project – Market study: An impact assessment of Mobility Package I*" ("Il-Ministeru għat-Trasport, għall-Infrastruttura u għall-Proġetti ta' Investiment – Studju tas-suq: valutazzjoni tal-impatt tal-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà"), il-perijodu ta' stennija ser ikollu riperkussjonijiet gravi fuq l-attivitajiet tat-trasportaturi Maltin. Sa fejn, b'mod partikolari, iżid il-miżuri loġistiċi tal-impriżi tat-trasport ta' Stat Membru gżira li jeżerċitaw prinċipalment

l-attivitajiet ta' trasport tagħhom fil-kontinent, iżid l-ispejjeż tat-trasport u jippreġudika l-effettività tal-operazzjonijiet ta' trasport, dan il-perijodu ta' stennija jhedded l-attività tas-settur Malti tat-trasport internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 91(2) TFUE.

924 It-tielet nett, ir-Repubblika tal-Polonja, peress li tqis li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ser iwassal għal tnaqqis fil-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u ser jaffettwa l-infrastruttura tat-trasport, tirreferi għall-argument li hija żviluppat insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, fis-sens li l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi ser iwassal għal vjaġġi addizzjonali mingħajr tagħbija, u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni ekonomika.

925 Għalhekk, il-perijodu ta' stennija jista' jwassal għall-irtirar mis-suq tat-trasportaturi li ma jkunux iktar f'pożizzjoni li jeżerċitaw attività bi qligħ. Dan iwassal għat-telf ta' impjiegi fis-settur tat-trasport f'dawn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, ma tteħidx inkunsiderazzjoni l-fatt li 90 % tal-impriżi tat-trasport jimpjegaw inqas minn għaxar persuni u li s-SMEs jirrappreżentaw 55 % tal-persuni li jaħdmu fis-settur tat-trasport, filwaqt li l-konsegwenzi ta' dan il-perijodu ta' stennija huma partikolarment negattivi għal dawn l-impriżi tat-trasport. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li s-sehem ta' dan is-settur fl-ekonomija tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni huwa ogħla minn dak tal-Istati Membri l-oħra, b'tali mod li t-telf ta' impjiegi ser ikun partikolarment ta' ħsara fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

926 Il-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas ma ħa inkunsiderazzjoni ż-żieda tat-traffiku fit-toroq li tirriżulta mill-miżura inkwistjoni, li għandha l-effett li żżid il-konġestjoni fit-toroq u li taggrava d-degradazzjoni tal-istat tal-infrastruttura tat-toroq. F'dan il-kuntest, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-"liġi tar-raba' potenza", li turi l-impatt tal-vetturi fuq l-infrastruttura tat-toroq u li skontha l-effett ta' deterjorament tat-toroq jiżdied b'mod esponenzjali, b'potenza ta' erbgħa, biż-żieda fil-piż tal-vettura. Għalkemm it-trakkijiet huma inqas numerużi mill-vetturi privati, l-impatt tagħhom fuq l-infrastruttura huwa għalhekk ħafna ikbar. Barra minn hekk, iż-żieda fit-traffiku fit-toroq hija ta' ħsara għall-kwalità tal-ħajja fiż-żoni li jinsabu qrib il-konnessjonijiet prinċipali ta' trasport.

927 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-emendi legali li jikkonċernaw it-trasport bit-triq ser iwasslu għal żieda ta' 19 %, bħala medja, fin-numru ta' aġir riskjuż tax-xufiera, b'rabta mal-possibbiltà ta' ksur tal-liġi.

928 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 94 TFUE, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li, meta adotta l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tal-impriżi tat-trasport.

929 Minħabba evalwazzjoni insuffiċjenti tas-sitwazzjoni tas-suq tat-trasport fl-Unjoni kif ukoll tal-partikolaritajiet ġeografiċi rilevanti tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda dan is-suq, ma tteħditx inkunsiderazzjoni d-degradazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u f'dawk ta' daqs żgħir, b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-perijodu ta' stennija previst f'din id-dispożizzjoni. L-Istati Membri rikorrenti jfakkru, f'dan ir-rigward, li s-sehem tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-attività ta' trasport globali ta' impriża tat-trasport huwa ħafna ogħla għal dawk it-trasportaturi milli għal dawk stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni.

930 Sabiex issostni l-argument dwar effett ta' esklużjoni mis-suq tal-imsemmija trasportaturi, li jirriżulta mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika tal-Litwanja tibbaża ruħha, barra minn hekk, fuq l-elementi, esposti fil-punti 772 u 796 ta' din is-sentenza, misluta mill-Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent kif ukoll mill-istudju, imsemmi fl-artiklu tal-istampa speċjalizzata, intitolat "Il-Belġjani ma humiex kuntenti bl-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà. Fil-fehma tagħhom, id-dispożizzjonijiet tiegħu ser iwasslu għal telf anki għall-impriżi tagħhom".

931 Ir-Repubblika tal-Polonja tenfasizza li l-perijodu ta' stennija ser iwassal, minħabba l-konsegwenzi negattivi tiegħu għall-maġġoranza kbira tal-impriżi tat-trasport, għal riskju probabbli ta' falliment ta' numru minnhom jew ta' rilokazzjoni fi Stati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jippreċiża li ma tteħidx inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn il-konsegwenzi ser ikunu partikolarment negattivi għas-SMEs, filwaqt li dawn l-impriżi jirrappreżentaw 90 % tal-impriżi tat-trasport.

932 Barra minn hekk, skont ir-Repubblika tal-Polonja, l-adozzjoni tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 matul il-pandemija tal-COVID-19 tikkonferma li s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi ma tteħditx inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, l-effetti ekonomiċi ta' dan il-pandemija nħassu b'mod partikolari fis-settur tat-trasport peress li dan huwa espost għat-tnaqqis fid-domanda u għar-restrizzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri interni introdotti mill-ġdid mill-Istati Membri. Issa, dawn l-effetti kienu diġà preżenti matul il-proċedura leġiżlattiva.

933 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn il-motivi ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

934 Fl-ewwel lok, għandu jiġi miċħud l-argument invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, peress li, kif jirriżulta mill-punti 423 u 424 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 3(3) TUE ma jagħmilx parti mill-parametri li jippermettu li tiġi evalwata l-konformità mad-dritt primarju ta' dispożizzjoni tad-dritt sekondarju. L-istess japplika għall-Artikolu 90 TFUE, li jipprovdi li l-għanijiet tat-Trattati għandhom jintlaħqu, fil-qasam tat-trasport, "fil-kwadru ta' politika komuni tat-trasport".

935 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika ta' Malta u tar-Repubblika tal-Polonja, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni, meta jadotta miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li jkollhom bħala għan it-twettiq tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport fid-dawl tal-aspetti speċjali tiegħu, il-każijiet fejn l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tista' taffettwa b'mod gravi l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport.

936 Peress li r-Regolament 2020/1055 ġie adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, bażi legali din li ma hijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, dan tal-aħħar kellu jieħu inkunsiderazzjoni, meta adotta l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

937 F'dan ir-rigward, kif ġie rrilevat fil-punti 393 sa 396 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 91(2) TFUE jimponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta jadotta miżuri abbażi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 91, l-obbligu li "jittieħed kont" tal-impatt tagħhom fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, li jaqa' fil-kuntest usa'

ta' bbilanċjar tad-diversi għanijiet u interessi inkwistjoni. Barra minn hekk, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 285 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-użu tal-espressjoni "b'mod gravi" jindika li l-imsemmija dispożizzjoni teħtieġ livell sinjifikattiv ta' impatt tal-miżuri inkwistjoni fuq dawn il-parametri u mhux sempliċi effett.

938 Għalhekk, mill-Artikolu 91(2) TFUE jirriżulta li l-impatti gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport ma jikkostitwixxux limiti assoluti fir-rigward tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport għall-adozzjoni ta' miżuri f'dan ir-rigward, kemm-il darba jieħu inkunsiderazzjoni dawn l-elementi.

939 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-impatti li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' miżura bbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat jieħu inkunsiderazzjoni b'mod ibbilanċjat id-diversi interessi inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minnu. Għalhekk, is-sempliċi fatt li dan tal-aħħar għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-livell tal-għajxien kif ukoll tal-impjieg f'ċerti reġjuni u, għaldaqstant, l-interessi ekonomiċi tal-impriżi tat-trasport ma jipprekludix li dawn tal-aħħar ikunu s-suġġett ta' miżuri vinkolanti (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

940 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 91(2) TFUE jirrifletti, essenzjalment, l-obbligu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jaġixxi b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità billi jadotta miżuri li jkunu adatti sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, li ma jmorrux manifestament lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u li jkunu proporzjonati fir-rigward tal-imsemmi għan.

941 Issa, diġà ġie kkonstatat, fil-punt 859 ta' din is-sentenza, li l-motivi u l-argumenti mqajma mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Repubblika ta' Malta u mir-Repubblika tal-Polonja, ibbażati fuq ksur, mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ma jippermettux li jitqies li kien hemm ksur ta' dan il-prinċipju.

942 Barra minn hekk, sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija tilmenta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kkonsultax mill-ġdid mal-KESE u mal-KtR qabel ma adotta l-miżura dwar il-perijodu ta' stennija, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet esposti fil-punti 898 sa 910 ta' din is-sentenza.

943 Barra minn hekk, minbarra l-fatt li l-argumenti mqajma fil-kuntest tal-eżami tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ġew miċħuda, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja ma pprovdew, insostenn ta' dawn il-motivi u argumenti li permezz tagħhom jallegaw ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ebda element addizzjonali ta' natura li jissostanzja l-allegazzjonijiet tagħhom fis-sens li l-perijodu ta' stennija kellu impatt gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjiegi f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir ta' trasport, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni meta stabbilixxa dan il-perijodu, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni.

944 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-impatt tal-miżura prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 dwar il-livell tal-għajxien u tal-impjieg, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-perijodu ta' stennija ser ikollu effett dannuż fl-Istati Membri li jinsabu, fil-fehma tagħha, fil-"periferija tal-Unjoni" sa fejn dan il-perijodu ser jippermetti biss li jitwettqu tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ kull ħdax-il jum u mhux iktar kull sebat ijiem kif kienet tipprevedi

l-leġiżlazzjoni preċedenti. Madankollu, kif ġie espost fil-punti 832 u 833 ta' din is-sentenza, dan il-perijodu ta' stennija ma jċaħħadx lill-impriżi tat-trasport mill-possibbiltà li jkomplu l-attivitajiet tagħhom fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport oħra li ma jkunux operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, b'mod partikolari operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti ieħor. Barra minn hekk, kif isostni ġustament il-Kunsill, u kif ġie rrilevat fil-punti 834 u 835 ta' din is-sentenza, anki qabel l-emendi introdotti bir-Regolament 2020/1055, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 kien diġà jimplika li, bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ, ċertu perijodu ta' żmien kellu jiġi ddedikat għat-twettiq mill-vettura kkonċernata ta' trasport internazzjonali qabel ma jinbeda ċiklu ġdid ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

945 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda r-riskju li 35 000 ħaddiem jitilfu l-impjieg tagħhom fis-settur tat-trasport Litwan, minbarra l-fatt li dan l-argument huwa ta' natura ipotetika, mill-artiklu tal-istampa speċjalizzata li minnu hija misluta din l-istima jirriżulta li din hija bbażata fuq dikjarazzjoni tal-Ministru għat-Trasport u għall-Komunikazzjonijiet Litwan. Issa, fi kwalunkwe każ, tali dikjarazzjoni ma tistax tkun biżżejjed sabiex jintwera impatt gravi fuq l-impjieg.

946 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar eventwali impatt gravi fuq l-impjieg tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, għandu jiġi osservat li dan l-Istat Membru ma jorbotx l-allegazzjoni tiegħu, fis-sens li din il-miżura tista' timplika l-irtirar tat-trasportaturi mis-suq minħabba li ma jkunux iktar f'pożizzjoni li jeżerċitaw attività profittabbli, ma' preċiżazzjonijiet meħtieġa li jippermettu li tiġi evalwata l-fondatezza tagħha. Fil-fatt, dan l-Istat Membru jirreferi mill-ġdid, insostenn tal-argument tiegħu, għall-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, li jikkonsistu fit-twettiq ta' vjaġġi addizzjonali mingħajr tagħbija, mingħajr ma jispjega kif dawn il-konsegwenzi japplikaw ukoll għall-perijodu ta' stennija.

947 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-osservanza ta' dan il-perijodu ta' stennija ma timponix, bħala tali, vjaġġi addizzjonali. Tali perijodu jeżiġi biss li l-impriża tat-trasport ikkonċernata li ma jkollhiex l-intenzjoni li timmobilizza l-vettura matul il-perijodu ta' stennija twettaq biss, matul dan il-perijodu, operazzjonijiet ta' trasport oħra li ma jkunux operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti li setgħu jitwettqu fl-assenza tal-imsemmi perijodu.

948 Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kull element konkret ta' natura li jissostanzja l-fondatezza tiegħu, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-impatt tal-perijodu ta' stennija fuq il-livell tal-impjieg għandu wkoll jiġi kkunsidrat li huwa ta' natura spekulattiva.

949 It-tieni nett, fir-rigward tal-impatt tal-miżura prevista fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport u fuq il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni li jinsabu qrib il-konnessjonijiet prinċipali tat-trasport, għandu jiġi miċħud, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 947 ta' din is-sentenza, l-argument żviluppat mir-Repubblika tal-Polonja u bbażat fuq il-fatt li l-perijodu ta' stennija ser iwassal għal żieda sinjifikattiva tat-traffiku fit-toroq. Bl-istess mod, tali impatt lanqas ma jista', evidentement, jirriżulta minn perijodu ta' immobilizzazzjoni tal-vettura fl-eventwalità li jkun impossibbli li jitwettqu, matul dan il-perijodu ta' stennija, operazzjonijiet ta' trasport oħra li ma jkunux operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti.

950 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argumenti invokati mir-Repubblika tal-Polonja dwar iż-żieda fin-numru ta' aġir riskjuż li allegatament ser jirriżulta mill-imsemmi perijodu, dawn l-argumenti huma ta' natura spekulattiva, b'tali mod li ma jippermettux li jintwera ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

951 It-tielet nett, sa fejn ir-Repubblika ta' Malta għandha l-intenzjoni ssostni li l-perijodu ta' stennija jikser l-Artikolu 91(2) TFUE sa fejn il-klassifikazzjoni ta' operazzjoni ta' trasport partikolari bħala operazzjoni ta' trasport internazzjonali jew bħala operazzjoni ta' kabotaġġ ma tiħux inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ġeografika speċifika ta' Malta, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, kif jirrileva l-Parlament u kif jirrikonoxxi dan l-Istat Membru, tali klassifikazzjoni tirriżulta mid-definizzjonijiet li jinsabu fil-punti 2 u 6 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1072/2009, dispożizzjonijiet li ma ġewx emendati bir-Regolament 2020/1055 u li, fi kwalunkwe każ, jikkonċernaw kwistjoni distinta minn dik tal-perijodu ta' stennija. Għaldaqstant, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali argument ma jistax juri ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

952 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika tal-Polonja, ibbażati fuq allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni, li tipprovdi li kull miżura "dwar prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", meħuda fil-kuntest tat-Trattati, għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi, hija irrilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jistabbilixxi perijodu ta' stennija bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru, ma jirregolax il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri, iżda l-modalitajiet li skonthom trasportatur ikun jista', wara l-iskadenza tal-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti, jibda ċiklu ġdid ta' kabotaġġ f'dan l-istess Stat Membru ospitanti.

953 Għaldaqstant, it-tielet motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, il-ħames motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika ta' Malta kif ukoll it-tieni u t-tielet motiv invokati mir-Repubblika tal-Polonja għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

e) Fuq ksur tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE

1) L-argumenti tal-partijiet

954 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel parti tat-tieni motiv tagħha, issostni li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser l-Artikolu 26 TFUE, minħabba li l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tirrestrinġi l-funzjonament tas-suq intern u tillimita l-effikaċja tal-katina loġistika.

955 Il-fatt li l-għan li jinkiseb suq intern, stabbilit fl-Artikolu 26 TFUE, jiġi implimentat u ppreċiżat minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati ma għandux l-effett li jċaħħad lil dan l-artikolu mir-rilevanza, kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-27 ta' April 2017, Pinckernelle (C-535/15, EU:C:2017:315, punti 43 u 44).

956 Għalhekk, minkejja li l-politika komuni tat-trasport hija speċifikament irregolata mit-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, il-prinċipji tas-suq intern japplikaw bħala prinċipju fil-qasam tat-trasport, peress li din il-politika komuni għandha biss l-għan li tikkompleta u timplimenta b'mod iktar effettiv, f'dan il-qasam, il-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi li fuqha hija bbażata l-imsemmija politika komuni.

957 Issa, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jippermettix li jintlaħaq l-għan imfittex minn dan ir-regolament, relatat mal-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, peress li jwassal ir-restrizzjonijiet għall-kabotaġġ f'livell tali li jdaħħal inkwistjoni b'mod fundamentali l-għan tas-suq uniku. F'dan ir-rigward, il-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 2/2, p. 48) enfasizza l-ħtieġa li jinżamm il-livell ta' liberalizzazzjoni diġà milħuq, filwaqt li indika li l-għan tal-emendi li kellhom isiru fil-leġiżlazzjoni ma kienx li jinbidel il-livell ta' liberalizzazzjoni eżistenti, iżda li tittejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli f'dan il-qasam. Barra minn hekk, il-premessa 20 tal-imsemmi regolament tiddikjara wkoll li għandu jinżamm il-livell ta' liberalizzazzjoni milħuq sal-lum.

958 Ir-restrizzjoni tal-provvista ta' servizzi ta' trasport mit-trasportaturi mhux residenti tikkostitwixxi ostakolu fundamentali għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 70 tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220), li l-Kunsill kien kiser it-Trattati billi naqas milli jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess mit-trasportaturi mhux residenti għall-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali fi Stat Membru.

959 It-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 17), iffirmat mir-Repubblika tal-Litwanja fis-16 ta' April 2003 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, ippreveda ftuħ tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni għat-trasportaturi stabbiliti fil-Litwanja u t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għall-provvista ta' servizzi, mit-trasportaturi Litwani, fi Stati Membri oħra f'terminu ta' mhux iktar minn ħames snin, li beda jiddekorri mid-data tal-adeżjoni. Mis-sħubija tagħha fl-Unjoni, ir-Repubblika tal-Litwanja tistenna leġiżlazzjoni li tiżgura suq liberu u miftuħ. Issa, il-perijodu ta' stennija jżid ir-restrizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi fil-qasam tat-trasport bit-triq.

960 Barra minn hekk, fil-White Paper tagħha intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (KUMM(2011) 144 finali, p. 12 u 21), il-Kummissjoni identifikat l-għan "ta' ftuħ akbar tas-swieq tat-trasport bit-triq" u, fuq quddiem nett, l-għan ta' "eliminazzjoni tar-r-restrizzjonijiet li għad fadal fuq il-kabotaġġ".

961 Għaldaqstant, il-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 mhux biss huwa inkompatibbli ma' dawn l-għanijiet, iżda jostakola wkoll, b'mod fundamentali, il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tat-trasport, peress li jwassal għal diskriminazzjoni indiretta fir-rigward tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u ta' daqs żgħir.

962 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma għandhiex, fl-assenza ta' raġunijiet oġġettivi, tvarja skont is-settur ta' attività kkonċernat. Issa, fis-settur tat-trasport bl-ajru, ir-restrizzjonijiet kollha għall-kabotaġġ tneħħew sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' dan is-settur u sabiex jittejbu s-servizzi offruti lill-utenti. Fis-settur tat-trasport bit-triq, għall-kuntrarju, il-liberalizzazzjoni mistennija wasslet għal miżuri ta' għeluq tas-suq tal-Istati Membri għat-trasportaturi mhux residenti, u dan jipprekludi l-iżvilupp tas-settur u l-ottimizzazzjoni tas-servizzi.

963 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel parti tas-seba' motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, issostni li din id-dispożizzjoni tikser l-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE.

964 Skont dan l-Istat Membru, il-perijodu ta' stennija previst f'dan il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 jirrestrinġi b'mod kunsiderevoli l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport li l-politika komuni tat-trasport tiggarantixxi lit-trasportaturi.

965 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li, kif jirriżulta mill-punti 64 u 65 tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220), minn naħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat, skont l-Artikolu 91(1)(a) u (b) TFUE, jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport u, fid-dawl tar-rekwiżiti marbuta mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jelimina kull forma ta' diskriminazzjoni fir-rigward tal-fornitur ta' servizzi, minħabba n-nazzjonalità tiegħu jew minħabba l-fatt li jkun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz. Min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma għandux, fuq dan il-punt, is-setgħa diskrezzjonali li jista' jinvoka f'oqsma oħra tal-politika komuni tat-trasport.

966 Issa, filwaqt li r-Regolament Nru 1072/2009 huwa intiż li jelimina tali diskriminazzjonijiet kif ukoll ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-aċċess għas-swieq tal-Istati Membri fil-kuntest tat-tlestija progressiva tas-suq uniku Ewropew, il-perijodu ta' stennija jerġa' jintroduċi forma ta' diskriminazzjoni u jikkostitwixxi pass lura fl-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport. Il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport.

967 Barra minn hekk, ir-restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport li tirriżulta mill-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma hijiex iġġustifikata minħabba n-natura sproporzjonata ta' din id-dispożizzjoni.

968 Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din il-kwistjoni hija rregolata wkoll mill-Artikolu 56 TFUE, ir-Repubblika tal-Bulgarija tippreċiża li l-motiv tagħha huwa bbażat ukoll fuq dan l-artikolu.

969 Fit-tielet lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni parti tas-seba' motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, issostni li din id-dispożizzjoni, minħabba l-konsegwenzi gravi tagħha fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, għandha titqies li hija miżura li għandha effetti ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, li hija pprojbita skont l-Artikoli 34 u 35 TFUE.

970 Dan l-Istat Membru jfakkar li, skont l-Artikolu 36 TFUE, tali miżura tista' tiġi ġġustifikata biss jekk issegwi ċerti għanijiet u jekk la tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita sew, miżuri nazzjonali li jistgħu jfixklu l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantit

mit-Trattati jew jagħmluh inqas attraenti jistgħu jkunu permessi biss jekk isegwu għan ta' interess pubbliku, ikunu adatti biex jiżguraw li jinkiseb dan l-għan u ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex jinkiseb l-għan imfittex. Issa, għar-raġunijiet invokati fil-kuntest tal-motivi l-oħra tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li l-perijodu ta' stennija previst f'dan il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 huwa sproporzjonat u, għaldaqstant, ma huwiex iġġustifikat.

971 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

972 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-ksur tal-Artikolu 26 TFUE, invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, għandu jitfakkar li, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, "[l]-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tassigura l-funzjonament tas-suq intern, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati", filwaqt li l-paragrafu 2 tiegħu jippreċiża li "[i]s-suq intern għandu jikkomprendi arja bla fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati".

973 Minn dan isegwi li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 678 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 26 TFUE ma jistax jiġi invokat b'mod awtonomu mingħajr ma jiġu injorati l-portata u l-effett utli tad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra tat-Trattat FUE, b'mod partikolari tal-Artikolu 58(1) TFUE. Tali konstatazzjoni tapplika iktar u iktar meta l-miżuri li l-legalità tagħhom tkun qiegħda tiġi kkontestata, f'dan il-każ il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, jirrigwardaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport, li hija suġġetta, fi ħdan id-dritt primarju, għal sistema legali partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2014, International Jet Management, C-628/11, EU:C:2014:171, punt 36).

974 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 352 sa 358 ta' din is-sentenza u kif tirrikonoxxi r-Repubblika tal-Litwanja, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi f'dan il-qasam ma hijiex irregolata mill-Artikolu 56 TFUE, li jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali, iżda mill-Artikolu 58(1) TFUE, dispożizzjoni speċifika li tipprovdi li "[i]l-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport għandu jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura dwar it-trasport", jiġifieri tat-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, liema titolu jinkludi l-Artikoli 90 sa 100 TFUE. B'hekk, l-impriżi tat-trasport għandhom dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi esklużivament sa fejn dan id-dritt ikun ingħatalhom permezz ta' miżuri tad-dritt sekondarju adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-politika komuni tat-trasport, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE.

975 Dan huwa preċiżament l-għan tar-Regolament 2020/1055, adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni, li tipprevedi, b'mod partikolari, fil-punt (b) tagħha, li dan il-leġiżlatur għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess minn trasportaturi mhux residenti għall-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali fi Stat Membru, u li b'hekk tagħmel distinzjoni, kif ġie kkonstatat fil-punt 884 ta' din is-sentenza, bejn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u l-operazzjonijiet ta' trasport purament nazzjonali.

976 Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li, f'dan ir-rigward, huwa irrilevanti l-fatt, enfasizzat mir-Repubblika tal-Litwanja, li, fis-sentenza tas-27 ta' April 2017, Pinckernelle (C-535/15, EU:C:2017:315, punti 42 sa 44), mogħtija fil-kuntest ta' kawża dwar l-esportazzjoni ta' sustanza kimika lejn pajjiż

terz, il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-Artikolu 26 TFUE, interpretat il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq", fis-sens tar-regolament tal-Unjoni kkonċernat minn dik il-kawża u adottat abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, bħala li jirrigwarda s-suq intern.

977 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Bulgarija bbażat fuq ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 832 sa 837 ta' din is-sentenza, il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jistax jitqies li jippreġudika l-livell ta' liberalizzazzjoni milħuq sal-lum il-ġurnata. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried iżomm, permezz tar-Regolament 2020/1055, is-sistema legali tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ applikabbli preċedentement, li kienet diġà teżiġi, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li, bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ, ċertu perijodu ta' żmien jiġi ddedikat għat-twettiq mill-vettura kkonċernata ta' trasport internazzjonali qabel ma jinbeda ċiklu ġdid ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiċċara din is-sistema legali billi jipprevedi miżura addizzjonali fil-forma tal-perijodu ta' stennija, li huwa maħsub sabiex tiġi żgurata n-natura temporanja tal-operazzjoni ta' kabotaġġ, konformement mal-għan imfittex minn dan il-leġiżlatur waqt l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009. Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja li dan il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 jirrestringi l-funzjonament tas-suq intern u jwassal ir-restrizzjonijiet għall-kabotaġġ f'livell tali li jdaħħal inkwistjoni b'mod fundamentali l-għan tas-suq uniku.

978 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li, għalkemm ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni wkoll li l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jillimita l-effikaċja tal-katina loġistika, hija madankollu ma tipproduċi ebda element konkret insostenn ta' din l-allegazzjoni, li għandha, għalhekk, tiġi miċħuda.

979 It-tieni nett, għar-raġunijiet esposti fil-punti 872 sa 891 ta' din is-sentenza, ma jistax jiġi sostnut li din id-dispożizzjoni tinkludi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tikkostitwixxi diskriminazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri li jinsabu, skont dan l-Istat Membru rikorrent, fil-"periferija tal-Unjoni" u ta' daqs żgħir.

980 It-tielet nett, fir-rigward tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220), invokata mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Bulgarija, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punti 67 u 70 ta' din is-sentenza, li l-Kunsill, fil-kwalità tiegħu ta' leġiżlatur mogħtija lilu mit-Trattat KEE, kien kiser it-Trattati billi naqas milli jeżerċita l-kompetenza mogħtija lilu mill-Artikolu 75 tat-Trattat KEE, li sar l-Artikolu 91 TFUE, sabiex jistabbilixxi, fost oħrajn, fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tal-provvisti ta' servizzi fis-settur tat-trasport, il-kundizzjonijiet għall-aċċess minn trasportaturi mhux residenti għall-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali fi Stat Membru.

981 Għaldaqstant, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi invokata b'mod utli f'dan il-każ sabiex tiġi kkontestata l-legalità ta' dispożizzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta preċiżament billi eżerċita l-kompetenzi previsti fl-Artikolu 91 TFUE.

982 Barra minn hekk, sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija tibbaża ruħha b'mod iktar preċiż fuq il-punti 64 u 65 tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220), huwa biżżejjed li jitfakkar li huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dawn iż-żewġ punti, li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat, skont l-Artikolu 75 tat-Trattat KEE, li sar l-Artikolu 91 TFUE, li jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport, u li ma għandux, f'dan ir-rigward, is-setgħa diskrezzjonali li huwa jista' jinvoka f'oqsma oħra tal-politika

tat-trasport. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jeżerċita din il-kompetenza sabiex jiddefinixxi l-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' din il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport, b'mod partikolari għall-finijiet tal-adozzjoni tas-sistema applikabbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, huwa għandu f'dan ir-rigward, u kif tfakkar fil-punti 242 u 247 ta' din is-sentenza, marġni wiesa' ta' evalwazzjoni sabiex jirrikonċilja d-diversi interessi inkwistjoni, marġni ta' evalwazzjoni li, kif ġie kkonstatat fil-kuntest tal-eżami tal-motivi bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ma nqabiżx meta ġie adottat il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

983 Ir-raba' nett, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-Repubblika tal-Litwanja bbażat fuq it-Trattat dwar l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-Istat Membru sempliċement jagħmel allegazzjonijiet ġenerali, mingħajr ma jsemmi d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat li pprevedew it-tneħħija ta' kull restrizzjoni għall-provvista ta' servizzi mit-trasportaturi Litwani fi Stati Membri oħra, jekk ikun il-każ bl-għoti ta' sistema derogatorja lil dawn it-trasportaturi meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE u applikabbli għat-trasportaturi bit-triq tal-Istati Membri l-oħra.

984 Il-ħames nett, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-għanijiet stabbiliti fil-White Paper intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (KUMM(2011) 144 finali, p. 12 u 21), huwa biżżejjed li jitfakkar li din tirriżulta minn komunikazzjoni tal-Kummissjoni u li, għaldaqstant, ma hijiex ta' natura vinkolanti. Minn dan isegwi li l-legalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma tistax tiġi evalwata fid-dawl ta' din il-white paper.

985 Is-sitt nett, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq l-emenda tas-sistema applikabbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fis-settur tat-trasport bl-ajru, dan l-argument għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 836 ta' din is-sentenza.

986 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Bulgarija bbażat fuq ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija, dan l-Istat Membru ma jesponix il-mod kif il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jillimita din il-libertà u lanqas kif l-effetti tiegħu huma ekwivalenti għal allegata restrizzjoni kwantitattiva li jirreferi għaliha dan l-Istat Membru.

987 B'mod partikolari, ħlief għal riferiment għall-Artikoli 34 sa 36 TFUE u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iċ-ċirkustanzi li fihom tali restrizzjoni kwantitattiva tista' titqies li hija ġġustifikata skont l-Artikolu 36 TFUE, l-imsemmi Stat Membru sempliċement jirreferi għall-argumenti invokati fil-kuntest tat-tieni motiv tar-rikors tiegħu, li tqies li huwa infondat fil-punti 859 u 891 ta' din is-sentenza.

988 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati l-ewwel parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja kif ukoll iż-żewġ partijiet tas-seba' motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

f) Fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent

1) L-argumenti tal-partijiet

989 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz taż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tagħha, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-motiv tagħha komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha ta' dan ir-regolament, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tiegħu, isostnu li, meta adotta din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Litwanja tinvoka ksur tal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikoli 11 u 191 TFUE kif ukoll tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tallega, minn naħa, ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE u mal-Artikolu 11 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta u, min-naħa l-oħra, ksur tal-Artikolu 3(5) TUE, tal-Artikolu 208(2) u tal-Artikolu 216(2) TFUE kif ukoll tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta.

990 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li, skont l-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 11 TFUE, l-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 191 TFUE u l-Artikolu 37 tal-Karta, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent kemm fid-determinazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki l-oħra tal-Unjoni minbarra dik dwar il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll fil-kuntest ta' azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Fil-fatt, l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent, stabbilit fl-Artikolu 191 TFUE, la jista' jittieħed inkunsiderazzjoni u lanqas ma jista' jintlaħaq biss mill-miżuri adottati skont l-Artikolu 192 TFUE, fil-kuntest ta' politika distinta u awtonoma. Il-prinċipju ta' integrazzjoni stabbilit fl-Artikolu 11 TFUE jippermetti li l-għanijiet u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent jiġu kkonċiljati mal-interessi u mal-għanijiet l-oħra segwiti mill-Unjoni.

991 Skont ir-Repubblika tal-Polonja, interpretazzjoni fis-sens li l-Artikolu 11 TFUE jikkonċerna oqsma tad-dritt tal-Unjoni, u mhux miżuri partikolari, ma tippermettix li jintlaħaq l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, lanqas ma tista' tiġi adottata interpretazzjoni ta' dan l-artikolu li tippreżumi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun ħa inkunsiderazzjoni l-atti li huwa diġà adotta fil-qasam tal-ambjent meta jadotta leġiżlazzjoni f'qasam differenti mill-ambjent. L-appartenenza tar-Regolament 2020/1055 għal pakkett usa' intiż għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq ma tipprovax li l-impatt ta' dan ir-regolament fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq il-possibbiltà li jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti fid-dokumenti u fl-atti adottati mill-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, kien ittieħed debitament inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, lanqas ma huwa possibbli li jitqies li, ladarba jiġu stabbiliti, l-għanijiet fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jibqgħu invarjabbli, irrispettivament mill-emissjonijiet supplimentari ġġenerati fil-futur minħabba obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni.

992 Ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jaqblu mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punti 59 u 60 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża L-Awstrija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-161/04, EU:C:2006:66), fis-sens li, meta l-interessi ambjentali ma jkunux manifestament ittieħdu inkunsiderazzjoni jew meta jkunu ġew kompletament injorati, l-Artikolu 11 TFUE jista' jservi bħala standard sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità tal-leġiżlazzjoni

tal-Unjoni. Meta jiġi stabbilit li miżura partikolari meħuda mil-leġiżlatur tal-Unjoni għandha l-effett li tippreġudika t-twettiq tal-għanijiet stabbiliti minnu f'atti oħra tad-dritt sekondarju adottati fil-qasam tal-ambjent, dan il-leġiżlatur ikun obbligat li jibbilanċja l-interessi kunfliġġenti u li jagħmel, jekk ikun il-każ, emendi adegwati għall-atti applikabbli fil-qasam tal-ambjent.

993 F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jwettaq dan l-obbligu sa fejn ma eżaminax l-impatt tal-miżuri previsti fir-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari tal-perijodu ta' stennija, fuq ir-rekwiżiti fil-qasam tal-ambjent.

994 Ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li, għalkemm l-assenza ta' impatt pożittiv fuq l-ambjent ta' miżura partikolari ma tikkostitwixxix fiha nnifisha ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, il-miżuri previsti fir-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari dan il-perijodu ta' stennija, jikkompromettuhom manifestament, u b'hekk jistgħu jirrendu inutli diversi miżuri oħra intiżi li jipproteġu l-ambjent u li jnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu.

995 Ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu, b'mod partikolari, li l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fir-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari l-imsemmi perijodu ta' stennija, toħloq vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, inklużi vjaġġi mingħajr tagħbija, li minnhom jirriżultaw emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi li jikkawżaw diversi problemi ta' saħħa. Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, dawn l-inkonvenjenzi jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-obbligu, għall-vetturi, li jitilqu mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti wara ċiklu ta' kabotaġġ, minħabba l-perijodu ta' stennija.

996 Dawn l-Istati Membri jesponu li, skont l-istudju mwettaq mill-ECIPE, intitolat "4 miljun tunnellati ta' CO_2 addizzjonali minħabba l-proposta għal regoli tal-Unjoni dwar il-kabotaġġ fil-pakkett dwar il-mobbiltà", u skont l-Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent, li twettqu abbażi tal-kalkoli mwettqa minn KPMG għas-settur Bulgaru tat-trasport internazzjonali u ta' data tal-Eurostat, l-emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 għall-Unjoni kollha kkawżati mill-abbozz ta' emenda tad-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ jammontaw għal madwar erba' miljun tunnellata.

997 Dawn il-konsegwenzi ambjentali jiżdiedu ma' dawk li jirriżultaw mill-miżuri l-oħra previsti fir-Regolament 2020/1055. Għalhekk, skont l-evalwazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja stess, il-vjaġġi mingħajr tagħbija addizzjonali imposti mill-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, applikabbli għall-flotta Pollakka ta' vetturi bil-mutur ta' iktar minn 2.5 tunnellati attivi fit-trasport internazzjonali, jiġġeneraw 672 024 tunnellata ta' CO_2. Dan l-Istat Membru jirrileva wkoll li, skont l-istimi tal-IRU, kif jirriżultaw minn ittra miftuħa tas-26 ta' Ottubru 2018, ir-ritorni obbligatorji tal-vetturi imposti mir-Regolament 2020/1055 jiġġeneraw, waħedhom, sa 100 000 tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO_2 iktar fis-sena. Ir-rapport imfassal minn KPMG, intitolat "Valutazzjoni tal-impatt dwar il-ftehim provviżorju dwar l-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà", juri wkoll, mill-eżempju tat-trasportaturi Bulgari, li ż-żieda annwali tal-emissjonijiet ta' CO_2, ikkawżata minn dawn ir-ritorni obbligatorji tal-vetturi fil-Bulgarija, ser tammonta għal madwar 71 000 tunnellata.

998 Skont ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja, dawn l-emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 jistgħu jostakolaw it-twettiq tal-għanijiet klimatiċi mfittxija sal-2050 mill-Unjoni, kif imsemmija mill-Kummissjoni fil-Patt Ekoloġiku, għanijiet li, fit-12 ta' Diċembru 2019, ġew imħaddna wkoll mill-Kunsill Ewropew. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tirreferi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat

Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tas-17 ta' Settembru 2020, intitolata "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030. Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna".

999 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-imsemmija emissjonijiet addizzjonali ta' CO_2 jistgħu jdaħħlu inkwistjoni wkoll it-twettiq mill-Istati Membri tal-għanijiet stabbiliti fir-Regolament 2018/842.

1000 Fir-rigward tal-emissjonijiet addizzjonali ta' inkwinanti atmosferiċi, dawn jistgħu, skont ir-Repubblika tal-Polonja, jostakolaw b'mod sinjifikattiv l-osservanza tal-obbligi tal-Istati Membri taħt id-Direttiva 2016/2284. Dawn l-emissjonijiet addizzjonali jistgħu jikkompromettu wkoll l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2008/50.

1001 Ir-Repubblika tal-Litwanja tqis li għandu jitqies ukoll ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU 2021, L 243, p. 1), li l-Artikolu 2 tiegħu, dwar l-għan tan-newtralità klimatika, jipprevedi li dan l-għan għandu jintlaħaq fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, fil-livelli rispettivi tagħhom, sabiex l-imsemmi għan ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġu promossi kemm l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri kif ukoll il-kosteffettività sabiex jintlaħaq dan l-għan.

1002 Minkejja li ċerti Stati Membri u l-Kummissjoni esprimew il-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt tal-miżuri proposti, b'mod partikolari, tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi kif ukoll tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjoni ta' kabotaġġ, fuq iż-żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u ta' emissjonijiet ta' CO_2, u enfasizzaw il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatti ta' dawn il-miżuri kollha fil-livell tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni injora dan it-tħassib. It-tfassil ta' valutazzjonijiet supplimentari qabel l-aħħar tas-sena 2020, imħabbar mill-Kummissarja responsabbli għat-trasport, A. Vălean, dwar l-effetti tar-ritorn obbligatorju tal-vetturi fl-Istat Membru ta' stabbiliment kull tmien ġimgħat u tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, bl-ebda mod ma jirrimedja għal dan in-nuqqas.

1003 Għall-kuntrarju, l-istudju, intitolat "Valutazzjoni tal-impatt ta' dispożizzjoni fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009", u dak, intitolat "*Mobility Package 1 – Data gathering and analysis of the impacts of cabotage restrictions on combined transport road legs – Final report*" ("L-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà – Ġbir ta' data u analiżi tal-konsegwenzi tar-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fuq il-vjaġġi bit-triq fil-qafas tat-trasport ikkombinat – Rapport finali"), ta' Novembru 2020 (iktar 'il quddiem l-"Istudju dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fit-trasport ikkombinat"), jikkonfermaw il-fondatezza tal-ilmenti fformulati kontra l-perijodu ta' stennija.

1004 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li dan il-perijodu ta' stennija jikser ir-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent li jirriżultaw mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan l-Istat Membru jfakkar il-kliem tal-Artikolu 208(2) TFUE, li jipprovdi li "[l]-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jonoraw l-impenji tagħhom u jieħdu in konsiderazzjoni l-għanijiet li jkunu approvaw fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kompetenti", u l-kliem tal-Artikolu 216(2) TFUE, li jipprovdi li "[f]tehim konkluż mill-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri".

1005 Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu jieħu inkunsiderazzjoni l-obbligi u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, adottat skont l-UNFCCC u approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU 2016, L 282, p. 1).

1006 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrileva li dawn l-għanijiet jinkludu, konformement mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi, l-għan li jintlaħaq "l-ogħla livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra malajr kemm jista' jkun", li jsir "tnaqqis rapidu minn hemm 'il quddiem skont l-aqwa xjenza disponibbli" u li tiġi promossa "l-integrità ambjentali", kif ukoll, skont l-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim, li jiġu promossi "ir-reżiljenza għa[t-tibdil fi]l-klima u żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra".

1007 Dan l-Istat Membru jfakkar ukoll il-premessa 2 tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU 2019, L 198, p. 202), li tiddikajra li, "[s]abiex jingħata kontribut għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li titħaffef it-trasformazzjoni tas-settur kollu tat-trasport biex l-emissjonijiet jinżlu għal żero" u li "[l]-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja prodotti mit-trasport li huma ta' dannu sinifikanti għas-saħħa tagħna, u għall-ambjent, jeħtieġ ukoll li jitnaqqsu b'mod drastiku bla dewmien". Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija tindika li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, iddikjara li "il-leġiżlazzjonijiet u l-politiki rilevanti kollha tal-[Unjoni] għandhom ikunu kompatibbli mat-twettiq tal-għan tan-newtralità klimatika u għandhom jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu kundizzjonijiet ekwi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

1008 Issa, il-miżuri li jinsabu fir-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari l-perijodu ta' stennija, huma kuntrarji għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 208(2) u tal-Artikolu 216(2) TFUE.

1009 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li, skont l-Artikolu 3(5) TUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi "għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali". Għalhekk, meta jadotta att tad-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat li josserva d-dritt internazzjonali kollu kemm hu. Issa, ir-Regolament 2020/1055 ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt tal-aħħar.

1010 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1011 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-determinazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent li l-ksur tagħhom jista' jiġi allegat f'dan il-każ, għandu jiġi miċħud, l-ewwel nett, l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Litwanja, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 3(3) TUE, u dak imqajjem mir-Repubblika tal-Bulgarija, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, għar-raġunijiet indikati fil-punti 423, 424 u 934 ta' din is-sentenza.

1012 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, l-Artikolu 191 TFUE, invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, dan l-artikolu jinsab fit-Titolu XX tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent. Issa, ir-Regolament 2020/1055 ma ġiex adottat abbażi ta' din il-politika iżda abbażi tal-politika komuni tat-trasport, li hija s-suġġett tat-Titolu VI ta' din l-istess tielet parti tat-Trattat FUE, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, liema bażi legali ma hijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi.

1013 F'dan l-aħħar rigward, għandu jitfakkar ukoll li att leġiżlattiv bħalma huwa r-Regolament 2020/1055 ma jistax jaqa' taħt il-politika ambjentali tal-Unjoni minħabba s-sempliċi fatt li għandu jieħu inkunsiderazzjoni rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tal-ambjent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2021, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill u Il-Parlament, C-733/19, EU:C:2021:272, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

1014 Minn dan isegwi li l-Artikolu 191 TFUE dwar il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent ma huwiex rilevanti għall-eżami tal-legalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1015 It-tielet nett, għar-raġunijiet esposti fil-punti 431 u 432 ta' din is-sentenza, l-istess japplika għall-istrumenti l-oħra tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, għall-Patt Ekoloġiku, għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 998 ta' din is-sentenza u għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, tat-12 ta' Diċembru 2019, invokati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika tal-Polonja.

1016 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u għar-raġunijiet esposti fil-punti 428 sa 430 ta' din is-sentenza, għandu jiġi eżaminat biss jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, kisirx ir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent li jirriżultaw mill-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

1017 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 11 TFUE għandu natura trażversali u dan jimplika li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jintegra r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent fil-politiki u fl-azzjonijiet tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fil-politika komuni tat-trasport li taħtha jaqa' r-Regolament 2020/1055.

1018 Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ tal-legalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba twettaq, f'dan il-każ, fid-dawl tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, jikkonċerna att tal-Unjoni li fil-kuntest tiegħu l-leġiżlatur tagħha huwa obbligat jiżgura, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 813, 814, 854 u 855 ta' din is-sentenza, bilanċ bejn id-diversi interessi u għanijiet inkwistjoni.

1019 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk il-perijodu ta' stennija, previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ikkunsidrat waħdu, ikollu effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent, ikun hemm lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, li jittieħdu inkunsiderazzjoni azzjonijiet oħra meħuda mill-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jillimita tali effetti tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent u sabiex jintlaħaq l-għan globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu.

1020 F'dan il-każ, għandu, l-ewwel nett, jiġi osservat li r-Repubblika tal-Bulgarija sempliċement tafferma, b'mod ġenerali u astratt, li l-miżuri li jinsabu fir-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari l-perijodu ta' stennija, jiksru d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent, mingħajr madankollu ma tissostanzja d-dikjarazzjonijiet tagħha permezz ta' provi.

1021 It-tieni nett, permezz tal-argument tagħhom, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li l-perijodu ta' stennija ser ikun sors ta' żieda fl-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi, minħabba vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, ta' spiss mingħajr tagħbija, li ser jirriżultaw mill-applikazzjoni tiegħu.

1022 Madankollu, tali argument huwa bbażat fuq premessa żbaljata. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 843 ta' din is-sentenza, l-osservanza ta' dan il-perijodu ta' stennija ma timponix ritorn tal-vettura, u wisq inqas tal-vettura mingħajr tagħbija, fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' trasport li jitwettqu mit-trasportaturi matul il-perijodu ta' stennija, wara l-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru, ma jikkostitwixxux vjaġġi addizzjonali, iżda jieħdu post l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li huma kienu eventwalment iwettqu f'dan l-istess Stat Membru fl-assenza ta' dan il-perijodu ta' stennija. Barra minn hekk, fil-każ li jkun impossibbli li jitwettqu, matul l-imsemmi perijodu ta' stennija, operazzjonijiet oħra li ma jkunux operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, il-perijodu ta' immobilizzazzjoni tal-vettura li jirriżulta minn dan ma jistax, evidentement, jitqies li huwa ta' natura li jiġġenera żieda fl-emissjonijiet ta' inkwinanti atmosferiċi.

1023 Minn dan isegwi li l-perijodu ta' stennija ma jwassalx, minħabba vjaġġi addizzjonali ta' vetturi li allegatament ser ikollhom jiġu organizzati, għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li ma saritx evalwazzjoni tagħhom mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

1024 L-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja u mir-Repubblika tal-Polonja ma humiex ta' natura li jdaħħlu inkwistjoni din l-evalwazzjoni.

1025 Fil-fatt, sa fejn ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-perijodu ta' stennija ser iwassal għal żieda fiċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi minħabba l-obbligu, għal dawn tal-aħħar, li jitilqu mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti matul dan il-perijodu ta' stennija, huwa biżżejjed li jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1072/2009, li ma ġiex emendat bir-Regolament 2020/1055, il-vetturi għandhom neċessarjament jitilqu mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti fi tmiem l-ewwel ċiklu ta' kabotaġġ, qabel, jekk ikun il-każ, ma jkunu jistgħu jibdew ċiklu ġdid ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru wara trasport internazzjonali ġdid.

1026 Barra minn hekk, l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Polonja, ibbażati fuq l-istudji msemmija fil-punti 996 u 997 ta' din is-sentenza, ma jistgħux jintlaqgħu. Fil-fatt, minn naħa, f'dak li jirrigwarda l-istimi mressqa mill-istudji tal-ECIPE fil-qasam tal-konsegwenzi ambjentali marbuta mal-kabotaġġ, dawn ġew estrapolati mill-kalkoli mwettqa minn KPMG għas-settur Bulgaru tat-trasport. Mingħajr ma huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk il-kalkoli li fuqhom huma bbażati dawn l-istudji jinkludux ukoll l-impatti li jirriżultaw mill-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, għandu jiġi osservat li, fi kwalunkwe każ, dawn il-kalkoli jikkonċernaw emenda tas-sistema tal-kabotaġġ ibbażata fuq l-ipoteżi ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ li għandhom jitwettqu f'terminu ta' tliet ijiem wara l-aħħar ħatt ta' merkanzija mwettaq fl-Istat Membru ospitanti matul it-trasport internazzjonali dirett lejn dan tal-aħħar. Issa, kif jirrikonoxxi b'mod partikolari l-Istudju tal-ECIPE dwar id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-ħsara għall-ambjent (p. 19), din l-ipoteżi hija differenti mill-miżura adottata f'dan il-każ mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

1027 Min-naħa l-oħra, kif ġie espost fil-punt 844 ta' din is-sentenza, ma humiex rilevanti, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-riperkussjonijiet ambjentali tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, l-istimi li jirrigwardaw il-konsegwenzi marbuta mal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, kemm jekk dawn huma, b'mod partikolari,

l-evalwazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja stess jew dawk li jirriżultaw mill-ittra miftuħa tal-IRU u mir-rapport imfassal minn KPMG, invokati minn dan l-Istat Membru, peress li dan il-perijodu ta' stennija ma jimponix ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata.

1028 L-istess japplika fir-rigward tal-istudji mwettqa wara l-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055, imsemmija fil-punt 1003 ta' din is-sentenza, li ma jirrigwardawx il-perijodu ta' stennija u li għalhekk ma jistgħux juru l-eżistenza ta' effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw minn dan il-perijodu.

1029 Fid-dawl tal-premess, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja ma wrewx l-eżistenza ta' effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-imsemmi perijodu. Għaldaqstant, l-argumenti tagħhom fuq dan il-punt għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma bbażati fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

1030 Għaldaqstant, la hemm lok li jiġu eżaminati l-argumenti tar-Repubblika tal-Litwanja u tar-Repubblika tal-Polonja bbażati fuq atti oħra tal-Unjoni, li l-għanijiet tagħhom fil-qasam ambjentali huma allegatament kompromessi bl-adozzjoni tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u lanqas ma hemm lok li jiġu eżaminati d-diversi miżuri adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fis-settur tat-trasport bit-triq, invokati mill-Parlament u mill-Kunsill, sabiex jiġi evalwat sa fejn dan il-leġiżlatur ħa inkunsiderazzjoni l-għan globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu f'dan is-settur.

1031 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, ir-rekwiżit ta' protezzjoni tal-ambjent li jirriżulta mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni, l-ewwel nett, li l-perijodu ta' stennija jikser l-Artikolu 208 TFUE. Dan l-artikolu jinsab fit-Titolu III tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE, intitolata "L-azzjoni esterna ta' l-Unjoni", dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-għajnuna umanitarja, b'mod iktar partikolari fil-Kapitolu 1 tiegħu, li jirrigwarda "[i]l-koperazzjoni fl-iżvilupp".

1032 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 208 TFUE jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-"[l]-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jonoraw l-impenji tagħhom u jieħdu in konsiderazzjoni l-għanijiet li jkunu approvaw fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kompetenti".

1033 Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Bulgarija ma tistabbilixxix kif allegat ksur tal-Ftehim ta' Pariġi jista' jwassal lill-Unjoni sabiex tikser l-impenji tagħha taħt il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, meta dan il-ftehim ġie approvat bid-Deċiżjoni 2016/1841 abbażi tal-Artikolu 192(1) TFUE, dispożizzjoni li tinsab fit-Titolu XX, intitolat "L-Ambjent", tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, intitolata "Politika u azzjonijiet interni ta' l-Unjoni", u li taqa' għalhekk taħt il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent.

1034 It-tieni nett, kif isostni dan l-Istat Membru, għandu jiġi osservat li, konformement mal-Artikolu 3(5) TUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi "għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 216(2) TFUE, "[f]tehim konkluż mill-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri" u, għaldaqstant, jipprevali fuq l-atti adottati

minnhom. Minn dan isegwi li l-validità ta' att tal-Unjoni tista' tiġi affettwata mill-inkompatibbiltà ta' dan l-att ma' tali regoli tad-dritt internazzjonali (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni, C-612/13 P, EU:C:2015:486, punti 33 u 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

1035 F'dan il-każ, ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka ksur tal-Ftehim ta' Pariġi insostenn tal-argument tagħha bbażat fuq ksur tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. Peress li l-Unjoni approvat dan il-ftehim permezz tad-Deċiżjoni 2016/1841, id-dispożizzjonijiet tiegħu jifformaw parti integrali, sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu, mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

1036 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali li l-Unjoni hija parti fih jistgħu jiġu invokati insostenn ta' rikors għall-annullament ta' att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni jew insostenn ta' eċċezzjoni bbażata fuq l-illegalità ta' tali att fil-każ biss, minn naħa, li n-natura u l-istruttura ta' dan il-ftehim ma jipprekludux dan u, min-naħa l-oħra, li dawn id-dispożizzjonijiet ikunu jidhru li huma, fir-rigward tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi (sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe, C-404/12 P u C-405/12 P, EU:C:2015:5, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

1037 F'dan il-każ, ir-Repubblika tal-Bulgarija tinvoka ksur tal-Artikoli 2 u 4 tal-Ftehim ta' Pariġi.

1038 Dawn l-artikoli jipprevedu, essenzjalment, li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn dan il-ftehim u, b'mod partikolari, dak tat-temperatura fit-tul stabbilit fl-Artikolu 2 tal-imsemmi ftehim, il-partijiet għal dan l-istess ftehim għandhom ifittxu li jilħqu l-livell massimu globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-iqsar żmien possibbli u li sussegwentement iwettqu tnaqqis malajr skont l-aħjar data xjentifika. Għal dan il-għan, il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet, stabbiliti fil-livell nazzjonali, għandhom jirrappreżentaw progress meta mqabbla mal-kontribuzzjoni preċedenti tagħhom sabiex jilħqu l-ogħla livell possibbli ta' ambizzjoni, filwaqt li jkunu jirriflettu l-kapaċitajiet rispettivi tal-partijiet u tas-sitwazzjonijiet nazzjonali differenti.

1039 Għandu jiġi kkonstatat li, bħalma kien il-każ għall-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima, li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2005, li, kif jirriżulta mill-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2016/1841, ġie ssostitwit bil-Ftehim ta' Pariġi, il-partijiet għal dan il-ftehim jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-modalitajiet u bil-ħeffa li huma jaqblu dwarhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et*, C-366/10, EU:C:2011:864, punt 76).

1040 Għaldaqstant, l-Artikoli 2 u 4 tal-Ftehim ta' Pariġi ma jidhrux, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, li huma inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi sabiex ikunu jistgħu jiġu invokati mir-Repubblika tal-Bulgarija bil-għan li tikkontesta l-legalità tar-Regolament 2020/1055, b'mod partikolari tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tiegħu.

1041 Għaldaqstant, l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Litwanja, iż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Bulgarija, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, u l-motiv komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha ta' dan ir-regolament invokat mir-Repubblika tal-Polonja, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tiegħu, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

1042 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-542/20), mir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-545/20), mir-Rumanija (Kawża C-547/20), mir-Repubblika ta' Malta (Kawża C-552/20) u mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20), għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma intiżi għall-annullament tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1043 Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud ukoll ir-rikors ippreżentat mir-Rumanija (Kawża C-547/20) sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-punti 4(b) u (c) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament peress li din it-talba għal annullament ma hijiex, fil-fatt, ibbażata fuq argumenti distinti minn dawk li fuqhom hija bbażata t-talba għall-annullament ta' dan il-punt 4(a) tal-Artikolu 2.

4. Fuq il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009

1044 Insostenn tar-rikors tagħha (Kawża C-554/20) intiż għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka tliet motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, u, għall-motiv komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn dan il-motiv huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tiegħu, sa fejn dan il-punt jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta.

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali

1) L-argumenti tal-partijiet

1045 Permezz tat-tieni motiv tagħha dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li din id-dispożizzjoni ma tosservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali.

1046 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, għalkemm jista' jiġi aċċettat li leġiżlazzjoni tkun vaga, tkun tinkludi termini astratti jew tkun tagħti marġni ta' evalwazzjoni, dan huwa madankollu suġġett għall-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni ma twassalx għal arbitrarjetà u għall-kundizzjoni li tkun tista' tiġi ppreċiżata mill-ġurisprudenza.

1047 Issa, f'dan il-każ, l-użu ta' termini vagi ħafna, fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jipprekludi lill-impriżi tat-trasport milli jiddeterminaw biċ-ċarezza u l-preċiżjoni meħtieġa l-obbligu li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-ksur tiegħu.

1048 Fil-fatt, l-ewwel kriterju previst fl-imsemmija dispożizzjoni, li jirrigwarda r-rabta "normali" tax-xufiera u tal-vetturi ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment, huwa ambigwu ħafna. Filwaqt li l-obbligu previst f'din l-istess dispożizzjoni huwa distint minn dawk stabbiliti,

rispettivament, fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 u fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, huwa madankollu diffiċli li tiġi ddeterminata l-portata tiegħu.

1049 Barra minn hekk, it-tieni kriterju previst fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li jipprovdi li x-xufiera u l-vetturi għandhom normalment ikunu marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment b'mod "proporzjonat għall-volum tal-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa mill-impriża", huwa wkoll vag ħafna, b'tali mod li huwa impossibbli li jiġi ddeterminat konkretament in-numru ta' vetturi u ta' xufiera meħtieġa taħt dan l-obbligu.

1050 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li t-termini astratti użati fl-Artikolu 5(c) tar-Regolament Nru 1071/2009, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055, li kien jipprevedi li, sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' stabbiliment fl-Istat Membru kkonċernat, impriża kellha tmexxi effettivament u b'mod permanenti l-attivitajiet tagħha billi jkollha "tagħmir amministrattiv meħtieġ" kif ukoll "tagħmir u l-faċilitajiet tekniċi xierqa", f'ċentru operattiv li jinsab f'dan l-Istat Membru, ma jistgħux jitqabblu ma' dawk li jinsabu fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, peress li teżisti differenza fundamentali bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Filwaqt li l-kunċetti ta' "tagħmir amministrattiv meħtieġ" u ta' "tagħmir u faċilitajiet tekniċi xierqa" huma ta' importanza sekondarja għall-kamp ta' attività tal-impriżi tat-trasport, il-kwistjoni tan-numru ta' vetturi u ta' xufiera hija determinanti għall-ġestjoni ta' dawn l-impriżi u għall-ispejjeż tal-funzjonament tagħhom. Għalhekk huwa essenzjali li d-dispożizzjoni relatata ma' din il-kwistjoni tkun preċiża.

1051 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1052 Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 158 sa 162 ta' din is-sentenza sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

1053 Għandu jiġi osservat li, skont il-kliem tagħha, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-impriżi tat-trasport li jkollhom regolarment, b'mod kontinwu, ċertu numru ta' vetturi u ta' xufiera li normalment ikunu marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment, li jkun proporzjonat għall-volum tal-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa mill-impriża kkonċernata.

1054 B'hekk, mill-kliem stess tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li l-għan ta' dan l-obbligu huwa li jiġi żgurat li l-impriżi tat-trasport ikollhom riżorsi materjali u umani, marbuta maċ-ċentru operattiv tagħhom, li jkunu neċessarji għat-twettiq tal-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom.

1055 F'dan ir-rigward, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 705 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-impriżi tat-trasport jimmaniġġjaw il-ħin kollu l-fluss tal-vetturi fir-rigward tad-disponibbiltà tax-xufiera u għandhom għalhekk idea pjuttost preċiża tan-numru ta' vetturi u ta' xufiera meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom. Billi ma llimitax b'mod iktar strett l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jkollhom riżorsi materjali u umani fi proporzjon man-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport

imwettqa, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried li ma jċaħħadx lil dawn l-impriżi minn ċertu marġni ta' evalwazzjoni u għalhekk mill-flessibbiltà neċessarja fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trasport tagħhom skont il-modalitajiet li huma speċifiċi għalihom.

1056 Barra minn hekk, il-fatt li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, hija stabbilita f'termini ġenerali li ma jippermettux li jiġi ddeterminat in-numru eżatt ta' xufiera u ta' vetturi li għalihom tirreferi iżda li jistabbilixxu relazzjoni ta' proporzjonalità bejn, minn naħa, in-numru ta' xufiera u ta' vetturi u, min-naħa l-oħra, in-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport imwettqa mill-impriża kkonċernata, ma jiksirx il-prinċipju ta' ċertezza legali.

1057 Fil-fatt, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 159 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludix lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest ta' regola li jadotta, milli juża kunċett ġuridiku astratt u ma jirrikjedix li tali regola astratta ssemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom tista' tiġi applikata din ir-regola, sa fejn dawn l-ipoteżijiet kollha ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati minn qabel minn dan il-leġiżlatur.

1058 Għaldaqstant, l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali la teżiġi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jiddefinixxi l-modalitajiet speċifiċi kollha tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' att leġiżlattiv u lanqas ma teżiġi li dan il-leġiżlatur jipprevedi s-sitwazzjonijiet konkreti kollha li għalihom dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu japplikaw, peress li dan il-leġiżlatur għandu d-dritt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 160 ta' din is-sentenza, li jirrikorri, għal finijiet ta' flessibbiltà u sabiex jaġixxi b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għal kuntest ġuridiku ġenerali li jista' jkollu jiġi ppreċiżat sussegwentement.

1059 Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li dispożizzjoni, bħalma hija dik prevista fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li tkun tapplika għal diversi sitwazzjonijiet differenti tispeċifika fid-dettall is-sitwazzjonijiet kollha li għalihom hija intiża li tapplika.

1060 Barra minn hekk, kif jirrilevaw ġustament il-Parlament u l-Kunsill, huwa wkoll f'termini astratti li l-Artikolu 5(c) tar-Regolament Nru 1071/2009, li ġie ssostitwit, essenzjalment, bil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(f) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, kien jipprevedi li l-impriżi għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom it-tagħmir amministrattiv meħtieġ kif ukoll it-tagħmir u l-installazzjonijiet tekniċi adegwati f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

1061 F'dan ir-rigward, ma jistax jintlaqa' l-argument invokat mir-Repubblika tal-Polonja, fis-sens li għandha ssir distinzjoni, minn naħa, bejn il-kundizzjonijiet dwar it-"tagħmir amministrattiv meħtieġ" u t-"tagħmir u l-faċilitajiet tekniċi xierqa" u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet dwar in-numru ta' vetturi u ta' xufiera, minħabba li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-impriżi tat-trasport, huma biss it-tieni kundizzjonijiet li huma determinanti. Fil-fatt, jekk dan jiġi pprovat, tali argument ma huwiex ta' natura li jinvalida l-evalwazzjoni magħmula fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju ta' ċertezza legali tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

1062 Għaldaqstant, it-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja għandu jiġi miċħud bħala infondat.

b) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

1) L-argumenti tal-partijiet

1063 Permezz tal-ewwel motiv tagħha dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li din id-dispożizzjoni tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

1064 Fl-ewwel lok, dan l-Istat Membru jsostni li, fl-assenza ta' evalwazzjoni adegwata tal-imsemmija dispożizzjoni fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata l-introduzzjoni tagħha jibqgħu vagi, l-istess bħall-għanijiet li din l-istess dispożizzjoni hija intiża li tilħaq.

1065 Fit-tieni lok, l-imsemmi Stat Membru jenfasizza li, fir-rigward tal-miżuri previsti fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 u fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, l-obbligu msemmi fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li jirrikjedi li l-impriżi tat-trasport ikollhom regolarment, b'mod kontinwu, numru suffiċjenti ta' xufiera u ta' vetturi, jikkostitwixxi miżura addizzjonali intiża li x-xufiera u l-vetturi jkunu marbuta kemm jista' jkun mill-qrib maċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata, u dan ikollu l-effett li jillimita iktar il-mobbiltà tal-vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriżi tat-trasport.

1066 Barra minn hekk, tali obbligu huwa arbitrarju. Dan l-obbligu ma jiħux inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tal-attività ta' trasport internazzjonali, li teħtieġ li l-vetturi u x-xufiera effettivament iwettqu operazzjonijiet ta' trasport u ma jibqgħux għad-dispożizzjoni tal-impriża tat-trasport ikkonċernata, fiċ-ċentru operattiv ta' din tal-aħħar. Dan l-obbligu ma jikkonċernax l-eżistenza ta' stabbiliment fiss u effettiv, iżda jirregola l-modalitajiet ta' organizzazzjoni tal-attività ta' trasport.

1067 Sabiex jikkonformaw ruħhom mal-imsemmi obbligu, it-trasportaturi huma obbligati li jżidu l-frekwenza tar-ritorni tal-vetturi u tax-xufiera fiċ-ċentru operattiv tagħhom jew li jiżviluppaw il-flotta ta' vetturi tagħhom u li jżidu n-numru ta' xufiera. Dawn iż-żewġ alternattivi joħolqu, it-tnejn li huma, spejjeż sinjifikattivi għall-impriżi tat-trasport, li ser iwasslu għall-falliment ta' numru minnhom, b'mod partikolari s-SMEs, jew ser iġiegħluhom jittrasferixxu l-post ta' stabbiliment tagħhom fi Stat Membru li jinsab fil-parti ċentrali tal-Unjoni. Issa, dawn il-konsegwenzi gravi għall-funzjonament ta' dawn l-impriżi ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt.

1068 Barra minn hekk, il-validità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu quddiemu fil-mument tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Issa, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ġie adottat f'perijodu ta' kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, meta dan il-leġiżlatur kellu quddiemu data dwar l-impatt ta' din il-kriżi fuq is-settur tat-trasport.

1069 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1070 Fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 692 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment kienet tinkludi, fil-punt 3(d) tal-Artikolu 1 tagħha, dispożizzjoni analoga għal dik li tistabbilixxi, f'dan il-każ, l-obbligu li impriża tat-trasport ikollha, regolarment, b'mod kontinwu, numru ta' xufiera u ta' vetturi suffiċjenti, sa fejn kienet tipprevedi li tintroduċi l-punt (e) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li permezz tiegħu kien ikun meħtieġ li l-impriżi tat-trasport iżommu assi u jimpjegaw persunal fi proporzjon mal-attività tal-istabbiliment, rekwiżiti msemmija fil-kuntest tal-miżura 18 li tinsab fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 30 u 31 u Parti 2/2, p. 44). Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li adotta l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, filwaqt li allegatament ma kellux l-elementi neċessarji għall-eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni.

1071 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-proporzjonalità bħala tali tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-premessa 6 tar-Regolament 2020/1055, l-għan ta' din id-dispożizzjoni, li fid-dawl tiegħu għandha tiġi evalwata l-proporzjonalità tagħha, huwa l-ġlieda kontra l-fenomenu tal-kumpanniji "fantażma" billi jiġi żgurat li l-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fi Stat Membru jkollhom preżenza reali u permanenti f'dan l-Istat Membru u jwettqu l-attivitajiet tat-trasport tagħhom minn dan tal-aħħar. B'hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tfittex għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, marbut mal-ġlieda kontra l-prattiki abbużivi u, b'mod partikolari, kontra l-aġir li jikkonsisti fil-ħolqien ta' arranġamenti purament artifiċjali, mingħajr ebda realtà ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' April 2006, Agip Petroli, C-456/04, EU:C:2006:241, punti 19 sa 25; tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, EU:C:2006:544, punti 51, 55, 57, 67 u 68, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2019, X (Kumpanniji intermedjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi), C-135/17, EU:C:2019:136, punt 82).

1072 Issa, għalkemm, sabiex jintlaħaq dan l-għan, din l-istess dispożizzjoni teżiġi li l-impriża tat-trasport għandu jkollha regolarment, b'mod kontinwu, numru ta' vetturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(e), introdott fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 permezz tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, u ta' xufiera li normalment ikunu marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment, hija madankollu ma timponix, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Polonja, il-preżenza kontinwa ta' dawn il-vetturi u ta' dawn ix-xufiera f'dan iċ-ċentru operattiv, u lanqas fl-Istat Membru kkonċernat.

1073 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, jipprevedi li n-numru ta' vetturi u ta' xufiera li għandhom ikunu marbuta maċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata għandu jkun proporzjonat man-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minnha, li jippreżupponi t-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet minn dawn ix-xufiera u permezz ta' dawn il-vetturi. Minn dan isegwi li l-vetturi u x-xufiera msemmija f'din id-dispożizzjoni għandhom neċessarjament ikunu jistgħu jiċċaqilqu u jitilqu miċ-ċentru operattiv ta' din l-impriża tat-trasport.

1074 Mill-bqija, u għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Polonja, l-osservanza tal-miżura prevista fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ma timponix, bħala tali, fuq l-impriża tat-trasport ikkonċernata l-obbligu li torganizza ritorni iktar frekwenti tax-xufiera u tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tagħha, peress li tali obbligi jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, rispettivament, il-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li l-legalità tiegħu ma ġiet ikkontestata minn ebda wieħed mill-motivi ta' annullament diretti kontrih, u l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li hemm lok li jiġi annullat kif indikat fil-punt 738 ta' din is-sentenza.

1075 Minn dan isegwi li l-obbligu li impriża tat-trasport ikollha regolarment, b'mod kontinwu, numru ta' vetturi u ta' xufiera li normalment ikunu marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata ma jistax jiġi interpretat bħala li jeżiġi preżenza kontinwa ta' dawn il-vetturi u ta' dawn ix-xufiera f'dan iċ-ċentru operattiv.

1076 Mill-bqija, għandu jitfakkar li, għar-raġunijiet esposti fil-punt 857 ta' din is-sentenza, l-argumenti tar-Repubblika tal-Polonja bbażati fuq l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 huma irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-legalità tar-Regolament 2020/1055.

1077 Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud bħala infondat l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009.

c) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta

1) L-argumenti tal-partijiet

1078 Permezz tal-motiv tagħha komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tiegħu, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, meta adotta din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 11 TFUE u l-Artikolu 37 tal-Karta.

1079 Insostenn ta' dan il-motiv, dan l-Istat Membru jinvoka l-istess argumenti bħal dawk esposti, essenzjalment, fil-punti 990 sa 1002 ta' din is-sentenza. Huwa jsostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżaminax l-impatt tal-obbligu, previst fl-imsemmija dispożizzjoni, li impriża tat-trasport ikollha regolarment, b'mod kontinwu, numru ta' vetturi u ta' xufiera li normalment ikunu marbuta ma' ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li dan l-obbligu għandu konsegwenzi ambjentali gravi peress li jwassal għal vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, inklużi vjaġġi mingħajr tagħbija, li minnhom tirriżulta żieda fl-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi.

1080 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1081 Peress li, fil-kuntest tal-motiv tagħha komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tiegħu, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ir-Repubblika

tal-Polonja tqajjem, fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, l-istess argumenti bħal dawk li hija qajmet kontra l-miżuri kkontestati l-oħra tar-Regolament 2020/1055, il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1011 sa 1030 ta' din is-sentenza japplikaw għall-obbligu previst f'din l-aħħar dispożizzjoni.

1082 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika tal-Polonja, u kif ġie rrilevat fil-punt 1074 ta' din is-sentenza, il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, ma jimponix ir-ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport ikkonċernata. Minn dan isegwi li dan l-Istat Membru ma pproduċiex prova intiża li ssostni b'mod speċifiku li din id-dispożizzjoni twassal għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li jistgħu jwasslu għal ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

1083 Għaldaqstant, il-motiv tar-Repubblika tal-Polonja komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn dan il-motiv huwa dirett kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 tiegħu, sa fejn dan il-punt jintroduċi l-paragrafu 1(g) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

1084 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20) għandu jiġi miċħud sa fejn huwa intiż għall-annullament ta' din id-dispożizzjoni.

5. Fuq il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055

1085 Insostenn tar-rikors tagħha (Kawża C-554/20) intiż għall-annullament tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka erba' motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 91(2) TFUE, it-tielet wieħed, tal-Artikolu 94 TFUE u, il-motiv komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tiegħu, tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta.

a) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

1) L-argumenti tal-partijiet

1086 Permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li jintroduċi l-paragrafu 7 fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1072/2009, ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

1087 Fl-ewwel lok, dan l-Istat Membru jqis li l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma huwiex irregolat minn kriterji oġġettivi. Il-premessa 22 ta' dan ir-regolament tiġġustifika din id-dispożizzjoni bir-rieda li jiġu miġġielda l-prattiki żleali li jistgħu jwasslu għal "dumping soċjali" u li jistgħu jippreġudikaw l-osservanza tal-kuntest ġuridiku applikabbli għall-kabotaġġ. Madankollu, il-kunċett ta' "dumping soċjali" ma ġiex iddefinit u jista' jagħti lok għal użu abbużiv. Issa, dan huwa l-każ hawnhekk. Fil-fatt, ma jeżistix element oġġettiv li jippermetti li d-differenzi fl-iżvilupp ekonomiku bejn l-Istati Membri u d-differenzi fil-pagi li jirriżultaw minn dawn id-differenzi jiġu assimilati ma' sitwazzjoni ta' "dumping soċjali".

1088 Barra minn hekk, il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 iħalli marġni ta' manuvra kunsiderevoli lill-Istati Membri fir-rigward tal-possibbiltà li għandhom li jnaqqsu t-tul tal-perijodu ta' stennija. L-Istati Membri li jinsabu fil-parti ċentrali tal-Unjoni jistgħu għalhekk ikollhom jiġġeneralizzaw dan it-tip ta' restrizzjonijiet u jkomplu jissikkaw il-kundizzjonijiet ta' kabotaġġ stabbiliti fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li diġà huma ta' natura sproporzjonata, kif jirriżulta mill-argumenti tar-Repubblika tal-Polonja ppreżentati, essenzjalment, fil-punti 765 sa 801 ta' din is-sentenza.

1089 Barra minn hekk, il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma kienx is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt. Dan in-nuqqas ta' eżami mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni jikkostitwixxi, għar-raġunijiet li r-Repubblika tal-Polonja ssostni fir-rigward tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, kif esposti, essenzjalment, fil-punti 691 sa 706 ta' din is-sentenza, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

1090 Fit-tieni lok, billi kklassifika arbitrarjament il-provvista ta' servizzi mit-trasportaturi tal-Istati Membri li għandhom livell ta' żvilupp ekonomiku iktar baxx bħala "dumping soċjali", il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi negattivi fundamentali li jirriżultaw mil-limitazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, f'sitwazzjoni fejn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jippermettu lill-impriżi tat-trasport inaqqsu n-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u jottimizzaw l-operat tal-flotta tat-trasport.

1091 Fit-tielet lok, il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tar-relazzjoni bejn il-piżijiet imposti fuq l-impriżi tat-trasport u l-għan imfittex. Fil-fatt, il-ħtieġa tal-ġlieda kontra d-"dumping soċjali" ma tiġġustifikax li tiġi limitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kabotaġġ mill-impriżi tat-trasport.

1092 Qabel kollox, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li s-settur tat-trasport bit-triq internazzjonali jinkludi prinċipalment SMEs. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja tibbaża ruħha fuq l-argumenti diretti kontra l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi u kontra l-perijodu ta' stennija. Għalhekk, dan l-Istat Membru jsostni li l-impatt taż-żieda fl-ispejjeż tal-funzjonament li tirriżulta mill-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ser jaffettwa l-profittabbiltà ta' dawn l-impriżi, u dan ser iwassal għall-falliment ta' wħud minnhom. Sussegwentement, l-imsemmi Stat Membru jqis li huwa probabbli ħafna li din iż-żieda fl-ispejjeż tal-funzjonament ser tirriżulta f'żieda fil-prezz tal-merkanzija, li jista' jkollha riperkussjonijiet gravi fuq l-ekonomija tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni ma tteħditx inkunsiderazzjoni.

1093 L-Istudju dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fit-trasport ikkombinat jikkonferma l-effetti negattivi tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1094 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1095 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106 jippermetti lill-impriżi tat-trasport iwettqu, fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat bejn Stati Membri, jiġifieri trasport li jassoċja mat-trasport bit-triq mezzi oħra ta' trasport, bħalma huma l-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma

interni jew in-navigazzjoni marittima, vjaġġi bit-triq inizjali u/jew finali li jifformaw parti integrali minn tali operazzjoni u li huma eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

1096 Il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 jintroduċi, fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1072/2009, il-paragrafu 7 li jipprovdi li "l-Istati Membri jistgħu, fejn meħtieġ biex jiġi evitat l-użu ħażin [tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106] permezz tal-għoti ta' servizzi bla limitu u kontinwi li jikkonsistu minn vjaġġi inizjali jew finali bit-triq fi Stat Membru ospitanti li jifformaw parti minn operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, jipprevedu li l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament japplika għat-trasportaturi tal-merkanzija meta jwettqu tali partijiet minn vjaġġi inizjali u/jew finali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'dak l-Istat Membru".

1097 Barra minn hekk, dan il-paragrafu 7 jispeċifika li, "[f]ir-rigward ta' tali partijiet minn vjaġġi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu perijodu itwal mill-perijodu ta' sebat ijiem previst fl-Artikolu 8(2) [tar-Regolament Nru 1072/2009] u jistgħu jipprevedu perijodu iqsar mill-perijodu ta' erbat ijiem previst fl-Artikolu 8(2a) ta' dan ir-Regolament". Barra minn hekk, l-imsemmi paragrafu 7 jipprevedi li l-"Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista f'dan il-paragrafu għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan qabel ma japplikaw il-miżuri nazzjonali rilevanti tagħhom", "għandhom jirrevedu dawk il-miżuri mill-inqas kull ħames snin", "għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dik ir-reviżjoni" u "għandhom jagħmlu r-regoli, inkluż it-tul tal-perijodi rispettivi, pubblikament disponibbli b'mod trasparenti".

1098 Il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 joffri għalhekk lill-Istati Membri l-possibbiltà, sabiex jiġi evitat użu abbużiv tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106, li jipprevedu, b'deroga minn din l-eżenzjoni, l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jinsabu fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009 fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-emenda tiegħu bir-Regolament 2020/1055, għall-vjaġġi bit-triq inizjali u/jew finali mwettqa fit-territorju tagħhom fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, filwaqt li jawtorizza wkoll lil dawn l-Istati Membri jorbtu ma' din l-applikazzjoni flessibbiltà fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' kabotaġġ awtorizzat kif ukoll fir-rigward tat-tnaqqis tal-perijodu ta' stennija fil-kuntest ta' tali operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat.

1099 B'dan premess, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, kif sostnew il-Parlament u l-Kunsill, mingħajr dan ma ġie kkontestat mir-Repubblika tal-Polonja, il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (SWD(2017) 362 final, p. 25) semmiet diffikultajiet marbuta ma' użu abbużiv tal-eżenzjoni mir-regoli ta' kabotaġġ fil-kuntest ta' trasport ikkombinat, prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106. B'mod partikolari, ġie kkunsidrat li din l-eżenzjoni, li ppermettiet l-iżvilupp tat-trasport intermodali internazzjonali, kellha tinżamm, iżda li madankollu kellu evitat li tintuża biex jiġu evaži r-regoli applikabbli dwar il-kabotaġġ.

1100 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat ukoll li din il-valutazzjoni tal-impatt (p. 16 u 17) ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ir-riperkussjonijiet li jirriżultaw mit-tneħħija kompleta tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106.

1101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li adotta l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 meta allegatament ma kellux l-elementi neċessarji għall-eżami tal-proporzjonalità ta' din id-dispożizzjoni.

1102 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-proporzjonalità tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li fid-dawl tiegħu għandha tiġi eżaminata din il-proporzjonalità, li huwa minnu li, kif issostni r-Repubblika tal-Polonja, ir-riferiment għad-"dumping soċjali" jissemma fil-premessa 22 tar-Regolament 2020/1055 fost il-konsegwenzi potenzjali tal-prattiki żleali li ġew ikkonstatati fis-settur tat-trasport ikkombinat.

1103 Madankollu, il-ġlieda kontra d-"dumping soċjali" ma tikkostitwixxix l-għan ewlieni ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kliem stess ta' din tal-aħħar, moqrija fid-dawl ta' din il-premessa 22, l-imsemmija dispożizzjoni għandha l-għan li tipprevjeni użu abbużiv tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106 li jkun intiż li jevita n-natura temporanja tal-kabotaġġ u li jippermetti l-preżenza permanenti ta' vetturi fi Stat Membru differenti minn dak tal-istabbiliment tal-impriża tat-trasport.

1104 Fir-rigward tan-natura allegatament sproporzjonata tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fid-dawl ta' dan l-għan, għandu qabel kollox jiġi rrilevat li r-Repubblika tal-Polonja ma żviluppatx argumenti speċifiċi insostenn ta' dan il-motiv. Dan l-Istat Membru jtenni l-argumenti tiegħu esposti, fil-kuntest tal-ewwel motiv tiegħu bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kontra l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi.

1105 Issa, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 huwa ta' natura li jwassal għal żieda fil-vjaġġi ta' vetturi mingħajr tagħbija u għal diffikultajiet fl-ottimizzazzjoni tal-operat tal-flotta tal-vetturi tat-trasport ma jistax jintlaqa'.

1106 Fil-fatt, minn naħa, l-użu li jagħmel Stat Membru mill-possibbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni ma jimplikax projbizzjoni kompleta li jitwettqu vjaġġi bit-triq inizjali u/jew finali fit-territorju tiegħu fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, iżda jimplika l-applikazzjoni ta' qafas għal dawn il-vjaġġi permezz tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, permezz tal-possibbiltà ta' flessibbiltà ikbar fir-rigward tal-estensjoni tat-tul tal-perijodu ta' kabotaġġ awtorizzat kif ukoll fir-rigward tat-tnaqqis tal-perijodu ta' stennija.

1107 Min-naħa l-oħra, il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma jeħtieġx, għall-kuntrarju tal-premessa li fuqha huwa bbażat l-argument tar-Repubblika tal-Polonja, li l-vettura tmur lura fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport u għalhekk ma jipprekludix li, fil-każ li Stat Membru juża l-possibbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni, din l-impriża twettaq operazzjonijiet oħra ta' trasport minbarra dawk imsemmija fl-imsemmija dispożizzjoni sabiex jitnaqqsu l-vjaġġi ta' vetturi mingħajr tagħbija.

1108 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-Istudju dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fit-trasport ikkombinat, li huwa sussegwenti għall-adozzjoni tar-Regolament 2020/1055, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-validità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu quddiemu fid-data tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et*, C-160/20, EU:C:2022:101, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

1109 Fi kwalunkwe każ, ir-Repubblika tal-Polonja ma wrietx kif dan l-istudju, li huwa bbażat fuq l-ipoteżi ta' applikazzjoni, fl-intier tagħha, għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, tas-sistema li tirregola l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ prevista fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009, b'mod partikolari fil-paragrafi 2 u 2a ta' dan l-artikolu, fl-Istati Membri kollha, huwa rilevanti f'dan il-każ.

1110 Kif isostni ġustament il-Kunsill, l-ipoteżi adottata f'dan l-istudju tillimita l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106 b'mod iktar strett mill-miżura adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1111 Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat, qabel kollox, li l-Istati Membri jistgħu jużaw il-possibbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni biss "fejn meħtieġ biex jiġi evitat l-użu ħażin [ta' dan l-Artikolu 4] permezz tal-għoti ta' servizzi bla limitu u kontinwi li jikkonsistu minn vjaġġi inizjali jew finali bit-triq fi Stat Membru ospitanti li jifformaw parti minn operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat".

1112 Sussegwentement, meta tistabbilixxi li l-"Istati Membri jistgħu jipprevedu perijodu itwal mill-perijodu ta' sebat ijiem previst fl-Artikolu 8(2) [tar-Regolament Nru 1072/2009] u jistgħu jipprevedu perijodu iqsar mill-perijodu ta' erbat ijiem previst fl-Artikolu 8(2a) ta' dan ir-Regolament", l-imsemmija possibbiltà ma tobbligax lil dawn tal-aħħar japplikaw kompletament għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat is-sistema ta' operazzjoni ta' kabotaġġ prevista fir-Regolament Nru 1072/2009, iżda tħallilhom il-possibbiltà li jirrikorru għal applikazzjoni iktar flessibbli ta' din is-sistema.

1113 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-Repubblika tal-Polonja tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 meta dan l-Istat Membru jsostni li l-possibbiltà, li għandhom l-Istati Membri skont din id-dispożizzjoni, li jistabbilixxu perijodu ta' stennija iqsar minn dak ta' erbat ijiem, previst fl-Artikolu 8(2a) tar-Regolament Nru 1072/2009, tippermetti lil dawn l-Istati Membri jirregolaw b'mod iktar strett il-kundizzjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ peress li, billi jnaqqas il-perijodu ta' stennija bejn żewġ ċikli ta' kabotaġġ, l-Istat Membru li japplika l-possibbiltà prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ikun qiegħed jippermetti lit-trasportaturi jwettqu b'mod iktar frekwenti operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-kuntest ta' trasport ikkombinat fit-territorju tiegħu, meta mqabbel mal-applikazzjoni tal-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1114 Fl-aħħar nett, l-applikazzjoni tal-possibbiltà prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 hija suġġetta għal kontroll, peress li l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnha għandhom, b'mod partikolari, jinformaw lill-Kummissjoni b'dan qabel ma japplikaw il-miżuri nazzjonali rilevanti, għandhom jeżaminaw mill-ġdid dawn il-miżuri tal-inqas kull ħames snin u għandhom ukoll jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dan l-eżami mill-ġdid.

1115 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-Repubblika tal-Polonja ma stabbilixxietx in-natura sproporzjonata tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fid-dawl tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni.

1116 Għaldaqstant, l-ewwel motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja għandu jiġi miċħud bħala infondat.

b) Fuq ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

1117 Permezz tat-tieni u tat-tielet motiv tagħha diretti kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li din id-dispożizzjoni tikser l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 94 TFUE.

1118 F'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru jtenni l-argumenti diretti kontra l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi u kontra l-perijodu ta' stennija.

1119 Barra minn hekk, l-imsemmi Stat Membru jsostni, l-ewwel nett, li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 91(2) TFUE peress li, billi naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tat-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, il-possibbiltà prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, twassal għal tnaqqis fil-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni.

1120 Barra minn hekk, l-għan tad-Direttiva 92/106 huwa, skont it-tielet premessa tagħha, li tiġġieled il-konġestjoni fit-toroq u t-tniġġis marbut mat-trasport bit-triq. Billi llimita, bl-adozzjoni tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/106, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ukoll l-Artikolu 91(2) TFUE, sa fejn naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-impatt negattiv tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport. Iż-żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u d-diffikultajiet addizzjonali biex jitwettqu operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat jwasslu inevitabbilment għal żieda fit-traffiku fuq l-infrastruttura tat-toroq u, għalhekk, għad-deterjorament tal-istat tagħha.

1121 It-tieni nett, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, bl-introduzzjoni ta' limitazzjonijiet addizzjonali għall-kabotaġġ, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 94 TFUE billi naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-impriżi tat-trasport, b'mod partikolari dawk li ġejjin mill-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, kif ukoll tas-SMEs. Huwa lanqas ma ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, li kellha effetti partikolarment negattivi fuq is-settur tat-trasport bit-triq, għamlet is-sitwazzjoni tat-trasportaturi iktar diffiċili.

1122 Barra minn hekk, ir-riferiment għad-"dumping soċjali", sabiex jiġi ġġustifikat il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, juri l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tal-impriżi tat-trasport li ġejjin mill-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni. Ir-rieda li tiġi żgurata ugwaljanza assoluta tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-impriżi tat-trasport tal-Istati Membri kollha tmur kontra l-kunċett stess ta' kompetizzjoni. Fil-fatt, id-differenzi fil-produttività u fl-iżvilupp ekonomiku, li fl-aħħar mill-aħħar jirriżultaw f'livelli ta' pagi differenti, jikkostitwixxu l-mutur tal-kummerċ f'ambjent kompetittiv. B'hekk, l-isforzi sabiex tiġi llimitata l-parteċipazzjoni tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri inqas żviluppati fil-provvista tas-servizzi ta' kabotaġġ jixhdu n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni, tas-sitwazzjoni ekonomika ta' dawn l-impriżi.

1123 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dan il-motiv ma huwiex fondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1124 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, kif ġie espost fil-punti 935 sa 940 ta' din is-sentenza, l-osservanza tal-Artikolu 91(2) TFUE, li jimponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni l-obbligu li jieħu inkunsiderazzjoni, waqt l-adozzjoni ta' miżuri bħalma hija dik prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, l-effetti negattivi gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, tirrifletti, essenzjalment, l-obbligu ta' dan il-leġiżlatur li jaġixxi b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità billi jadotta miżuri li jkunu adattati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, li ma jmorrux manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u li jkunu proporzjonati fir-rigward tal-imsemmi għan.

1125 Issa, kif ġie kkonstatat fil-punt 1116 ta' din is-sentenza, l-argumenti mqajma mir-Repubblika tal-Polonja, ibbażati fuq ksur, mill-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ma jippermettux li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser dan il-prinċipju.

1126 Barra minn hekk, minbarra l-fatt li l-argumenti mqajma fil-kuntest tal-eżami tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ġew miċħuda, dan l-Istat Membru ma pprovda, insostenn ta' dan il-motiv li jallega ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ebda element addizzjonali ta' natura li juri li l-possibbiltà prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 għandha impatt gravi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni meta stabbilixxa din il-possibbiltà, bi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE.

1127 L-ewwel nett, fir-rigward tal-impatti fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, ir-Repubblika tal-Polonja ma tesponix argumenti speċifiċi għal din il-possibbiltà, iżda, bħal fil-każ tal-ilmenti magħmula kontra l-perijodu ta' stennija, tirreferi għall-argument tagħha dwar l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, li jwassal għat-twettiq ta' vjaġġi addizzjonali, mingħajr ma tispjega kif il-konsegwenzi ta' dan l-aħħar obbligu japplikaw ukoll għall-imsemmija possibbiltà.

1128 Għaldaqstant, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar il-livell tal-impjieg għandu jitqies, fin-nuqqas ta' kull element konkret ta' natura li jissostanzjah, li huwa ta' natura spekulattiva.

1129 It-tieni nett, lanqas l-argument tar-Repubblika tal-Polonja li l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ser iwassal għal degradazzjoni tat-tagħmir u tal-infrastruttura tat-trasport minħabba żieda fil-vjaġġi mingħajr tagħbija kif ukoll minħabba s-sostituzzjoni ta' operazzjonijiet ta' trasport esklużivament bit-triq minflok operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat ma jista' jintlaqa', għar-raġunijiet esposti fil-punti 1106 u 1107 ta' din is-sentenza. Mill-bqija, dan l-argument huwa bbażat, parzjalment, fuq il-premessa li l-possibbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni ser tiġi implimentata simultanjament minn numru sinjifikattiv ta' Stati Membri, li madankollu ma jistax jiġi preżunt.

1130 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, huwa biżżejjed li jitfakkar li din id-dispożizzjoni, li tipprovdi li kull miżura "dwar prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", adottata fil-kuntest tat-Trattati, għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi, hija irrilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, il-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jipprevedi l-possibbiltà li l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1072/2009 jiġi applikat fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, ma jirregolax il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri, iżda

jipprevedi possibbiltà għall-Istati Membri, sabiex jiġu evitati l-abbużi, li jirregolaw il-modalitajiet għat-twettiq tal-vjaġġi bit-triq inizjali u/jew finali li jkunu jagħmlu parti integrali minn tali operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat.

1131 Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet motiv invokati mir-Repubblika tal-Polonja kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

c) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta

1) L-argumenti tal-partijiet

1132 Ir-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-motiv tagħha komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tiegħu, issostni li, meta adotta din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 11 TFUE u l-Artikolu 37 tal-Karta.

1133 Fil-kuntest ta' dan l-motiv, dan l-Istat Membru jinvoka, fir-rigward ta' dan il-punt 5(b) tal-Artikolu 2, l-istess argumenti bħal dawk esposti, essenzjalment, fil-punti 990 sa 1002 ta' din is-sentenza, sabiex isostni li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx analiżi adegwata tal-konsegwenzi ambjentali gravi ta' din id-dispożizzjoni, minħabba vjaġġi addizzjonali ta' trakkijiet, inklużi vjaġġi mingħajr tagħbija, ikkawżati minnha u li jikkawżaw żieda fl-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi.

1134 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tippreċiża li l-Istudju dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fit-trasport ikkombinat jikkonferma l-effetti negattivi fuq l-ambjent tal-miżura prevista fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat u l-fatt li din il-miżura tikkontradixxi l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku.

1135 Il-Parlament u l-Kunsill iqisu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1136 Peress li, fil-kuntest tal-motiv tagħha komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tiegħu, ir-Repubblika tal-Polonja tqajjem, fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, l-istess argumenti bħal dawk li dan l-Istat Membru qajjem kontra d-dispożizzjonijiet ikkontestati l-oħra tar-Regolament 2020/1055, il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1011 sa 1030 ta' din is-sentenza japplikaw għall-possibbiltà prevista fl-imsemmija dispożizzjoni.

1137 Mill-bqija, għandha tiġi miċħuda, għar-raġunijiet esposti fil-punti 1106, 1107 u 1129 ta' din is-sentenza, l-allegazzjoni tar-Repubblika tal-Polonja li din il-possibbiltà ser twassal sabiex jitwettqu vjaġġi addizzjonali, ta' portata tali li twassal għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li jistgħu jikkostitwixxu ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

1138 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-Istudju dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fit-trasport ikkombinat, dan huwa bbażat, kif ġie kkonstatat fil-punti 1110 sa 1114 ta' din is-sentenza, fuq ipoteżi li tikkostitwixxi limitazzjoni iktar stretta tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106 mill-portata tal-possibbiltà prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

1139 Għaldaqstant, il-motiv tar-Repubblika tal-Polonja komuni għad-dispożizzjonijiet ikkontestati kollha tar-Regolament 2020/1055, sa fejn huwa dirett kontra l-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tiegħu, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

1140 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20) għandu jiġi miċħud sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-punt 5(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055.

6. Konklużjoni dwar ir-Regolament 2020/1055

1141 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorsi tar-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-542/20), tar-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-545/20), tar-Rumanija (Kawża C-547/20), tar-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20), tal-Ungerija (Kawża C-551/20), tar-Repubblika ta' Malta (Kawża C-552/20) u tar-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-554/20), għandhom jintlaqgħu sa fejn huma intiżi għall-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u għandhom jiġu miċħuda fil-bqija tagħhom.

C. Fuq id-Direttiva 2020/1057

1142 Ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), ir-Rumanija (Kawża C-548/20), l-Ungerija (Kawża C-551/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-555/20) jitolbu, prinċipalment, l-annullament ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, l-annullament ta' din id-direttiva fl-intier tagħha. Ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-544/20) u r-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20) jitolbu l-annullament tal-imsemmija direttiva fl-intier tagħha.

1143 Fl-ewwel lok, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Rumanija, mill-Ungerija u mir-Repubblika tal-Polonja huma intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jew ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 sa 7 ta' dan l-artikolu (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057"), sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu distinzjoni bejn diversi tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq u jeżentaw uħud minn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament tal-ħaddiema previsti fid-Direttiva 96/71. Fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, għalkemm huma intiżi għall-annullament tad-Direttiva 2020/1057 fl-intier tagħha, huma jressqu wkoll, insostenn ta' dawn ir-rikorsi, motivi u argumenti li jikkonċernaw biss id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-artikolu.

1144 Fit-tieni lok, ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja huwa intiż ukoll għall-annullament tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057, sa fejn jistabbilixxi t-terminu għat-traspożizzjoni ta' din tal-aħħar.

1. Ħarsa ġenerali lejn il-motivi

1145 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha intiżi għall-annullament, prinċipalment, tal-Artikolu 1(3) u (7) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, ta' din id-direttiva fl-intier tagħha (Kawża C-541/20), ir-Repubblika tal-Litwanja tqajjem tliet motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, u, it-tielet wieħed, tal-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba". Madankollu, għandu jitfakkar li, matul is-seduta, kif diġà ġie indikat fil-punt 68 ta' din is-sentenza, l-imsemmi Stat Membru rtira t-talba tiegħu għall-annullament tal-Artikolu 1(7), dwar l-operazzjoni ta' kabotaġġ.

1146 Insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tad-Direttiva 2020/1057 fl-intier tagħha (Kawżi C-544/20 u C-550/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jinvokaw kull waħda minnhom ħames motivi li jikkoinċidu ħafna u li essenzjalment jirrigwardaw l-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva. L-ewwel motivi huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. It-tieni motivi huma bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikolu 18 TFUE kif ukoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE u, "sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju", tal-Artikolu 95(1) TFUE. It-tielet motivi huma bbażati fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE. Ir-raba' motivi huma bbażati fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE. Il-ħames motivi huma bbażati fuq ksur tal-Artikoli 34 u 35 TFUE (l-ewwel parti), kif ukoll, prinċipalment, tal-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE, jew, sussidjarjament, tal-Artikolu 56 TFUE (it-tieni parti).

1147 Insostenn tar-rikors tagħha intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, ta' din id-direttiva fl-intier tagħha (Kawża C-548/20), ir-Rumanija tinvoka żewġ motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, previst fl-Artikolu 5(4) TUE u, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, previst fl-Artikolu 18 TFUE.

1148 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha intiżi, prinċipalment, għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 (Kawża C-551/20), l-Ungerija tinvoka motiv wieħed ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71. Insostenn tat-talbiet ta' dan l-istess rikors intiżi, sussidjarjament, għall-annullament tal-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, l-Ungerija tqajjem żewġ motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

1149 Insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(3), (4), (6) u (7) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, ta' din id-direttiva fl-intier tagħha (Kawża C-555/20), ir-Repubblika tal-Polonja tressaq erba' motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, it-tieni wieħed, tal-Artikolu 91(2) TFUE, it-tielet wieħed, tal-Artikolu 94 TFUE u, ir-raba' wieħed, tal-Artikolu 11 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta. Insostenn tat-talbiet ta' dan l-istess rikors intiżi għall-annullament tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 jew, sussidjarjament, ta' din id-direttiva fl-intier tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja tqajjem tliet motivi, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, u, it-tielet wieħed, tal-Artikolu 94 TFUE.

1150 Wara espożizzjoni fil-qosor tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u wara deskrizzjoni, f'dan il-kuntest, tat-tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, għandhom jiġu eżaminati suċċessivament it-talbiet tar-rikorsi intiżi għall-annullament ta' dan l-Artikolu 1, jew ta' whud mid-dispożizzjonijiet tiegħu, kif ukoll tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva.

2. Fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

1151 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva 96/71 għandha l-għan li tiggarantixxi l-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati matul il-kollokament tagħhom f'dak li jirrigwarda l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi tistabbilixxi dispożizzjonijiet obbligatorji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema. Għall-finijiet ta' din id-direttiva, ħaddiem ikkollokat huwa ddefinit, fl-Artikolu 2(1) tagħha, bħala ħaddiem li, għal perijodu limitat, iwettaq xogħlu fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak li fit-territorju tiegħu jaħdem normalment. L-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jiggarantixxu lill-ħaddiema li jkunu kkollokati fit-territorju tagħhom, abbażi tal-ugwaljanza fit-trattament, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jitwettaq ix-xogħol li jkopru l-oqsma elenkati f'din id-dispożizzjoni, li fosthom hemm, rispettivament, fil-punti (b) u (c) ta' din id-dispożizzjoni, it-tul minimu tal-leave annwali mħallas u r-remunerazzjoni.

1152 Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-eċċezzjoni tal-provvisti ta' servizzi li jinvolvu l-ekwipaġġ fuq bastimenti merkantili, id-Direttiva 96/71 tapplika, bħala prinċipju, għal kull provvista ta' servizz transnazzjonali li timplika kollokament ta' ħaddiema, ikun xi jkun is-settur ekonomiku li miegħu tkun marbuta tali provvista, inkluż, għaldaqstant, fis-settur tat-trasport bit-triq (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punt 33).

1153 Fir-rigward tad-Direttiva 2020/1057, din tirrigwarda, kif jirriżulta mit-titolu tagħha stess, żewġ suġġetti prinċipali. L-ewwel nett, hija tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71 u tad-Direttiva 2014/67 dwar il-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. It-tieni nett, hija temenda d-Direttiva 2006/22 fir-rigward tar-rekwiżiti fil-qasam tal-kontroll kif ukoll ir-Regolament Nru 1024/2012. L-Istati Membri rikorrenti li qegħdin jitolbu l-annullament tad-Direttiva 2020/1057 jew ta' parti minnha jikkonċentraw ir-rikorsi tagħhom fuq l-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ suġġetti.

1154 F'dan ir-rigward, u kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jistabbilixxi, b'mod partikolari, regoli speċifiċi dwar il-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Skont il-premessa 1 ta' din id-direttiva, l-istabbiliment ta' tali regoli speċifiċi huwa intiż li jiġu żgurati, minn naħa, kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali sodisfaċenti għax-xufiera kif ukoll, min-naħa l-oħra, kundizzjonijiet adegwati u kompetizzjoni leali għall-impriżi tat-trasport bit-triq, sabiex jinħoloq settur tat-trasport bit-triq li jkun sikur, effiċjenti u soċjalment responsabbli. Minn din l-istess premessa jirriżulta li, fid-dawl tal-livell għoli ta' mobbiltà tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li, bl-istabbiliment ta' tali regoli speċifiċi, jiggarantixxi bilanċ bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali minn dawn l-impriżi, il-moviment liberu tal-merkanzija, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sodisfaċenti u l-protezzjoni soċjali tax-xufiera.

1155 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 8 tad-Direttiva 2020/1057, fid-dawl tan-natura estremament mobbli tas-settur tat-trasport, ix-xufiera, għall-kuntrarju tal-kundizzjonijiet prevalenti f'setturi oħra, ġeneralment ma jiġux ikkollokati fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' kuntratti ta' servizz għal perijodi twal. Għaldaqstant, kif jenfasizzaw ukoll il-premessi 2 u 3 ta' din id-direttiva, sabiex jiġi żgurat, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari, li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq tkun ibbażata fuq kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport u sabiex b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ir-regoli settorjali stabbiliti mill-imsemmija direttiva jippreċiżaw f'liema ċirkustanzi x-xufiera jkunu jew ma jkunux suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament tal-ħaddiema previsti fid-Direttiva 96/71.

1156 Mill-premessa 9 tad-Direttiva 2020/1057 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jibbaża dawn ir-regoli settorjali fuq l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn, minn naħa, ix-xufier u s-servizz ipprovdut u, min-naħa l-oħra, it-territorju ta' Stat Membru ospitanti u, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-imsemmija regoli, iddeċieda li jagħmel distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport skont il-grad ta' rabta mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

1157 Huwa għalhekk li l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jistabbilixxi, fil-paragrafi 3 sa 7 tiegħu, moqrija fid-dawl tal-premessi 7 sa 13 tal-imsemmija direttiva, distinzjoni bejn ħames tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq internazzjonali, jiġifieri l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, l-operazzjonijiet ta' trasport mhux bilaterali (iktar 'il quddiem l-"operazzjonijiet ta' trasport terz"), l-operazzjonijiet ta' tranżitu, l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat u l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

1158 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, dawn huma, kif jirriżulta mill-premessa 10 tad-Direttiva 2020/1057, operazzjonijiet ta' trasport mill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża tat-trasport lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz jew, bil-maqlub, operazzjonijiet ta' trasport minn Stat Membru jew minn pajjiż terz lejn l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża tat-trasport.

1159 Mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2020/1057 jirriżulta li, minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71, meta jwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, rispettivament, ta' merkanzija jew ta' passiġġieri, xufier ma għandux jiġi kkunsidrat li huwa kkollokat għall-finijiet tad-Direttiva 96/71. It-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u t-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedu, barra minn hekk, eżenzjonijiet għal attivitajiet addizzjonali, kemm għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali ta' merkanzija kif ukoll għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali ta' passiġġieri.

1160 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-operazzjonijiet ta' trasport terz, mill-premessa 13 tad-Direttiva 2020/1057 jirriżulta li dawn l-operazzjonijiet huma kkaratterizzati mill-fatt li x-xufier iwettaq trasport internazzjonali barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża responsabbli għall-kunsinna. Għaldaqstant, dawn huma operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' stabbiliment ta' din l-impriża jew minn pajjiż terz, lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor li jkun ukoll differenti mill-imsemmi Stat Membru ta' stabbiliment jew lejn it-territorju ta' pajjiż terz. Kif jirriżulta wkoll minn din il-premessa, f'dawn il-każijiet huma meħtieġa biss regoli settorjali fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi u tal-miżuri ta' kontroll.

1161 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-operazzjonijiet ta' tranżitu, dawn huma, kif jirriżulta mill-premessa 11 tad-Direttiva 2020/1057, operazzjonijiet ta' trasport li fihom ix-xufier jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jgħabbi jew iħott merkanzija u mingħajr ma jtella' jew iniżżel passiġġieri. L-Artikolu 1(5) ta' din id-direttiva jipprevedi li, meta b'hekk jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru, xufier ma għandux jitqies li huwa kkollokat għall-finijiet tad-Direttiva 96/71.

1162 F'dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, dawn huma ddefiniti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/106, li għalih tirreferi b'mod espliċitu d-Direttiva 2020/1057, bħala operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri li fil-kuntest tagħhom it-trakk jew mezz ieħor ta' trasport tal-merkanzija marbut mat-trakk jużaw it-triq għall-parti inizjali jew finali tal-vjaġġ u, għall-parti l-oħra, il-ferrovija, passaġġ fuq l-ilma jew vjaġġ bil-baħar. L-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057 jipprovdi li, minkejja l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71, xufier ma għandux jitqies li huwa kkollokat meta jwettaq il-parti tal-vjaġġ inizjali jew finali bit-triq ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat jekk din il-parti tal-vjaġġ bit-triq, ikkunsidrata waħidha, tikkonsisti f'operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1163 F'dak li jirrigwarda, fil-ħames lok, l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, il-punt 6 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1072/2009, moqri fid-dawl tal-premessa 15 tiegħu, jiddefinixxihom bħala l-provvista ta' servizzi minn trasportatur fi Stat Membru li ma jkunx stabbilit fih u jipprovdi li dawn l-operazzjonijiet ma humiex ipprojbiti kemm-il darba ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fi ħdan dan l-Istat Membru. L-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedi li, meta xufier iwettaq tali operazzjoni, huwa għandu jitqies li huwa kkollokat fis-sens tad-Direttiva 96/71.

3. Fuq l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057

1164 Insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jew ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 sa 7 tiegħu, ir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-544/20), ir-Rumanija (Kawża C-548/20), ir-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20), l-Ungerija (Kawża C-551/20) u r-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-553/20) jinvokaw, skont il-każ, ksur, essenzjalment:

– tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71 (motiv uniku tal-Ungerija mressaq b'mod prinċipali);

– tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni motiv tar-Rumanija, it-tieni motiv tar-Repubblika ta' Ċipru u t-tieni motiv tal-Ungerija mressaq b'mod sussidjarju);

– tal-prinċipju ta' proporzjonalità (it-tieni u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel motiv tar-Rumanija, l-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel motiv tal-Ungerija mressaq b'mod sussidjarju u l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Polonja);

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, previsti, minn naħa, fl-Artikolu 91(1) TFUE (it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru) u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, fl-Artikolu 91(2) TFUE u fl-Artikolu 94 TFUE (ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija,

it-tieni motiv tar-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tal-Artikolu 91(2) TFUE, it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tal-Artikolu 94 TFUE, kif ukoll ir-raba' motiv tar-Repubblika ta' Ċipru);

– tal-moviment liberu tal-merkanzija, previst fl-Artikoli 34 u 35 TFUE (l-ewwel parti tal-ħames motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru);

– tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, prevista fl-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE jew, sussidjarjament, fl-Artikolu 56 TFUE (it-tieni parti tal-ħames motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru), kif ukoll

– tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, previsti fl-Artikolu 11 TFUE u fl-Artikolu 37 tal-Karta (ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Polonja).

1165 B'hekk, huma kif miġbura flimkien u f'din l-ordni li għandhom jiġu eżaminati l-motivi diretti kontra l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057.

a) Fuq ksur tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71

1) L-argumenti tal-partijiet

1166 L-Ungerija, permezz tal-motiv uniku tagħha mressaq b'mod prinċipali, issostni li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jikser l-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71, minħabba li x-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali bit-triq ġeneralment ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-aħħar direttiva fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-attività li huma jeżerċitaw.

1167 Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71, li għalih tagħmel riferiment id-Direttiva 2020/1057 fl-Artikolu 1(2) tagħha, l-applikabbiltà tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera li jeżerċitaw attività ta' trasport internazzjonali bit-triq hija possibbli biss fil-każ li tkun teżisti relazzjoni kuntrattwali bejn l-impriża tat-trasport li timpjegahom u d-destinatarju tal-kunsinna. Issa, u filwaqt li tali relazzjoni kuntrattwali ma hijiex abitwali fil-kuntest tal-kuntratti ta' trasport, id-Direttiva 2020/1057 ma teżiġix, fid-dawl tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, li tali kuntratt jiġi konkluż bejn l-impriża mittenti u l-impriża destinatarja. Fil-fatt, ikun biżżejjed li x-xufier jaqsam fruntiera nazzjonali.

1168 Fit-tieni lok, il-kollokament fis-sens tad-Direttiva 96/71 huwa marbut mill-qrib ma' provvista ta' servizzi mwettqa mill-persuna li timpjega fl-Istat Membru ospitanti. Madankollu, fil-kuntest tal-attività ta' trasport, l-enfasi ma hijiex fuq is-servizz ipprovdut mix-xufier, iżda fuq il-moviment tal-merkanzija bejn l-Istati Membri. Għalhekk din ma hijiex attività li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament previsti fid-Direttiva 96/71. Mill-bqija, dan l-argument huwa kkonfermat mir-reazzjoni tal-Unjoni għall-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Fil-fatt, wara l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar minn diversi Stati Membri, il-Kummissjoni intervjeniet kważi immedjatament sabiex tiżgura l-iktar funzjonament bla xkiel possibbli tat-trasport tal-merkanzija.

1169 Fit-tielet lok, minħabba l-mobbiltà qawwija tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, ix-xufiera ma għandhomx jitqiesu li jwettqu xogħolhom temporanjament fi Stat Membru ieħor, iżda bħala li jkunu qegħdin jivvjaġġaw b'mod kostanti bejn diversi Stati

Membri. Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Diċembru 2019, Dobersberger (C-16/18, EU:C:2019:1110) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ħaddiem ma jistax, fid-dawl tad-Direttiva 96/71, jitqies li huwa kkollokat fit-territorju ta' Stat Membru jekk l-eżekuzzjoni tax-xogħol tiegħu ma jkollhiex rabta suffiċjenti ma' dan it-territorju. Soġġorn għal żmien qasir, jew saħansitra ta' ftit sigħat, fi Stat Membru ieħor ma jistax joħloq tali rabta.

1170 Is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), ma ddaħħalx inkwistjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet. Fil-fatt, anki jekk minn din is-sentenza jirriżulta li l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għat-trasportaturi bit-triq ma hijiex, bħala prinċipju, eskluża, xorta jibqa' l-fatt li, fl-assenza ta' rabta suffiċjenti mal-Istati Membri li fihom ix-xufiera jwettqu x-xogħol tagħhom, diversi provvisti ta' servizzi ta' trasport bit-triq ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kollokament li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-imsemmija sentenza. Għalhekk, minbarra l-kabotaġġ, li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-eżistenza ta' tali rabta suffiċjenti, hija ma tat ebda risposta kategorika fir-rigward tal-każijiet l-oħra, u għalhekk kull każ għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi rilevanti tiegħu.

1171 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dan il-motiv huwa ineffettiv jew infondat.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1172 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 431 ta' din is-sentenza, il-legalità interna ta' att tad-dritt sekondarju ma tistax, bħala prinċipju, tiġi eżaminata fid-dawl ta' att ieħor tal-Unjoni tal-istess livell normattiv. Għaldaqstant, l-Ungerija ma tistax validament issostni li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 huma invalidi fid-dawl tal-Artikolu 1(3) (a) tad-Direttiva 96/71.

1173 Sa fejn, permezz tal-motiv uniku tagħha, l-Ungerija ssostni allegata inkoerenza bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva 96/71 u tad-Direttiva 2020/1057, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, din ma teżistix, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk din l-inkoerenza hijiex biżżejjed sabiex tiġġustifika l-annullament tal-Artikolu 1 ta' din l-aħħar direttiva. Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 96/71 hija applikabbli għall-provvisti ta' servizzi transnazzjonali fis-settur tat-trasport bit-triq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbewging, C-815/18, EU:C:2020:976, punti 33 sa 41, u tat-8 ta' Lulju 2021, Rapidsped, C-428/19, EU:C:2021:548, punti 34 sa 36). Minn dan isegwi li x-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali bit-triq jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u mhux, kif jidher li tissuġġerixxi b'mod żbaljat l-Ungerija, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva 2020/1057.

1174 Fit-tieni lok, kif jenfasizza ġustament il-Parlament, id-Direttiva 2020/1057 tikkostitwixxi *lex specialis* meta mqabbla mad-Direttiva 96/71, peress li l-għan ta' din l-ewwel direttiva ma huwiex li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-tieni direttiva, iżda li jiġi ppreċiżat f'liema ċirkustanzi x-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali bit-triq għandhom jitqiesu li huma ħaddiema kkollokati, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71, u, għaldaqstant, bħala li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-aħħar direttiva.

1175 B'mod iktar speċifiku, sa fejn l-Ungerija tikkritika lil-leġiżlatur tal-Unjoni li, bl-adozzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, għamel ir-regoli dwar il-kollokament applikabbli wkoll għal operazzjonijiet ta' trasport li ma jimplikawx waħda mill-miżuri transnazzjonali msemmija

fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71, għandu jiġi rrilevat li, kif jenfasizza dan l-Istat Membru stess, id-Direttiva 2020/1057 tagħmel riferiment espliċitu għal din l-aħħar dispożizzjoni meta tipprevedi, fl-Artikolu 1(2) tagħha, li r-regoli speċifiċi dwar il-kollokament tax-xufiera previsti fl-Artikolu 1 tagħha japplikaw għax-xufiera impjegati minn impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stat Membru li jieħdu l-miżura transnazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71, jiġifieri l-kollokament ta' ħaddiem, għan-nom tagħhom u taħt id-direzzjoni tagħhom, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, fil-kuntest ta' kuntratt konklużbejn l-impriża responsabbli għall-kunsinna u d-destinatarju tal-provvista ta' servizzi li jopera f'dan l-Istat Membru, sakemm tkun teżisti relazzjoni ta' xogħol bejn l-impriża responsabbli għall-kunsinna u l-ħaddiem matul il-perijodu ta' kollokament. Minn dan isegwi neċessarjament li l-imsemmija regoli speċifiċi huma bla ħsara għan-neċessità li, sabiex l-operazzjoni ta' trasport ikkonċernata titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71, ikunu ssodisfatti dawn il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 1(3)(a).

1176 Fir-rigward tal-argument imressaq, f'dan il-kuntest, mill-Ungerija, li tirreferi għar-reazzjoni tal-Unjoni għall-pandemija tal-COVID-19, dan l-argument huwa bbażat, kif jirriżulta mill-punt 1173 ta' din is-sentenza, fuq il-premessa żbaljata li d-Direttiva 96/71 ma kinitx applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057. Għalhekk, dan l-argument, li huwa, barra minn hekk, ta' natura ġenerali u ma jirrigwardax speċifikament il-qafas ta' regoli dwar il-kollokament ta' ħaddiema previst fid-dritt tal-Unjoni, għandu wkoll jiġi miċħud.

1177 Fit-tielet lok, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 lanqas ma jistgħu jitqiesu li huma invalidi minħabba li, fl-assenza ta' rabta suffiċjenti mal-Istati Membri li fihom ix-xufiera jwettqu x-xogħol tagħhom, diversi provvisti ta' servizzi ta' trasport bit-triq ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kollokament li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976).

1178 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li, meta adotta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta approċċ li jsegwi l-istess loġika bħal dik segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza.

1179 B'mod partikolari, fil-punti 49, 62 u 63 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 96/71, li r-regoli dwar il-kollokament, previsti f'din id-direttiva, ma japplikawx, b'mod partikolari, għall-operazzjonijiet ta' tranżitu u għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, filwaqt li japplikaw, bħala prinċipju, għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jitwettqu kompletament fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

1180 Issa, bl-istess mod, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jeskludi, fil-paragrafi 3 u 4 tiegħu, l-operazzjonijiet kollha ta' trasport bilaterali u, fil-paragrafu 5 tiegħu, l-operazzjonijiet kollha ta' tranżitu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71, filwaqt li l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2020/1057 jippreċiża li d-Direttiva 96/71 tapplika għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

1181 Barra minn hekk, fil-punt 45 tas-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li ħaddiem jista' jitqies li huwa "kkollokat" fit-territorju ta' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 2(1)

tad-Direttiva 96/71, fil-każ biss li t-twettiq tax-xogħol tiegħu jkollu rabta suffiċjenti ma' dan it-territorju u, min-naħa l-oħra, li l-verifika tal-eżistenza ta' tali rabta teħtieġ li titwettaq evalwazzjoni globali tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw l-attività tal-ħaddiem ikkonċernat.

1182 Issa, kif jirriżulta mill-premessa 9 tad-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta regoli settorjali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għas-settur tat-trasport bit-triq li huma bbażati wkoll fuq l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn, minn naħa, ix-xufier u s-servizz ipprovdut u, min-naħa l-oħra, it-territorju ta' Stat Membru ospitanti. F'dan il-kuntest, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, dan il-leġiżlatur iffavorixxa soluzzjoni li tikkonsisti f'li jippreċiża f'liema ċirkustanzi tali rabta għandha titqies li teżisti.

1183 Għal dan il-għan, minn naħa, l-imsemmi leġiżlatur indika espressament li ċerti kategoriji ta' operazzjonijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament, jiġifieri, skont it-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057, numru limitat ta' operazzjonijiet marbuta ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali u, skont l-Artikolu 1(6) ta' din l-aħħar direttiva, ċerti vjaġġi li jifformaw operazzjoni ta' trasport ikkombinat.

1184 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessa 13 tad-Direttiva 2020/1057, għall-operazzjonijiet li ma humiex is-suġġett ta' eżenzjoni abbażi ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li teżisti rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti u li d-Direttiva 96/71 għandha għalhekk titqies li tista' tapplika.

1185 It-tieni nett, is-sempliċi fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jikkonkretizza l-kunċett ta' "rabta suffiċjenti", li fuqu bbażat ruħha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tad-19 ta' Diċembru 2019, Dobersberger (C-16/18, EU:C:2019:1110, punt 31), u tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976, punt 45), billi jindika l-kategoriji ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li għalihom għandhom japplikaw jew le r-regoli dwar il-kollokament, ma jistax jivvizzja b'invaliditá d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn is-sentenzi kellu bħala għan l-interpretazzjoni tal-kuntest leġiżlattiv kif kien fis-seħħ fil-mument rilevanti għall-kawżi li taw lok għall-imsemmija sentenzi, b'tali mod li kien abbażi biss tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71 applikabbli f'dak il-mument li l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat x'kellu jinftiehem b'"rabta suffiċjenti". Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja bl-ebda mod ma ssuġġerixxiet li l-interpretazzjoni li hija kienet qiegħda tagħti, f'dak il-kuntest, tal-kunċett ta' "rabta suffiċjenti" kienet l-unika waħda li setgħet tosserva d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

1186 B'dan premess, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma bla ħsara għall-kwistjoni, li hija s-suġġett ta' motivi oħra mqajma f'dawn ir-rikorsi, dwar jekk il-mod kif il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jevalwa l-eżistenza ta' tali "rabta suffiċjenti" fil-każ ta' kull waħda mill-kategoriji ta' operazzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 huwiex kompatibbli mad-dritt primarju.

1187 Fid-dawl tal-premess, il-motiv uniku tal-Ungerija mressaq b'mod prinċipali għandu jiġi miċħud bħala infondat.

b) Fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni

1) L-argumenti tal-partijiet

1188 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru, permezz tat-tieni motiv tagħha, u l-Ungerija, permezz tat-tieni motiv tagħha mressaq b'mod sussidjarju, isostnu li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 ma josservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

1189 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu f'dan ir-rigward li l-fatt li r-regoli dwar il-kollokament jiġu applikati għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, filwaqt li jiġu eżentati l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali minn dawn ir-regoli, iwassal għal trattament differenti ta' sitwazzjonijiet li huma simili, jew saħansitra identiċi, u b'hekk jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

1190 Fl-ewwel lok, din id-differenza fit-trattament bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali għandha l-effett li tagħti lix-xufiera protezzjoni soċjali ddifferenzjata skont in-nazzjonalità tal-persuna li timpjegahom u l-post fejn jitwettqu l-operazzjonijiet. Għalhekk, bħala eżempju, għal tagħbija mgħobbija fl-Italja lejn Frankfurt (il-Ġermanja), xufier ser jitqies li huwa kkollokat fil-Ġermanja jekk il-persuna li timpjegah tkun Portugiża, iżda mhux jekk il-persuna li timpjega tkun Taljana. Issa, fiż-żewġ każijiet, ir-rabta mat-territorju Ġermaniż tkun madankollu l-istess, peress li l-ħatt tal-merkanzija ser iseħħ fil-Ġermanja. Minbarra l-fatt li x-xufiera ser iġarrbu trattamenti differenti skont l-itinerarji tat-trasport, ser ikun hemm ukoll diskriminazzjoni bejn xufiera impjegati mill-istess trasportatur.

1191 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu li din id-differenza fit-trattament bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali għandha impatt negattiv ikbar fuq l-impriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz milli fuq dawk li jwettqu prinċipalment jew esklużivament operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1192 Fit-tielet lok, l-imsemmija differenza fit-trattament bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri peress li ċerti Stati Membri jbatu l-impatt ta' din id-differenza b'mod iktar sinjifikattiv minn oħrajn.

1193 Fir-raba' lok, fl-aħħar nett, minħabba din l-istess differenza fit-trattament, l-impriżi tat-trasport huma kkonfrontati bi spejjeż tas-salarji u amministrattivi differenti skont il-pajjiż tat-tagħbija jew tal-ħatt. Dawn l-impriżi huma għalhekk inċentivati jiffatturaw tariffi differenti għal operazzjonijiet li jirrigwardaw l-istess merkanzija u li jikkonċernaw l-istess relazzjonijiet ta' traffiku, skont il-pajjiż ta' oriġini jew ta' destinazzjoni tal-prodotti ttrasportati, li jmur kontra l-ispirtu tal-Artikolu 95(1) TFUE.

1194 Ir-Rumanija ssostni li huma essenzjalment l-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni li ser isostnu l-ispejjeż amministrattivi u finanzjarji marbuta mal-kollokament u li ser jiġu skoraġġuti milli jwettqu operazzjonijiet irregolati mill-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057, peress li l-kompetittività ta' dawn l-impriżi ser tkun *de facto* mxejna. Barra minn hekk, il-protezzjoni soċjali tax-xufiera ma tistax tiġi ggarantita jekk l-impriżi tat-trasport taż-żona fil-periferija tal-Unjoni jiġu esklużi mis-suq. Skont xenarju ieħor, ix-xufiera ser ikunu obbligati jiċċaqilqu lejn Stat Membru li jinsab f'pożizzjoni aħjar fir-rigward taċ-ċentru

tal-operazzjonijiet ta' trasport fl-Unjoni. Għalhekk, tqum il-kwistjoni dwar sa fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva huma konformi mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 91(2) TFUE kif ukoll fl-Artikolu 94 TFUE.

1195 Mill-bqija, fil-fehma tar-Rumanija, ma humiex biss id-dispożizzjonijiet ikkonċernati tad-Direttiva 2020/1057, iżda wkoll dawk li huma s-suġġett tar-rikorsi tagħha għall-annullament parzjali tar-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055 (Kawżi C-546/20 u C-547/20) li għandhom l-effett, kemm meħuda waħedhom kif ukoll fl-intier tagħhom, li jissuġġettaw għal diskriminazzjoni l-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni.

1196 Skont ir-Rumanija, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jinvokaw il-Parlament u l-Kunsill, li tirriżulta mis-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-5/16, EU:C:2018:483, punt 167), kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-128/17, EU:C:2019:194, punt 106), ma tistax tapplika *mutatis mutandis* f'dan il-każ. F'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-"Pakkett dwar il-mobbiltà", ma hijiex biss is-sitwazzjoni partikolari ta' Stat Membru wieħed li ma tteħditx inkunsiderazzjoni. Għall-kuntrarju, il-miżuri kkontestati jisseparaw l-Istati Membri f'żewġ kategoriji kbar skont is-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, jiġifieri, minn naħa, ċentru ffavorit u, min-naħa l-oħra, periferija żvantaġġata, għalkemm fi proporzjonijiet varjabbli. Issa, il-leġiżlazzjonijiet adottati fil-livell tal-Unjoni għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dawn id-differenzi u għandhom jipprovaw jikkumpensawhom, billi jnaqqsu d-differenzi eżistenti kif ukoll billi jimmiraw għal tqassim iktar omoġenju kemm tal-benefiċċji kif ukoll tal-ispejjeż tal-appartenenza fl-Unjoni.

1197 Barra minn hekk, il-Kunsill jammetti, essenzjalment, li d-Direttiva 2020/1057 tiffaċilita l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, iżda mhux l-operazzjonijiet ta' trasport terz u, għaldaqstant, mhux l-operazzjonijiet imwettqa mill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-Lvant tal-Ewropa, barra miż-żona fejn huwa kkonċentrat it-trasport internazzjonali bit-triq tal-Unjoni.

1198 Min-naħa tagħha, l-Ungerija ssostni li, fil-prattika, huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, jiġifieri, minn naħa, l-operazzjonijiet akkumpanjati u, min-naħa l-oħra, l-operazzjonijiet mhux akkumpanjati. Fil-każ li x-xufier jakkumpanja l-vettura u t-tagħbija tagħha matul il-perijodu kollu tat-trasport, din tkun, fl-aħħar mill-aħħar, operazzjoni waħda ta' trasport. Huwa biss il-metodu ta' trasport li jvarja. F'dan il-każ, l-operazzjoni ta' trasport ikkombinat tkun, essenzjalment, simili għal operazzjoni ta' trasport bilaterali, b'tali mod li l-prinċipju fundamentali ta' ugwaljanza fit-trattament jiġġustifika li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057 tkopri l-operazzjoni kollha, jiġifieri ż-żewġ vjaġġi bit-triq.

1199 Madankollu, skont l-Artikolu 1(6) ta' din id-direttiva, xufier jitqies li ma huwiex ikkollokat meta jwettaq operazzjoni ta' trasport ikkombinat fil-każ biss fejn il-vjaġġ bit-triq, meħud waħdu, ikun kompost minn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, fis-sens tal-Artikolu 1(3) tal-imsemmija direttiva. L-Ungerija tqis li l-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk qasam artifiċjalment l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat f'żewġ vjaġġi bit-triq, il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali, li wieħed minnhom ma jissodisfax il-kundizzjoni relatata mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. B'hekk, dan il-leġiżlatur, billi ma estendiex għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat akkumpanjati l-benefiċċju tal-eżenzjoni prevista għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali ta' merkanzija, kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

1200 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

i) Kunsiderazzjonijiet preliminari

1201 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li, għalkemm ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jitolbu l-annullament tad-Direttiva 2020/1057 fl-intier tagħha, mill-argumenti mressqa minn dawn l-Istati Membri, ibbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, jirriżulta li huma qegħdin jikkontestaw b'mod partikolari d-distinzjoni magħmula fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1202 Fit-tieni lok, l-argument imressaq mill-Ungerija intiż li juri ksur ta' dawn il-prinċipji jiffoka biss fuq l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, dwar l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat.

1203 Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-argument imressaq mir-Rumanija, għandu jiġi rrilevat li dan l-Istat Membru qiegħed jitlob l-annullament tal-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057, billi jafferma li r-regoli previsti fih għandhom l-effett li jiddisswadu lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fil-"periferija tal-Unjoni" milli jwettqu t-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, filwaqt li jenfasizza speċifikament l-allegati effetti negattivi għal dawn l-impriżi li jirriżultaw mid-distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1204 [Kif irrettifikat permezz ta' digriet tad-19 ta' Diċembru 2024] F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi kkonstatat, sa fejn, l-ewwel nett, ir-Rumanija tinvoka l-annullament tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2020/1057, li dan l-Istat Membru sempliċement jallega, f'termini ġenerali, li l-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni" jġarrbu diskriminazzjoni indiretta minħabba d-dispożizzjonijiet ikkontestati ta' dan l-Artikolu 1, mingħajr ma jispjega kif l-imsemmi paragrafu 5 jista' jkun sors ta' inkonvenjenzi għal dawn l-Istati Membri, filwaqt li din l-aħħar dispożizzjoni tagħti lit-trasportatur responsabbli għal operazzjoni li tgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru l-benefiċċju ta' eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li huwa jipprevedi. Issa, tali eżenzjoni hija ta' natura li tillimita l-impatt tad-distanza ikbar jew iżgħar bejn l-Istat Membru fejn ikun stabbilit it-trasportatur u Stat Membru ieħor li fih iseħħu t-tagħbija jew il-ħatt tal-merkanzija, kif ukoll it-tlugħ jew l-inżul tal-passiġġieri, fuq il-kwistjoni dwar jekk l-operazzjoni ta' trasport bit-triq inkwistjoni hijiex suġġetta għar-regoli dwar il-kollokament tal-ħaddiema previsti fid-Direttiva 96/71.

1205 Bl-istess mod, sa fejn, it-tieni nett, ir-Rumanija ssemmi l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, dan l-Istat Membru lanqas ma jissostanzja kif din id-dispożizzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat tikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni billi tisfavorixxi, essenzjalment, lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni". Fil-fatt, l-argument imressaq sabiex tintwera n-natura diskriminatorja tad-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fl-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057, fis-sens li s-sehem mis-suq tat-trasport internazzjonali miżmum mill-operaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni" qed jiżdied, ma jippermettix li jintwera ksur ta' dawn il-prinċipji.

1206 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għad iridu jiġu eżaminati l-argumenti li permezz tagħhom il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa kkritikat li ddistingwa, fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali

għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament kif ukoll l-argumenti speċifiċi mressqa mill-Ungerija dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għat-trasport ikkombinat, kif prevista fl-Artikolu 1(6) tal-imsemmija direttiva.

ii) Fuq l-eżistenza tal-allegati trattamenti diskriminatorji

1207 Huwa paċifiku li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, sa fejn jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar il-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq, japplikaw mingħajr distinzjoni għall-impriżi tat-trasport ikkonċernati kollha, irrispettivament mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, għax-xufiera kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, kif ukoll għall-Istati Membri kollha, b'tali mod li ma jinvolvux diskriminazzjoni diretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni.

1208 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 308 sa 310 ta' din is-sentenza, jekk l-imsemmija dispożizzjonijiet, sa fejn jiddistingwu l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1206 ta' din is-sentenza, japplikawx b'mod mhux iġġustifikat regoli differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan imfittex minnhom, u jekk, minħabba f'hekk, jikkostitwixxux diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni billi, min-natura tagħhom stess, jistgħu jaffettwaw iktar lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni", lix-xufiera impjegati minn dawn l-impriżi u lil dan il-grupp ta' Stati Membri.

1209 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt preċedenti, in-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet rispettivi inkwistjoni għall-finijiet tal-istħarriġ tal-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha tiġi evalwata, b'mod partikolari, fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni kkonċernata.

1210 F'dan ir-rigward, l-għan imfittex mid-Direttiva 2020/1057 huwa, kif jirriżulta mill-premessi 3 u 7 tagħha, li jiġu previsti regoli speċifiċi, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Istat Membru li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tiegħu għandhom jiġu ggarantiti lix-xufiera tat-trasport bit-triq, li jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari marbuta mal-mobbiltà estrema tal-ħaddiema f'dan is-settur u li, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jistabbilixxu bilanċ bejn it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol ta' dawn ix-xufiera u l-fatt li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq ibbażata fuq kompetizzjoni leali bejn l-impriżi tat-trasport.

1211 Huwa fil-kuntest ta' dan l-għan ġenerali mfittex mid-Direttiva 2020/1057 li, kif jirriżulta mill-premessa 9 ta' din id-direttiva, jaqa' l-għan speċifiku tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tagħha, li jippreċiżaw f'liema ċirkustanzi x-xufiera huma jew ma humiex suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament għal żmien twil previsti fid-Direttiva 96/71.

1212 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, fid-dawl ta' dan l-għan, jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni applikax, fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, trattament diskriminatorju għall-operazzjonijiet ta' trasport terz u għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat meta mqabbla mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

– Fuq l-allegat trattament diskriminatorju tal-operazzjonijiet ta' trasport terz meta mqabbla mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali

1213 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport u x-xufiera li huma jimpjegaw skont jekk iwettqux operazzjonijiet ta' trasport terz jew operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, għandu jitfakkar li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, b'mod partikolari, tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu u tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 tiegħu, moqrija fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, jirriżulta li xufier li jwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali ma jitqiesx li huwa kkollokat, fis-sens tad-Direttiva 96/71, filwaqt li xufier li jwettaq operazzjonijiet ta' trasport terz jitqies, bħala prinċipju, bħala tali. Barra minn hekk, it-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u t-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedu li l-eżenzjonijiet għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali previsti f'dawn il-paragrafi japplikaw ukoll għal ċerti attivitajiet addizzjonali marbuta ma' tali tranżazzjonijiet.

1214 Minn dan jirriżulta li d-differenza fit-trattament li tirriżulta, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057 bejn l-operazzjonijiet ta' trasport terz u l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali hija bbażata fuq it-tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkonċernati, li d-distinzjoni bejniethom tiddependi mir-rabta bejn ix-xufier u s-servizz ipprovdut, minn naħa, u t-territorju tal-Istat Membru ospitanti u dak tal-Istat Membru ta' stabbiliment, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, filwaqt li, fis-sitwazzjoni ta' operazzjoni ta' trasport bilaterali, in-natura tas-servizz tkun marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment, dan ma jkunx il-każ ta' operazzjoni ta' trasport terz, fejn ix-xufier iwettaq operazzjonijiet minn pajjiż għal ieħor li l-ebda wieħed minnhom ma jkun l-Istat Membru ta' stabbiliment.

1215 Minn dan isegwi li l-operazzjonijiet ta' trasport terz u l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali ma humiex paragunabbli fid-dawl tal-għan imfittex mid-Direttiva 2020/1057 u, b'mod iktar speċifiku, ta' dak imfittex mir-regoli previsti fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, imfakkra fil-punti 1210 u 1211 ta' din is-sentenza. Għaldaqstant, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 1086 tal-konklużjonijiet tiegħu, la x-xufiera u lanqas l-impriżi tat-trasport involuti f'dawn iż-żewġ kategoriji ta' operazzjonijiet ta' trasport ma jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward ta' dan l-aħħar għan.

1216 Din il-konklużjoni ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-eżempji konkreti ta' operazzjonijiet ta' trasport imressqa mill-Istati Membri rikorrenti u li, skont dawn tal-aħħar, jistabbilixxu li xogħol tal-istess natura jista' jitwettaq minn żewġ xufiera differenti, li jaħdmu, skont il-każ, għall-istess impriża, filwaqt li, minħabba d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, dawn iż-żewġ xufiera ma jibbenefikawx mill-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u, b'mod partikolari, mill-istess rata ta' remunerazzjoni.

1217 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li l-evalwazzjoni tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet rispettivi ta' dawn ix-xufiera għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għandha ssir biss skont in-natura tax-xogħol tagħhom, filwaqt li, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hija r-rabta li torbot lix-xufier ikkonċernat u s-servizz ipprovdut mal-Istat Membru ta' stabbiliment jew mal-Istat Membru ospitanti li, fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, hija rilevanti għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni.

1218 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li l-leġiżlatur tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-punt 247 ta' din is-sentenza, għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni sabiex jiddefinixxi l-politika komuni tat-trasport, li taħtha jaqgħu l-miżuri previsti fid-Direttiva 2020/1057. Din tal-aħħar, adottata abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, timplika għażliet ta' natura politika u evalwazzjonijiet kumplessi li jikkonċernaw l-impatti ekonomiċi u soċjali ta' dawn il-miżuri.

1219 Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat bi ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li għażel, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' dan il-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, li jistabbilixxi kriterji ġenerali għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn is-servizz ta' trasport ipprovdut u t-territorju tal-Istat Membru ospitanti, pjuttost milli jħalli f'idejn l-atturi kkonċernati l-kompitu li jivverifikaw l-eżistenza ta' tali rabta f'kull każ konkret.

1220 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejniethom quddiem it-Trattati, stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE, huwa minnu li ma jistax jiġi eskluż li ċerti Stati Membri jkunu iktar affettwati minn oħrajn mid-distinzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz.

1221 Fil-fatt, peress li huwa paċifiku bejn il-partijiet li parti sinjifikattiva tad-domanda fis-suq tat-trasport hija kkonċentrata fl-Istati Membri li jinsabu iktar fiċ-"ċentru tal-Unjoni", huwa possibbli li l-impriżi tat-trasport li, skont l-Istati Membri rikorrenti, ikunu stabbiliti fil-"periferija tal-Unjoni" jkunu dawk li jwettqu l-parti l-kbira tal-operazzjonijiet ta' trasport terz fl-Unjoni u li, għalhekk, huma l-iktar li jkunu suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament filwaqt li l-kompetituri tagħhom li jkunu stabbiliti iktar fiċ-"ċentru tal-Unjoni" jwettqu prinċipalment jew esklużivament operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1222 Madankollu, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li, skont il-ġurisprudenza esposta fil-punt 332 ta' din is-sentenza, att tal-Unjoni li jkollu l-għan li jarmonizza r-regoli tal-Istati Membri, sa fejn japplika b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha, ma jistax jitqies li huwa diskriminatorju peress li tali att ta' armonizzazzjoni joħloq inevitabbilment effetti diverġenti skont l-istat preċedenti tal-leġiżlazzjonijiet u tal-prattiki nazzjonali differenti.

1223 F'dan il-każ, bl-adozzjoni ta' regoli settorjali dwar il-kollokament ta' ħaddiema intiżi li jiġu implimentati fl-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jilħaq, kif jirriżulta mill-premessi 3, 7 u 9 tad-Direttiva 2020/1057, bilanċ bejn, minn naħa, it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera u, min-naħa l-oħra, il-fatt li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq ibbażat fuq kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport.

1224 F'dan il-kuntest, l-approċċ li jikkonsisti f'li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, mhux talli ma jippreġudikax l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri, iżda huwa intiż, għall-kuntrarju, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-premessa 4 ta' din id-direttiva, li jirrimedja l-inugwaljanzi fit-trattament li setgħu rriżultaw qabel, minħabba diverġenzi rrilevati bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva, differenzi li kienu joħolqu piż amministrattiv kbir fuq ix-xufiera u l-impriżi tat-trasport.

1225 It-tieni nett, l-eventwali differenza fl-impatt tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 fuq l-Istati Membri skont jekk jinsabux fiċ- "ċentru tal-Unjoni" jew fil-"periferija tal-Unjoni", kif imsemmija fil-punti 1220 u 1221 ta' din is-sentenza, ma tirriżultax min-natura allegatament diskriminatorja tad-distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, iżda, essenzjalment, mill-mudell ta' operat ekonomiku li jkunu għażlu l-impriżi tat-trasport stabbiliti f'ċerti Stati Membri, sa fejn l-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn impriżi tat-trasport li jipprovdu l-parti essenzjali jew it-totalità tas-servizzi tagħhom fi Stati Membri mbiegħda mill-Istat Membru li fih huma stabbiliti, ikun liema jkun dan tal-aħħar, jistgħu iktar jiġu kklassifikati bħala operazzjonijiet ta' trasport terz u, għaldaqstant, jistgħu jkunu suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament.

1226 Huwa minnu li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tista' tirrappreżenta piż ikbar għall-persuni li jimpjegaw li jipprovdu servizzi ta' trasport terz fi Stati Membri li fihom il-livell ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari ta' remunerazzjoni, huwa ogħla milli fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom.

1227 Madankollu, tali konsegwenza hija inerenti għall-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2020/1057, li hija intiża preċiżament li tiżgura kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport billi tiggarantixxi lix-xufiera li jipprovdu servizz ta' trasport li jkollu rabta suffiċjenti mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti l-benefiċċju ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg ugwali għal dawk applikabbli għax-xufiera l-oħra li jipprovdu wkoll tali servizzi f'dan it-territorju. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li l-interessi ta' ċerti atturi jistgħu jiġu affettwati b'mod iktar sinjifikattiv meta mqabbla ma' oħrajn huwa inerenti għat-tfittxija ta' bilanċ bejn diversi interessi kompetituri, li hija karatteristika tal-azzjoni leġiżlattiva. Għalhekk, f'dan il-każ, tali konsegwenza hija inseparabbli mill-għan imfittex minn din id-direttiva li jikkonsisti fit-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni leali bejn l-impriżi tat-trasport.

1228 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 322 ta' din is-sentenza, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax titqies, fiha nnifisha, li tmur kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li twassal għal konsegwenzi differenti għal ċerti operaturi ekonomiċi, meta din is-sitwazzjoni tkun il-konsegwenza ta' kundizzjonijiet ta' operat differenti li jinsabu fihom, b'mod partikolari minħabba l-post ġeografiku tagħhom, u mhux minħabba inugwaljanza fid-dritt inerenti għad-dispożizzjoni kkontestata.

1229 Fi kwalunkwe każ, jekk jitqies li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 iwasslu sabiex sitwazzjonijiet paragunabbli jiġu ttrattati b'mod differenti, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 308 ta' din is-sentenza, dan it-trattament ikun oġġettivament iġġustifikat mill-għanijiet imfittxija fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, konformement mal-Artikolu 90 TFUE. Dawn l-għanijiet jinkludu, b'mod partikolari, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, imsemmi fil-preambolu tat-Trattat FUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, imsemmija fl-Artikolu 9 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 ta' dan it-Trattat.

1230 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argument speċifiku mressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 95(1) TFUE, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tipprojbixxi, fit-traffiku fi ħdan l-Unjoni, "[i]d-diskriminazzjonijiet kollha li jikkonsistu fl-applikazzjoni minn trasportaturi dwar l-istess merkanzija ittrasportata fl-istess rotot, ta' prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport li jvarjaw skond il-pajjiż ta' l-origini jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr".

1231 Sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu li t-trasportaturi ser jiġu mħeġġa jiffatturaw tariffi differenti għall-istess merkanzija u għall-istess vjaġġi skont il-pajjiż ta' oriġini jew ta' destinazzjoni ta' din il-merkanzija, sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tas-salarji u l-ispejjeż amministrattivi differenti li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol sodisfaċenti u protezzjoni soċjali ikbar għax-xufiera permezz tal-iffissar tal-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. L-imsemmija dispożizzjonijiet għalhekk bl-ebda mod ma jirregolaw il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet tat-trasport bħala tali u ma jistgħux, għaldaqstant, jitqiesu li jaqgħu taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 95(1) TFUE.

1232 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 1213 sa 1224 ta' din is-sentenza, id-differenza stabbilita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u għall-operazzjonijiet ta' trasport terz ma hijiex ibbażata fuq il-pajjiż ta' oriġini jew ta' destinazzjoni tal-merkanzija inkwistjoni, iżda fuq il-fatt li s-servizz ipprovdut fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet ma għandux l-istess rabta mal-Istat Membru ta' stabbiliment.

1233 Fir-raba' lok, sa fejn ir-Rumanija tinvoka, taħt it-tieni motiv tar-rikors tagħha, ibbażat formalment fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, ksur tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE, l-argument tagħha jikkoinċidi ma' dak ippreżentat mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru fil-kuntest tar-raba' motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom kif ukoll ma' dak ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja fil-kuntest tat-tieni u tat-tielet motiv tar-rikors tagħha. Għaldaqstant, dan l-argument ser jiġi eżaminat f'dan il-kuntest.

1234 Fid-dawl tal-premess, l-approċċ segwit mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, li jikkonsisti, b'mod ġenerali, fid-distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport skont ir-rabta bejn ix-xufier u s-servizz ipprovdut, minn naħa, u t-territorju tal-Istat Membru ospitanti jew it-territorju tal-Istat Membru ta' stabbiliment, min-naħa l-oħra, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament u, b'mod partikolari, fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, filwaqt li jiġu eżentati mill-imsemmija regoli l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali kif ukoll ċerti attivitajiet addizzjonali marbuta magħhom, ma jistax jitqies li jmur kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.

– Fuq l-allegat trattament diskriminatorju tal-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat meta mqabbla mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali

1235 Permezz tal-argument tagħha dwar l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, li jikkonċerna t-trasport ikkombinat, l-Ungerija ssostni li, meta l-istess xufier jakkumpanja l-vettura u t-tagħbija tagħha matul il-perijodu kollu ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat, din l-operazzjoni kollha kemm hi għandha tiġi assimilata ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, b'tali mod li ż-żewġ vjaġġi bit-triq jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament, peress li huwa biss il-mod ta' trasport li jvarja bejn il-partijiet differenti ta' tali operazzjoni ta' trasport ikkombinat. Dan l-argument huwa għalhekk ibbażat fuq il-premessa li tali operazzjoni ta' trasport ikkombinat, ikkunsidrata fl-intier tagħha, hija paragunabbli ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, fid-dawl tal-għan imfittex mir-regoli previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057.

1236 F'dan ir-rigward, mid-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/106, li għalih jirreferi l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, jirriżulta li l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat jikkonsistu f'operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri li għalihom it-triq tintuża għall-parti inizjali jew finali tal-vjaġġ, filwaqt li l-ferrovija, passaġġ fuq l-ilma jew vjaġġ bil-baħar li jeċċedu distanza minima jintużaw għall-parti l-oħra tal-vjaġġ.

1237 Issa, kif jirriżulta mit-titolu tagħha stess, id-Direttiva 2020/1057 għandha l-għan li tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq biss. Bl-istess mod, kif jirriżulta mill-punt 1210 ta' din is-sentenza, l-għan imfittex minn din id-direttiva, u b'mod iktar speċifiku mill-Artikolu 1 tagħha, huwa li jiġu previsti regoli għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Istat Membru li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tiegħu għandhom jiġu ggarantiti lix-xufiera, liema regoli jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari ta' dan is-settur, fejn l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għal xufier partikolari tiddependi mill-eżistenza ta' rabta suffiċjenti li torbot lil dan tal-aħħar u s-servizz li huwa jipprovdi mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

1238 Huwa minn din il-perspettiva li l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, li jirrigwarda t-trattament li għandu jingħata lill-vjaġġi bit-triq li jagħmlu parti minn operazzjoni ta' trasport ikkombinat, jeżenta mir-regoli dwar il-kollokament il-vjaġġ bit-triq, inizjali jew finali, ta' tali operazzjoni meta dan il-vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, ikun kompost minn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, fis-sens tal-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva.

1239 Issa, għandu jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 247 ta' din is-sentenza, għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni sabiex jiddefinixxi l-politika komuni tat-trasport, li taħtha jaqgħu l-miżuri previsti fid-Direttiva 2020/1057. Din tal-aħħar, adottata abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, timplika għażliet ta' natura politika u evalwazzjonijiet kumplessi li jikkonċernaw l-impatti ekonomiċi u soċjali ta' dawn il-miżuri.

1240 Għaldaqstant, u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 309 ta' din is-sentenza, li minnha jirriżulta li l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet rispettivi inkwistjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-suġġett u tal-għanijiet tal-att tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li kkunsidra, fl-eżerċizzju ta' dan il-marġni ta' evalwazzjoni, li jistgħu jiġu assimilati ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament biss il-partijiet ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat li jitwettqu bit-triq u mhux din l-operazzjoni tal-aħħar fl-intier tagħha.

1241 Din il-konstatazzjoni ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-argument li jkun artifiċjali li operazzjoni ta' trasport ikkombinat tinqasam f'żewġ vjaġġi bit-triq separati meta t-trasport ikun żgurat, għal din l-operazzjoni kollha, mill-istess xufier. Fil-fatt, il-fatt li l-merkanzija tista' tkun akkumpanjata mill-istess xufier matul l-imsemmija operazzjoni kollha huwa irrilevanti f'dan ir-rigward peress li huwa paċifiku li wieħed mill-modi ta' trasport li minnu hija komposta din l-istess operazzjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2020/1057, li l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq biss.

1242 Il-konstatazzjoni esposta fil-punt 1240 ta' din is-sentenza lanqas ma tiddaħħal inkwistjoni mill-fatt li, jekk ikun il-każ, operazzjoni ta' trasport ikkombinat jkollha titqies li hija operazzjoni unika li ssegwi għanijiet differenti minn dawk li għalihom huma previsti r-regoli li jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057. Fil-fatt, anki jekk jitqies li dan huwa l-każ, tali fatt ma jkunx ta' natura li juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser, fid-dawl tal-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni li għandu sabiex jiddefinixxi l-politika komuni tat-trasport, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta'

nondiskriminazzjoni billi kkunsidra li huma biss il-partijiet ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat li jitwettqu bit-triq li jistgħu jiġu assimilati ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament.

1243 Fl-aħħar nett, il-fatt li wieħed biss miż-żewġ vjaġġi bit-triq li minnu tkun komposta operazzjoni ta' trasport ikkombinat jitqies li jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva, sabiex jibbenefika minn eżenzjoni skont din id-dispożizzjoni, huwa biss il-konsegwenza tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi għal kull wieħed minn dawn il-vjaġġi. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 12 tal-imsemmija direttiva, meta tali vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, ikun jista' jiġi assimilat ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, in-natura tas-servizz ipprovdut matul dan il-vjaġġ bit-triq tkun marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment, u dan jiġġustifika l-estensjoni tal-eżenzjoni prevista f'dan il-paragrafu 3 għall-imsemmi vjaġġ bit-triq.

1244 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma assimilax l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, meta l-istess xufier jakkumpanja l-vettura u t-tagħbija tagħha, mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali msemmija fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kisirx il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.

1245 Din il-konklużjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-allegazzjoni tar-Rumanija, ibbażata fuq l-effett diskriminatorju globali li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-"Pakkett dwar il-mobbiltà", li huma s-suġġett tat-tliet rikorsi ppreżentati minn dan l-Istat Membru fil-Kawżi C-546/20 sa C-548/20. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li r-Rumanija ma wrietx, fil-Kawża C-548/20, li tirriżulta diskriminazzjoni mid-Direttiva 2020/1057 u li l-argumenti ta' dan l-Istat Membru f'dan ir-rigward diretti kontra r-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055, diġà eżaminati fil-kuntest tar-rikorsi li jikkorrispondu għall-Kawżi C-546/20 u C-547/20, ġew miċħuda.

1246 Għaldaqstant, l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, it-tieni motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-tieni motiv tar-Rumanija, it-tieni motiv tar-Repubblika ta' Ċipru u t-tieni motiv tal-Ungerija mressaq b'mod sussidjarju għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

c) Fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

1247 Ir-Repubblika tal-Litwanja, permezz tat-tieni u tat-tielet motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija, permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-Rumanija, permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru, permezz tal-ewwel motiv tagħha, l-Ungerija, permezz tal-ewwel motiv tagħha mressaq b'mod sussidjarju, u r-Repubblika tal-Polonja, permezz tal-ewwel motiv tagħha, isostnu li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma josservawx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

1248 Minn naħa, dawn l-Istati Membri jsostnu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx l-eżami tal-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt dwar il-verżjoni finali ta' dawn id-dispożizzjonijiet jew ta' xi wħud minnhom. B'mod partikolari, għalkemm it-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja huwa formalment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba" u ta' "rekwiżiti formali essenzjali", mill-argumenti mressqa insostenn tiegħu jirriżulta li l-intenzjoni ta' dan l-Istat Membru hija, fir-realtà, li juri ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-effetti tal-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva ma ġewx debitament evalwati. Bl-istess mod, f'dan ir-rigward, għalkemm, fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha mressaq b'mod sussidjarju,

l-Ungerija ssostni formalment żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-argument tagħha f'dan il-kuntest huwa intiż biss li juri ksur ta' dan l-aħħar prinċipju.

1249 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija Stati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Ungerija, jikkontestaw il-proporzjonalità bħala tali tal-kriterji jew ta' wħud minnhom, previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom ir-regoli dwar il-kollokament huma applikabbli għax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq.

1) Fuq it-twettiq mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' eżami tal-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057

i) L-argumenti tal-partijiet

1250 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jfakkru li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li japplika r-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, mingħajr limitu ta' żmien, filwaqt li jeżenta minn dawn ir-regoli l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. Issa, il-Parlament u l-Kunsill ma kellhom ebda valutazzjoni tal-impatt ta' din il-leġiżlazzjoni, minkejja li tali analiżi kienet intalbet diversi drabi minn diversi Stati Membri, u lanqas ma kellhom xi informazzjoni oħra li setgħet tikkonferma li din id-differenza fit-trattament bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz kienet proporzjonata. Fil-fatt, il-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament kienet tipprevedi approċċ fundamentalment differenti.

1251 Ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057 jmur kontra l-prinċipju ta' "leġiżlazzjoni tajba" sa fejn l-effetti ta' din id-dispożizzjoni ma ġewx evalwati kif xieraq.

1252 Dan l-Istat Membru jenfasizza, f'dan ir-rigward, li, skont l-Artikolu 11(3) TUE, il-Kummissjoni għandha l-obbligu, sabiex tiżgura l-koerenza u t-trasparenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni, li twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. L-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità jimponi wkoll fuq il-Kummissjoni obbligu analogu li tagħmel konsultazzjonijiet wiesgħa. L-istess japplika għall-Artikolu 5 ta' dan il-protokoll, li jipprovdi li l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu motivati fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità u li jeżiġi li kull abbozz ta' att leġiżlattiv jinkludi elementi ddettaljati li jippermettu li tiġi evalwata l-osservanza ta' dawn il-prinċipji, li minnu jirriżulta li dawn l-abbozzi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-neċessità li jiġi żgurat li kull piż li jaqa' fuq l-operaturi ekonomiċi jkun l-inqas għoli possibbli u proporzjonat mal-għan li għandu jintlaħaq. Barra minn hekk, skont il-Ftehim Interistituzzjonali, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi tagħha li jkunu mistennija li jkollhom impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali sinjifikattiv.

1253 Huwa minnu li huwa possibbli li f'ċerti każijiet ma ssirx valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, f'dan il-każ, ma kien hemm ebda raġuni oġġettiva li kienet tiġġustifika li ma ssirx valutazzjoni tal-impatt u, barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma tawx raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom li ma jwettqux tali valutazzjoni. Is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035), invokata mill-Kunsill, ma hijiex rilevanti f'dan il-każ peress li, fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, kienet twettqet valutazzjoni tal-impatt, filwaqt li, f'dan il-każ, l-impatt tad-dispożizzjonijiet ikkontestati ma kienx is-suġġett ta' valutazzjoni.

1254 Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, in-natura adegwata u meħtieġa tal-valutazzjonijiet tal-impatt ma tistax tiġi interpretata bħala li hija suġġetta għal evalwazzjoni purament suġġettiva, li tiddependi esklużivament mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data oġġettiva eżistenti peress li dan huwa l-uniku mezz sabiex jiġi ggarantit li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma jabbużax mill-marġni ta' evalwazzjoni tiegħu.

1255 Ir-Rumanija tifformula kritika essenzjalment analoga fir-rigward tal-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057. Hija ssostni b'mod partikolari li d-dokumenti li janalizzaw esklużivament in-neċessità ta' intervent leġiżlattiv fil-qasam tal-kollokament huma insuffiċjenti. Fil-fatt, l-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji u adegwati għall-ġlieda kontra n-nuqqasijiet ikkonstatati ma setgħetx tkun ibbażata biss fuq evalwazzjoni tas-sitwazzjoni preeżistenti tas-suq tat-trasport. Kellha ssir ukoll evalwazzjoni reali u komprensiva tal-konsegwenzi mistennija tal-miżuri previsti. F'dan ir-rigward, is-sempliċi fatt li, matul il-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni indikat li l-approċċ tal-leġiżlatur tal-Unjoni jiggarantixxi l-istess għan bħall-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament ma jnaqqasx mill-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt.

1256 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, f'dan il-każ, xejn ma jindika li l-Parlament u l-Kunsill kellhom id-data neċessarja li kienet tippermetti li jiġu evalwati l-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 fuq l-ambjent, fuq is-sitwazzjoni ekonomika tad-diversi trasportaturi u fuq is-settur kollu kemm hu. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-effetti ekonomiċi, it-trasportaturi ser ikollhom ibatu spejjeż għoljin minħabba, minn naħa, il-ħtieġa li r-remunerazzjoni tax-xufiera tiġi aġġustata skont it-tariffi fis-seħħ fl-Istati Membri li jgħaddu minnu. Skont l-informazzjoni li tinsab fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 9 u 10), jeżistu differenzi fundamentali bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-livelli tas-salarju tax-xufiera. Dawn l-ispejjeż huma sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji miksuba mix-xufiera u f'termini ta' kompetizzjoni leali meta l-operazzjonijiet tat-trasport fl-Istat Membru kkonċernat ikunu rari jew ftit li xejn importanti, b'mod partikolari, minħabba t-tul tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti dwar is-salarju tax-xufiera jistgħu jilħqu sa EUR 14 000 fis-sena għal trasportatur wieħed, mingħajr ma jingħaddu l-ispejjeż marbuta mal-kontrolli u mal-eventwali multi.

1257 Iż-żieda fl-ispejjeż u d-diffikultajiet marbuta mal-operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ jillimitaw in-numru ta' dan it-tip ta' operazzjonijiet, li, min-naħa tiegħu, ser ikollu impatt fuq iż-żieda fil-vjaġġi mingħajr tagħbija u, għaldaqstant, ser iwassal għal tnaqqis ġenerali fil-livell ta' sigurtà tat-traffiku fit-toroq fuq ir-rotot ta' komunikazzjoni ewlenin fl-Unjoni kif ukoll għal tnaqqis fil-prestazzjoni tat-trasport bit-triq. Dan ser jirriżulta wkoll f'żieda fl-emissjonijiet li jniġġsu.

1258 Għal raġunijiet essenzjalment analogi għal dawk esposti fil-qosor fil-punti 1250 sa 1257 ta' din is-sentenza, l-Ungerija ssostni li l-assenza totali ta' valutazzjoni tal-impatt tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

1259 B'mod partikolari, fil-Komunikazzjoni tal-15 ta' April 2020 (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) [TFUE] dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur, ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, id-durata minima tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward

tal-lokalizzazzjoni permezz ta' takografi u ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (COM(2020) 151 final), il-Kummissjoni qieset li r-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat kienu sors ta' problemi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dawn ir-restrizzjonijiet setgħu jnaqqsu l-effettività tas-sostenn għall-operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija multimodali.

1260 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1261 Fir-rigward tal-argument dwar l-allegata assenza ta' valutazzjoni tal-impatt jew dwar in-natura insuffiċjenti tagħha, għandu jitfakkar li, fil-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament, il-Kummissjoni kienet ipproponiet sistema li fil-kuntest tagħha, filwaqt li telqet mill-premessa li d-Direttiva 96/71 kienet tapplika għas-settur tat-trasport bit-triq, tnejn mid-disa' elementi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-Istat Membru ospitanti elenkati fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, jiġifieri t-tul minimu tal-leave annwali mħallas u r-remunerazzjoni, ma japplikawx għall-kollokamenti ta' tlett ijiem fix-xahar jew inqas meta x-xufiera jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali fis-sens tar-Regolamenti Nru 1072/2009 u Nru 1073/2009. Għall-kuntrarju, skont din il-proposta, jekk il-perijodu ta' kollokament kien jaqbeż dan il-limitu ta' tlett ijiem, id-disa' elementi kollha tal-imsemmija kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg kienu applikabbli għall-perijodu kollu ta' kollokament matul ix-xahar inkwistjoni.

1262 Għalhekk, skont l-imsemmija proposta, ix-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali kienu, fil-każijiet kollha, ikkollokati u l-parti l-kbira tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-Istat Membru ospitanti elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 kienu applikabbli għal dawn ix-xufiera. Barra minn hekk, il-persuni li jimpjegaw kellhom jgħoddu l-ħin li kull xufier iqatta' kull xahar fi Stati Membri differenti sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-regoli ta' dawn tal-aħħar dwar it-tul minimu tal-leave annwali mħallas u r-remunerazzjoni, imsemmija f'din id-dispożizzjoni, kinux japplikaw ukoll.

1263 Peress li qies li din is-soluzzjoni ma kinitx sodisfaċenti, il-leġiżlatur tal-Unjoni finalment għażel miżura li tagħmel distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport. Għalhekk, l-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, jipprevedi l-eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament, u għalhekk mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg kollha tal-Istat Membru ospitanti, għal kull operazzjoni ta' trasport bilaterali, għal kull operazzjoni ta' tranżitu kif ukoll għal ċerti partijiet ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat, filwaqt li jissuġġetta, bħala prinċipju, kemm l-operazzjonijiet ta' trasport terz kif ukoll l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għal dawn ir-regoli.

1264 Għaldaqstant, huwa paċifiku li l-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt ma eżaminatx l-effetti li jirriżultaw mis-soluzzjoni finalment adottata u li din tal-aħħar ma kinitx is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt addizzjonali.

1265 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 218 sa 226 ta' din is-sentenza, valutazzjoni tal-impatt ma torbotx lil-leġiżlatur tal-Unjoni peress li dan jibqa' liberu li jadotta miżuri differenti minn dawk li kienu s-suġġett tagħha. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri li

jadotta, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-valutazzjoni tal-impatt ikkonċernata, iżda wkoll kull sors ieħor ta' informazzjoni, inkluż kull sors ta' informazzjoni li jinsab fid-dominju pubbliku.

1266 Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fid-Direttiva 2020/1057, dispożizzjonijiet differenti u, barra minn hekk, fil-każ ta' wħud minnhom, iktar onerużi għall-impriżi tat-trasport bit-triq minn dawk li kienu proposti inizjalment mill-Kummissjoni fil-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament u li kienu s-suġġett tal-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt ma jistax, waħdu, juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

1267 Għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxu r-Repubblika tal-Litwanja u, sa ċertu punt, ir-Rumanija, dawn il-kunsiderazzjonijiet bl-ebda mod ma jiddaħħlu inkwistjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-punt 15 ta' dan il-ftehim jindika li "il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni", dan il-punt, kif diġà ġie indikat fil-punti 224 u 231 ta' din is-sentenza, ma jinkludi ebda obbligu definittiv għal dawn l-istituzzjonijiet peress li jipprevedi biss il-possibbiltà li titwettaq tali valutazzjoni tal-impatt meta, skont it-termini espliċiti tiegħu, il-Parlament u l-Kunsill "jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv".

1268 Għaldaqstant, fl-ewwel lok, għandhom jiġu eżaminati s-sorsi l-oħra ta' informazzjoni li jsemmu l-Parlament u l-Kunsill sabiex jiġi vverifikat jekk, kif isostnu dawn l-istituzzjonijiet, dawn is-sorsi kinux jippermettu, flimkien mal-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, li jiġu evalwati l-effetti li jirriżultaw mid-distinzjoni magħmula fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1269 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tan-natura tar-regoli previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, l-ispejjeż tal-operat u tal-konformità kif ukoll l-eventwali tnaqqis fl-ispejjeż miksub, ikkawżati għal impriża partikolari mill-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli, jiddependu minn kemm din l-impriża twettaq tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport. Issa, kif jenfasizza l-Kunsill, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu d-data ppubblikata mill-Eurostat dwar id-diversi tipi ta' operazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari dik li tinsab fi studju dwar il-perijodu 2014 sa 2018 ("*Road freight transport by journey characteristics*" (Trasport tal-merkanzija bit-triq skont il-karatteristiċi tal-vjaġġ), p. 3 sa 5, 10 u 11) u f'tabella għas-sena 2018. Peress li kienet tippermetti li jiġi ddeterminat il-volum tal-operazzjonijiet ta' trasport terz u tal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali mwettaq kull sena bejn par partikolari ta' Stati Membri, din id-data setgħet tikkostitwixxi sors ta' informazzjoni rilevanti għal-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex tiġi evalwata l-proporzjonalità tad-distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali finalment adottata fid-Direttiva 2020/1057.

1270 Barra minn hekk, tali data tippermetti, min-naħa tagħha, li jiġi evalwat sa fejn ix-xufiera tad-diversi Stati Membri kienu ser jitqiesu li huma kkollokati fi Stati Membri oħra, għall-finijiet tar-regoli previsti fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha.

1271 Kif sostna wkoll il-Kunsill quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-data dwar id-diversi tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport, assoċjata mal-informazzjoni li tinsab fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, pp. 62 sa 65) u mal-informazzjoni li tinsab fl-istudji

aċċessibbli għall-pubbliku li fuqhom hija bbażata din il-valutazzjoni, bħalma huma, b'mod partikolari, l-istudju tal-Kummissjoni (dG Move), intitolat "*Support study for an impact assessment for the revision of the social legislation in road transport. Final report*" ("Studju li jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq. Rapport finali"), Mejju 2017, p. 62 sa 76), u li jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-differenzi fis-salarju bejn pari differenti ta' Stati Membri, jippermettu li jiġu stmati l-ispejjeż li jirriżultaw mid-distinzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1272 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Istati Membri rikorrenti li kkontestaw l-assenza jew l-insuffiċjenza ta' valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva 2020/1057 ma spjegawx kif il-konstatazzjonijiet tal-Kunsill, kif esposti fil-punti 1269 sa 1271 ta' din is-sentenza, huma żbaljati. Bl-istess mod, lanqas ma ġie spjegat kif il-konklużjonijiet ġenerali li jinsabu fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 60), fis-sens li l-impatti fuq is-sigurtà fit-toroq u fuq is-saħħa fuq il-post tax-xogħol ser ikunu marġinali, ma jistgħux jiġu trasposti għall-mudell finalment adottat.

1273 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu elementi suffiċjenti sabiex jevalwa l-effetti li jirriżultaw mid-distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz, li tinsab fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha.

1274 Fit-tieni lok, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li ma eżaminax l-effetti li jirriżultaw mill-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2020/1057, li jipprovdi li l-operazzjonijiet ta' tranżitu jibbenefikaw minn eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament, u mill-Artikolu 1(7) ta' din id-direttiva, li jipprovdi li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jitqiesu li jinvolvu sitwazzjoni ta' kollokament, b'tali mod li l-imsemmija regoli għandhom jiġu applikati.

1275 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 1179 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva 96/71 kif kienet tapplika qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, li r-regoli dwar il-kollokament previsti fid-Direttiva 96/71 ma kinux japplikaw għall-operazzjonijiet ta' tranżitu, filwaqt li, għall-kuntrarju, dawn ir-regoli kienu japplikaw, bħala prinċipju, għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jitwettqu kompletament fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

1276 Peress li għalhekk l-ebda emenda tar-regoli sostantivi applikabbli ma tista' tiġi attribwita speċifikament lill-Artikolu 1(5) u (7) tad-Direttiva 2020/1057, l-argument intiż li juri li valutazzjoni tal-impatt addizzjonali kienet neċessarja fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi miċħud.

1277 Fit-tielet lok, sa fejn l-Ungerija tikkritika, essenzjalment, lil-leġiżlatur tal-Unjoni li wettaq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità meta adotta l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057 mingħajr ma eżamina l-effetti ta' din id-dispożizzjoni, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-premessa 12 ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li n-natura tas-servizz ipprovdut matul il-vjaġġ bit-triq, inizjali jew finali, ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat tkun marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment jekk dan il-vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, ikun operazzjoni ta' trasport bilaterali u li, f'tali każ, ma jkunx hemm rabta suffiċjenti mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti, b'tali mod li ma tkunx iġġustifikata l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament. Għall-kuntrarju, meta l-operazzjoni ta' trasport matul il-vjaġġ bit-triq inkwistjoni titwettaq

fl-Istat Membru ospitanti jew bħala operazzjoni ta' trasport terz, ikun hemm tali rabta suffiċjenti mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti, b'tali mod li jkollhom japplikaw ir-regoli dwar il-kollokament.

1278 Issa, huwa paċifiku li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għat-trasport ikkombinat, kif previsti fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, lanqas ma ġiet indirizzata fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt. Fil-fatt, filwaqt li, kif jirriżulta mill-punti 1261 sa 1264 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat, fil-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament imfassla abbażi ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, li tadotta kriterju marbut mat-tul tal-operazzjoni ta' trasport sabiex tiddetermina ċ-ċirkustanzi li fihom l-imsemmija regoli jkunu japplikaw, il-leġiżlatur tal-Unjoni finalment għażel, fid-Direttiva 2020/1057, approċċ li jagħmel distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport, fosthom l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat.

1279 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, l-elementi li l-Parlament u l-Kunsill kienu jafu bihom kinux suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jevalwaw il-proporzjonalità tal-eżenzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057.

1280 F'dan ir-rigward, mill-elementi sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu numru kbir ta' elementi ta' informazzjoni dwar it-trasport ikkombinat meħuda mix-xogħol preparatorju dwar l-emendi proposti għad-Direttiva 92/106. Din l-informazzjoni kienet tinsab, b'mod partikolari, fil-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni ta' din id-direttiva (Valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta COM(2017) 648, SWD(2017) 362), f'dokument stabbilit matul is-sena 2015 fuq talba tal-Kummissjoni u li fih data dwar it-trasport ikkombinat [KombiConsult, "*Analysis of the EU Combined Transport*" (Analiżi tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni Ewropea), 2015), fl-aġġornament ta' din id-data li sar matul is-sena 2017 (ISL/KombiConsult, "*Updating EU combined transport data*" (Aġġornament tad-data dwar it-trasport ikkombinat fl-Unjoni Ewropea), 2017), f'suppliment tas-sena 2018 dwar din l-istess data (TRT Trasporti e Territorio srl, "*Gathering additional data on EU combined transport*" (Ġabra ta' data addizzjonali dwar it-trasport ikkombinat fl-Unjoni Ewropea), 2017) kif ukoll f'konsultazzjoni kkummissjonata mill-Kummissjoni insostenn tal-valutazzjoni tal-impatt (KombiConsult, "*Consultations and related analysis in the framework of impact assessment for the amendment of Combined Transport Directive (92/106/EEC)*" (Konsultazzjonijiet u evalwazzjonijiet relatati magħhom fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt tal-emendi għad-Direttiva dwar it-trasport ikkombinat (92/106/KEE), 2017).

1281 B'mod partikolari, l-istudju intitolat "*Analysis of the EU Combined Transport*" (Analiżi tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni Ewropea) (p. 175 sa 177) ippropona eżami ddettaljat tas-suq tat-trasport ikkombinat akkumpanjat u mhux akkumpanjat, filwaqt li offra, b'mod partikolari, preżentazzjoni tas-servizzi tas-sitt impriżi kollha li jipprovdu servizzi bit-triq akkumpanjati fl-Unjoni kif ukoll tal-ikbar fornituri tat-trasport ikkombinat bit-triq/bil-ferrovija mhux akkumpanjat. Dan l-istudju espona wkoll data dwar id-distanzi involuti fil-vjaġġ inizjali jew finali tat-trasport ikkombinat bit-triq/bil-ferrovija (p. 67 sa 70). Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li takkumpanja l-Proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 92/106, imsemmija fil-punt 1280 ta' din is-sentenza, kienet tippreżenta data dwar, minn naħa, id-distanzi medji, medjani u ikbar tal-vjaġġi bit-triq u mhux bit-triq tat-trasport ikkombinat u, min-naħa l-oħra, it-tip kif ukoll il-volum tat-trasport multimodali li jaqa' taħt il-kunċett ta' "trasport ikkombinat", fis-sens tad-Direttiva 92/106 u li, għaldaqstant, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057.

1282 B'hekk mill-elementi li jinsabu fid-dokumenti kkomunikati lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, li l-utilità tagħhom ma hijiex speċifikament ikkontestata mill-Ungerija, jirriżulta li, għall-finijiet tal-adozzjoni tad-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu data bażika rilevanti dwar is-suq tat-trasport ikkombinat. Din id-data, assoċjata ma' informazzjoni oħra li kellu quddiemu l-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod partikolari ma' dik dwar id-differenzi fis-salarju bejn diversi pari ta' Stati Membri, li għaliha sar riferiment fil-punt 1271 ta' din is-sentenza, ippermettietlu jevalwa l-impatt tal-kriterji dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għat-trasport ikkombinat previsti fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu fil-pussess tiegħu elementi suffiċjenti li ppermettewlu jibbaża l-għażla ta' dawn il-kriterji fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu.

1283 Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jistgħux jiddaħħlu inkwistjoni mill-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-allegata assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-effett kumulattiv negattiv tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tad-Direttiva 2020/1057 u ta' dawk tar-Regolament 2020/1055. Fil-fatt, għalkemm, permezz ta' dan l-argument, dan l-Istat Membru jidher li qiegħed jikkritika lil-leġiżlatur tal-Unjoni b'nuqqas ta' koerenza fl-għażliet li fuqhom huma bbażati d-dispożizzjonijiet ikkontestati ta' kull wieħed minn dawn l-atti, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, kif isostni l-Parlament, il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" huwa kompost minn diversi atti leġiżlattivi li l-għanijiet tagħhom, għalkemm huwa minnu li huma komplementari, huma madankollu għanijiet differenti. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li dan il-leġiżlatur kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità għas-sempliċi raġuni li l-kundizzjonijiet imposti mir-Regolament 2020/1055 sabiex jintwera li entità ekonomika għandha stabbiliment permanenti u effettiv fi Stat Membru huma differenti mill-kriterji previsti fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057 għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera ta' trasport bit-triq.

1284 Għaldaqstant, l-argument li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx eżami tal-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 għandu jiġi miċħud bħala infondat.

2) Fuq il-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057

i) L-argumenti tal-partijiet

1285 Skont ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru, mid-distinzjoni magħmula, fid-Direttiva 2020/1057, bejn l-operazzjonijiet ta' trasport terz u l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali jirriżultaw effetti dannużi f'termini ta' spejjeż ta' konformità mar-rekwiżiti l-ġodda kif ukoll f'termini ta' spejjeż marbuta mad-dokumentazzjoni ta' kull kollokament u mal-applikazzjoni tar-regoli tal-Istat Membru ospitanti. Ix-xufiera spiss jakkumulaw operazzjonijiet ta' trasport terz ma' operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. Issa, l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament ma tapplikax għall-operazzjonijiet kollha ta' trasport terz imwettqa fl-istess ħin mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. Għalhekk ser ikun ferm ikkumplikat għat-trasportatur li jevalwa meta jkun hemm kollokament u meta ma jkunx hemm. Id-Direttiva 2020/1057 tonqos ukoll milli tippreċiża kif għandhom jiġu kkalkolati s-sigħat li matulhom xufier għandu jitqies li huwa kkollokat fi Stat Membru partikolari. Dan iwassal għal piż kbir għal dawn it-trasportaturi, li l-maġġoranza tagħhom huma SMEs.

1286 Il-piż impost fuq it-trasportaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz, li b'hekk sar tant diffiċli li jinġarr, jista' jwassal għal bidla fl-orjentazzjoni lejn tipi oħra ta' attività, għal rilokazzjoni lejn pajjiżi terzi, għal tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ, jew saħansitra għall-falliment ta' trasportaturi.

Barra minn hekk, huwa probabbli li dan il-piż jiġġenera ineffiċjenzi u jaggrava l-impatt ambjentali tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, dan il-piż jirriskja li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, sa fejn id-Direttiva 2020/1057 ma timponi ebda obbligu fuq it-trasportaturi stabbiliti barra mill-Unjoni u ma tapplikax għalihom.

1287 Huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn tliet għanijiet leġittimi mfittxija mid-Direttiva 2020/1057, jiġifieri, l-ewwel nett, il-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll protezzjoni soċjali sodisfaċenti għax-xufiera, it-tieni nett, kundizzjonijiet adegwati għall-impriżi tat-trasport u l-ħtieġa ta' kompetizzjoni leali bejniethom, kif ukoll, it-tielet nett, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali. Madankollu, din id-direttiva mhux biss ma twassalx sabiex jinżamm bilanċ bejn l-imsemmija għanijiet, iżda, barra minn hekk, ma tippermetti li jintlaħaq ebda wieħed minnhom.

1288 Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-ewwel għan, ir-remunerazzjoni ogħla li jistgħu jibbenefikaw minnha x-xufiera tirrigwarda biss, ħafna drabi, il-perijodi qosra li huma jqattgħu fl-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt, b'tali mod li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali tax-xufiera ser jittejbu bi ftit ħafna biss.

1289 Fir-rigward tat-tieni għan, il-fatt li fir-rigward tal-impriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz ser jiġu applikati r-regoli dwar il-kollokament, filwaqt li l-impriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bilaterali huma eżentati minnhom, jiffavorixxi l-kompetizzjoni żleali. Fil-fatt, il-vantaġġ komparattiv tat-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni jinsab fl-ispejjeż iktar baxxi tagħhom, li jirriżultaw b'mod partikolari minn għoli tal-ħajja iktar baxx u minn pagi iktar baxxi. Minħabba d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, it-trasportaturi involuti fl-operazzjonijiet ta' trasport terz issa qegħdin f'pożizzjoni inqas kompetittiva mit-trasportaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. Dan joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn iċ-ċentru tal-Unjoni, fejn it-trasportaturi jwettqu l-iktar operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, u l-Istati Membri, bħalma huma r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru, fejn it-trasportaturi jwettqu l-iktar operazzjonijiet ta' trasport terz.

1290 Fir-rigward tat-tielet għan, dawn id-dispożizzjonijiet jillimitaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali minħabba ż-żieda fl-ispejjeż li jirriżultaw minnhom.

1291 Skont ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru, la huwa adegwat u lanqas ma huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament. Fl-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet ma teżisti rabta suffiċjentement b'saħħitha ma' kull wieħed mill-pajjiżi li x-xufier jgħaddi minnhom. Jekk wieħed jinjora l-Istat Membru tat-tluq jew tal-wasla, il-ħaddiema li jwettqu trasport bilaterali jwettqu l-istess xogħol bħall-ħaddiema li jwettqu operazzjoni ta' trasport terz. L-Istat Membru tat-tluq jew tal-wasla ma għandu l-ebda impatt fuq ir-rabta bejn ix-xufier u l-Istat ospitanti. Għall-kuntrarju, teżisti rabta evidenti ma' territorju fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

1292 Fil-fehma tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru, il-miżura adegwata kienet tkun l-eżenzjoni sħiħa tat-trasport internazzjonali mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament. Tali eżenzjoni hija ġġustifikata mis-sitwazzjoni partikolari tat-trasport internazzjonali u min-natura estremament mobbli tiegħu, sitwazzjoni li hija kkaratterizzata mill-assenza ta' rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istati Membri li ma jkunux l-Istat Membru ta' stabbiliment. B'hekk, eżenzjoni totali kienet tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet kollha mfittxija. Fir-rigward tas-soluzzjoni li tikkonsisti fl-applikazzjoni, b'limitu ta' żmien, tar-regoli dwar il-kollokament

għas-settur kollu tat-trasport internazzjonali, għalkemm huwa minnu li din kienet tkun iktar adegwata mill-mudell adottat, hija xorta waħda kienet toħloq problemi gravi peress li l-impatt tagħha dejjem jibqa' sproporzjonat f'termini ta' spejjeż, ta' piżijiet amministrattivi imposti fuq is-SMEs kif ukoll ta' diffikultajiet marbuta mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tar-regoli. Alternattiva oħra li tipprovdi ċarezza kienet dik segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 48 tas-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), li tikkonsisti fil-preżunzjoni tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti fil-każ li, fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport terz, jitwettqu minimu ta' kompiti speċifiċi, fi Stat Membru speċifiku u matul xahar partikolari, pereżempju xogħol ta' tagħbija jew ta' ħatt ta' merkanzija, ta' manutenzjoni jew ta' tindif tal-vetturi tat-trasport.

1293 Ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057 jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità peress li l-kriterji previsti f'din id-dispożizzjoni huma manifestament inadegwati minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali dannużi li hija tiġġenera. Fil-fatt, ir-regoli dwar il-kollokament huma bħala prinċipju intiżi li jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali li l-ħaddiem isostni minħabba li jwettaq l-obbligi ta' xogħol tiegħu fi Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza abitwali tiegħu. Madankollu, fil-każijiet ta' kabotaġġ għal żmien qasir u ta' trasport terz, ix-xufiera normalment ma jkollhom ebda rabta mal-Istat Membru ospitanti, u ġeneralment iqattgħu biss żmien qasir ħafna f'dan tal-aħħar u għalhekk ikollhom biss spejjeż minimi f'dan tal-aħħar.

1294 Barra minn hekk, il-kriterju bbażat fuq it-tip ta' operazzjonijiet ta' trasport għall-finijiet tal-applikazzjoni jew le tar-regoli dwar il-kollokament joħloq diskriminazzjoni indiretta għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, jiskoraġġixxi l-provvista ta' servizzi għal żmien qasir u, essenzjalment, jirrestrinġi l-kompetizzjoni, għad-detriment, b'mod partikolari, tas-SMEs li jirrappreżentaw 99 % tas-suq tat-trasport bit-triq fl-Unjoni. Barra minn hekk, huwa probabbli li dawn ir-regoli jkollhom bħala effett li jinkoraġġixxu lis-SMEs jieqfu jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz jew jittrasferixxu l-attivitajiet tagħhom lejn l-Istati Membri li jinsabu fiċ-ċentru tal-Unjoni jew madwaru. Sal-adozzjoni tad-Direttiva 2020/1057, ma kienx jeżisti piż amministrattiv f'dan il-qasam.

1295 Ir-Repubblika tal-Litwanja tenfasizza li l-kriterju tat-tul ta' żmien jikkostitwixxi eżempju ta' kriterju oġġettiv li jistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta fattwali mal-Istat li fih ix-xogħol effettivament jitwettaq, mingħajr madankollu ma tkun miċħuda l-possibbiltà li jiġu applikati kriterji oħra jekk dawn ikunu oġġettivament iġġustifikati, ikunu jiżguraw rabta suffiċjenti mal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol u jkunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Barra minn hekk, meta l-Qorti tal-Ġustizzja evalwat il-kriterju ta' żmien fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), hija ddeċidiet biss dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, u mhux dwar l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u ta' trasport terz.

1296 Ir-Rumanija ssostni wkoll li l-kriterju intiż għall-identifikazzjoni ta' rabta suffiċjenti ma' Stat Membru, kif adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni, għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament fil-qasam tat-trasport bit-triq huwa manifestament mhux xieraq, peress li ma huwiex ta' natura li jistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn ix-xufier u l-Istat Membru ospitanti.

1297 Barra minn hekk, skont ir-Rumanija, l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju toħloq inċertezzi f'termini ta' identifikazzjoni tal-Istat Membru ospitanti u, għaldaqstant, tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Għalhekk, ma huwiex stabbilit b'mod ċar jekk l-applikazzjoni tal-imsemmi kriterju teħtieġx l-identifikazzjoni ta' Stat Membru ospitanti wieħed biss li miegħu x-xufier ikollu rabta suffiċjenti

fil-kuntest ġenerali tal-operazzjoni ta' trasport ikkonċernata, jew inkella jekk id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istati Membri kollha fejn jitwettqu t-tagħbija jew il-ħatt humiex applikabbli b'mod kumulattiv.

1298 Fi kwalunkwe każ, il-fatt li t-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057 jieħdu inkunsiderazzjoni, sabiex tiġi ddeterminata r-rabta suffiċjenti tax-xufier mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti, l-eżistenza ta' attività ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tal-merkanzija, ma huwiex ottimali. Fil-fatt, huwa biss okkażjonalment, jiġifieri f'29 % tal-każijiet, li x-xufiera jwettqu tali attivitajiet. Barra minn hekk, ir-regolamentazzjoni tal-kollokament fil-qasam tat-trasport skont il-kriterju tal-operazzjoni ta' trasport għandha konsegwenzi diretti fuq is-suq, jiġifieri li kemm l-operazzjonijiet ta' trasport terz kif ukoll l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat huma skoraġġuti, filwaqt li dawn tal-aħħar huma importanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu mit-trasport.

1299 Kif jirriżulta wkoll mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, in-nuqqas ta' flessibbiltà tar-regoli soċjali applikabbli għall-qasam tat-trasport jiġġenera sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' osservanza tal-leġiżlazzjoni. Għalhekk, fil-każ ta' bidla, matul l-attività ta' trasport, fin-numru ta' attivitajiet addizzjonali assoċjati ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, ta' natura li tirrendi r-regoli dwar il-kollokament applikabbli, jista' jkun impossibbli għat-trasportatur li jippreżenta dikjarazzjoni ta' kollokament lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, peress li l-Artikolu 1(11)(a) tad-Direttiva 2020/1057 jeżiġi li tali dikjarazzjoni tiġi ppreżentata mhux iktar tard mill-bidu tal-kollokament. L-osservanza ta' din id-dispożizzjoni hija, għaldaqstant, diffiċli f'ċerti sitwazzjonijiet minħabba d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva.

1300 Fid-dawl tal-problemi hekk imsemmija, marbuta mal-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali, id-Direttiva 2020/1057 hija ta' natura li tfixkel il-provvista ta' servizzi ta' trasport mis-SMEs u li timponi fuqhom obbligi sproporzjonati meta mqabbla mal-vantaġġi li hija timplika għax-xufiera.

1301 Fis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, Koelzsch (C-29/10, EU:C:2011:151, punti 44 sa 49), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat in-neċessità li jsir riferiment għal numru ta' elementi kkunsidrati flimkien sabiex jiġi identifikat l-Istat Membru li miegħu x-xogħol ikollu rabta sinjifikattiva, meta jitwettqu attivitajiet ta' trasport f'diversi Stati Membri. Il-fatt li jintuża kriterju wieħed, bħalma tagħmel id-Direttiva 2020/1057, huwa insuffiċjenti u, għaldaqstant, ma jippermettix li tiġi pprovata l-eżistenza ta' tali rabta. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija ssostni wkoll li l-applikazzjoni tal-element ta' żmien, jiġifieri t-tul minimu tal-attività, kellha tintuża bħala kriterju minn din id-direttiva għall-finijiet tal-identifikazzjoni tar-rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti, f'dak li jirrigwarda t-tipi ta' operazzjonijiet li ma humiex il-kabotaġġ. Ir-rilevanza tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju tirriżulta kemm mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt kif ukoll mill-qari tal-kuntest ġuridiku ġenerali applikabbli għall-kollokament. Fil-fatt, l-assenza ta' rabta sinjifikattiva mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti fil-każ ta' attività mwettqa matul perijodu qasir tirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 96/71, li jirrikonoxxi lill-Istati Membri d-dritt li jidderogaw mill-obbligi fil-qasam tal-kollokament meta t-tul tal-kollokament ma jkunx ta' iktar minn xahar.

1302 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-Artikolu 1(3), (4), (6) u (7) tad-Direttiva 2020/1057 ma josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn il-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera, previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, ma humiex oġġettivi, ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti tas-sitwazzjoni li huma għandhom l-intenzjoni li jirregolaw u joħolqu piżijiet sproporzjonati għall-impriżi kif ukoll effetti negattivi fuq l-ambjent.

1303 Dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex adegwati sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati peress li, b'mod partikolari, għandhom l-effett li jillimitaw is-servizzi pprovduti mill-impriżi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni minflok ma jiżguraw kompetizzjoni leali. Fil-fatt, ir-regoli dwar il-kollokament huma applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ li fihom dawn l-impriżi għandhom rwol predominanti.

1304 Il-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla barra l-elementi l-oħra li juru l-eżistenza ta' rabta bejn ix-xufier u l-Istat Membru ospitanti, b'mod partikolari t-tul tas-soġġorn tax-xufier fit-territorju ta' dan l-Istat, kif ukoll l-Istat Membru ta' stabbiliment. Kif jirriżulta mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, il-kriterju temporali jikkorrispondi l-iktar għan-natura mobbli tas-servizzi ta' trasport. Fis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2001, Mazzoleni u ISA (C-165/98, EU:C:2001:162), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li għandhom jevalwaw l-elementi rilevanti kollha, inkluż it-tul tal-provvisti ta' servizzi, sabiex jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru li timponi salarju minimu kinitx neċessarja u proporzjonata.

1305 Skont id-Direttiva 2020/1057, żewġ xufiera li jwettqu operazzjoni ta' trasport fuq l-istess vjaġġ jirċievu remunerazzjoni differenti skont il-post tat-tagħbija jew tal-ħatt. Barra minn hekk, ma teżistix ġustifikazzjoni oġġettiva għall-eżenzjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' trasport bejn pajjiżi terzi, prevista fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva. Ir-Repubblika tal-Polonja lanqas ma tara spjegazzjoni għar-riżerva li l-eżenzjoni relatata ma' żewġ operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija bejn pajjiżi terzi tapplika għall-vjaġġ ta' ritorn wara l-operazzjoni ta' trasport bilaterali mill-Istat Membru ta' stabbiliment, iżda mhux għall-vjaġġ lejn l-Istat Membru ospitanti.

1306 Barra minn hekk, l-eżenzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 iqajmu dubji dwar l-interpretazzjoni tagħhom. Pereżempju, hemm dubju dwar id-determinazzjoni tal-mument li fih għandha tibda l-applikazzjoni tar-regoli tal-Istat Membru ospitanti meta x-xufier iwettaq attività addizzjonali ta' tagħbija jew ta' ħatt li ma taqax taħt eżenzjoni prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 1. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva tqajjem dubji analogi. Barra minn hekk, ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għall-fatt li żewġ eżenzjonijiet għal attivitajiet addizzjonali marbuta ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali huma awtorizzati, skont dan il-paragrafu 3, f'dak li jirrigwarda t-trasport ta' merkanzija, filwaqt li eżenzjoni waħda hija prevista għal attività addizzjonali fil-każ ta' trasport ta' persuni.

1307 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1308 Għandu jitfakkar li l-għan imfittex mid-Direttiva 2020/1057, li fir-rigward tiegħu għandha tiġi eżaminata l-proporzjonalità tal-Artikolu 1(3) sa (7) ta' din id-direttiva, huwa li jiġi stabbilit, permezz tal-iffissar ta' regoli speċifiċi għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Istat Membru li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tiegħu huma ggarantiti lix-xufiera tat-trasport bit-triq, bilanċ bejn, minn naħa, it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol ta' dawn ix-xufiera kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq isir iktar faċli, abbażi ta' kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport, fejn dan il-bilanċ għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari marbuta mal-mobbiltà estrema tal-ħaddiema f'dan is-settur u għandu jkun intiż li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

1309 Ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Polonja ma jikkontestawx il-leġittimità ta' dan l-għan bħala tali, iżda jsostnu li l-kriterji previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 jew uħud minnhom jiksru, fihom infushom, il-prinċipju ta' proporzjonalità.

1310 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza ta' tali lmenti, għandu, għaldaqstant, jiġi eżaminat jekk dawn il-kriterji humiex adatti sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, jekk imorrux manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u jekk humiex proporzjonati fir-rigward tal-imsemmi għan.

– Fuq in-natura adatta tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex

1311 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, in-natura adatta tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, għandu jitfakkar li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu kriterji bbażati fuq it-tip ta' operazzjonijiet ta' trasport imwettqa u li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 968 tal-konklużjonijiet tiegħu, kull tip ta' trasport imsemmi fl-imsemmija dispożizzjonijiet għandu rabta differenti jew mat-territorju tal-Istat Membru ta' stabbiliment tat-trasportatur, jew mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti wieħed jew iktar.

1312 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, xufier li jwettaq operazzjoni ta' trasport bilaterali ta' merkanzija jew ta' passiġġieri ma jitqiesx li huwa kkollokat, għall-finijiet tad-Direttiva 96/71, peress li, kif jirriżulta mill-premessa 10 tad-Direttiva 2020/1057, f'tali każ, in-natura tas-servizz hija marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-premessa 13 ta' din id-direttiva, xufier li jwettaq operazzjoni ta' trasport terz jitqies li huwa kkollokat għal dawn il-finijiet peress li dan ix-xufier u din l-operazzjoni għandhom rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, ċerti attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tal-merkanzija kif ukoll ta' tlugħ u/jew ta' tniżżil ta' passiġġieri fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi li x-xufier jgħaddi minnhom huma eżentati mir-regoli dwar il-kollokament skont it-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u skont it-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tal-imsemmija direttiva, minħabba li dawn l-attivitajiet addizzjonali huma marbuta ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, li hija stess hija eżentata minħabba r-rabta tagħha mat-territorju tal-Istat Membru ta' stabbiliment, u minħabba li ma għandhomx portata tali li jistgħu jkunu ta' natura li jdaħħlu inkwistjoni din ir-rabta.

1313 Fl-istess ħin, mill-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 11 tagħha, jirriżulta li xufier li jwettaq operazzjoni ta' tranżitu li tikkonsisti fit-tranżitu ta' Stat Membru mingħajr ma jwettaq tagħbija jew ħatt ta' merkanzija u mingħajr ma jtella' jew iniżżel passiġġieri ma għandux jitqies li huwa kkollokat. Fil-fatt, f'tali każ, ma teżistix rabta sinjifikattiva bejn l-attivitajiet tax-xufier u l-Istat Membru ta' tranżitu.

1314 Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(7) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, xufier li jwettaq operazzjoni ta' kabotaġġ jitqies li huwa kkollokat peress li l-operazzjoni kollha ta' trasport titwettaq fi Stat Membru ospitanti, b'tali mod li s-servizz huwa marbut mill-qrib mat-territorju ta' dan l-aħħar Stat Membru.

1315 Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, xufier li jwettaq il-vjaġġ bit-triq, inizjali jew finali, ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat ma għandux jitqies li huwa kkollokat jekk dan il-vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, ikun kompost minn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. Fil-fatt, f'tali każ, kif jirriżulta mill-premessa 12 ta' din id-direttiva, in-natura tas-servizz

ipprovdut matul l-imsemmi vjaġġ hija marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li, meta l-operazzjoni ta' trasport matul il-vjaġġ bit-triq inkwistjoni titwettaq fl-Istat Membru ospitanti jew bħala operazzjoni ta' trasport terz, teżisti rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti, b'tali mod li japplikaw ir-regoli dwar il-kollokament.

1316 Minn dan isegwi li, kif ġustament isostni l-Kunsill u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 969 tal-konklużjonijiet tiegħu, meta adotta, fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, kriterji bbażati fuq it-tip ta' operazzjonijiet ta' trasport, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħax inkunsiderazzjoni biss it-territorju li fih ix-xufier huwa preżenti, iżda qabbel, għal kull tip ta' servizz ipprovdut, ir-rabta li torbtu mal-Istat Membru ospitanti u r-rabta li torbtu mal-Istat Membru ta' stabbiliment, u dan sabiex jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi interessi inkwistjoni.

1317 Mill-bqija, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71, kif kienu japplikaw qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ħaddiem kellu jitqies li huwa kkollokat fit-territorju ta' Stat Membru fis-sens tad-Direttiva 96/71 jekk it-twettiq tax-xogħol tiegħu jkollu rabta suffiċjenti ma' dan it-territorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

1318 Wara li, f'din is-sentenza, irrilevat li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti tirrikjedi li ssir evalwazzjoni globali tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw l-attività tal-ħaddiem ikkonċernat, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat, barra minn hekk, minn naħa, ċerti tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li kellhom jitqiesu li għandhom tali rabta u, għaldaqstant, bħala li jimplikaw sitwazzjoni ta' kollokament u, min-naħa l-oħra, tipi oħra ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li, għall-kuntrarju, ma kellhomx din ir-rabta u li kellhom, għaldaqstant, jiġu eżentati mir-regoli dwar il-kollokament. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li xufier li jwettaq operazzjoni ta' tranżitu jew operazzjoni ta' trasport bilaterali ma setax jitqies li kien "ikkollokat", għall-finijiet tad-Direttiva 96/71, filwaqt li xufier li jwettaq operazzjoni ta' kabotaġġ kellu, bħala prinċipju, jitqies bħala tali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punti 45, 49, 62, 63 u 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

1319 B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja impliċitament iżda neċessarjament irrikonoxxiet in-natura adegwata, sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn xufier li jwettaq trasport bit-triq internazzjonali u l-Istat Membru ospitanti, li tiġġustifika l-applikazzjoni għal dan ix-xufier tar-regoli dwar il-kabotaġġ, minn naħa, tal-approċċ li jikkonsisti fl-identifikazzjoni tal-eżistenza ta' tali rabta skont it-tip ta' operazzjoni kkonċernata u, min-naħa l-oħra, tar-rilevanza, f'dan il-kuntest, ta' ċerti tipi partikolari ta' operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, jiġifieri l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u ta' tranżitu, li għalihom dawn ir-regoli ma humiex applikabbli, u l-operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ, li għalihom l-imsemmija regoli jistgħu jkunu applikabbli.

1320 Huwa minnu li l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz skont id-Direttiva 96/71, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza esposta fil-punti 1317 sa 1319 ta' din is-sentenza, għalkemm jaqgħu fl-istess loġika, ma humiex strettament l-istess bħal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057.

1321 B'mod partikolari, l-ewwel nett, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, kien neċessarju li ssir evalwazzjoni globali tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw l-attività tax-xufier li jwettaq operazzjonijiet ta' trasport terz sabiex jiġi ddeterminat jekk it-twettiq tax-xogħol tiegħu kellux rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punti 45 u 51). Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, tali rabta titqies li teżisti, bħala prinċipju, meta xufier iwettaq operazzjoni ta' trasport terz.

1322 Madankollu, din id-differenza ma tneħħi xejn mir-rilevanza tad-distinzjoni magħmula mid-Direttiva 2020/1057 bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament. Għall-kuntrarju, tali differenza pjuttost turi ċ-ċertezza legali ikbar li tirriżulta mis-sistema li tirriżulta mir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, meta mqabbla mas-sistema applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, sa fejn din l-ewwel sistema tiċċara l-fatt li l-operazzjonijiet ta' trasport terz ġeneralment jimplikaw kollokament tax-xufier peress li s-servizz huwa pprovdut barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment.

1323 It-tieni nett, minbarra li tikkontesta l-għażla tal-kriterju ġenerali bbażat fuq it-tip ta' operazzjonijiet ta' trasport, ir-Rumanija tikkontesta r-rilevanza tal-kriterju speċifiku dwar il-post tat-tagħbija jew tal-ħatt tal-merkanzija, previst fit-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057.

1324 F'dan ir-rigward, huwa minnu li din id-dispożizzjoni, bħat-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva, dwar it-trasport tal-passiġġieri, hija distinta fuq dan il-punt mis-sistema applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, filwaqt li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, numru limitat ta' attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt jibbenefikaw minn estensjoni tal-eżenzjoni applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva 96/71 kif kienet tapplika qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, li operazzjonijiet ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tal-merkanzija kienu fost il-fatturi rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk it-twettiq tax-xogħol minn xufier kellux rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti, b'tali mod li r-regoli dwar il-kollokament previsti fid-Direttiva 96/71 ikunu applikabbli għalih (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punt 48).

1325 Madankollu, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk irrikonoxxiet ir-rilevanza ta' tali attivitajiet addizzjonali fl-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn l-operazzjoni ta' trasport u l-Istat Membru ospitanti ma jipprekludix lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli jiddeċiedi, fil-kuntest tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu f'dan il-kuntest, li jsawwar kriterju speċifiku bbażat fuq l-imsemmija attivitajiet addizzjonali. Għalhekk, f'dan il-każ, l-imsemmi leġiżlatur ma kisirx dan il-marġni meta, sabiex jiffaċilita t-twettiq ta' operazzjonijiet meqjusa li huma effikaċi u, minħabba f'hekk, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, mingħajr madankollu ma jippreġudika indebitament il-livell ta' protezzjoni soċjali ggarantit lix-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, iżda wkoll sabiex isaħħaħ iċ-ċertezza legali, qies li kien xieraq li dawn ix-xufiera jkunu jistgħu jwettqu numru limitat ta' attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt ta' merkanzija, mingħajr ma dawn l-attivitajiet ikollhom l-effett li s-servizz ikkonċernat jitqies li huwa pprovdut fil-kuntest ta' kollokament għall-finijiet tad-Direttiva 96/71.

1326 Ir-Repubblika tal-Polonja tirrileva wkoll li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057, attività waħda ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tista' tiġi eżentata, filwaqt li, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva, żewġ attivitajiet ta' tagħbija u/jew ta' ħatt jistgħu jiġu eżentati.

1327 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, kif jirriżulta minn qari flimkien ta' dawn id-dispożizzjonijiet, attività waħda addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tista' tiġi eżentata fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport bilaterali li titlaq mill-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li massimu ta' tnejn minn dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu eżentati fuq il-vjaġġ tar-ritorn, jiġifieri meta l-operazzjoni ta' trasport bilaterali tintemm fl-Istat Membru ta' stabbiliment, jekk ebda operazzjoni addizzjonali ma tkun twettqet waqt il-vjaġġ li jitlaq minn dan tal-aħħar.

1328 Madankollu, minn naħa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 993 tal-konklużjonijiet tiegħu, u kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punt 1324 ta' din is-sentenza, il-fatt li jiġu imposti limiti fuq in-numru ta' attivitajiet addizzjonali li jistgħu jibbenefikaw minn estensjoni tal-eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament prevista għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali jirrifletti għażla politika tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li permezz tagħha dan tal-aħħar xtaq jilħaq bilanċ ġust bejn l-għan li tiġi ffaċilitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u dak li jiġi ggarantit ċertu livell ta' protezzjoni soċjali lix-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, tali limiti kwantitattivi huma wkoll ta' natura li jsaħħu ċ-ċertezza legali meta mqabbla mas-sistema li kienet fis-seħħ qabel fil-kuntest tad-Direttiva 96/71.

1329 Min-naħa l-oħra, għalkemm in-numru ta' attivitajiet addizzjonali li jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni fuq din il-bażi jvarja skont jekk l-operazzjoni ta' trasport bilaterali titwettaqx minn jew lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, minn dan madankollu ma jistax jiġi dedott li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel miżura li ma hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex billi qies li tali differenzjazzjoni kienet tippermetti bl-aħjar mod li jiġi żgurat, kif sostna l-Kunsill, kontroll effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-eżenzjonijiet mogħtija f'dan ir-rigward. Fil-fatt, filwaqt li, meta x-xufier jitlaq mill-Istat Membru ta' stabbiliment, ikun impossibbli għal dawn l-awtoritajiet li jiddeterminaw in-numru ta' operazzjonijiet addizzjonali li x-xufier ser iwettaq sussegwentement fuq il-vjaġġ ta' ritorn, l-imsemmija awtoritajiet ikunu jistgħu, matul dan l-aħħar vjaġġ, jivverifikaw in-numru ta' operazzjonijiet addizzjonali li twettqu minn dan ix-xufier.

1330 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, għalkemm, fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 96/71 kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ppreċiżatx il-mod kif ir-regoli dwar il-kollokament kienu japplikaw għal dan it-tip ta' operazzjonijiet, xorta jibqa' l-fatt li l-għażla mwettqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'dan ir-rigward, kif espressa fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, taqa' fil-loġika segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976). Fil-fatt, filwaqt li, fil-punt 49 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali kellhom jiġu eżentati mir-regoli dwar il-kollokament, il-leġiżlatur tal-Unjoni sempliċement estenda, f'dan l-Artikolu 1(6), il-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni għat-trasportaturi għall-partijiet ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat imwettqa bit-triq li jistgħu jiġu assimilati ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali.

1331 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, meta għażel li jagħmel tali preċiżazzjoni fir-rigward tat-trasport ikkombinat, il-leġiżlatur tal-Unjoni saħħaħ iċ-ċertezza legali dwar il-mod kif ir-regoli dwar il-kollokament japplikaw għal dan it-tip ta' trasport partikolari u, b'dan il-mod,

għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-Rumanija f'dan ir-rigward, inkoraġġixxa dan it-tip ta' operazzjonijiet ta' trasport, konformement mal-għan iktar ġenerali tad-Direttiva 2020/1057 li tiġi ffaċilitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

1332 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma jistax jitqies li, meta għażel, fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, kriterju ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament ibbażat fuq it-tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta kriterju li ma huwiex adattat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex.

1333 Ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru u mir-Repubblika tal-Polonja ma huwa ta' natura li jdaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni.

1334 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument imressaq mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja dwar l-allegati inċertezza u inċertezza legali ġġenerati mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, b'mod ġenerali, il-prinċipju ta' proporzjonalità u, kif jirriżulta mill-punt 159 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludux li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest ta' regola li jadotta, juża kunċett legali astratt, u dawn il-prinċipji lanqas ma jeżiġu li tali regola astratta ssemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom tista' tapplika, sa fejn dawn l-ipoteżijiet kollha ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati minn qabel minn dan il-leġiżlatur.

1335 B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-kwistjoni dwar minn liema mument japplikaw ir-regoli dwar il-kollokament skont l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar li, meta waħda jew l-oħra mill-kundizzjonijiet li hija tipprevedi ma tkunx issodisfatta, b'mod partikolari meta titwettaq iktar minn operazzjoni addizzjonali waħda matul il-vjaġġ lura f'operazzjoni bilaterali partikolari, l-eżenzjoni prevista għall-operazzjonijiet bilaterali ma tistax tiġi applikata.

1336 Il-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas ma jista' jiġi kkritikat li adotta kriterju mhux xieraq għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz minħabba li ma speċifikax, meta tali operazzjoni titwettaq f'diversi Stati Membri, liema minn dawn l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom għax-xufier ikkonċernat. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 1321 u 1322 ta' din is-sentenza, il-premessa 13 tad-Direttiva 2020/1057 tippreċiża, fir-rigward ta' dan it-tip ta' trasport, li rabta suffiċjenti bejn is-servizz ipprovdut u t-territorju tal-Istat Membru ospitanti titqies li teżisti, bħala prinċipju, meta xufier iwettaq operazzjoni ta' trasport terz u l-formulazzjoni ta' din il-premessa tevoka l-possibbiltà li s-servizz ipprovdut ikollu tali rabta ma' diversi Stati Membri ospitanti. Għalhekk, huma l-impriżi tat-trasport u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jevalwaw, konformement mal-kriterji speċifiċi previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, liema Stat Membru jew liema Stati Membri għandhom tali rabta li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg.

1337 Barra minn hekk, ir-Rumanija ssostni li l-kriterju bbażat fuq it-tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport kif ukoll, jekk ikun il-każ, fuq l-eżistenza ta' attività ta' tagħbija u/jew ta' ħatt ta' merkanzija u ta' tluġħ u/jew tniżżil ta' passiġġieri huwa kriterju li jagħmel diffiċli l-osservanza, mill-impriżi tat-trasport, tal-obbligu, previst fl-Artikolu 1(11)(a) tad-Direttiva 2020/1057, li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' kollokament lill-awtoritajiet kompetenti sa mhux iktar tard mill-bidu tal-kollokament. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-Istat Membru ma spjegax ir-raġunijiet għalfejn, fil-każ ta' operazzjoni mhux ippjanata fi Stat Membru li għaliha ma tkun ġiet

ippreżentata ebda dikjarazzjoni ta' kollokament, l-impriża tat-trasport ma tkunx tista', kif jissuġġerixxi l-Kunsill, tissottometti tali dikjarazzjoni billi tuża mill-ġdid id-data diġà pprovduta u billi żżid informazzjoni dwar l-Istat Membru addizzjonali li fih ser iseħħ il-kollokament.

1338 Min-naħa l-oħra, ir-Rumanija lanqas ma spjegat kif is-soluzzjoni li hija xtaqet li l-leġiżlatur tal-Unjoni jippreferi, li tikkonsisti fl-eżami tal-karatteristiċi kollha ta' kull operazzjoni, inkluż it-tul tagħha, sabiex jiġi ddeterminat jekk teżistix rabta suffiċjenti bejn l-operazzjoni inkwistjoni u l-Istat Membru ospitanti, toħloq iktar ċertezza legali billi tiffaċilita l-identifikazzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom xufier għandu jitqies li huwa "kkollokat", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71.

1339 It-tieni nett, ċerti Stati Membri rikorrenti jsostnu li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 huma, minħabba kriterji mhux adegwati adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ta' natura li jiskoraġġixxu, pjuttost milli jiffaċilitaw, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod partikolari, it-trasport terz jew it-trasport ikkombinat.

1340 Madankollu, minn naħa, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 1318 u 1319 ta' din is-sentenza, ir-regoli dwar il-kollokament applikabbli għall-operazzjoni ta' kabotaġġ ma nbidlux bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-trasport ikkombinat, il-leġiżlatur tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-punti 1330 u 1331 ta' din is-sentenza, essenzjalment ippreċiża biss iċ-ċirkustanzi li fihom il-partijiet involuti f'tali operazzjoni għandhom jiġu eżentati minn dawn ir-regoli, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet relatati tal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva lanqas ma jistgħu jitqiesu li għandhom l-effett li jiskoraġġixxu dan it-tip ta' trasport.

1341 Fi kwalunkwe każ, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 995 u 996 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis, fil-kuntest tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu, li, fid-dawl tan-neċessità li jiġu bbilanċjati mill-ġdid l-interessi kkonċernati, protezzjoni soċjali ikbar għax-xufiera setgħet tirriżulta f'żieda fl-ispejjeż sostnuti minn ċerti impriżi tat-trasport. F'tali kuntest, il-fatt li dan il-leġiżlatur ma ffavorixxiex ċerti attivitajiet fis-suq bil-mod li xtaqu ċerti Stati Membri jaqa' taħt dan il-marġni ta' evalwazzjoni u ma jimplikax li l-kriterji hekk adottati ma humiex adattati sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

1342 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi kkonstatat li l-kriterji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 huma adattati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minn dawn id-dispożizzjonijiet.

– *Fuq in-natura neċessarja tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057*

1343 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, in-natura neċessarja tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, din hija kkontestata mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru u mir-Repubblika tal-Polonja, minħabba li fil-fehma tagħhom jeżistu għażliet alternattivi inqas oneruži minflok dawn id-dispożizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, l-għoti lit-trasport internazzjonali ta' deroga ġġeneralizzata mir-regoli dwar il-kollokament, it-tieni nett, l-introduzzjoni ta' limitu minimu ta' tul tat-tip bħal dak li jinsab fil-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament u, it-tielet nett, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-servizz ikkonċernat, inkluż it-tul tiegħu fl-Istat Membru ospitanti.

1344 Madankollu, meta eskluda tali għażliet, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma marx lil hinn mill-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu sabiex jistabbilixxi kriterji rilevanti għal dawn il-finijiet.

1345 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-għażla, imressqa mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, li kienet tikkonsisti fl-esklużjoni totali tat-trasport internazzjonali bit-triq mir-regoli dwar il-kollokament, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali soluzzjoni ma tippermettix, min-natura tagħha stess, li jintlaħaq il-bilanċ imfittex bejn l-interessi inkwistjoni, peress li, b'mod partikolari, din is-soluzzjoni la għandha l-effett li żżid il-protezzjoni soċjali tax-xufiera u lanqas li toħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni iktar ekwi fis-suq.

1346 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, l-għażla li kienet tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' limitu minimu ta' żmien, in-natura inqas restrittiva ta' din l-għażla hija mressqa mir-Repubblika tal-Litwanja u, sa ċertu punt, mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru. Fir-rigward tar-Rumanija, din tal-aħħar tenfasizza l-importanza tal-kriterju tat-tul tat-trasport, ikkunsidrat flimkien ma' elementi oħra, filwaqt li tenfasizza, b'mod partikolari, li r-rilevanza tiegħu tirriżulta mill-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 96/71, li jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu li jista' jkun hemm deroga minn ċerti obbligi fil-qasam tal-kollokament meta t-tul tal-kollokament ma jkunx ta' iktar minn xahar.

1347 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 2020/1057 ma tipprekludix il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 3(3) u (4) tad-Direttiva 96/71, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-applikazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti normalment iggarantiti favur ħaddiem ikkollokat meta t-tul tal-kollokament ma jkunx ta' iktar minn xahar. Is-soluzzjoni li tikkonsisti fid-distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport tista' għalhekk tiġi kkombinata, jekk ikun il-każ, ma' regoli nazzjonali li jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet.

1348 Mill-bqija, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mill-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt (Parti 1/2, p. 54), jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni finalment warrab l-għażla fejn l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament tkun tiddependi minn limitu minimu temporali minħabba, b'mod partikolari, ir-riskju ta' evażjoni li jirriżulta mir-rotazzjoni possibbli tax-xufiera sabiex jiġi żgurat li dawn iqattgħu, fi Stat Membru partikolari, żmien inqas mil-limitu impost.

1349 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, l-għażla, sostnuta mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Repubblika ta' Ċipru, mir-Rumanija u mir-Repubblika tal-Polonja, li kienet tikkonsisti fil-ħtieġa, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn is-servizz ipprovdut u l-Istat Membru ospitanti, ta' evalwazzjoni globali tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw dan is-servizz, mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1311 sa 1331 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta ċerti kriterji applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), filwaqt li ppreveda kriterji addizzjonali li jsegwu l-istess loġika. Għalhekk, ma jistax jitqies li, b'dan il-mod, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta kriterji li ma humiex neċessarji sabiex tiġi identifikata l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn is-servizz ta' trasport u l-Istat Membru ospitanti.

1350 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' leġittimament jikkunsidra li l-miżuri alternattivi previsti mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru u mir-Repubblika tal-Polonja ma kinux ser jaslu għall-istess riżultat bħad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057.

– *Fuq in-natura proporzjonata tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057*

1351 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, in-natura proporzjonata tal-kriterji previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, għandha qabel kollox titfakkar l-importanza li għandu, skont il-preambolu tat-Trattat FUE, l-"għan ewlieni" tat-titjib kostanti tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tal-impjieg, għan li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa meħtieġ, skont l-Artikoli 9 u 90 TFUE, jieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport. B'mod partikolari, dan il-leġiżlatur għandu, f'dan ir-rigward, jiżgura, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, b'mod partikolari, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

1352 Issa, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punt 1341 ta' din is-sentenza, it-tisħiħ mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-protezzjoni soċjali ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema, f'dan il-każ, permezz tal-obbligu, li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, li jiġu applikati r-regoli dwar il-kollokament għal xufiera li jwettqu ċerti tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport, jista' jimplika ċerti spejjeż addizzjonali għall-persuni li jimpjegaw li għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dawn ir-regoli. Madankollu, il-fatt li obbligu impost mil-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jinvolvi ċerti spejjeż għall-impriżi tat-trasport li fuqhom jaqa' l-piż ta' dan l-obbligu ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jkunux manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex.

1353 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-allegati effetti negattivi għall-impriżi tat-trasport b'mod ġenerali li jirriżultaw mill-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 1311 sa 1331 ta' din is-sentenza, minn naħa, il-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet jagħmlu parti mill-istess loġika bħall-kriterji applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, id-differenzi li jistgħu jeżistu bejn grupp u ieħor ta' dawn il-kriterji huma dovuti, parzjalment, għall-fatt li l-imsemmija direttiva issa tistabbilixxi eżenzjonijiet ċari minn dawn ir-regoli, għall-benefiċċju tat-trasportaturi, li ma kinux previsti speċifikament fil-kuntest ġuridiku applikabbli preċedentement.

1354 B'mod partikolari, it-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u t-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedu l-possibbiltà, għal xufier li jwettaq operazzjoni ta' trasport bilaterali, li jwettaq, barra minn hekk, diversi attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt ta' merkanzija kif ukoll ta' tlugħ u/jew tniżżil ta' passiġġieri fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi li huwa jgħaddi minnhom, fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet, mingħajr ma jitqiesu bħala applikabbli r-regoli dwar il-kollokament u, għaldaqstant, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg iggarantiti fl-Istat Membru ospitanti. Issa, din il-possibbiltà tikkontribwixxi preċiżament, permezz tal-approċċ flessibbli li fuqu hija msejsa, sabiex jiġi żgurat, kif jirriżulta mill-premessa 10 ta' din id-direttiva, li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-operazzjonijiet ta' trasport terz ma tillimitax lil hinn minn dak li jkun neċessarju l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq transkonfinali. Bl-adozzjoni ta' regola ċara li tippermetti li l-eżenzjoni prevista għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali tiġi estiża, għall-benefiċċju tat-trasportaturi, għal mhux iktar minn żewġ attivitajiet addizzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk żgura li l-operazzjonijiet ta' trasport terz li jkollhom rabta stretta ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali ma jkunux suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament.

1355 Minn dan isegwi li l-allegati spejjeż ogħla li jirriżultaw, għat-trasportaturi, mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 ma humiex, fi kwalunkwe każ, ta' portata tali li jistgħu jitqiesu li jeċċedu manifestament il-benefiċċji li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet f'termini, minn naħa, ta' tnaqqis tal-piżijiet li jirriżulta mill-eżistenza ta' qafas regolatorju uniformi u iktar ċar kif ukoll, min-naħa l-oħra, ta' żieda fil-protezzjoni soċjali ggarantita lix-xufiera flimkien ma' kompetizzjoni iktar b'saħħitha fis-suq.

1356 Kif jirriżulta mill-punti 1334 sa 1338 ta' din is-sentenza, peress li lanqas ma ġew stabbiliti l-allegata inċertezza dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 kif ukoll l-eżistenza ta' diffikultajiet prattiċi fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-eventwali effetti negattivi kkawżati mill-imsemmija dispożizzjonijiet għat-trasportaturi b'mod ġenerali ma humiex manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija.

1357 It-tieni nett, fir-rigward tal-argument li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz u għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jista' jkollha impatt ikbar fuq l-Istati Membri li jinsabu fil-"periferija tal-Unjoni", li fihom l-impriżi jwettqu prinċipalment dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport, mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1318 sa 1329 ta' din is-sentenza jirriżulta li dawn ir-regoli kienu diġà japplikaw għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 għandhom effetti limitati fuq l-operazzjonijiet ta' trasport terz. Barra minn hekk, għandu jsir riferiment għall-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 247 u 332 ta' din is-sentenza, dwar il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri.

1358 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-kompetizzjoni permezz tal-ispejjeż tagħmel parti mid-dinamika li fuqha huwa bbażat is-suq intern, xorta jibqa' l-fatt li d-Direttiva 2020/1057 la għandha l-għan u lanqas l-effett li telimina kull kompetizzjoni bbażata fuq l-ispejjeż, iżda hija intiża li tiżgura l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport fuq bażi ekwa – jiġifieri, fil-kuntest ta' kompetizzjoni li ma tiddependix fuq differenzi eċċessivi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikati, fl-istess Stat Membru, għall-impriżi tat-trasport ta' Stati Membri differenti – filwaqt li toffri protezzjoni ikbar lix-xufiera kkollokati.

1359 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punti 266 u 573 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta att leġiżlattiv għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fl-għarfien, fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti fil-preambolu, fl-Artikolu 9 TFUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, b'mod partikolari, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa.

1360 B'mod partikolari, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 267 ta' din is-sentenza, fid-dawl tal-iżviluppi importanti li affettwaw is-suq intern fis-settur tat-trasport bit-triq, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu d-dritt li jadatta d-Direttiva 96/71 sabiex jibbilanċja mill-ġdid l-interessi inkwistjoni bil-għan li tiżdied il-protezzjoni soċjali tax-xufiera permezz ta' bidla fil-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u bil-għan li tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat speċifikament li l-ħtieġa li jiġi adattat il-bilanċ li fuqu kienet ibbażata din id-direttiva sabiex jintlaħaq bl-aħjar mod l-għan ta' kompetizzjoni iktar ekwa f'kuntest evoluttiv kienet tirriżulta,

b'mod partikolari, minn differenzjazzjoni strutturali tar-regoli dwar is-salarji u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli fl-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 63).

1361 Issa, f'dan il-każ, meta emenda l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-applikabbiltà tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried preċiżament jilħaq, kif jirriżulta mill-premessi 1, 3 u 7 tad-Direttiva 2020/1057, bilanċ ġdid bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-moviment liberu tal-merkanzija, it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera kif ukoll il-garanzija ta' kompetizzjoni iktar leali fis-suq bejn impriżi tat-trasport.

1362 Fil-fatt, dan il-leġiżlatur seta' validament jikkunsidra, fl-eżerċizzju tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu f'dan ir-rigward, li x-xufiera involuti fis-servizzi tat-trasport li għandhom rabta mat-territorju ta' Stat Membru ospitanti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg bħax-xufiera impjegati minn impriżi tat-trasport stabbiliti fl-imsemmi Stat.

1363 Għaldaqstant, anki jekk jitqiesu li ġew stabbiliti, l-effetti negattivi li jirriżultaw għal ċerti Stati Membri, għall-impriżi tat-trasport li huma stabbiliti fihom kif ukoll għax-xufiera li huma jimpjegaw, mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, kif jirriżultaw mill-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tagħha, ma humiex, fi kwalunkwe każ, manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija.

1364 It-tielet nett, fir-rigward tal-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, fis-sens li d-distinzjoni magħmula bejn operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' trasport bilaterali tirriskja li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, sa fejn id-Direttiva 2020/1057 ma timponi ebda obbligu fuq it-trasportaturi ta' pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni u ma tapplikax għalihom, għandu jiġi rrilevat li, kif sostna l-Kunsill fil-proċedura bil-miktub u waqt is-seduta, l-impriżi tat-trasport stabbiliti f'pajjiżi terzi ma jibbenefikawx mill-istess aċċess għas-suq intern, b'tali mod li s-sitwazzjoni tagħhom ma hijiex paragunabbli ma' dik tal-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Unjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, SAM Schiffahrt u Stapf, C-248/95 u C-249/95, EU:C:1997:377, punt 64).

1365 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2020/1057 u mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 96/71, li għalih tirreferi l-premessa 15 tal-ewwel waħda minn dawn id-direttivi, l-impriżi tat-trasport stabbiliti f'pajjiżi terzi ma jistgħux jiksbu trattament iktar favorevoli minn dawk stabbiliti fl-Unjoni, inkluż f'dak li jirrigwarda r-regoli speċifiċi dwar il-kollokament previsti fid-Direttiva 2020/1057.

1366 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-argumenti dwar l-allegati effetti negattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, dawn l-argumenti jikkoinċidu mal-argumenti ppreżentati mir-Repubblika tal-Polonja fil-kuntest tar-raba' motiv tagħha, b'tali mod li ser jiġu eżaminati f'dan il-kuntest.

1367 Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 ma jwasslux għal inkonvenjenzi manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija minnhom.

1368 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati t-tieni u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Litwanja, l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-ewwel motiv tar-Rumanija, l-ewwel motiv tar-Repubblika ta' Ċipru, l-ewwel motiv tal-Ungerija mressaq b'mod sussidjarju u l-ewwel motiv tar-Repubblika tal-Polonja.

d) Fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

1369 Permezz tat-tielet motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu li, meta adotta d-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 91(1) TFUE.

1370 Skont dawn l-Istati Membri, dan l-Artikolu 91(1), li jikkostitwixxi l-bażi legali ta' din id-direttiva, kien jirrikjedi li dan il-leġiżlatur jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-KESE u mal-KtR. Id-distinzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz ma kinitx tinsab fil-Proposta għal direttiva dwar il-kollokament, b'tali mod li hija ma setgħetx tiġi eżaminata minn dawn il-kumitati qabel ma taw l-opinjonijiet rispettivi tagħhom. Billi ma kkonsultax ulterjorment ma' dawn il-kumitati dwar l-emenda sostanzjali magħmula f'din il-proposta, l-imsemmi leġiżlatur kiser l-imsemmi Artikolu 91(1).

1371 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru josservaw li l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-obbligu ta' konsultazzjoni fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva fi żmien meta, mingħajr ma kien koleġiżlatur, il-Parlament, bħall-KESE u l-KtR illum, kellu rwol konsultattiv. Hija ddeċidiet li r-rekwiżit ta' konsultazzjoni mal-Parlament kien jimplika dak li ssir konsultazzjoni ġdida kull darba li t-test finalment adottat, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, kien jitbiegħed fis-sustanza tiegħu stess minn dak li dwaru l-Parlament kien diġà ġie kkonsultat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 1992, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-65/90, EU:C:1992:325, punt 16).

1372 Peress li dan ir-rwol konsultattiv huwa, illum 'il ġurnata, eżerċitat mill-KESE u mill-KtR skont l-Artikolu 91(1) TFUE, il-ġurisprudenza msemmija fil-punt preċedenti tapplika b'analoġija għall-obbligu ta' konsultazzjoni ma' dawn iż-żewġ kumitati. Għaldaqstant, f'dan il-każ, dawn tal-aħħar kellhom jiġu kkonsultati mill-ġdid dwar l-emenda sostanzjali li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u operazzjonijiet ta' trasport terz għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament.

1373 Ikun ineżatt li jiġi allegat, bħalma għamel il-Parlament, li ma jeżisti ebda preċedent għat-tieni konsultazzjoni ma' dawn il-kumitati fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva. Fil-fatt, bħala eżempju, matul il-proċedura leġiżlattiva dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE (COM(2018) 51 final), kienet ġiet miżjuda dispożizzjoni komplementari mal-bażi legali tal-att ikkonċernat, u dan wassal lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiddeċiedi li jikkonsulta għat-tieni darba mal-KESE.

1374 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1375 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jinvokaw, fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-adozzjoni tad-Direttiva 2020/1057, l-istess argumenti bħal dawk imressqa mill-ewwel wieħed minn dawn l-Istati Membri sabiex jikkontesta l-legalità tal-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 (Kawża C-545/20). Għalhekk, għar-raġunijiet esposti fil-punti 898 sa 909 ta' din is-sentenza, dawn l-argumenti ma jistgħux jintlaqgħu, peress li minn dan l-Artikolu 91(1) ma jirriżultax rekwiżit ta' konsultazzjoni ġdida mal-KESE u mal-KtR fil-każ ta' emenda tal-proposta li dwarha dawn il-kumitati jkunu diġà ġew ikkonsultati.

1376 Għaldaqstant, it-tielet motivi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

e) Fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE

1) L-argumenti tal-partijiet

1377 Permezz tar-raba' motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jikser l-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 94 TFUE. Min-naħa tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja, permezz tat-tieni u tat-tielet motiv tagħha, issostni li dan l-Artikolu 1 jikser l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 94 TFUE. Fl-aħħar nett, ir-Rumanija ma tressaqx motiv awtonomu f'dan ir-rigward iżda tinvoka ksur ta' dawn l-aħħar żewġ dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, billi tressaq l-argumenti esposti fil-punt 1194 ta' din is-sentenza.

1378 B'mod partikolari, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni bi ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt primarju minħabba effetti dannużi li jirriżultaw mid-distinzjoni magħmula fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg fil-Bulgarija u f'Ċipru kif ukoll, b'mod ġenerali, fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, kif ukoll fuq is-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi stabbiliti f'dawn l-Istati Membri. Fil-fatt, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament tagħmel it-trasport terz impossibbli fil-prattika għal dawn l-impriżi. Dan iwassal ukoll għal impatt negattiv fuq l-ambjent, kif ukoll għal żieda fil-konġestjoni. Madankollu, ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt fir-rigward ta' din id-distinzjoni u ma saret ebda konsultazzjoni dwar dan is-suġġett, la mal-KESE u lanqas mal-KtR.

1379 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, meta adotta kriterju arbitrarju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 94 TFUE peress li ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li dan il-kriterju jista' jaffettwa b'mod gravi l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, it-tħaddim tat-tagħmir ta' trasport kif ukoll is-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi. Dan l-Istat Membru ma jaqbilx mal-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif proposta mill-Parlament u mill-Kunsill. Fil-fatt, il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni jgawdi minn marġni wiesa' ta' evalwazzjoni ma jimplikax li l-obbligu tiegħu li jieħu inkunsiderazzjoni ċerti effetti huwa limitat sabiex jieħu konjizzjoni ta' dawn tal-aħħar.

1380 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, ma tteħidx inkunsiderazzjoni, fl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, l-impatt li jirriżulta miż-żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija tal-vetturi li, altrimenti, kienu jintużaw f'operazzjonijiet ta' trasport terz jew ta' kabotaġġ. Il-ġustifikazzjoni ekonomika tal-użu tal-vetturi fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport terz tinsab barra minn hekk fil-fatt li t-trasportaturi jkunu jistgħu jirrispondu b'mod flessibbli, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-perspettiva ġeografika, għall-evoluzzjoni tal-bżonnijiet fil-qasam tat-trasport, bil-għan li jnaqqsu n-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u bil-għan li jevitaw stennija inutli għal ordnijiet għat-trasport ta' merkanzija lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment. L-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom vantaġġi analogi f'termini ta' effiċjenza.

1381 L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055 tobbliga lill-impriżi stabbiliti fil-Polonja jwettqu minn tal-inqas 1 221 120 000 km addizzjonali fis-sena. L-emendi li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti kif ukoll ir-restrizzjonijiet addizzjonali li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tad-Direttiva 2020/1057 għandhom riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll fuq it-tagħmir tat-trasport.

1382 Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ, ikkawżati mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artkolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, jistgħu anki jwasslu għall-irtirar tat-trasportaturi mis-suq, billi dawn ma jkunux f'pożizzjoni li jeżerċitaw attività profittabbli fil-kuntest ta' mudell ta' servizzi ta' trasport li jirrikjedi operazzjonijiet ta' trasport inqas effiċjenti. Dawn il-konsegwenzi jinħassu b'mod partikolari mit-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, li l-attivitajiet tagħhom huma prinċipalment ibbażati fuq operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ.

1383 Il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt iwettaq biss evalwazzjoni superfiċjali dwar l-impatt ta' dawn id-dispożizzjonijiet fuq il-livell tal-impjieg f'ċerti reġjuni u jirrigwarda, fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni ta' kriterju ta' żmien għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, li huwa differenti mill-kriterju finalment adottat fid-Direttiva 2020/1057, li ma jimplikax l-istess effetti fuq is-swieq tal-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li 90 % tal-impriżi tat-trasport jimpjegaw inqas minn għaxar persuni ġie kkonstatat f'din il-valutazzjoni tal-impatt mingħajr ma ttieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-impatt tal-imsemmija dispożizzjonijiet fuq il-livell tal-impjieg. L-impatt fuq id-deterjorament tal-infrastruttura tat-trasport fl-Unjoni kien ġie indikat ukoll fl-imsemmija valutazzjoni tal-impatt, mingħajr madankollu ma saret evalwazzjoni ta' dan l-impatt.

1384 Iż-żieda fit-traffiku bit-triq għandha wkoll konsegwenzi negattivi fuq il-livell tal-għajxien fiż-żoni li jinsabu qrib ir-rotot ewlenin tat-trasport. F'dan il-kuntest, ikun utli li jiġi indikat, b'mod partikolari, ir-riskju li jippreżentaw l-emendi magħmula għas-sigurtà fit-toroq.

1385 Kif jirriżulta mill-analiżi mwettqa mir-Repubblika tal-Polonja, l-emendi legali li jikkonċernaw it-trasport bit-triq iwasslu, bħala medja, għal żieda ta' 19 %, fi ħdan l-Istati Membri, fin-numru ta' aġir riskjuż tax-xufiera, marbut mal-possibbiltà ta' ksur tal-leġiżlazzjoni sabiex jadattaw ruħhom għal jew jevadu l-obbligi l-ġodda dwar il-kollokament, filwaqt li jżidu, barra minn hekk, in-numru ta' inċidenti fatali li jinvolvu ċerti tipi ta' vetturi.

1386 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-ksur tal-Artikolu 94 TFUE, il-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni u li għandhom livell iktar baxx ta' żvilupp ekonomiku, trasportaturi dawn li l-attività tagħhom fil-qasam tat-trasport bit-triq

internazzjonali tiffoka, fil-parti l-kbira tagħha, fuq l-operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ. L-ispejjeż addizzjonali għal dawn it-trasportaturi, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, ipoġġu lil dawn tal-aħħar f'pożizzjoni inqas vantaġġuża minn dik ta' impriżi kompetituri li jinsabu eqreb lejn iċ-ċentru tal-Unjoni.

1387 L-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 matul perijodu ta' tfixkil ekonomiku gravi minħabba l-pandemija tal-COVID-19 turi wkoll li s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi ma tteħditx inkunsiderazzjoni. L-effetti ekonomiċi ta' din il-pandemija jinħassu b'mod partikolari fis-settur tat-trasport, li huwa partikolarment espost mhux biss għat-tnaqqis fid-domanda fil-kummerċ internazzjonali, iżda wkoll għar-restrizzjonijiet marbuta mal-qsim tal-fruntieri interni, li kienu ġew introdotti minn diversi Stati Membri. Dawn l-effetti kienu diġà preżenti waqt li kien għaddej ix-xogħol preparatorju fuq id-Direttiva 2020/1057.

1388 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1389 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument, imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, minħabba l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-għan tat-Trattati li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent, dan l-argument jikkoinċidi ma' dak ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja fil-kuntest tar-raba' motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta. Dan l-argument għalhekk ser jiġi eżaminat fil-kuntest ta' dan il-motiv.

1390 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni, li timponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni l-obbligu li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi meta jadotta miżura "dwar prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", hija irrilevanti f'dan il-każ peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 1231 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 ma jirregolax il-prezzijiet jew il-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri, iżda jiddetermina l-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq.

1391 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu, meta jadotta miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li jkollhom bħala għan it-twettiq tal-politika komuni tat-trasport fid-dawl tal-aspetti speċjali tat-trasport, jieħu "kont" tal-każijiet fejn l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tkun tista' taffettwa "b'mod gravi" l-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir ta' trasport.

1392 F'dan ir-rigward, peress li d-Direttiva 2020/1057 ġiet adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 91(1) TFUE, bażi legali din li ma hijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, dan il-leġiżlatur kellu jieħu inkunsiderazzjoni, meta fassal il-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) ta' din id-direttiva, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

1393 B'dan premess, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 393 sa 396 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 91(2) TFUE ma jistax jipprekludi lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu sabiex jiddefinixxi l-politika komuni tat-trasport, milli jadotta miżuri

vinkolanti li jistgħu jaffettwaw iktar il-livell tal-għajxien u tal-impjieg kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport f'ċerti Stati Membri milli f'oħrajn, kemm-il darba dan il-leġiżlatur jieħu inkunsiderazzjoni l-effetti dannużi gravi fuq dawn il-parametri fil-kuntest usa' tal-ibbilanċjar tad-diversi għanijiet u interessi inkwistjoni.

1394 Fir-rigward ta' dawn ir-rikorsi, għandu jiġi osservat li l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Repubblika ta' Ċipru u mir-Repubblika tal-Polonja huwa bbażat fuq il-premessa li l-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE, l-impatti kkawżati mid-Direttiva 2020/1057, jiġifieri li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament previsti fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva ser tagħmel impossibbli fil-prattika l-operazzjonijiet ta' trasport terz u l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

1395 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-Direttiva 96/71, fil-verżjoni tagħha applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, kienet tkopri, bħala prinċipju, kull provvista ta' servizzi transnazzjonali li tinvolvi kollokament ta' ħaddiema, inkluż fis-settur tat-trasport bit-triq, u, barra minn hekk, ippreċiżat li xufier li jwettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ kellu, bħala prinċipju, jitqies li huwa kkollokat, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging, C-815/18, EU:C:2020:976, punti 33, 49, 62, 63 u 65).

1396 Huwa minnu li, kif ġie rrilevat fil-punt 1320 ta' din is-sentenza, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, kif tirriżulta mid-Direttiva 2020/1057, anki jekk issegwi l-istess loġika, ma hijiex strettament identika għal dik li tirriżulta mid-Direttiva 96/71, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

1397 Madankollu, mill-elementi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi ma jirriżultax li l-eventwali spejjeż ogħla li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, kif tirriżulta mill-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, jistgħu, anki meħuda flimkien, jaffettwaw "b'mod gravi" il-livell tal-għajxien u tal-impjieg f'ċerti reġjuni, fis-sens tal-Artikolu 91(2) TFUE. Fil-fatt, mhux kull impatt fuq dawn l-elementi tal-aħħar huwa biżżejjed sabiex juri li ntlaħaq il-limitu minimu meħtieġ sabiex jiġi stabbilit ksur ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

1398 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-impatti li jirriżultaw mill-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien obbligat jirrikonċilja d-diversi interessi inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minnu. Għalhekk, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 395 ta' din is-sentenza, is-sempliċi fatt li dan kellu jieħu inkunsiderazzjoni l-livell tal-għajxien kif ukoll tal-impjieg f'ċerti reġjuni u, għaldaqstant, l-interessi ekonomiċi tat-trasportaturi ma kienx jipprekludi li dawn tal-aħħar ikunu s-suġġett ta' miżuri vinkolanti li jiġġeneraw ċerti spejjeż għalihom.

1399 Bl-istess mod, jekk jitqies li, kif jallegaw ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Polonja, ċerti trasportaturi huma obbligati li joħorġu mis-suq minħabba l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz u għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jirriżultaw mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, b'riskju ta' telf ta' impjiegi għal ċerti xufiera, tali effetti negattivi għandhom jitqiegħdu f'perspettiva, minn naħa, mal-protezzjoni soċjali ikbar iggarantita lil numru kbir ta' xufiera li ser jibqgħu impjegati fis-settur tat-trasport bit-triq u, min-naħa l-oħra, mal-fatt li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-suq issa tiġi eżerċitata abbażi ta' kompetizzjoni iktar leali bejn l-impriżi tat-trasport.

1400 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li, kif isostni, essenzjalment, il-Kunsill, l-Artikolu 91(2) TFUE ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq il-leġiżlatur tal-Unjoni l-obbligu li jipproteġi l-ishma mis-suq eżistenti ta' ċerti trasportaturi, bir-riskju li jkun preklużmilli jadatta l-qafas legali għall-iżviluppi tas-suq sabiex jiżgura kompetizzjoni ġusta fih.

1401 Fir-rigward tal-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja dwar iż-żieda fin-numru ta' aġir riskjuż u ta' inċidenti fatali li ser tirriżulta, mill-perspettiva tagħha, mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, dawn l-argumenti ma humiex issostanzjati permezz ta' elementi affidabbli u konkordanti. Dawn l-argumenti huma għalhekk ta' natura spekulattiva, b'tali mod li ma jippermettux li jintwera ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 91(2) TFUE.

1402 Ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka wkoll l-effetti negattivi fuq it-tħaddim tat-tagħmir ta' trasport li jirriżultaw mill-vjaġġi addizzjonali kkawżati mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057. Madankollu, dan l-Istat Membru ma jipprovdix provi suffiċjenti sabiex jissostanzja l-argument tiegħu li dawn id-dispożizzjonijiet ser iwasslu, kif huwa jallega, għal "żieda fin-numru ta' kilometri addizzjonali fuq it-triq". Barra minn hekk, l-argument analogu dwar il-kilometri addizzjonali kkawżati mill-implimentazzjoni tar-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055 ġie eżaminat u miċħud fil-kuntest tar-rikorsi diretti kontra dawn ir-regolamenti.

1403 L-allegazzjonijiet l-oħra mressqa fil-kuntest ta' dawn il-motivi, li huma, barra minn hekk, ġenerali u ftit issostanzjati, jikkoinċidu, fil-parti l-kbira tagħhom, mal-argumenti mressqa fil-kuntest tal-motivi bbażati, rispettivament, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba l-allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti tar-regoli previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057, u fuq ksur tal-Artikolu 91(1) TFUE, minħabba l-assenza ta' konsultazzjoni ġdida mal-KESE u mal-KtR. Dawn l-allegazzjonijiet l-oħra għandhom, għaldaqstant, jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 1311 sa 1368 kif ukoll 1375 u 1376 ta' din is-sentenza.

1404 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati r-raba' motivi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru, it-tieni u t-tielet motiv tar-Repubblika tal-Polonja, kif ukoll l-argumenti mressqa mir-Rumanija fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha.

f) Fuq ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

1) L-argumenti tal-partijiet

1405 Permezz tal-ħames motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jsostnu li l-approċċ li ssir distinzjoni bejn l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u l-operazzjonijiet ta' trasport terz, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament, jikkostitwixxi restrizzjoni mhux iġġustifikata kemm għall-moviment liberu tal-merkanzija (l-ewwel partijiet) kif ukoll għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport (it-tieni partijiet).

1406 Minn naħa, f'dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-merkanzija, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz għandha tiġi analizzata, minħabba l-effetti negattivi li jirriżultaw minnha, bħala miżura li għandha effetti ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, fis-sens tal-Artikoli 34 u 35 TFUE. Issa, tali miżura ma tistax tiġi ġġustifikata skont

l-Artikolu 36 TFUE peress li din il-kategorija ta' operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali ma għandhiex rabta suffiċjenti mal-Istat Membru kkonċernat u toħloq restrizzjonijiet amministrattivi sproporzjonati li jipprekludu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

1407 Fi stqarrija għall-istampa, intitolata "Il-Kummissjoni titlob lill-Awstrija tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-salarju minimu ma tillimitax indebitament is-suq intern" (IP/17/1053), din l-istituzzjoni tippreċiża li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-operazzjonijiet kollha ta' trasport internazzjonali li jinvolvu tagħbija u/jew ħatt imwettaq fit-territorju nazzjonali tikkostitwixxi restrizzjoni sproporzjonata fir-rigward, b'mod partikolari, tal-moviment liberu tal-merkanzija u li l-applikazzjoni ta' din il-miżura għall-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali li ma jkollhomx rabta suffiċjenti mal-Istat Membru kkonċernat ma hijiex iġġustifikata għaliex hija sproporzjonata.

1408 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz tirrestrinġi din il-libertà, bi ksur tal-Artikolu 58(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 91 TFUE.

1409 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punti 64 u 65 tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220), minn naħa, l-obbligi imposti fl-Artikolu 91(1)(a) u (b) TFUE jinkludu dak li tiġi stabbilita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport u, fost ir-rekwiżiti li jirriżultaw mil-libertà li jiġu pprovduti dawn is-servizzi, hemm l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjonijiet kollha kontra l-fornitur tal-imsemmija servizzi minħabba n-nazzjonalità tiegħu jew minħabba l-fatt li jkun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz. Min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma għandux, fuq dan il-punt, is-setgħa diskrezzjonali li jista' jinvoka f'oqsma oħra tal-politika komuni tat-trasport.

1410 Issa, id-distinzjoni bejn l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali u l-operazzjonijiet ta' trasport terz għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament terġa' tintroduċi forma ta' diskriminazzjoni u tikkostitwixxi pass lura fl-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport.

1411 Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din il-kwistjoni hija rregolata wkoll mill-Artikolu 56 TFUE, dan il-motiv għandu jitqies li huwa bbażat ukoll fuq din id-dispożizzjoni.

1412 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn il-motivi u dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

i) Fuq il-moviment liberu tal-merkanzija

1413 Fir-rigward tal-ewwel partijiet tal-ħames motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom, ibbażati fuq ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru bl-ebda mod ma jesponu l-mod kif id-Direttiva 2020/1057 tillimita din il-libertà u lanqas kif l-effetti tagħha huma ekwivalenti għall-allegata restrizzjoni kwantitattiva li għaliha jirreferu dawn l-Istati Membri.

1414 B'mod partikolari, ħlief għal riferiment għall-Artikoli 34 sa 36 TFUE u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iċ-ċirkustanzi li fihom tali restrizzjoni kwantitattiva tista' titqies li hija ġġustifikata skont l-Artikolu 36 TFUE, l-imsemmija Stati Membri sempliċement jirreferu għal argumenti invokati fil-kuntest tal-ewwel motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom.

1415 Issa, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 1308 sa 1368 ta' din is-sentenza, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru ma wrewx li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz tmur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057.

1416 Għaldaqstant, fl-assenza ta' kwalunkwe argument speċifiku insostenn tal-ewwel partijiet tal-ħames motivi, għandu jitqies li, anki jekk jitqies li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu restrizzjoni li taqa' taħt l-Artikoli 34 u 35 TFUE, din ir-restrizzjoni tkun, fi kwalunkwe każ, iġġustifikata skont l-Artikolu 36 TFUE għar-raġunijiet li fuqhom hija bbażata ċ-ċaħda ta' dawn l-ewwel motivi.

1417 Mill-bqija, fir-rigward tal-istqarrija għall-istampa msemmija fil-punt 1407 ta' din is-sentenza, li r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jiċċitaw mingħajr ma jispjegaw ir-rilevanza tagħha, huwa biżżejjed li jiġi osservat li tali dokument mhux vinkolanti ma jistax jorbot lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni jew fl-evalwazzjoni tagħha tal-validità tad-Direttiva 2020/1057.

1418 Fi kwalunkwe każ, għalkemm, f'din l-istqarrija għall-istampa, il-Kummissjoni tikkritika l-approċċ li jikkonsisti fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti għal kull operazzjoni ta' trasport internazzjonali li tinvolvi tagħbija u/jew ħatt fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, id-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057 jeżentaw minn din l-applikazzjoni kemm l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali kif ukoll ċerti attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt marbuta ma' tali operazzjonijiet, u dan preċiżament sabiex tiġi żgurata n-natura proporzjonata ta' kull restrizzjoni eventwali għall-moviment liberu tal-merkanzija kif ukoll għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera ta' trasport bit-triq internazzjonali.

1419 Għaldaqstant, l-ewwel partijiet tal-ħames motivi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

ii) Fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi

1420 F'dak li jirrigwarda t-tieni partijiet tal-ħames motivi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru, ibbażati fuq ksur tar-regoli tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-punti 352 sa 358 ta' din is-sentenza, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport ma hijiex irregolata mill-Artikolu 56 TFUE, li jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali, iżda mill-Artikolu 58(1) TFUE, dispożizzjoni speċifika li tipprovdi li "[i]l-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport għandu jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura dwar it-trasport", jiġifieri d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, li jinkludi l-Artikoli 90 sa 100 TFUE. B'hekk, l-impriżi tat-trasport għandhom dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport esklużivament sa fejn dan id-dritt ikun ingħatalhom permezz ta' miżuri tad-dritt sekondarju adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-politika komuni tat-trasport, b'mod partikolari tal-Artikolu 91(1) TFUE.

1421 Dan huwa preċiżament l-għan tad-Direttiva 2020/1057, adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni, sabiex, b'mod partikolari, jistabbilixxi regoli speċifiċi f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 96/71 u, għalhekk, jarmonizza ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq.

1422 F'dak li jirrigwarda t-tagħlim mislut mis-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220, punti 64 u 65), li fuqu jibbażaw ruħhom ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru, għandu jitfakkar li, kif ġie espost fil-punt 982 ta' din is-sentenza, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma għandux, fir-rigward tal-istabbiliment tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport, is-setgħa diskrezzjonali li huwa jista' jinvoka f'oqsma oħra tal-politika komuni tat-trasport. Madankollu, dan il-fatt ma jdaħħalx inkwistjoni l-fatt li, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jeżerċita l-kompetenzi tiegħu dwar dan is-suġġett, huwa għandu f'dan ir-rigward, u kif tfakkar fil-punti 242 sa 247 ta' din is-sentenza, marġni wiesa' ta' evalwazzjoni.

1423 Fi kwalunkwe każ, sa fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni li, billi għamel applikabbli r-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport terz, naqas milli jwettaq l-obbligi speċifiċi tiegħu taħt l-Artikolu 91 TFUE peress li introduċa mill-ġdid forma ta' diskriminazzjoni fir-rigward tat-trasportaturi minħabba n-nazzjonalità tagħhom jew minħabba l-post fejn huma stabbiliti, l-argument tagħhom jikkoinċidi ma' dak imressaq fil-kuntest tat-tieni motivi tar-rikorsi rispettivi tagħhom, ibbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk li jinsabu fil-punti 1213 sa 1234 ta' din is-sentenza.

1424 Barra minn hekk, sa fejn, indipendentement mill-argument miċħud fil-punt preċedenti, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jikkritikaw lil-leġiżlatur tal-Unjoni talli ħa pass lura fejn tidħol il-politika komuni tat-trasport li tiggarantixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-argument tagħhom huwa infondat.

1425 Fil-fatt, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 1210, 1223, 1308 u 1361 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 huwa intiż, għall-kuntrarju, li jiffaċilita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport billi jippreċiża ċ-ċirkustanzi li fihom ir-regoli dwar il-kollokament, previsti fid-Direttiva 96/71, japplikaw jew le għax-xufiera li jwettqu operazzjoni ta' trasport bit-triq, inkluż għal dawk li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz, filwaqt li jiżgura bilanċ aħjar bejn id-diversi interessi kkonċernati fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq, u b'hekk jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 91 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 48).

1426 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif ġie indikat fil-punt 266 ta' din is-sentenza, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fl-għarfien fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan it-Trattat, fosthom il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, il-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-għanijiet trażversali fil-każ biss li jkun jista' jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet jew żviluppi.

1427 Minn dan isegwi li s-sempliċi fatt li ċerti trasportaturi jistgħu jsostnu spejjeż ogħla minħabba t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u ż-żieda fil-protezzjoni soċjali ggarantita lil ċerti xufiera mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pass lura fl-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport, li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 91(2) TFUE.

1428 Għaldaqstant, it-tieni partijiet tal-ħames motivi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiġu miċħuda bħala infondati u, għaldaqstant, dawn il-motivi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

g) Fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta

1) L-argumenti tal-partijiet

1429 Permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-Artikolu 11 TFUE u l-Artikolu 37 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni l-obbligu li jieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent kemm fid-determinazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki l-oħra tal-Unjoni kif ukoll fil-kuntest ta' azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Fil-fatt, l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent, stabbilit fl-Artikolu 191 TFUE, la jista' jittieħed inkunsiderazzjoni u lanqas ma jista' jintlaħaq bis-saħħa biss tal-miżuri adottati skont l-Artikolu 192 TFUE fil-kuntest ta' politika distinta u awtonoma. Il-prinċipju ta' integrazzjoni jippermetti li l-għanijiet u r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent jiġu rrikonċiljati mal-interessi u mal-għanijiet l-oħra mfittxija mill-Unjoni.

1430 Interpretazzjoni fis-sens li l-Artikolu 11 TFUE jikkonċerna oqsma tad-dritt tal-Unjoni, u mhux miżuri partikolari, ma tippermettix li jintlaħaq l-għan ta' din id-dispożizzjoni. L-appartenenza tad-Direttiva 2020/1057 għal pakkett usa' intiż li jitnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu fis-settur tat-trasport bit-triq ma tipprovax li l-impatt ta' din id-direttiva fuq l-ambjent, u b'mod partikolari fuq il-possibbiltà li jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti fid-dokumenti ta' programmazzjoni u fl-atti adottati mill-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, kien ittieħed debitament inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, lanqas ma huwa possibbli li jitqies li, ladarba jiġu stabbiliti, l-għanijiet fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jibqgħu invarjabbli, irrispettivament mill-emissjonijiet supplimentari ġġenerati fil-futur b'konsegwenza tat-twettiq ta' obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni.

1431 Ir-Repubblika tal-Polonja taqbel mal-interpretazzjoni tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punti 59 u 60 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża L-Awstrija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-161/04, EU:C:2006:66), fis-sens li, meta l-interessi ambjentali ma jkunux manifestament ittieħdu inkunsiderazzjoni jew meta jkunu ġew kompletament injorati, l-Artikolu 11 TFUE jista' jservi bħala standard sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Meta jiġi stabbilit li miżura partikolari meħuda mil-leġiżlatur tal-Unjoni għandha l-effett li tippreġudika t-twettiq tal-għanijiet stabbiliti minnu f'atti oħra tad-dritt sekondarju adottati fil-qasam tal-ambjent, dan il-leġiżlatur ikun obbligat li jibbilanċja l-interessi kunfliġġenti u li jagħmel, jekk ikun il-każ, emendi adegwati għall-atti applikabbli fil-qasam tal-ambjent.

1432 F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jwettaq dan l-obbligu sa fejn ma eżaminax l-impatt tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 fuq ir-rekwiżiti fil-qasam tal-ambjent. B'mod partikolari, huwa ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet toħloq vjaġġi addizzjonali, inklużi vjaġġi minn trakkijiet mingħajr tagħbija fuq distanzi twal, li minnhom jirriżultaw, kif jixhdu d-data u l-istudji msemmija fil-punt 416 ta' din is-sentenza, emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi li jikkawżaw diversi problemi ta' saħħa.

1433 Fil-fatt, u filwaqt li, fl-assenza tal-imsemmija dispożizzjonijiet, il-vetturi kkonċernati kienu jkunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz u ta' kabotaġġ, it-tnaqqis ta' dawn iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet għandu l-effett li jżid in-numru ta' operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, u dan iwassal għal żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija. Issa, l-operazzjonijiet ta' trasport terz huma utli sa fejn jimminimizzaw in-numru ta' dawn il-vjaġġi mingħajr tagħbija, jevitaw l-istennija għal ordnijiet għat-trasport ta' merkanzija lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment u jgħinu sabiex tiġi ssodisfatta domanda ta' trasport li tevolvi ġeografikament.

1434 L-effetti ambjentali tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 għandhom jiġu eżaminati b'mod kumulattiv flimkien ma' dawk ikkawżati mir-Regolamenti 2020/1054 u 2020/1055, li jagħmlu wkoll parti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà" u li, huma wkoll, iġiegħlu lit-trakkijiet iwettqu vjaġġi addizzjonali, ta' spiss mingħajr tagħbija, fuq distanzi twal.

1435 Dawn iż-żidiet fl-emissjonijiet jista' jkollhom, minħabba l-portata tagħhom, impatt sinjifikattiv fuq it-twettiq tal-għanijiet ambjentali stabbiliti fid-dokumenti ta' programmazzjoni u fl-atti adottati mill-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, imsemmija fil-punti 417 sa 419 ta' din is-sentenza, kif ukoll fuq l-osservanza tal-obbligi imposti minn dawn l-atti fuq l-Istati Membri. Issa, ebda wieħed mill-atti kkontestati li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" ma jindirizza dawn id-diversi riskji ta' impatt. Fil-komponent soċjali tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni sempliċement tikkonstata li hija ma kienet identifikat ebda impatt fuq l-ambjent tal-għażliet ikkunsidrati, iżda din il-konstatazzjoni la hija ssostanzjata u lanqas ma hija kredibbli.

1436 Minkejja li ċerti Stati Membri u l-Kummissjoni enfasizzaw il-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt tal-miżuri proposti mill-"Pakkett dwar il-mobbiltà" fuq iż-żieda fin-numru ta' vjaġġi mingħajr tagħbija u fl-emissjonijiet ta' CO_2, il-leġiżlatur tal-Unjoni injora dan it-tħassib. It-tfassil ta' valutazzjonijiet addizzjonali qabel l-aħħar tas-sena 2020, imħabbar mill-Kummissarja, A. Vălean, dwar l-impatt tar-ritorn obbligatorju tal-vetturi fl-Istat Membru ta' stabbiliment kull tmien ġimgħat u tar-restrizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, bl-ebda mod ma kkumpensa għal dan in-nuqqas, u saħansitra jikkonferma l-fondatezza ta' dan il-motiv.

1437 Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru jirriproduċu, min-naħa tagħhom, l-argumenti esposti fil-punti 1377 u 1378 ta' din is-sentenza, ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, minħabba l-effetti dannużi għall-ambjent li jirriżultaw mid-distinzjoni magħmula fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 13 tagħha, bejn l-operazzjonijiet ta' trasport terz u l-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

1438 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1439 Qabel kollox, l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Repubblika ta' Ċipru, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet indikati fil-punti 423, 424 u 934 ta' din is-sentenza.

1440 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u għar-raġunijiet esposti fil-punti 428 sa 430 ta' din is-sentenza, għandu jiġi eżaminat biss jekk, kif issostni r-Repubblika tal-Polonja, il-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, kisirx ir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent li jirriżultaw mill-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta.

1441 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja taħt ir-raba' motiv tagħha jirrigwardaw kważi esklużivament mhux id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057, iżda d-dispożizzjonijiet tal-atti l-oħra li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà", b'mod partikolari dawk tar-Regolament 2020/1055. Fil-fatt, l-essenzjal tal-istudji u tal-elementi l-oħra li fuqhom tibbaża ruħha r-Repubblika tal-Polonja f'dan il-kuntest jirrigwarda l-obbligu, previst fil-punt 3 tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, dwar ir-ritorn tal-vetturi f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull tmien ġimgħat. Issa, din l-aħħar dispożizzjoni hija s-suġġett ta' motivi distinti fil-kuntest tar-rikorsi diretti kontra r-Regolament 2020/1055 fil-Kawżi C-542/20, C-545/20, C-547/20, C-549/20 sa C-552/20 u C-554/20. Sa fejn ma jikkonċernawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057 l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja għandhom jitqiesu li huma ineffettivi.

1442 Madankollu, sa fejn l-argument tar-Repubblika tal-Polonja, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, jirrigwarda speċifikament id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057, għandu jitfakkar, minn naħa, li, kif ġie rrilevat fil-punt 436 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 11 TFUE għandu natura trażversali li timplika li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jintegra r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent fil-politiki u fl-azzjonijiet tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fil-politika komuni tat-trasport li taħtha taqa' d-Direttiva 2020/1057.

1443 Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ tal-legalità li l-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa twettaq, f'dan il-każ, fid-dawl tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, jikkonċerna att tal-Unjoni li fil-kuntest tiegħu l-leġiżlatur tagħha huwa obbligat li jiżgura, kif ġie enfasizzat, b'mod partikolari, fil-punti 1210, 1223, 1308 u 1361 ta' din is-sentenza, bilanċ bejn id-diversi interessi u għanijiet inkwistjoni.

1444 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitfakkar li, anki jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, ikkunsidrati waħedhom, ikollhom effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent, hemm lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, li jittieħdu inkunsiderazzjoni azzjonijiet oħra li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa sabiex jillimita tali effetti tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent u sabiex jintlaħaq l-għan globali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jniġġsu.

1445 F'dan il-każ, permezz tal-argument tagħha bbażat fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, ir-Repubblika tal-Polonja tibbaża ruħha fuq il-premessa li l-kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament iddefiniti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 iwasslu għal effetti dannużi fuq l-ambjent minħabba ż-żieda fl-emissjonijiet li jniġġsu li ser twassal għaliha l-implimentazzjoni ta' dawn il-kriterji. B'mod partikolari, dan l-Istat Membru jsostni li l-imsemmija dispożizzjonijiet ser iwasslu għal vjaġġi addizzjonali, ta' spiss mingħajr tagħbija, fuq distanzi twal, peress li t-trasportaturi ser jissostitwixxu l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ u l-operazzjonijiet ta' trasport terz, li fir-rigward

tagħhom huwa jallega li huma iktar favorevoli għall-ambjent, b'operazzjonijiet ta' trasport bilaterali sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni integrali mill-imsemmija regoli applikabbli għal dawn l-operazzjonijiet tal-aħħar.

1446 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li, kif diġà jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 1318, 1321 u 1395 ta' din is-sentenza, l-obbligu li jiġu applikati, bħala prinċipju, ir-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport terz u operazzjonijiet ta' kabotaġġ kien diġà jirriżulta mill-qafas regolatorju li kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2020/1057, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976).

1447 Għaldaqstant, parti kbira mill-allegati effetti negattivi fuq l-ambjent li r-Repubblika tal-Polonja tattribwixxi lir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, jekk jitqiesu li huma stabbiliti, jirriżultaw, fir-realtà, mhux minn din tal-aħħar, iżda mir-regoli tal-Unjoni li kienu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

1448 It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li d-diversi tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport invokati mir-Repubblika tal-Polonja ma humiex neċessarjament sostitwibbli. Fil-fatt, filwaqt li operazzjoni ta' trasport terz u operazzjoni ta' trasport bilaterali jistgħu, bħala prinċipju, kif jenfasizza l-Kunsill, jissostitwixxu lil xulxin, operazzjoni ta' kabotaġġ ma tistax, min-natura tagħha stess, tiġi ssostitwita minn operazzjoni ta' trasport bilaterali.

1449 Barra minn hekk, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punt 358 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 49 TFUE, kif implimentat, fis-settur tat-trasport, permezz tar-Regolament Nru 1071/2009, jiggarantixxi lil kull impriża d-dritt li tistabbilixxi ruħha b'mod permanenti, jekk ikun il-każ, permezz tal-ħolqien ta' sussidjarji, fl-Istat Membru tal-għażla tagħha sabiex torganizza bl-aħjar mod l-attivitajiet tagħha, filwaqt li tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, it-trasportaturi li għandhom l-intenzjoni jwettqu trasport nazzjonali fi Stat Membru ieħor b'mod sistematiku jew b'mod regolari ħafna jistgħu joħolqu hemmhekk sussidjarja jew kwalunkwe stabbiliment permanenti ieħor, li jista' jevita r-ritorni ta' vetturi fuq distanzi twal, li fir-rigward tagħhom ir-Repubblika tal-Polonja tallega li jwasslu għal effetti negattivi fuq l-ambjent minħabba ż-żieda fl-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti atmosferiċi.

1450 Għaldaqstant, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 ma jistax, bħala tali, iwassal għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent peress li, billi jista' jħeġġeġ lil ċerti trasportaturi jistabbilixxu ruħhom iktar qrib id-domanda reali tas-servizzi ta' trasport milli kien il-każ qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, huwa jikkontribwixxi sabiex ikun hemm rabta iktar mill-qrib bejn il-post ta' stabbiliment tal-fornitur ta' dawn is-servizzi u l-post fejn dawn tal-aħħar huma effettivament ipprovduti.

1451 It-tielet nett, fil-każ li, kif tissuġġerixxi r-Repubblika tal-Polonja, impriża tat-trasport tagħżel li ddaħħal fl-Istat Membru ta' stabbiliment vettura mingħajr tagħbija sabiex l-operazzjoni ta' trasport tiġi kklassifikata bħala bilaterali, għandu jiġi osservat li l-eżerċizzju ta' tali għażla ma huwiex biżżejjed, fi kwalunkwe każ, sabiex l-operazzjoni kkonċernata tiġi kklassifikata bħala bilaterali, fis-sens tal-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2020/1057, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jeżiġu li l-merkanzija jew il-passiġġieri jiġu ttrasportati minn jew lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment sabiex operazzjoni tiġi kklassifikata b'dan il-mod.

1452 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 377 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni jibqagħlu d-dritt li, meta jadatta att leġiżlattiv sabiex iżid il-protezzjoni soċjali tal-persuni kkonċernati, jemenda l-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li jiggarantixxi kompetizzjoni ġusta. Fil-fatt, skont l-Artikolu 58(1) TFUE, il-grad ta' liberalizzazzjoni ma huwiex iddeterminat direttament mill-Artikolu 56 TFUE iżda mil-leġiżlatur tal-Unjoni nnifsu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport.

1453 Mill-bqija, l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja dwar l-operaturi li huma obbligati joħorġu mis-suq minħabba allegati spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-kriterji ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, kif japplikaw għall-operazzjonijiet ta' trasport terz u għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, huma ta' natura spekulattiva. Dan jgħodd iktar u iktar fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1448 sa 1450 ta' din is-sentenza. Fi kwalunkwe każ, dan l-Istat Membru ma jurix li tali allegati ħruġ mis-suq iwasslu għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent.

1454 Ir-raba' nett, kif isostni l-Kunsill, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja ma jurix differenza intrinsika, f'termini ta' effikaċja u ta' impatt ambjentali, bejn operazzjoni ta' trasport terz u operazzjoni ta' trasport bilaterali meta dawn l-operazzjonijiet ikunu intiżi li jissodisfaw talbiet għal trasport b'mod ftit jew wisq permanenti f'ċerta parti tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punt 1354 ta' din is-sentenza, skont it-tielet sal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2020/1057, moqri fid-dawl tal-premessa 10 tagħha, ċerti attivitajiet addizzjonali marbuta mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali jibbenefikaw minn estensjoni tal-eżenzjoni mir-regoli dwar il-kollokament prevista għal dawn l-aħħar operazzjonijiet, u dan preċiżament sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-eventwali titjib fl-effiċjenza li jirriżulta minn tali organizzazzjoni tat-trasport bit-triq.

1455 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għall-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, kif prevista fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2020/1057, tiskoraġġixxi l-użu ta' tali operazzjonijiet, li l-effett favorevoli tagħhom fuq l-ambjent huwa rrikonoxxut, huwa biżżejjed li jitfakkru l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1330, 1331 u 1340 ta' din is-sentenza, li minnhom jirriżulta li, meta mqabbla mas-sistema applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, din id-dispożizzjoni hija intiża biss li tippreċiża ċ-ċirkustanzi li fihom trasportaturi li jwettqu operazzjoni ta' trasport ikkombinat jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-imsemmija regoli għal ċerti partijiet ta' din l-operazzjoni. Għalhekk, ma huwiex stabbilit li l-imsemmija dispożizzjoni għandha l-effett li tiskoraġġixxi dawn it-tip ta' operazzjonijiet.

1456 Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tan-natura tad-Direttiva 2020/1057, li hija intiża li tilħaq bilanċ bejn id-diversi għanijiet li hija ssegwi, mingħajr ma taqa', hija stess, taħt il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, ma jistax jiġi stabbilit għas-sempliċi raġuni li, bl-adozzjoni ta' dan l-att, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ffavorixxiex l-attivitajiet kollha ta' trasport li jistgħu jitqiesu li huma favorevoli għall-ambjent, għad-detriment ta' protezzjoni soċjali ikbar għax-xufiera.

1457 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, fl-assenza ta' effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 dwar l-operazzjonijiet ta' trasport terz, l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat jew l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, l-argumenti mqajma mir-Repubblika tal-Polonja, ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 11 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 37 tal-Karta, għandhom jiġu miċħuda.

1458 F'dawn iċ-ċirkustanzi, la hemm lok li jiġu eżaminati l-argumenti ta' dan l-Istat Membru bbażati fuq atti oħra tal-Unjoni, li l-għanijiet tagħhom fil-qasam ambjentali huma allegatament kompromessi bl-adozzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, u lanqas ma hemm lok li jiġu eżaminati d-diversi miżuri meħuda mil-leġiżlatur tal-Unjoni fis-settur tat-trasport bit-triq, invokati mill-Parlament u mill-Kunsill, sabiex jiġi evalwat sa fejn dan il-leġiżlatur ħa inkunsiderazzjoni l-għan globali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jniġġsu f'dan is-settur.

1459 Għaldaqstant, ir-raba' motiv tar-Repubblika tal-Polonja għandu jiġi miċħud bħala infondat.

1460 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), mir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-544/20), mir-Rumanija (Kawża C-548/20) u mir-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20) għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Bl-istess mod, ir-rikorsi ppreżentati mill-Ungerija (Kawża C-551/20) u mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-555/20) għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 jew ta' wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet.

4. Fuq l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057

1461 Insostenn tar-rikors tagħha intiż għall-annullament tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 sa fejn din id-dispożizzjoni tiffissa t-2 ta' Frar 2022 bħala t-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, ir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-555/20) tinvoka tliet motivi, li jistgħu jiġu eżaminati flimkien, ibbażati fuq ksur, l-ewwel wieħed, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, it-tieni wieħed, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, it-tielet wieħed, tal-Artikolu 94 TFUE.

a) L-argumenti tal-partijiet

1462 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-allegat ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ir-Repubblika tal-Polonja tfakkar li dan il-prinċipju jirrikjedi li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex dawk ikkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-imsemmi prinċipju japplika b'rigorożità partikolari meta l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tista' tinvolvi piżijiet finanzjarji, bħalma huwa l-każ għad-Direttiva 2020/1057.

1463 Issa, id-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva ma jispeċifikawx l-obbligi tat-trasportaturi. Barra minn hekk, huma jippreżentaw problemi ta' interpretazzjoni kif ukoll diffikultajiet ta' natura prattika dwar id-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tax-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bit-triq. Għandhom isiru kjarifiki permezz tal-atti nazzjonali ta' traspożizzjoni kif ukoll permezz tad-dokumenti ta' interpretazzjoni u l-gwidi tal-Kummissjoni, kemm-il darba dawn jiġu adottati.

1464 Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet timplika ħidma leġiżlattiva twila fil-livell nazzjonali. Għaldaqstant, parti sinjifikattiva mit-terminu ta' 18-il xahar għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2020/1057 ser tkun iddedikata għat-tfassil u għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan inaqqas b'mod sinjifikattiv iż-żmien li t-trasportaturi jista' jkollhom biex ikunu jafu s-suġġett u l-portata tal-obbligi tagħhom. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiddefinixxi wkoll il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol u t-trasportaturi huma obbligati li jsiru jafu bir-regoli rilevanti previsti minn iktar minn Stat

Membru wieħed. Fl-aħħar nett, l-assenza ta' obbligu li jiġi stabbilit perijodu ta' traspożizzjoni speċifiku ma tistax tiġi assimilata ma' setgħa diskrezzjonali kompleta tal-leġiżlatur tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

1465 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-iffissar mil-leġiżlatur tal-Unjoni ta' terminu għat-traspożizzjoni mnaqqas ta' 18-il xahar ma jissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan il-prinċipju.

1466 Il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ppreżentax motivi oġġettivi li jiġġustifikaw l-iffissar ta' dan it-terminu, filwaqt li t-terminu adottat għall-atti ta' din in-natura huwa ta' mill-inqas sentejn. Fid-dawl tan-natura speċifika tas-settur tat-trasport bit-triq, li huwa kkaratterizzat minn mobbiltà qawwija u, għaldaqstant, min-neċessità li jiġu applikati r-regoli ta' diversi Stati Membri matul perijodu qasir ta' referenza, dan il-leġiżlatur kellu jieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-trasportaturi ser ikollhom jippreparaw ruħhom sabiex japplikaw ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-atti l-oħra li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà".

1467 Il-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas ma ħa inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni dominanti okkupata fis-suq tat-trasport bit-triq mis-SMEs, li għalihom l-adattament għal-leġiżlazzjonijiet il-ġodda jimplika diffikultajiet u spejjeż speċifiċi. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat diffikultajiet addizzjonali. Fl-aħħar nett, sanzjonijiet, xi drabi severi, ser japplikaw għat-trasportaturi li ma jkunux f'pożizzjoni li jadattaw ruħhom għar-regoli l-ġodda fit-terminu mogħti.

1468 Fir-rigward tal-kwistjoni ta' sa fejn is-sitwazzjoni legali u fattwali preċedenti tat-trasportaturi ġiet emendata bid-Direttiva 2020/1057, il-kwistjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għat-trasport bit-triq ilha punt kontenzjuż għal żmien twil. Għaldaqstant, kif jirriżulta mill-premessa 4 tad-Direttiva 2020/1057, hemm sensiela ta' diverġenzi bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-interpretazzjoni, tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71. Is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:976), indirizzat biss uħud mill-kwistjonijiet marbuta mal-modalitajiet ta' eżerċizzju tat-trasport internazzjonali.

1469 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li t-terminu għat-traspożizzjoni previst fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 ma jiħux inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tat-trasportaturi. F'dan il-kuntest, dan l-Istat Membru jirreferi wkoll għall-fatt li s-settur huwa ddominat mis-SMEs, li l-emendi kkonċernati jimplikaw spejjeż kunsiderevoli u li dawn tal-aħħar ġew introdotti matul perijodu ta' kriżi ekonomika u ta' tfixkil fil-funzjonament tal-attività tat-trasport minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

1470 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1471 Għall-finijiet tal-eżami ta' dawn il-motivi, għandu jitfakkar li l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-direttiva "[s]at-2 ta' Frar 2022" u jżid, fit-tieni subparagrafu tiegħu, li dawn l-istess Stati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri sa mill-istess data.

1472 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi osservat li r-Repubblika tal-Polonja ma tikkritikax lil-leġiżlatur tal-Unjoni talli adotta terminu għat-traspożizzjoni mhux preċiż, iżda talli stabbilixxa terminu għat-traspożizzjoni qasir wisq, fid-dawl tal-inċertezza dwar l-interpretazzjoni tar-regoli previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 u tal-problemi prattiċi dwar l-applikazzjoni tagħhom.

1473 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, direttiva torbot lil kull Stat Membru destinatarju f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li għandu jinkiseb filwaqt li tħalli l-għażla tal-forma u tal-metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Għaldaqstant, kif jenfasizza l-Parlament, ir-riżultat li għandu jinkiseb huwa diġà espost fl-att legali stess tal-Unjoni. Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, it-trasportaturi kellhom il-possibbiltà li jsiru jafu, tal-inqas mill-31 ta' Lulju 2020, id-data tal-pubblikazzjoni tad-Direttiva 2020/1057 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bl-obbligi futuri tagħhom li jirriżultaw minn din id-direttiva.

1474 Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni ta' sa fejn id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 joħolqu obbligi ġodda fuq l-impriżi tat-trasport hija neċessarjament limitata mill-fatt li, kif jirriżulta mill-punti 1178 sa 1182 ta' din is-sentenza, is-sistema li tirregola l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament għax-xufiera li jirriżultaw mill-kriterji stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet hija, sa ċertu punt, simili għal dik li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

1475 Sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka problemi ta' interpretazzjoni u diffikultajiet ta' natura prattika li tqajjem id-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tax-xufiera, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxi dan l-Istat Membru, id-dritt nazzjonali applikabbli f'każ partikolari ma jiddependix mill-atti nazzjonali ta' traspożizzjoni, iżda mid-dispożizzjonijiet stess tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, li jelenkaw tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport iddefiniti b'mod ċar u li jispeċifikaw għal liema tipi ta' operazzjonijiet ta' trasport għandhom jitqiesu li huma applikabbli r-regoli dwar il-kollokament, u għalhekk ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg.

1476 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-premessi 4, 8 u 9 tad-Direttiva 2020/1057 u kif ġie espost, essenzjalment, fil-punt 1224 ta' din is-sentenza, huwa preċiżament minħabba, b'mod partikolari, sensiela ta' diverġenzi li kienu ġew irrilevati bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jadotta leġiżlazzjoni speċifika għas-settur tat-toroq li tipprevedi kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat f'liema sitwazzjonijiet ix-xufiera għandhom ikunu suġġetti għar-regoli dwar il-kollokament għal żmien twil previsti fid-Direttiva 96/71.

1477 Sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li parti sinjifikattiva tat-terminu ta' 18-il xahar kellha tiġi ddedikata għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali neċessarja għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2020/1057, dan l-Istat Membru jibbaża ruħu fuq il-premessa żbaljata li l-obbligi tat-trasportaturi fil-qasam tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tax-xufiera jirriżultaw mill-atti ta' traspożizzjoni adottati mill-Istati Membri, filwaqt li, kif ġie espost fil-punt 1473 ta' din is-sentenza, dawn l-obbligi jirriżultaw mill-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. Minn dan isegwi li l-fatt li, jekk ikun il-każ, il-leġiżlatur nazzjonali fil-Polonja sab ruħu fl-obbligu li jiddedika parti ftit jew wisq sinjifikattiva tal-imsemmi terminu sabiex jipproċedi għall-adozzjoni tal-atti ta' traspożizzjoni neċessarji f'dan ir-rigward ma jurix ksur mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali.

1478 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni wkoll li t-trasportaturi ser ikollhom bżonn ta' ħin sabiex isiru jafu bir-regoli rilevanti ta' diversi Stati Membri, u dan b'mod partikolari għaliex id-dritt tal-Unjoni ma jimponix biss il-ħlas ta' rata ta' salarju minimu iżda, barra minn hekk, skont id-Direttiva 2020/1057, jimponi wkoll l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-Istat Membru ospitanti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li, kif jenfasizza l-Kunsill, it-terminu għat-traspożizzjoni tat-2 ta' Frar 2022 kien previst, kif jirriżulta espliċitament mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057, moqri flimkien mal-premessa 43 tagħha, bħala data fissa li minnha d-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu applikati sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli ġodda permezz ta' applikazzjoni ddifferenzjata mill-Istati Membri sal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni previst. Għaldaqstant, tkun xi tkun il-parti tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' 18-il xahar użata minn Stat Membru għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2020/1057, dan ma setax, fi kwalunkwe każ, jimponi l-obbligi l-ġodda li jirriżultaw minn din id-direttiva fuq l-impriżi tat-trasport qabel it-2 ta' Frar 2022.

1479 Min-naħa l-oħra, kif tenfasizza r-Repubblika tal-Polonja stess, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957 ippreveda li din l-aħħar direttiva tapplika għas-settur tat-trasport bit-triq mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġislattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u li jistabbilixxi regoli speċifiċi f'dak li jirrigwarda d-Direttivi 96/71 u 2014/67 għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu li l-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva 96/71, kif emendata bid-Direttiva 2018/957, saru applikabbli mid-data li fiha d-Direttiva 2020/1057 kellha tiġi trasposta, xorta jibqa' l-fatt li l-impriżi tat-trasport kienu informati sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, jiġifieri t-28 ta' Ġunju 2018, li *lex specialis* fis-settur tat-trasport bit-triq kienet prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni u li l-emendi magħmula mid-Direttiva 2020/1057 għad-Direttiva 96/71 kellhom jidħlu fis-seħħ ladarba din il-*lex specialis* tkun applikabbli.

1480 Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Polonja ma turix, permezz tad-diffikultajiet li hija tallega dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, li, meta stabbilixxa terminu ta' 18-il xahar għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

1481 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi osservat li, fil-punt 42 tal-Ftehim Interistituzzjonali, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni enfasizzaw il-ħtieġa, f'dak li jirrigwarda l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li jiġi previst terminu għat-traspożizzjoni tad-direttivi kemm jista' jkun qasir u li, bħala regola ġenerali, ma jkunx ta' iktar minn sentejn. Dan l-approċċ jagħmel parti mill-għan iktar ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni rapida u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Istati Membri.

1482 Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni ta' evalwazzjoni sabiex jiffissa t-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva u, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-Repubblika tal-Polonja, huwa bl-ebda mod ma huwa obbligat jippreċiża r-raġunijiet li jkunu ġġustifikaw l-iffissar ta' dan it-terminu kull darba li dan tal-aħħar ikun inqas minn sentejn.

1483 Lanqas ma jista' jintlaqa' l-argument ta' natura kompletament ġenerali li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-atti l-oħra li jifformaw il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" kien imissu wassal għall-iffissar ta' terminu itwal għat-traspożizzjoni f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2020/1057. Fil-fatt, is-sempliċi fatt li termini differenti għall-implimentazzjoni huma applikabbli għall-obbligi rilevanti ta' kull att ta' dan il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" juri

preċiżament li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni n-natura tal-obbligi kif ukoll iċ-ċirkustanzi speċifiċi għal kull wieħed minn dawn l-atti sabiex jiddetermina terminu għal traspożizzjoni jew għal applikazzjoni adegwat.

1484 Barra minn hekk, permezz tal-argument tagħha daqstant ieħor ġenerali dwar il-pandemija tal-COVID-19, ir-Repubblika tal-Polonja ma turix kif l-ispejjeż, ir-restrizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi jew l-emendi magħmula fil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri kkawżati minn din il-pandemija seta' jkollhom xi impatt fuq l-iffissar tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2020/1057. Fi kwalunkwe każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-obbligu li jirrimedja l-effetti ta' din il-pandemija fil-kuntest tad-Direttiva 2020/1057, li għandha l-għan, b'mod partikolari, li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera, u dan wisq inqas minħabba li, kif jirriżulta mill-punt 286 ta' din is-sentenza, atti leġiżlattivi speċifiċi oħra tal-Unjoni kellhom tali għan.

1485 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja ma tistax tippretendi li tistabbilixxi n-natura sproporzjonata tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2020/1057 billi tispekula dwar il-frekwenza tal-aġir li jikser l-obbligi li jirriżultaw minnha fil-qasam tal-kollokament tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq, peress li l-eventwali severità tas-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol jew tar-rekwiżiti formali relatati magħhom bl-ebda mod ma hija ta' natura li ddaħħal inkwistjoni t-tul stess ta' dan it-terminu.

1486 Għaldaqstant, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 1473 sa 1476, 1478 u 1479 ta' din is-sentenza, li minnhom jirriżulta, b'mod partikolari, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tas-settur tat-trasport bit-triq, inkluża l-preżenza ta' SMEs fis-suq, li għaliha tagħmel riferiment il-premessa 20 tad-Direttiva 2020/1057, ma jistax jitqies li, meta ffissa terminu ta' 18-il xahar għat-traspożizzjoni fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, dan il-leġiżlatur mar manifestament lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva, l-għan li tiġi żgurata applikazzjoni rapida u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Istati Membri.

1487 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 94 TFUE, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 1390 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 1(3) sa (7) tad-Direttiva 2020/1057 ma jirregolax il-"prezzijiet u kondizzjonijiet tat-trasport", fis-sens ta' dan l-Artikolu 94, iżda sempliċement jiffissa kriterji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Peress li l-imsemmi Artikolu 94 ma huwiex, għaldaqstant, applikabbli għal dawn il-paragrafi tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, l-argument ibbażat fuq ksur tiegħu minħabba t-tul tat-terminu previst għat-traspożizzjoni tagħhom għandu jiġi miċħud.

1488 Peress li ebda wieħed mill-motivi invokati mir-Repubblika tal-Polonja insostenn tat-talbiet tar-rikors tagħha intiżi għall-annullament tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2020/1057 (Kawża C-555/20) ma ntlaqa', dawn it-talbiet u, għaldaqstant, ir-rikors kollu kemm hu għandhom jiġu miċħuda.

5. Konklużjoni dwar id-Direttiva 2020/1057

1489 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li għandhom jiġu miċħuda, minn naħa, ir-rikorsi tar-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20) u tal-Ungerija (Kawża C-551/20), sa fejn jirrigwardaw id-Direttiva 2020/1057, kif ukoll, min-naħa l-oħra, ir-rikorsi tar-Repubblika tal-Bulgarija (Kawża C-544/20), tar-Rumanija (Kawża C-548/20), tar-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20) u tar-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-555/20).

D. Konklużjoni ġenerali dwar ir-rikorsi

1490 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha:

– il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 għandu jiġi annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;

– il-kumplament tar-rikorsi għandhom jiġu miċħuda.

V. Fuq l-ispejjeż

1491 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

1492 L-Artikolu 138(3) ta' dawn ir-Regoli jipprevedi li, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża jkun jidher iġġustifikat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li waħda mill-partijiet għandha, minbarra l-ispejjeż tagħha, tbati parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

1493 Peress li l-Parlament u l-Kunsill talbu li r-Repubblika tal-Litwanja (Kawża C-541/20), ir-Repubblika tal-Bulgarija (Kawżi C-543/20 u C-544/20), ir-Rumanija (Kawżi C-546/20 u C-548/20), ir-Repubblika ta' Ċipru (Kawża C-550/20) kif ukoll ir-Repubblika tal-Polonja (Kawżi C-553/20 u C-555/20) jiġu kkundannati għall-ispejjeż, u peress li dawn l-Istati Membri tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, inkluż, f'dak li jirrigwarda lir-Repubblika tal-Litwanja, għal dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji (Kawża C-541/20 R).

1494 Peress li r-Repubblika ta' Ċipru talbet li l-Parlament u l-Kunsill (Kawża C-549/20) jiġu kkundannati għall-ispejjeż u peress li dawn l-istituzzjonijiet tilfu, hemm lok li dawn tal-aħħar jiġu kkundannati għall-ispejjeż relatati ma' din il-kawża.

1495 Peress li r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Polonja tilfu parzjalment fil-motivi tagħhom (Kawżi C-542/20, C-545/20, C-547/20, C-551/20, C-552/20 u C-554/20), kull wieħed minn dawn l-Istati Membri għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati ma' dawn il-kawżi, inkluż, f'dak li jirrigwarda lir-Repubblika tal-Bulgarija, dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji (Kawża C-545/20 R).

1496 Konformement mal-Artikolu 140(1) tal-istess Regoli, ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika

tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom inkwantu intervenjenti.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) Fil-Kawża C-541/20, Il-Litwanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika tal-Litwana hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż għal dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji (Kawża C-541/20 R);**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

2) Fil-Kawża C-542/20, Il-Litwanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

3) Fil-Kawża C-543/20, Il-Bulgarija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika tal-Bulgarija hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika**

tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

4) Fil-Kawża C-544/20, Il-Bulgarija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika tal-Bulgarija hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

5) Fil-Kawża C-545/20, Il-Bulgarija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji (Kawża C-545/20 R);**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

6) Fil-Kawża C-546/20, Ir-Rumanija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Rumanija hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

7) Fil-Kawża C-547/20, Ir-Rumanija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

8) **Fil-Kawża C-548/20, Ir-Rumanija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Rumanija hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

9) **Fil-Kawża C-549/20, Ċipru vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-Parlament u l-Kunsill huma kkundannati għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

10) **Fil-Kawża C-550/20, Ċipru vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

11) **Fil-Kawża C-551/20, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

12) **Fil-Kawża C-552/20, Malta vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha;**

– **ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

13) **Fil-Kawża C-553/20, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

14) **Fil-Kawża C-554/20, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 huwa annullat sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009;**

– **il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;**

– **kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

15) **Fil-Kawża C-555/20, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill:**

– **ir-rikors huwa miċħud;**

– **ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż;**

– **ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Firem